Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

**Brussell, 4 ta' Novembru 2022**
**(OR. en)**

**14348/22**
**ADD 1**

**FRONT 409**
**COMIX 513**

**NOTA TA' TRAŻMISSJONI**

| | |
|---|---|
| minn: | Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur |
| data meta waslet: | 31 ta' Ottubru 2022 |
| lil: | Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea |
| Nru dok. Cion: | C(2022) 7591 final |
| Suġġett: | ANNESS ta' Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni li tistabbilixxi "Manwal Prattiku għall-Gwardji tal-Fruntieri (Manwal ta' Schengen)" li għandu jintuża mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri meta jwettqu l-kontrolli fuq il-persuni fil-fruntieri u li jissostitwixxi r-Rakkomandazzjoni (C (2019) 7131 final) |

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument C(2022) 7591 final.

Mehmuż: C(2022) 7591 final

IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 28.10.2022
C(2022) 7591 final

ANNEX

**ANNESS**

***ta'***

**Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni**

**li tistabbilixxi "Manwal Prattiku għall-Gwardji tal-Fruntieri (Manwal ta' Schengen)" li għandu jintuża mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri meta jwettqu l-kontrolli fuq il-persuni fil-fruntieri u li jissostitwixxi r-Rakkomandazzjoni (C (2019) 7131 final)**

ANNESS

# Manwal Prattiku għall-Gwardji tal-Fruntiera


L-EWWEL PARTI - DEFINIZZJONIJIET ....6

IT-TIENI PARTI – VERIFIKI FUQ IL-FRUNTIERI ....15

TAQSIMA I: Proċeduri tal-verifiki fuq il-fruntieri ....15

1. Verifiki fil-punti tal-qsim tal-fruntiera ....15

2. Verifiki fuq persuni li jgawdu mid-dritt ta' moviment liberu skont id-dritt tal-Unjoni ....20

3. Verifiki fuq ċittadini ta' pajjiżi terzi mad-dħul ....30

4. Tfittxijiet fis-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen (SIS) u fid-Dokumenti tal-Ivvjaġġar Misruqin u Mitlufin (SLTD) ....48

5. Regoli speċjali għall-verifiki fuq ċerti kategoriji ta' persuni ....60

5.1. Kapijiet ta' Stat ....60

5.2. Bdoti ta' inġenji tal-ajru ....60

5.3. Baħħara ....61

5.4. Detenturi ta' passaporti diplomatiċi, uffiċjali jew ta' servizz u membri ta' organizzazzjonijiet internazzjonali ....62

5.5. Residenti tal-fruntiera li jibbenefikaw minn reġim tat-traffiku lokali tal-fruntiera ....64

5.6. Minorenni ....65

5.7. Studenti tal-iskola minn pajjiżi terzi residenti fi Stat Membru tal-UE jew f'pajjiż terz li ma huwiex soġġett għall-obbligu tal-viża ....68

5.8. Ħaddiema transfruntiera ....69

5.9. Turisti ADS ....71

5.10. Servizzi ta' salvataġġ, pulizija, servizzi tat-tifi tan-nar u gwardji tal-fruntiera ....71

5.11. Ħaddiema offshore ....72

5.12. Ħaddiema bi trasferimenti intraazjendali ....72

5.13. Riċerkaturi u l-membri tal-familja tagħhom ....75

5.14. Studenti ....78

5.15. Benefiċjarji tal-Ftehim dwar il-Ħruġ ....81

6. Ittimbrar tad-dokumenti tal-ivvjaġġar ....81

7. Tnaqqis tal-verifiki ....87

8. Ċaħda tad-dħul ....89

9. Applikazzjonijiet għal viża li jsiru fil-fruntiera, inkluż għall-baħħara fi tranżitu, u ċ-ċaħda ta' tali viżi ....101

10. Annullament u revoka ta' viżi ....102

11. Skemi ta' tranżitu speċjali ..... 102
12. Persuni li jfittxu l-ażil/applikanti għal protezzjoni internazzjonali ..... 104
13. Reġistrazzjoni ta' informazzjoni fil-fruntiera ..... 107
14. Kooperazzjoni ma' servizzi oħra ..... 108
15. Immarkar ta' dokumenti frodulenti ..... 108
16. Verifika tal-awtentiċità tad-*data* maħżuna f'passaport bijometriku ..... 109
17. Validità tal-entrati tat-tfal fil-passaporti tal-ġenituri ..... 110
TAQSIMA II: Fruntieri tal-art ..... 111
1. Verifiki fuq it-traffiku fit-toroq ..... 111
2. Verifiki fuq it-traffiku ferrovjarju ..... 114
3. Traffiku lokali tal-fruntiera ..... 117
TAQSIMA III: Fruntieri tal-Ajru ..... 118
1. Verifiki fl-ajruport ..... 118
2. Verifiki fl-ajrudromi ..... 124
3. Verifiki fuq persuni fuq titjiriet privati ..... 125
TAQSIMA IV: Fruntieri tal-baħar ..... 126
1. Proċeduri ta' verifika ġenerali fuq it-traffiku marittimu ..... 126
2. Verifiki fuq bastimenti tal-kruċiera ..... 127
3. Verifiki fuq dgħajjes tad-divertiment ..... 132
4. Verifiki fuq is-sajd kostali ..... 135
5. Verifiki fuq kollegamenti b'ferry ..... 135
6. Kollegamenti ta' merkanzija bejn portijiet li jinsabu fit-territorju taż-żona mingħajr kontrolli fil-fruntieri interni ..... 137
TAQSIMA V: Verifiki fuq trasport f'passaġġi fqu l-ilma interni ..... 138
1. Trasport f'passaġġi fuq l-ilma interni ..... 138
IT-TIELET PARTI: SORVELJANZA FUQ FRUNTIERA ..... 139
1. L-għan tas-sorveljanza ..... 139
2. Il-metodi tas-sorveljanza ..... 139
IR-RABA' PARTI: LISTA TA' STRUMENTI LEGALI RELEVANTI ..... 142
APPENDIĊI A ..... 147
Proċedura ta' Notifika ..... 147
APPENDIĊI B ..... 149
Il-valutazzjoni tar-riskju ..... 149

LISTA TA' ANNESSI GĦALL-MANWAL PRATTIKU GĦALL-GWARDJI TAL-FRUNTIERA ..............................................................................................................................155

# DAĦLA

L-objettiv ewlieni tal-kooperazzjoni ta' Schengen huwa l-ħolqien ta' żona mingħajr kontrolli fil-fruntieri interni[1]. Dan jirrikjedi kontrolli effiċjenti fil-fruntieri esterni[2] kif ukoll l-applikazzjoni ta' miżuri ta' akkumpanjament rilevanti f'oqsma bħall-kooperazzjoni tal-pulizija u dik ġudizzjarja u l-politika dwar il-viżi. Madankollu, id-dispożizzjonijiet dwar il-kontrolli fil-fruntieri esterni japplikaw fil-fruntieri interni f'żewġ każijiet. L-ewwel wieħed jirrigwarda s-sitwazzjoni fejn il-proċess għat-tneħħija tal-kontrolli fil-fruntieri interni f'dawn il-fruntieri interni jkun għadu ma ġiex iffinalizzat[3]. Il-kontrolli fuq il-fruntieri f'dawn il-fruntieri jridu jitwettqu f'konformità mad-dispożizzjonijiet tat-Titolu II tar-Regolament (UE) 2016/399 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[4] ("il-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen"). It-tieni każ jirreferi għas-sitwazzjoni fejn il-kontrolli fil-fruntieri interni jiġu temporanjament introdotti mill-ġdid minn Stat ta' Schengen li japplika b'mod sħiħ l-*acquis* ta' Schengen[5]. Id-dispożizzjonijiet rilevanti tat-Titolu II imbagħad japplikaw *mutatis mutandis* minħabba li l-fruntieri interni ma jkunux qed isiru fruntieri esterni[6].

L-objettiv ta' dan il-Manwal Prattiku għall-Gwardji tal-Fruntiera huwa li jistabbilixxi linji gwida, l-aħjar prattiki u rakkomandazzjonijiet relatati mat-twettiq tad-dmirijiet tal-gwardji tal-fruntiera fl-Istati ta' Schengen. Il-manwal huwa maħsub ukoll biex ikun gwida għall-utent għall-gwardji tal-fruntiera fir-rigward tal-miżuri u d-deċiżjonijiet li għandhom jittieħdu tul il-fruntieri fejn japplikaw id-dispożizzjonijiet dwar il-fruntieri esterni. Il-kontenut ta' dan il-manwal essenzjalment jittratta l-kontroll ta' persuni fuq il-fruntiera u huwa bbażat fuq l-istrumenti tal-Unjoni li jirregolaw il-qsim tal-fruntieri (u b'mod partikolari l-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen), il-ħruġ tal-viżi, id-dritt ta' moviment liberu skont id-dritt tal-Unjoni u l-applikazzjoni għall-ażil. Lista ta' atti legali li jirregolaw l-oqsma koperti minn dan il-manwal tinsab fil-Parti IV.

---

1 Fruntieri interni kif definiti fl-Artikolu 2(1) tal-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen.

2 Fruntieri esterni kif definiti fl-Artikolu 2(2) tal-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen.

3 L-Artikolu 3(2) tal-Att tal-Adeżjoni tal-2003 (Ċipru), l-Artikolu 4(2) tal-Att tal-Adeżjoni tal-2005 (il-Bulgarija u r-Rumanija) u l-Artikolu 4(2) tal-Att tal-Adeżjoni tal-2012 (il-Kroazja).

4 Ir-Regolament (UE) 2016/399 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Marzu 2016 dwar Kodiċi tal-Unjoni dwar ir-regoli li jirregolaw il-moviment ta' persuni min-naħa għall-oħra tal-fruntiera (Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen) (ĠU L 77, 23.3.2016, p.1).

5 L-Artikolu 32 tal-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen.

6 Ara b'mod partikolari r-Rapport mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-applikazzjoni tat-Titolu III (Fruntieri Interni) tar-Regolament (KE) Nru 562/2006 li jistabbilixxi Kodiċi Komunitarju dwar ir-regoli li jirregolaw il-moviment ta' persuni minn naħa għal oħra tal-fruntiera (Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen), COM(2010)554. Fil-proposta tagħha għal emenda għall-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen (COM(2021)891), il-Kummissjoni pproponiet obbligu fuq l-Istati Membri biex jistabbilixxu miżuri li jimmitigaw l-impatti li jirriżultaw mill-introduzzjoni mill-ġdid tal-kontrolli fuq il-fruntieri fil-fruntiera interna. Se tiġi elaborata aktar gwida dwar tali miżuri ta' mitigazzjoni ladarba din il-proposta tiġi adottata.

Meta f'dan il-manwal issir referenza għal tipi oħra ta' kontroll li jistgħu jew li għandhom jitwettqu fil-fruntiera (pereżempju, kontrolli doganali, fitosanitarji jew relatati mas-saħħa), tapplika l-leġiżlazzjoni rilevanti tal-Unjoni u dik nazzjonali għal dawn it-tipi ta' kontrolli. Fi kwalunkwe każ, l-Istati ta' Schengen għandhom dejjem jiżguraw kooperazzjoni mill-qrib bejn l-awtoritajiet differenti li jwettqu l-kontrolli fuq il-fruntieri, kif ukoll mal-awtoritajiet li jwettqu kontrolli fit-territorju.

Dan il-manwal ma huwiex maħsub biex joħloq xi obbligi legalment vinkolanti fuq l-Istati ta' Schengen, jew biex jistabbilixxi drittijiet u dmirijiet ġodda għall-gwardji tal-fruntiera jew għal kwalunkwe persuna oħra li tista' tkun ikkonċernata minnu. Huma biss dawk l-atti legali li fuqhom huwa bbażat jew jirreferi għalihom dan il-manwal, li jipproduċu effetti legalment vinkolanti u li jistgħu jiġu invokati quddiem ġuriżdizzjoni nazzjonali.

L-EWWEL PARTI - DEFINIZZJONIJIET

1. **"STATI TA' SCHENGEN" (l-Istati Membri tal-UE li jimplimentaw l-*acquis* ta' Schengen relatat mal-fruntieri esterni kif ukoll il-*Pajjiżi Assoċjati ma' Schengen*):**

| | | |
|---|---|---|
| 1. Il-Belġju | 11. *L-Iżlanda* | 21. *In-Norveġja* |
| 2. Il-Bulgarija | 12. L-Italja | 22. L-Awstrija |
| 3. Ir-Repubblika Ċeka | 13. Ċipru | 23. Il-Polonja |
| 4. Id-Danimarka | 14. Il-Latvja | 24. Il-Portugall |
| 5. Il-Ġermanja | 15. *Il-Liechtenstein* | 25. Ir-Rumanija |
| 6. L-Estonja | 16. Il-Litwanja | 26. Is-Slovenja |
| 7. Il-Greċja | 17. Il-Lussemburgu | 27. Is-Slovakkja |
| 8. Spanja | 18. L-Ungerija | 28. Il-Finlandja |
| 9. Franza | 19. Malta | 29. L-Iżvezja |
| 10. Il-Kroazja | 20. In-Netherlands | 30. *L-Iżvizzera* |

L-Irlanda ġiet awtorizzata biex tapplika xi partijiet tal-*acquis* ta' Schengen iżda f'għadd limitat ta' oqsma (il-kooperazzjoni tal-pulizija u ġudizzjarja f'materji kriminali) li ma jinkludux il-kontroll fil-fruntieri esterni. Bħala konsegwenza, għall-fini ta' dan il-manwal li jiffoka fuq kwistjonijiet tal-fruntieri u huwa indirizzat lill-gwardji tal-fruntiera, l-Irlanda ma hijiex inkluża meta jintuża t-terminu "Stati ta' Schengen".

2. **"L-ISTATI MEMBRI TAL-UE":**

1. Il-Belġju
2. Il-Bulgarija
3. Ir-Repubblika Ċeka
4. Id-Danimarka
5. Il-Ġermanja
6. L-Estonja
7. L-Irlanda
8. Il-Greċja
9. Spanja
10. Franza
11. Il-Kroazja
12. L-Italja
13. Ċipru
14. Il-Latvja
15. Il-Litwanja
16. Il-Lussemburgu
17. L-Ungerija
18. Malta
19. In-Netherlands
20. L-Awstrija
21. Il-Polonja
22. Il-Portugall
23. Ir-Rumanija
24. Is-Slovenja
25. Is-Slovakkja
26. Il-Finlandja
27. L-Iżvezja

3. **SITWAZZJONI SPEĊIFIKA TAL-ISTATI TA' SCHENGEN LI GĦADHOM MA JAPPLIKAWX B'MOD SĦIĦ L-*ACQUIS* TA' SCHENGEN**

Il-Bulgarija, il-Kroazja, Ċipru u r-Rumanija għadhom ma japplikawx b'mod sħiħ l-*acquis* ta' Schengen u l-kontrolli fuq il-fruntieri tagħhom ma' Stati oħra ta' Schengen għadhom ma tneħħewx[7].

Huma japplikaw fil-fruntieri kollha tagħhom ir-regoli tat-Titolu II tal-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen.

Japplikaw ir-regoli speċifiċi li ġejjin:

- il-verifiki fuq il-fruntieri tagħhom (pereżempju, fir-rigward tat-tul tas-soġġorn, il-viża, il-permess ta' residenza, il-livell ta' mezzi ta' sussistenza) isiru fir-rigward tat-territorju tagħhom stess;

[7] Fis-26 ta' Ġunju 2022, il-Kunsill bagħat abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-applikazzjoni sħiħa tad-dispożizzjonijiet tal-acquis ta' Schengen fir-Repubblika tal-Kroazja lill-Parlament Ewropew biex jirċievi l-opinjoni tiegħu (id-Dokument tal-Kunsill 10624/22).

- id-dispożizzjonijiet tar-Regolament (KE) Nru 810/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[8] ("il-Kodiċi dwar il-Viżi") ma japplikawx għall-Bulgarija, għall-Kroazja, għal Ċipru u għar-Rumanija. Bħala konsegwenza, referenza għall-viża ta' Schengen ma tinkludix il-viża maħruġa minn wieħed minn dawn l-erba' Stati ta' Schengen;

- id-dispożizzjonijiet dwar is-Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Viża (VIS) japplikaw għall-Bulgarija u għar-Rumanija mill-25 ta' Lulju 2021 abbażi tad-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2017/1908[9] u bil-limitazzjonijiet previsti f'dik id-Deċiżjoni (aċċess ta' qari biss);

- id-dispożizzjonijiet dwar is-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen (SIS) ma japplikawx għal Ċipru; huma japplikaw b'mod sħiħ għall-Bulgarija u għar-Rumanija f'konformità mad-Deċiżjonijiet tal-Kunsill 2010/365/UE[10] u (UE) 2018/934[11]; huma japplikaw b'mod parzjali għall-Kroazja f'konformità mad-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2017/733[12];

- L-Istati ta' Schengen li għadhom ma japplikawx b'mod sħiħ l-*acquis* ta' Schengen jistgħu jirrikonoxxu b'mod unilaterali ċerti dokumenti bħala ekwivalenti għall-viża nazzjonali tagħhom għat-tranżitu minn jew għal soġġorn qasir maħsub fit-territorju tagħhom abbażi tad-Deċiżjoni Nru 565/2014/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[13].

[8] Ir-Regolament (KE) Nru 810/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 li jistabbilixxi Kodiċi Komunitarju dwar il-Viżi (Kodiċi dwar il-Viżi) (ĠU L 243, 15.9.2009, p. 1).

[9] Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2017/1908 tat-12 ta' Ottubru 2017 dwar l-applikazzjoni ta' ċerti dispożizzjonijiet tal-acquis ta' Schengen li jirrigwardaw is-Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Viża fir-Repubblika tal-Bulgarija u r-Rumanija (ĠU L 269, 19.10.2017, p. 39), id-data tal-applikazzjoni ddeterminata mid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/995 tat-18 ta' Ġunju 2021 li tiddetermina d-data li fiha għandha tibda tapplika d-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2017/1908 dwar l-applikazzjoni ta' ċerti dispożizzjonijiet tal-acquis ta' Schengen li jirrigwardaw is-Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Viża fir-Repubblika tal-Bulgarija u r-Rumanija (ĠU L 219, 21.6.2021, p. 37).

[10] Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/365/UE tad-29 ta' Ġunju 2010 dwar l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-acquis ta' Schengen relatati mas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen fir-Repubblika tal-Bulgarija u r-Rumanija (ĠU L 166, 1.7.2010, p.17).

[11] Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2018/934 dwar l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet li fadal tal-*acquis* ta' Schengen marbuta mas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen fir-Repubblika tal-Bulgarija u fir-Rumanija (ĠU L 165, 2.7.2018, p. 37).

[12] Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2017/733 tal-25 ta' April 2017 dwar l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-*acquis* ta' Schengen relatati mas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen fir-Repubblika tal-Kroazja (ĠU L 108, 26.4.2017, p. 31).

[13] Id-Deċiżjoni Nru 565/2014/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 li tintroduċi reġim simplifikat għall-kontroll tal-persuni fuq il-fruntieri esterni li jkun ibbażat fuq ir-rikonoxximent unilaterali mill-Bulgarija, il-Kroazja, Ċipru u r-Rumanija ta' ċerti dokumenti bħala ekwivalenti għall-viżi nazzjonali tagħhom għat-tranżitu minn jew permanenzi intiżi fit-territorji tagħhom li ma jaqbżux id-90 jum fi kwalunkwe perjodu ta' 180 jum u li tħassar id-Deċiżjonijiet Nru 895/2006/KE u Nru 582/2008/KE (ĠU L. 157, 27.5.2014, p. 23).

Meta ssir referenza għal "l-Istati ta' Schengen li japplikaw b'mod sħiħ l-*acquis* ta' Schengen" jew għal "iż-żona mingħajr kontrolli fil-fruntieri interni", il-Bulgarija, il-Kroazja, Ċipru u r-Rumanija ma humiex inklużi.

4. **"Pajjiżi taż-ŻEE":** In-Norveġja (NO), l-Iżlanda (IS) u l-Liechtenstein (LI).

5. **"Żona mingħajr kontrolli fil-fruntieri interni"** tirreferi għaż-żona magħmula mit-territorji tal-Istati ta' Schengen li japplikaw b'mod sħiħ l-*acquis* ta' Schengen (u b'hekk teskludi l-Bulgarija, il-Kroazja, Ċipru u r-Rumanija).

6. **"Persuni li jgawdu mid-dritt ta' moviment liberu skont id-dritt tal-Unjoni"**[14] huma ċittadini tal-Istati Membri tal-UE, il-pajjiżi taż-ŻEE u l-Iżvizzera, kif ukoll il-membri tal-familji tagħhom, irrispettivament min-nazzjonalità tagħhom, li jakkumpanjawhom jew li jingħaqdu magħhom.

7. **"Membri tal-familja ta' ċittadini tal-UE, taż-ŻEE jew tal-Iżvizzera li jgawdu mid-dritt ta' moviment liberu skont id-dritt tal-Unjoni"**[15] huma, irrispettivament min-nazzjonalità tagħhom:

- il-konjuġi (indipendentement mis-sess tal-konjuġi[16]) u, jekk dan jiġi kkuntrattat abbażi tal-leġiżlazzjoni ta' Stat tal-UE jew ta' Stat ta' Schengen u rikonoxxut mil-leġiżlazzjoni tal-Istat ospitanti tal-UE jew ta' Schengen bħala ekwivalenti għal żwieġ, is-sieħeb/sieħba li miegħu ċ-ċittadin tal-UE/ŻEE/Żvizzera jkun ikkuntratta sħubija rreġistrata;
- id-dixxendenti diretti li jkunu taħt il-21 sena jew id-dipendenti, inklużi dawk tal-konjuġi jew tas-sieħeb/sieħba rreġistrat(a);
- il-qraba diretti dipendenti fil-linja axxendenti, inklużi dawk tal-konjuġi jew tas-sieħeb/sieħba rreġistrat(a);
- kwalunkwe membru ieħor tal-familja, kif elenkat hawn taħt, li d-dħul u/jew ir-residenza tiegħu jkunu ġew iffaċilitati, f'konformità mal-liġi nazzjonali, kif muri minn viża jew karta ta' residenza:
  - id-dipendenti;

14 L-Artikolu 2(5) tal-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen.
15 L-Artikolu 2(2), u l-Artikolu 3(2) tad-Direttiva 2004/38/KE.
16 Is-Sentenza tal-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja tal-5 ta' Ġunju 2018, il-Kawża C-673/16, Coman, ECLI:EU:C:2018:385.

– il-membri tal-unità domestika taċ-ċittadin tal-UE/taż-ŻEE/tal-Iżvizzera;

– il-membri tal-familja li jeħtieġu strettament il-kura personali miċ-ċittadin tal-UE/taż-ŻEE għal raġunijiet serji ta' saħħa;

- is-sħab li magħhom iċ-ċittadin tal-UE/taż-ŻEE jkollu relazzjoni durabbli debitament attestata.

8. **"Ċittadin tal-UE"**[17] tirreferi għal kwalunkwe persuna li jkollha ċ-ċittadinanza ta' Stat Membru tal-Unjoni Ewropea.

9. **"Ċittadin ta' pajjiż terz"**[18] tirreferi għal kwalunkwe persuna li ma tkunx persuna li tgawdi mid-dritt ta' moviment liberu skont id-dritt tal-Unjoni[19].

10. **"Gwardja tal-fruntiera"**[20] tirreferi għal kwalunkwe uffiċjal pubbliku assenjat, f'konformità mal-liġi nazzjonali, ma' xi punt ta' qsim tal-fruntiera jew matul il-fruntiera jew fil-viċinanza immedjata ta' dik il-fruntiera li jwettaq kompiti ta' kontroll fuq il-fruntiera, f'konformità mad-dritt tal-Unjoni u nazzjonali.

11. **"Kontroll fuq il-fruntiera"**[21] tfisser l-attività mwettqa fuq fruntiera bi tweġiba esklussivament għal intenzjoni ta' qsim jew għall-att ta' qsim ta' dik il-fruntiera, irrispettivament minn kwalunkwe kunsiderazzjoni oħra, li tikkonsisti f'verifiki fuq il-fruntiera u sorveljanza tal-fruntieri.

12. **"Verifiki fuq il-fruntiera"**[22] tfisser il-verifiki mwettqa fil-punti ta' qsim tal-fruntiera, biex jiġi żgurat li l-persuni, inklużi l-mezzi ta' trasport tagħhom u l-oġġetti fil-pussess tagħhom, jistgħu jiġu awtorizzati jidħlu jew joħorġu mit-territorju tal-Istati ta' Schengen jew ikunu awtorizzati jitilqu minnu.

---

17 L-Artikolu 2(1) tad-Direttiva 2004/38/KE.

18 L-Artikolu 2(6) tal-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen.

19 Iċ-ċittadini ta' Andorra, Monaco u San Marino huma kkunsidrati bħala ċittadini ta' pajjiżi terzi, huma, madankollu, eżentati mill-ittimbrar (fil-futur eżentati wkoll mill-EES u mill-ETIAS) u l-użu tal-korsiji tal-UE miċ-ċittadini ta' Andorra u ta' San Marino huwa ttollerat mill-Istati Membri skont id-dokument tal-Kunsill 13020/04.

20 L-Artikolu 2(14) tal-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen.

21 L-Artikolu 2(10) tal-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen.

22 L-Artikolu 2(11) tal-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen.

13. **“Verifiki sistematiċi mal-bażijiet tad-*data* rilevanti”**[23] huma l-verifiki mal-bażijiet tad-*data* rilevanti mwettqa mill-gwardji tal-fruntiera fir-rigward tal-persuni kollha (persuni li jgawdu mid-dritt ta’ moviment liberu skont id-dritt tal-Unjoni u ċittadini ta’ pajjiżi terzi) li jaqsmu l-fruntieri esterni, mad-dħul jew mal-ħruġ.

14. **“Bażijiet tad-*data* rilevanti”**[24] huma l-bażijiet tad-data li l-gwardji tal-fruntiera jridu jikkonsultaw meta jwettqu verifiki sistematiċi fuq il-persuni kollha li jaqsmu l-fruntieri esterni. Dawn jinkludu:

- is-Sistema ta’ Informazzjoni ta’ Schengen “SIS”;
- il-bażi tad-*data* ta’ Dokumenti tal-Ivvjaġġar Misruqin u Mitlufin (“SLTD”) tal-Interpol;
- il-bażijiet tad-*data* nazzjonali li fihom informazzjoni dwar dokumenti tal-ivvjaġġar misruqin, miżapproprjati, mitlufin u invalidati;

Il-gwardji tal-fruntiera jistgħu jikkonsultaw ukoll bażijiet ta’ *data* oħra nazzjonali u tal-Interpol.

15. **“Verifiki mmirati mal-bażijiet tad-*data* rilevanti”**[25] huma l-verifiki mal-bażijiet tad-*data* rilevanti abbażi ta’ analiżi tar-riskju mwettqa esklussivament fuq xi persuni li jgawdu mid-dritt ta’ moviment liberu skont id-dritt tal-Unjoni f’ċerti punti ta’ qsim tal-fruntiera fejn tapplika deroga mill-prinċipju ta’ verifiki sistematiċi.

16. **“Verifiki oħra fuq persuni li jgawdu mid-dritt ta’ moviment liberu skont id-dritt tal-Unjoni”**[26] huma verifiki fuq persuni li jgawdu mid-dritt ta’ moviment liberu skont id-dritt tal-Unjoni li ma jkunux soġġetti għal verifiki mmirati mal-bażijiet tad-*data* rilevanti, meta tiġi applikata deroga temporanja mill-verifiki sistematiċi; jiġifieri l-verifika tal-identità tad-detentur u tal-validità u tal-awtentiċità tad-dokument tal-ivvjaġġar tad-detentur.

17. **“Verifiki bir-reqqa”**[27] huma l-verifiki li għandhom jitwettqu fuq ċittadini ta’ pajjiżi terzi.

---

23 Abbażi tal-Artikolu 8(2) tal-Kodiċi tal-Fruntieri ta’ Schengen.
24 Abbażi tal-Artikolu 8(2)(a) u (b) tal-Kodiċi tal-Fruntieri ta’ Schengen.
25 Abbażi tal-Artikolu 8(2a) tal-Kodiċi tal-Fruntieri ta’ Schengen.
26 Abbażi tal-Artikolu 8(2a), it-tielet subparagrafu, tal-Kodiċi tal-Fruntieri ta’ Schengen.
27 Abbażi tal-Artikolu 8(3) tal-Kodiċi tal-Fruntieri ta’ Schengen.

18. **"Verifiki tat-tieni linja"**[28] huma verifiki ulterjuri li jistgħu jsiru f'post speċjali lil hinn mill-post fejn jiġu ċċekkjati l-persuni kollha ("l-ewwel linja").

19. **"Informazzjoni Antiċipata dwar il-Passiġġieri (Advance Passenger Information - API)"** tirreferi għal *data* miġbura f'konformità mad-Direttiva tal-Kunsill 2004/82/KE[29].

20. **"Sorveljanza tal-fruntieri"**[30] tfisser is-sorveljanza tal-fruntieri bejn il-punti ta' qsim tal-fruntiera u s-sorveljanza ta' punti ta' qsim tal-fruntiera barra mill-ħinijiet ta' ftuħ stabbiliti tagħhom, sabiex persuni ma jitħallewx jevitaw il-verifiki fuq il-fruntiera.

21. **"Persuna li tfittex l-ażil" jew "Applikant għall-ażil"**[31] tfisser ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna apolida li tkun għamlet applikazzjoni għall-ażil li fir-rigward tagħha tkun għadha ma tteħditx deċiżjoni finali.

22. **"Applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali"**[32] tfisser talba magħmula minn ċittadin ta' pajjiż terz jew minn persuna apolida għall-protezzjoni minn Stat ta' Schengen, li tista' tinftiehem bħala li qed tfittex status ta' refuġjat jew status ta' protezzjoni sussidjarja.

23. **"Refuġjat"**[33] tfisser ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna apolida li, minħabba f'biża' ġustifikat li tiġi ppersegwitata għal raġunijiet ta' razza, reliġjon, nazzjonalità, opinjoni politika jew appartenenza fi grupp soċjali partikolari, tkun barra mill-pajjiż ta' nazzjonalità u ma tkunx tista', jew minħabba tali biża', ma tkunx tixtieq tapprofitta ruħha mill-protezzjoni ta' dak il-pajjiż, jew persuna apolida, li, minħabba li tkun barra mill-pajjiż tar-residenza abitwali ta' qabel għall-istess raġunijiet kif imsemmija hawn fuq, ma tkunx tista' jew, minħabba f'dan il-biża', ma tkunx tixtieq tirritorna fih.

---

28 L-Artikolu 2(13) tal-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen.

29 Id-Direttiva tal-Kunsill 2004/82/KE tad-29 ta' April 2004 dwar l-obbligu ta' trasportaturi li jikkomunikaw *data* dwar il-passiġġieri (ĠU L 261, 6.8.2004, p. 24).

30 L-Artikolu 2(12) tal-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen.

31 L-Artikolu 2(i) tad-Direttiva 2011/95/UE.

32 L-Artikolu 2(h) tad-Direttiva 2011/95/UE.

33 L-Artikolu 2(d) tad-Direttiva 2011/95/UE.

24. **“Persuna eliġibbli għal protezzjoni sussidjarja”**[34] tfisser ċittadin ta’ pajjiż terz jew persuna apolida li ma tikkwalifikax bħala refuġjat imma li fir-rigward tagħha ntwerew raġunijiet sostanzjali sabiex jitwemmen li l-persuna interessata, jekk tirritorna lejn il-pajjiż ta’ oriġini tagħha, jew fil-każ ta’ persuna apolida, lejn il-pajjiż ta’ residenza abitwali ta’ qabel tagħha, tiffaċċja riskju veru li ssofri dannu serju kif definit fl-Artikolu 15 tad-Direttiva 2011/95/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[35], u ma tistax, jew, minħabba f’dan ir-riskju, ma tixtieqx tapprofitta ruħha mill-protezzjoni ta’ dak il-pajjiż.

25. **“Persuna apolida”**[36] tirreferi għal persuna li ma titqiesx bħala ċittadin mill-ebda Stat skont l-operat tal-liġi tiegħu.

26. **“Theddida għas-saħħa pubblika”**[37] tirreferi għal kwalunkwe marda b’potenzjal ta’ epidemija kif definita fir-Regolamenti Internazzjonali tas-Saħħa tal-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa u mard infettiv ieħor jew mard parassitiku kontaġjuż jekk ikunu s-suġġett ta’ dispożizzjonijiet ta’ protezzjoni li japplikaw għaċ-ċittadini tal-Istati Membri. Għal aktar dettalji ara l-linji gwida dwar it-theddid għas-saħħa pubblika[38].

27. **“Viża”**[39] tfisser awtorizzazzjoni maħruġa minn Stat ta’ Schengen li japplika b’mod sħiħ l-*acquis* ta’ Schengen bil-ħsieb ta’:

(a) soġġorn intenzjonat fit-territorju taż-żona mingħajr kontrolli fil-fruntieri interni li ma jaqbiżx 90 jum fi kwalunkwe perjodu ta’ 180 jum;

(b) tranżitu miż-żoni ta’ tranżitu internazzjonali tal-ajruporti tal-Istati ta’ Schengen li japplikaw b’mod sħiħ l-*acquis* ta’ Schengen.

28. **“Viża nazzjonali għal soġġorn qasir”** tfisser awtorizzazzjoni maħruġa minn Stat ta’ Schengen li jkun għadu ma japplikax b’mod sħiħ l-*acquis* ta’ Schengen bil-ħsieb ta’ soġġorn intenzjonat fit-territorju ta’ dak l-Istat ta’ Schengen għal durata ta’ mhux aktar minn 90 jum fi kwalunkwe perjodu ta’ 180 jum.

---

34 L-Artikolu 2(f) tad-Direttiva 2011/95/UE.

35 Id-Direttiva 2011/95/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta’ Diċembru 2011 dwar standards għall-kwalifika ta’ ċittadini nazzjonali ta’ pajjiżi terzi jew persuni mingħajr stat bħala benefiċjarji ta’ protezzjoni internazzjonali, għal stat uniformi għar-refuġjati jew għal persuni eliġibbli għal protezzjoni sussidjarja, u għall-kontenut tal-protezzjoni mogħtija (ĠU L 337, 20.12.2011, p. 9).

36 L-Artikolu 1 tal-Konvenzjoni tan-NU dwar l-Istatus ta’ Persuni Apolidi

37 L-Artikolu 2(21) tal-Kodiċi tal-Fruntieri ta’ Schengen.

38 Għal aktar dettalji, ara l-linji gwida dwar it-theddid għas-saħħa pubblika, il-Parti II, it-Taqsima I, il-punt 3.6.

39 L-Artikolu 2(2) tal-Kodiċi dwar il-Viżi.

29. **"Viża b'validità territorjali limitata"**[40] tfisser viża valida għat-territorju ta' wieħed jew aktar mill-Istati ta' Schengen li japplikaw b'mod sħiħ l-*acquis* ta' Schengen iżda mhux għal dawn l-Istati kollha.

30. **"Viża għal tranżitu fl-ajruport"**[41] tfisser viża valida għal tranżitu miż-żoni ta' tranżitu internazzjonali ta' ajruport wieħed jew aktar tal-Istati ta' Schengen li japplikaw b'mod sħiħ l-*acquis* ta' Schengen.

31. **"Viża għal tranżitu nazzjonali ta' ajruport"** tfisser viża valida għal tranżitu minn ġo żoni ta' tranżitu internazzjonali ta' ajruport wieħed jew aktar ta' Stat ta' Schengen li jkun għadu ma japplikax b'mod sħiħ l-*acquis*.

32. **"Viża għal soġġorn twil"**[42] tfisser viża nazzjonali maħruġa minn wieħed mill-Istati ta' Schengen li japplikaw b'mod sħiħ l-*acquis* ta' Schengen għal soġġorni li jaqbżu t-tliet xhur f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 265/2010 jew f'konformità ma' liġijiet oħra tal-Unjoni jew mal-liġi nazzjonali tiegħu u validità massima ta' sena.

33. **"Benefiċjarju tal-Ftehim dwar il-Ħruġ"** tfisser iċ-ċittadini tar-Renju Unit u l-membri tal-familja tagħhom li huma benefiċjarji tat-Tieni Parti (drittijiet taċ-ċittadini) tal-*Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika*[43].. Il-benefiċjarji tal-Ftehim dwar il-Ħruġ għandhom id-drittijiet tagħhom ta' moviment liberu li kienu jgawdu qabel bħala ċittadini tal-UE, soġġetti għal anterjorità fl-Istat ospitanti tagħhom biss. Fir-rigward tal-moviment fl-Istati ta' Schengen (għajr fl-Istat ospitanti tagħhom), dawn għandhom jiġu ttrattati bħala ċittadini ta' pajjiżi terzi residenti legalment.

[40] L-Artikolu 2(4) tal-Kodiċi dwar il-Viżi.
[41] L-Artikolu 2(5) tal-Kodiċi dwar il-Viżi.
[42] L-Artikolu 18 tal-Konvenzjoni ta' Implimentazzjoni ta' Schengen.
[43] ĠU L 29, 31.1.2020, p. 7–187.

IT-TIENI PARTI - VERIFIKI FUQ IL-FRUNTIERI

## TAQSIMA I: Proċeduri tal-verifiki fuq il-fruntieri

### 1. VERIFIKI FIL-PUNTI TA' QSIM TAL-FRUNTIERA

1.1. L-għan ewlieni tal-verifiki fuq il-fruntiera fil-punti ta' qsim tal-fruntiera huwa li jiġi vverifikat li kull persuna li taqsam il-fruntiera tissodisfa l-kundizzjonijiet għad-dħul fit-territorju tal-Istati ta' Schengen. Fil-każ taċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi, il-kundizzjonijiet għad-dħul jiġu vverifikati (ara l-punt 3 ta' din it-Taqsima). Fir-rigward taċ-ċittadini tal-UE u l-membri tal-familja tagħhom, il-kontrolli għandhom l-għan b'mod partikolari li jivverifikaw l-eliġibbiltà tal-persuni kkonċernati għad-dritt ta' moviment liberu skont id-dritt tal-Unjoni li jirriżulta mid-Direttiva 2004/38 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[44]. Japplikaw ukoll regoli speċifiċi għal ċerti kategoriji ta' persuni (ara l-punt 3.2 ta' din it-Taqsima).

1.2. Il-persuni kollha, kemm iċ-ċittadini tal-UE/taż-ŻEE/tal-Iżvizzera kif ukoll iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi, iridu jsirulhom verifiki sistematiċi mal-bażijiet tad-*data* rilevanti meta jaqsmu l-fruntieri esterni[45]. Dawk il-bażijiet tad-*data* huma:

- is-SIS;
- l-SLTD;
- il-bażijiet tad-*data* nazzjonali li fihom informazzjoni dwar dokumenti tal-ivvjaġġar misruqin, miżapproprjati, mitlufin u invalidati;

Il-gwardji tal-fruntiera jistgħu jikkonsultaw ukoll bażijiet tad-*data* oħra nazzjonali u tal-Interpol.

Derogi minn din ir-regola ta' verifiki sistematiċi mal-bażijiet tad-*data* rilevanti huma possibbli fil-fruntieri tal-art u tal-baħar soġġetti għal ċerti kundizzjonijiet (ara l-punt 2.3 ta' din it-Taqsima) wara proċedura speċifika għan-notifika ta' tali deroga (ara l-Appendiċi A) u valutazzjoni tar-riskju (ara l-Appendiċi B).

---

44 Id-Direttiva 2004/38/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 dwar id-drittijiet taċ-ċittadini tal-Unjoni u tal-membri tal-familja tagħhom biex jiċċaqilqu u jgħixu liberament fit-territorju tal-Istati Membri u li temenda r-Regolament (KEE) Nru 1612/68 u li tħassar id-Direttivi 64/221/KEE, 68/360/KEE, 72/194/KEE, 73/148/KEE, 75/34/KEE, 75/35/KEE, 90/364/KEE, 90/365/KEE u 93/96/KEE (ĠU L 158, 30.4.2004, p. 77).

45 L-Artikolu 8 tal-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen.

Fil-fruntieri tal-ajru, kienu possibbli derogi matul perjodu ta' tranżizzjoni li ntemm fis-7 ta' April 2019. Minn din id-data, ma għadha possibbli l-ebda deroga fi kwalunkwe fruntiera tal-ajru.

1.3. Id-Drittijiet Fundamentali minquxa fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea u fil-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem iridu jiġu ggarantiti lil kwalunkwe persuna li tkun qed tfittex li taqsam il-fruntieri. Il-kontroll fuq il-fruntieri jrid jirrispetta l-projbizzjoni tat-trattament inuman u degradanti u l-projbizzjoni tad-diskriminazzjoni minquxa, rispettivament, fl-Artikoli 4 u 21 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea u fl-Artikoli 3 u 14 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem.

B'mod partikolari, il-gwardji tal-fruntiera jridu, fit-twettiq ta' dmirijiethom, jirrispettaw b'mod sħiħ id-dinjità tal-bniedem u kwalunkwe diskriminazzjoni bbażata fuq kwalunkwe raġuni, inklużi s-sess, ir-razza, il-kulur, l-oriġini etnika jew soċjali, il-karatteristiċi ġenetiċi, il-lingwa, ir-reliġjon jew it-twemmin, l-opinjoni politika jew kwalunkwe opinjoni oħra, l-appartenenza għal minoranza nazzjonali, il-proprjetà, id-diżabilità tat-twelid, l-età jew l-orjentazzjoni sesswali, trid tkun ipprojbita. Kwalunkwe miżura meħuda fit-twettiq ta' dmirijiethom, li tillimita d-drittijiet fundamentali, trid tkun prevista mil-liġi, u tirrispetta l-essenza tad-drittijiet u l-libertajiet. F'konformità mal-Artikolu 52 tal-Karta, jistgħu jsiru limitazzjonijiet għad-drittijiet fundamentali biss jekk dawn ikunu meħtieġa biex jintlaħqu objettivi ta' interess ġenerali rikonoxxuti mill-Unjoni jew il-ħtieġa li jiġu protetti d-drittijiet jew il-libertajiet ta' oħrajn; dawn iridu jkunu proporzjonati.

Il-vjaġġaturi kollha għandhom id-dritt li jiġu infurmati dwar in-natura tal-kontroll u għandhom id-dritt għal trattament professjonali, amikevoli u ta' kortesija, f'konformità mal-liġi internazzjonali, tal-Unjoni u nazzjonali applikabbli.

Il-vjaġġaturi kollha jridu jiġu infurmati dwar l-ipproċessar tad-*data* personali tagħhom fil-kuntest tal-kontrolli fuq il-fruntieri inklużi l-verifiki mal-bażijiet tad-*data* (pereżempju l-bażijiet tad-*data* tas-SIS u tal-VIS), inkluż dwar id-drittijiet tas-suġġetti tad-*data* li jikkonċernaw l-ipproċessar tad-*data* personali tagħhom. Għal dak il-għan, għandha tkun disponibbli informazzjoni rilevanti fil-punti ta' qsim tal-fruntiera (eż. sinjali ta' informazzjoni, kodiċi QR) fil-lingwi li normalment jiġu pprovduti għal

komunikazzjonijiet simili. Huma applikabbli r-regoli tal-UE dwar il-protezzjoni tad-*data* personali, b'mod partikolari r-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[46] u d-Direttiva (UE) 2016/680 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [47], kif ukoll ir-regoli dwar il-protezzjoni tad-*data* tal-*acquis* tas-SIS u tal-VIS.

1.4. Fuq talba mill-persuna soġġetta għal verifika, il-gwardja tal-fruntiera li jkun qed iwettaq il-verifika għandu juriha l-baġġ tas-servizz tiegħu, irid jipprovdiha bin-numru ta' identifikazzjoni tas-servizz u, jekk iċ-ċirkustanzi jippermettu dan, jagħtiha ismu. L-għoti tal-isem jista' jiġi miċħud jekk ikun hemm kwalunkwe raġuni biex wieħed jassumi li l-gwardja tal-fruntiera jista' jkun żvantaġġat serjament (pereżempju, jekk ħajtu jew l-integrità fiżika tiegħu jkunu mhedda). F'dan il-każ tal-aħħar, iridu jingħataw biss in-numru tal-baġġ u l-isem u l-indirizz tal-awtorità tiegħu.

1.5. Il-gwardja tal-fruntiera li jkollu l-kmand tal-punt ta' qsim irid jiskjera għadd suffiċjenti ta' persunal xieraq biex jitwettaq kontroll effettiv fuq il-fruntiera. Il-gwardji tal-fruntiera jridu dejjem isibu bilanċ bejn il-ħtieġa, minn naħa waħda, li jiġi żgurat il-qsim bla xkiel tal-fruntiera mill-persuni li jissodisfaw il-kundizzjonijiet għad-dħul, u li jirrappreżentaw il-maġġoranza l-kbira tal-vjaġġaturi (pereżempju, turisti, persuni tan-negozju, studenti) u l-ħtieġa, min-naħa l-oħra, li dejjem ikunu viġilanti sabiex jiġu identifikati persuni li jippreżentaw riskju għall-ordni pubbliku u għas-sigurtà interna kif ukoll dħul illegali potenzjali. Il-ħtieġa ta' viġilanza tikkonċerna b'mod partikolari s-sitwazzjoni meta tiġi applikata d-deroga mill-prinċipju tal-verifiki sistematiċi mal-bażijiet tad-*data* rilevanti. Fil-punti ta' qsim tal-fruntiera li ma jibbenefikawx minn derogi, il-verifiki sistematiċi mal-bażijiet tad-*data* rilevanti jeħtieġ li jitwettqu mill-gwardji tal-fruntiera fuq il-persuni kollha li jaqsmu l-fruntieri esterni mad-dħul u mal-ħruġ.

---

46 Ir-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali u dwar il-moviment liberu ta' tali *data*, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-*Data*) (ĠU L 119, 4.5.2016, p.1).

47 Id-Direttiva (UE) 2016/680 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali mill-awtoritajiet kompetenti għall-finijiet tal-prevenzjoni, l-investigazzjoni, is-sejbien jew il-prosekuzzjoni ta' reati kriminali jew l-eżekuzzjoni ta' pieni kriminali, u dwar il-moviment liberu ta' tali *data*, u li tħassar id-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2008/977/ĠAI (ĠU L 119, 4.5.2016, p. 89).

*** Pariri għall-gwardji tal-fruntiera meta jwettqu verifiki fuq il-fruntieri:**

- meta tieħu d-dokument tal-ivvjaġġar dejjem agħti ħarsa lejn il-wiċċ tal-vjaġġatur (ipprova ftakar kemm jista' jkun il-karatteristiċi notevoli ta' wiċċ il-vjaġġatur);
- qabbel dawn il-karatteristiċi tal-vjaġġatur mar-ritratt u d-deskrizzjoni inklużi fid-dokument tal-ivvjaġġar, qabbilhom ukoll mal-viża meta din tkun meħtieġa (dan jista' jgħinek telimina lill-imposturi);
- iċċekkja bir-reqqa d-dokument tal-ivvjaġġar sabiex teskludi l-possibbiltà li jkun kontrafazzjoni jew iffalsifikat (in-numerazzjoni, l-istampar u l-ħjata tal-paġni, is-siġilli u t-timbri mdaħħla, l-inklużjoni ta' persuni oħra; il-korrezzjonijiet kollha magħmula fid-dokument speċjalment fil-paġna tad-*data* personali għandhom jiġu ċċarati mill-vjaġġatur); iċċekkja b'mod sistematiku l-bażijiet tad-*data* rilevanti (f'każ li dan ma jsirx b'mod awtomatiku bl-iskennjar tad-dokument tal-ivvjaġġar); waqt li tkun qed tagħmel dan, żomm kuntatt u osserva l-imġiba u r-reazzjoni tal-vjaġġatur (pereżempju nervożiżmu eċċessiv, attitudni aggressiva, rieda eċċessiva biex jikkoopera); meta tiċċekkja s-Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Viża, uża n-numru tal-istiker tal-viża flimkien ma' verifika tal-marki tas-swaba' tad-detentur tal-viża, u l-marka VIS-0 trid tiġi vverifikata billi jintuża n-numru tal-istiker tal-viża biss;
- il-vjaġġaturi kollha jridu jiġu infurmati dwar l-ipproċessar tad-*data* personali tagħhom fil-kuntest tal-kontrolli fuq il-fruntiera inklużi l-verifiki mal-bażijiet tad-*data* (pereżempju l-bażijiet tad-*data* tas-SIS u tal-VIS), inkluż dwar id-drittijiet tas-suġġetti tad-*data* li jikkonċernaw l-ipproċessar tad-*data* personali tagħhom. Huma applikabbli r-regoli tal-UE dwar il-protezzjoni tad-*data* personali. Il-gwardja tal-fruntiera għandu jipprovdi lill-vjaġġatur bl-informazzjoni dwar id-drittijiet ta' aċċess għad-*data*, ir-rettifika ta' *data* mhux eżatta u t-tħassir ta' *data* maħżuna illegalment. Il-gwardja tal-fruntiera għandu jipprovdi lill-vjaġġatur bid-dettalji ta' kuntatt tal-awtoritajiet nazzjonali kompetenti, li huma l-kontrollur tad-*data* u l-awtorità għall-protezzjoni tad-*data*, sabiex ikun jista' jeżerċita d-drittijiet tiegħu

inkluż id-dritt li jressaq ilment mal-awtorità għall-protezzjoni tad-*data*[48];

– qabel ma tittimbra d-dokument tal-ivvjaġġar (meta meħtieġ), ara li l-persuna ma tkunx qabżet il-perjodu permess (jiġifieri 90 jum fi kwalunkwe perjodu ta' 180 jum) matul l-aħħar soġġorn tagħha fiż-żona mingħajr kontrolli fil-fruntieri interni jew fit-territorju tal-Bulgarija, il-Kroazja, Ċipru jew ir-Rumanija meħuda separatament; għaċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi li huma membri tal-familja ta' ċittadini tal-UE, taż-ŻEE u tal-Iżvizzera, jekk jogħġbok innota li għalihom japplikaw dispożizzjonijiet speċifiċi (ara l-punt 2.1.2);

– tinterrogax lill-vjaġġatur bħala kriminal potenzjali jew bħala ċittadin ta' pajjiż terz li jkun qiegħed fil-pajjiż illegalment. Il-mistoqsijiet kollha għandhom ikunu bbilanċjati tajjeb u għandhom isiru b'mod amikevoli;

– il-mistoqsijiet li jagħmel il-vjaġġatur ma għandhomx jitqiesu bħala intrużivi u għandhom jitwieġbu b'mod fattwali u edukat.

1.6. Użu ta' sistemi ta' kontroll awtomatizzat tal-fruntieri (ABC): id-dispożizzjonijiet tal-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen, introdotti bir-Regolament (UE) 2017/2225 li jemenda dak il-Kodiċi, fir-rigward tal-użu tas-Sistema ta' Dħul/Ħruġ (EES), li se jibdew japplikaw fid-data li fiha l-EES għandha tibda topera, fihom regoli dettaljati dwar l-użu ta' sistemi self-service u tal-e-gates. Sakemm jidħlu fis-seħħ dawn ir-regoli l-ġodda, l-użu ta' sistemi self-service u tal-e-gates huwa diġà possibbli u rakkomandat[49] (mad-dħul u mal-ħruġ u fir-rigward tal-verifiki fuq persuni li jgawdu mid-dritt ta' moviment liberu kif ukoll, fejn ikun xieraq, fuq ċittadini ta' pajjiżi terzi) dment li dan ikun *ikkombinat* ma' verifika manwali mwettqa minn gwardja tal-fruntiera u, jekk ikun meħtieġ, ittimbrar. Is-sistemi ta' kontroll awtomatizzat tal-fruntieri għandhom jitfasslu b'tali mod

48 Din l-informazzjoni tista' tieħu l-forma ta' kartellun jew ta' fuljett. Il-fuljett jew il-kartellun iridu jkunu disponibbli fil-lingwi uffiċjali kollha tal-Unjoni u fil-lingwa/i tal-pajjiżi li jmissu mal-Istati ta' Schengen ikkonċernati.

49 Il-Premessa 10 tar-Regolament (UE) 2017/458 li jemenda r-Regolament (UE) 2016/399 dwar it-tisħiħ tal-verifiki fuq il-fruntieri esterni ma' bażijiet ta' *data* rilevanti: *"L-iżviluppi teknoloġiċi għamlu possibbli, fil-prinċipju, li jiġu kkonsultati bażijiet ta' data rilevanti b'mod li jkollu effett limitat fuq it-tul ta' ħin tal-qsim tal-fruntiera, peress li l-verifiki kemm għad-dokumenti kif ukoll għall-persuni jistgħu jitwettqu b'mod parallel. Il-punti ta' kontroll awtomatiċi fuq il-fruntieri jistgħu jkunu rilevanti f'dak il-kuntest."*

li jkunu jistgħu jintużaw mill-persuni kollha, bl-eċċezzjoni ta' tfal ta' taħt it-12-il sena, u għandhom jitfasslu wkoll b'mod li jirrispetta b'mod sħiħ id-dinjità tal-bniedem, b'mod partikolari f'każijiet li jinvolvu persuni vulnerabbli. Meta l-Istati Membri jiddeċiedu li jużaw sistemi ta' kontroll awtomatizzat tal-fruntieri, huma għandhom jiżguraw il-preżenza ta' għadd suffiċjenti ta' persunal biex jassisti lill-persuni fl-użu ta' tali sistemi u għandhom iżommu għadd suffiċjenti ta' korsiji mhux awtomatizzati għat-tfal, il-persuni li jakkumpanjaw lit-tfal, il-persuni vulnerabbli u l-persuni li jippreferu jużaw korsiji mhux awtomatizzati.

## 2. VERIFIKI FUQ PERSUNI LI JGAWDU MID-DRITT TA' MOVIMENT LIBERU SKONT ID-DRITT TAL-UNJONI

2.1. Il-persuni li jgawdu mid-dritt ta' moviment liberu skont id-dritt tal-Unjoni għandhom ikunu soġġetti għall-verifiki sistematiċi mal-bażijiet tad-*data* rilevanti mad-dħul u l-ħruġ, jiġifieri:

- is-SIS;
- l-SLTD;
- il-bażijiet tad-*data* nazzjonali li fihom informazzjoni dwar dokumenti tal-ivvjaġġar misruqin, miżapproprjati, mitlufin u invalidati;

Il-gwardji tal-fruntiera jistgħu jikkonsultaw ukoll bażijiet tad-*data* oħra nazzjonali u tal-Interpol.

Għall-passaporti u d-dokumenti tal-ivvjaġġar li fihom mezz ta' ħażna kif imsemmi fl-Artikolu 1(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2252/2004[50], għandha tiġi vverifikata l-awtentiċità tad-*data* fiċ-ċippa.

---

[50] Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2252/2004 tat-13 ta' Diċembru 2004 dwar l-istandards għall-karatteristiċi ta' sigurtà u għall-bijometriċi f'passaporti u dokumenti tal-ivvjaġġar maħruġa mill-Istati Membri (ĠU L 385, 29.12.2004, p. 1).

2.1.1. Fejn ikun hemm dubji dwar l-awtentiċità tad-dokument tal-ivvjaġġar jew l-identità tad-detentur tiegħu, irid jiġi vverifikat mill-anqas wieħed mill-identifikaturi bijometriċi (l-immaġni tal-wiċċ u/jew il-marki tas-swaba') integrati fil-passaport u fid-dokumenti tal-ivvjaġġar maħruġa f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 2252/2004. Fejn ikun possibbli, tali verifika trid titwettaq ukoll fir-rigward ta' dokumenti tal-ivvjaġġar mhux koperti minn dak ir-Regolament.

2.1.2. Fil-każ ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li huma membri tal-familja ta' ċittadini tal-UE, taż-ŻEE u tal-Iżvizzera, dawn għandhom id-dritt ta' residenza fi Stat Membru għal perjodu ta' mhux aktar minn tliet xhur jekk ikollhom passaport validu u jkunu qed jakkumpanjaw jew jingħaqdu maċ-ċittadin tal-UE, taż-ŻEE jew tal-Iżvizzera mingħajr ebda limitazzjoni għal 90 jum f'perjodu ta' 180 jum.

Ta' min jinnota li ċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi li huma membri tal-familja ta' ċittadini tal-UE, taż-ŻEE jew tal-Iżvizzera huma intitolati li jakkumpanjaw jew jingħaqdu maċ-ċittadin tal-UE, taż-ŻEE jew tal-Iżvizzera għal perjodi konsekuttivi ta' mhux aktar minn tliet xhur għal kull Stat ta' Schengen mingħajr l-ebda kundizzjoni jew formalità (ħlief il-ħtieġa ta' viża għaċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi minn pajjiż soġġett għal rekwiżit tal-viża meta l-persuna ma jkollhiex karta ta' residenza valida jew permess ta' residenza kif spjegat aktar fil-punt 2.8 ta' din it-Taqsima).

Meta l-membru tal-familja jivvjaġġa waħdu u ma jkollux karta ta' residenza jew permess ta' residenza validu (ara l-punt 2.8 ta' din it-Taqsima), ir-reġim normali dwar it-tul tas-soġġorn qasir jibda japplika (mill-ġdid), peress li l-kundizzjonijiet għall-benefiċċju mill-faċilitazzjonijiet fir-rigward tal-moviment liberu taċ-ċittadini tal-UE, taż-ŻEE u tal-Iżvizzera u l-familji tagħhom ma jibqgħux jiġu ssodisfati.

Is-soġġorni preċedenti mwettqa fiż-żona mingħajr kontrolli fil-fruntieri interni li jakkumpanjaw jew li jingħaqdu maċ-ċittadin tal-UE, taż-ŻEE jew tal-Iżvizzera ma għandhomx jitqiesu għall-fini tal-kalkolu tal-konformità mar-regola tad-90/180 jum li hija applikabbli għas-soġġorn qasir biss.

***Eżempji** (f'dawn l-eżempji kollha, iċ-ċittadin ta' pajjiż terz ma għandux karta ta' residenza valida jew permess ta' residenza kif spjegat aktar fil-punt 2.8 ta' din it-Taqsima):

Ċittadin Indjan miżżewweġ ċittadin Franċiż jista' jakkumpanja lill-konjuġi Franċiż tiegħu fil-Ġermanja għal tliet xhur, Spanja għal xahrejn u l-Italja għal tliet xhur, u b'hekk jibqa' fiż-żona mingħajr kontrolli fil-fruntieri interni għal perjodu konsekuttiv totali ta' tmien xhur.

Ċittadin Ġappuniż huwa miżżewweġ ċittadin Estonjan u qatt ma daħal fl-UE qabel. Iċ-ċittadin Ġappuniż jakkumpanja lill-konjuġi Estonjan tiegħu fl-Italja għal xahar. Eżatt wara dak ix-xahar, il-konjuġi Estonjan jitlaq mill-Italja u jmur lura lejn il-Ġappun biex jaħdem. Iċ-ċittadin Ġappuniż jista' jibqa' waħdu għal 90 jum ieħor (japplika l-limitu ta' 90 jum fi kwalunkwe perjodu ta' 180 jum).

Ċittadin Ċiniż miżżewweġ ċittadin Żvediż iqatta' waħdu, għal skopijiet ta' negozju, 15-il jum fl-Awstrija. Iċ-ċittadin Żvediż imbagħad jingħaqad miegħu u jqattgħu xahar fil-Portugall. Eżatt wara dak ix-xahar, il-konjuġi Żvediż jitlaq mill-UE. Iċ-ċittadin Ċiniż jista' jibqa' waħdu għall-75 jum li jkun fadal fil-perjodu ta' 180 jum (japplika l-limitu ta' 90 jum fi kwalunkwe perjodu ta' 180 jum, iżda s-soġġorn imwettaq flimkien maċ-ċittadin tal-UE ma għandux jingħadd (f'dan l-eżempju, il-perjodu ta' xahar) meta jiġi vvalutat ir-rispett tal-limitu ta' 90 jum fi kwalunkwe perjodu ta' 180 jum).

2.2. Hit fis-SIS jew f'bażijiet tad-*data* rilevanti oħra ma hijiex fiha nnifisha raġuni suffiċjenti biex jiġi miċħud id-dħul lil kwalunkwe persuna li tgawdi mid-dritt ta' moviment liberu skont id-dritt tal-Unjoni (ara l-punt 8.3. ta' din it-Taqsima dwar ir-regoli li japplikaw għaċ-ċaħda tad-dħul lil benefiċjarji tad-dritt ta' moviment liberu skont id-dritt tal-Unjoni).

2.3. Il-verifiki mmirati tal-bażijiet tad-*data* rilevanti huma possibbli biss meta l-verifiki sistematiċi jkollhom impatt sproporzjonat fuq il-fluss tat-traffiku f'ċerti punti ta' qsim tal-fruntiera tal-art u tal-baħar, u wara valutazzjoni tar-riskji relatati mal-ordni pubbliku, is-sigurtà interna, is-saħħa pubblika jew ir-relazzjonijiet internazzjonali ta' kwalunkwe wieħed mill-Istati ta' Schengen. (Għal aktar informazzjoni dwar il-proċedura ta' notifika u l-valutazzjoni tar-riskju, ara l-Appendiċijiet A u B).

F'sitwazzjoni bħal din, l-indikaturi komuni tar-riskju rilevanti għall-ġellieda terroristi barranin stabbiliti mill-Kummissjoni flimkien mal-Istati ta' Schengen u l-aġenziji rilevanti għandhom jintużaw biex jiddefinixxu liema persuni jistgħu jiġu sottomessi għal verifika mmirata biss.

Il-possibbiltà għall-Istati Membri stabbilita fl-Artikolu 8(2a) sa (2f) tal-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen li jwettqu verifiki mmirati minflok verifiki sistematiċi fuq persuni li jgawdu mid-dritt ta' moviment liberu skont id-dritt tal-Unjoni trid tiġi distinta mid-dritt tal-Istati Membri stabbilit fl-Artikolu 9 tal-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen, li jnaqqsu l-verifiki fuq il-fruntieri bħala riżultat ta' ċirkostanzi eċċezzjonali u mhux previsti (ara l-punt 7 ta' din it-Taqsima).

| | Skattatur | Rekwiżiti proċedurali | Sustanza | Tul |
|---|---|---|---|---|
| Verifiki mmirati f'punti ta' qsim tal-fruntiera (BCPs) speċifikati L-Artikolu 8(2a) sa (2f) tal-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen | - impatt sproporzjonat fuq il-fluss tat-traffiku | - sottomissjoni ta' valutazzjoni tar-riskju minn qabel lill-Frontex<br>- notifika lill-Istati Membri, lill-Frontex u lill-Kummissjoni<br>- rappurtar kull 6 xhur lill-Frontex u lill-Kummissjoni | - Tikkonċerna biss lill-benefiċjarji ta' moviment liberu<br>- il-verifika minima tibqa' obbligatorja<br>- Mis-7 ta' April 2019, il-fruntieri tal-ajru huma esklużi mill-possibbiltà ta' verifiki mmirati. | - ma jridx jaqbeż dak li huwa strettament meħtieġ<br>- definit f'konformità mal-valutazzjoni tar-riskju<br><br>(jiġifieri jista' jkopri perjodi itwal) |
| Tnaqqis L-Artikolu 9 tal-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen | - avvenimenti imprevedibbli li jwasslu għal ħin ta' stennija eċċessiv (eż. għargħar, diżastru naturali, gwerra (ċivili) fi Stat fil-qrib, għeluq mhux mistenni ta' BCPs fil-qrib, inċident importanti tat-triq) | - tittieħed deċiżjoni mill-gwardja tal-fruntiera li jkollu l-kmand fil-BCP<br>- reġistrazzjoni ta' informazzjoni fil-BCP f'konformità mal-punt (b) tal-Anness II tal-Kodiċi tal-Fruntieri ta' | - Tikkonċerna lill-vjaġġaturi kollha<br>- l-ittimbrar (għaċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi) jibqa' obbligatorju<br>- il-verifiki tad-dħul għandhom prijorità fuq il-verifiki tal-ħruġ | temporanju, adattat għaċ-ċirkostanzi li jiġġustifikawh<br><br>(jiġifieri perjodu qasir ħafna biss) |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| | - ir-riżorsi kollha jkunu ġew eżawriti fir-rigward tal-persunal, il-faċilitajiet u l-organizzazzjoni | Schengen<br>- rapport annwali lill-Parlament Ewropew u lill-Kummissjoni | | |

2.4. Meta jkunu fis-seħħ tali verifiki mmirati, il-persuni li jgawdu mid-dritt ta' moviment liberu skont id-dritt tal-Unjoni li fuqhom ma jitwettqux verifiki mmirati tal-bażijiet tad-*data* rilevanti, iridu jgħaddu minn "verifiki oħra fuq persuni li jgawdu mid-dritt ta' moviment liberu skont id-dritt tal-Unjoni" bil-għan li tiġi stabbilita l-identità tal-persuna abbażi tal-produzzjoni jew il-preżentazzjoni ta' dokument tal-ivvjaġġar. Tali "verifiki oħra" jridu jinkludu verifika rapida u sempliċi tal-validità tad-dokument tal-ivvjaġġar għall-qsim tal-fruntiera, u tal-preżenza ta' sinjali ta' falsifikazzjoni jew kontrafazzjoni, fejn ikun xieraq bl-użu ta' mezzi tekniċi. F'każijiet fejn ikun hemm dubji dwar id-dokument tal-ivvjaġġar jew fejn ikun hemm indikazzjonijiet li tali persuna tista' tirrappreżenta theddida għall-ordni pubbliku, is-sigurtà interna, is-saħħa pubblika jew ir-relazzjonijiet internazzjonali tal-Istati ta' Schengen, il-gwardja tal-fruntiera jrid jikkonsulta l-bażijiet tad-*data* rilevanti msemmija fl-Artikolu 8(2)(a) u (b) tal-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen.

2.5. Il-verifiki mal-bażijiet tad-*data* rilevanti jistgħu jitwettqu minn qabel abbażi tad-*data* dwar il-passiġġieri riċevuta f'konformità mad-Direttiva 2004/82/KE jew f'konformità ma' liġi oħra tal-Unjoni jew nazzjonali. Fejn dawk il-verifiki jitwettqu minn qabel abbażi ta' tali *data* ta' informazzjoni dwar il-passiġġieri, id-*data* riċevuta minn qabel trid tiġi vverifikata fil-punt ta' qsim tal-fruntiera mad-*data* fid-dokument tal-ivvjaġġar. L-identità u n-nazzjonalità tal-persuna kkonċernata, kif ukoll l-awtentiċità u l-validità tad-dokument tal-ivvjaġġar għall-qsim tal-fruntiera, iridu jiġu vverifikati wkoll.

2.6. Biex jiġu żgurati verifiki effiċjenti fuq il-fruntieri, fejn ikun hemm dubji dwar l-awtentiċità tad-dokumenti tal-ivvjaġġar jew l-identità tad-detentur tiegħu, irid jiġi vverifikat mill-anqas wieħed mill-identifikaturi bijometriċi (l-immaġni tal-wiċċ u/jew il-marki tas-swaba') integrati fid-dokumenti tal-ivvjaġġar maħruġa f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 2252/2004. Fejn ikun possibbli, tali verifika trid titwettaq ukoll fir-rigward ta' dokumenti tal-ivvjaġġar mhux koperti minn dak ir-Regolament (passaporti tal-UE u dokumenti tal-ivvjaġġar maħruġa mill-Istat Membru tal-UE li jkun għażel li ma japplikahx: l-Irlanda, u l-passaporti u d-dokumenti tal-ivvjaġġar maħruġa minn pajjiżi terzi). Fir-rigward tal-verifika tal-awtentiċità tad-*data* maħżuna f'passaport bijometriku (ara l-punt 16 ta' din it-Taqsima).

2.7. Sabiex jiġi evitat li persuni li jgawdu mid-dritt ta' moviment liberu skont id-dritt tal-Unjoni jiġu soġġetti għal dawk il-verifiki sistematiċi darbtejn fil-punti ta' qsim tal-fruntiera tal-art mar-Rumanija, il-Bulgarija u l-Kroazja, l-awtoritajiet tal-fruntiera jistgħu jiddeċiedu abbażi ta' valutazzjoni tar-riskju li l-verifiki mal-bażijiet tad-*data* rilevanti jitwettqu mal-ħruġ fuq bażi mhux sistematika biss. Għalissa dan l-arranġament jista' japplika għall-fruntieri tal-art li ġejjin:

- Il-Bulgarija-il-Greċja
- Ir-Rumanija-l-Ungerija
- Il-Bulgarija-ir-Rumanija
- Il-Kroazja-is-Slovenja
- Il-Kroazja-l-Ungerija

2.8. Il-persuni li jgawdu mid-dritt ta' moviment liberu skont id-dritt tal-Unjoni huma awtorizzati jaqsmu l-fruntiera ta' Stat ta' Schengen fuq il-bażi tad-dokumenti li ġejjin, bħala regola ġenerali:

– ċittadini tal-UE, taż-ŻEE, u tal-Iżvizzera: il-karta tal-identità jew il-passaport;

– id-Dokument Provviżorju tal-Ivvjaġġar tal-UE[51];

[51] Id-Deċiżjoni tar-rappreżentanti tal-gvernijiet tal-Istati Membri fil-Kunsill tal-25 ta' Ġunju 1996 dwar l-istabbiliment ta' dokument proviżorju tal-ivvjaġġar (96/409/CFSP) u d-Direttiva tal-Kunsill (UE) 2019/997 tat-18 ta' Ġunju 2019 li tistabbilixxi Dokument Provviżorju tal-Ivvjaġġar tal-UE u li tħassar id-Deċiżjoni 96/409/PESK (fis-seħħ iżda għadha mhux applikabbli).

– Membri tal-familja ta' ċittadini tal-UE, taż-ŻEE u tal-Iżvizzera li huma ċittadini ta' pajjiż terz: il-passaport. Jistgħu jkunu meħtieġa wkoll li jkollhom viża, jekk ikunu ċittadini ta' pajjiż terz soġġett għall-obbligu tal-viża, sakemm ma jkollhomx:

- permess ta' residenza validu maħruġ minn Stat ta' Schengen li japplika b'mod sħiħ l-*acquis* ta' Schengen;
- jew karta ta' residenza valida maħruġa skont l-Artikoli 10 u 20 tad-Direttiva 2004/38/KE minn Stat Membru tal-UE jew pajjiż taż-ŻEE, indipendentement minn jekk jakkumpanjawx jew jingħaqdu maċ-ċittadin tal-UE jew taż-ŻEE

Il-pussess tal-karta ta' residenza maħruġa skont l-Artikoli 10 u 20 tad-Direttiva 2004/38/KE jikkostitwixxi prova suffiċjenti li d-detentur ta' dik il-karta huwa membru tal-familja ta' ċittadin tal-Unjoni. Għandu jiġi nnotat li l-karta ta' residenza għandha effett ta' eżenzjoni mill-viża (u fil-futur ukoll effett ta' eżenzjoni mill-ETIAS) fi kwalunkwe Stat Membru, inkluż fl-Istat Membru tan-nazzjonalità taċ-ċittadin tal-UE.

***Eżempji:**

Ċittadin Slovakk jgħix mal-konjuġi Ċiniż tiegħu fil-Ġermanja. Huma jivvjaġġaw lejn Franza. Peress li l-konjuġi Ċiniż għandu karta ta' residenza Ġermaniża maħruġa skont l-Artikolu 10 tad-Direttiva 2004/38/KE, ma hemmx bżonn ta' viża ta' dħul, kemm skont id-Direttiva kif ukoll skont il-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen.

Ċittadin Ġermaniż jgħix mal-konjuġi Ċiniż tiegħu fil-Ġermanja. Huma jivvjaġġaw lejn Spanja. Peress li l-konjuġi Ċiniż għandu permess ta' residenza Ġermaniż maħruġ skont il-liġi nazzjonali minn Stat Membru ta' Schengen, ma hemmx bżonn ta' viża ta' dħul skont il-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen.

Ċittadin Slovakk jgħix mal-konjuġi Ċiniż tiegħu fir-Rumanija. Huma jivvjaġġaw lejn Franza. Peress li l-konjuġi Ċiniż għandu karta ta' residenza Rumena maħruġa skont l-Artikolu 10 tad-Direttiva 2004/38/KE, huwa eżentat mir-rekwiżit tal-viża skont id-Direttiva.

Ċittadin Slovakk jgħix mal-konjuġi Ċiniż tiegħu fl-Irlanda. Il-konjuġi Ċiniż li għandu karta ta' residenza, maħruġa mill-Irlanda skont l-Artikolu 20 tad-Direttiva 2004/38/KE,

jivvjaġġa waħdu lejn Franza. Il-karta ta' residenza Irlandiża għandha effett ta' eżenzjoni mill-viża fi Franza anki jekk id-detentur tagħha jivvjaġġa waħdu.

Żewġ ċittadini Indjani, ***l-ewwel*** wieħed li għandu permess ta' residenza Kroat u t-tieni wieħed li għandu karta ta' residenza Kroata maħruġa skont id-Direttiva 2004/38/KE, jivvjaġġaw lejn is-Slovenja: L-ewwel wieħed se jkollu bżonn viża biex jidħol fis-Slovenja (peress li l-permessi ta' residenza Kroati għad ma għandhomx effett ta' eżenzjoni mill-viża fiż-żona mingħajr kontrolli fil-fruntieri interni skont ir-regoli rilevanti ta' Schengen), it-***tieni*** wieħed huwa eżentat mir-rekwiżit tal-viża (peress li l-karti ta' residenza Kroati għandhom effett ta' eżenzjoni mill-viża fiż-żona mingħajr kontrolli fil-fruntieri interni skont id-Direttiva 2004/38/KE).

Rigward il-f

ormat tal-karti ta' residenza, ir-Regolament (UE) 2019/1157 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[52] introduċa formati armonizzati u japplika fl-UE mit-2 ta' Awwissu 2021. Dan ifisser li l-karti ta' residenza jew il-karti ta' residenza permanenti maħruġa mit-2 ta' Awwissu 2021 għandhom format uniformi. Dawn il-karti għandhom l-istess format bħal dak stabbilit bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1030/2002[53] u kif implimentat bid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni C(2018) 7767[54]. Huma għandhom it-titolu "Karta ta' residenza" jew "Karta ta' residenza permanenti" u l-kodiċi standardizzat "Family Member EU Art 10 DIR 2004/38/EC" jew "Family Member EU Art 20 DIR 2004/38/EC". Ta' min jinnota li r-Regolament (UE) 2019/1157 jipprevedi l-eliminazzjoni gradwali tal-karti ta' residenza jew tal-karti ta' residenza permanenti eżistenti. Dan ifisser li, għal ċertu numru ta' snin, se jkun hemm formati differenti ta' karti ta' residenza jew ta' karti ta' residenza permanenti fiċ-ċirkolazzjoni (dawk maħruġa skont ir-Regolament (UE) 2019/1157 u dawk maħruġa qabel mingħajr format speċifiku)[55].

Rigward il-format tal-karti tal-identità, għaċ-ċittadini tal-UE, ir-Regolament (UE) 2019/1157[56] introduċa formati armonizzati għall-karti tal-identità u japplika mit-2 ta' Awwissu 2021. Ir-Regolament (UE) 2019/1157 jipprevedi l-eliminazzjoni gradwali tal-karti tal-identità eżistenti[57].

52 Ir-Regolament (UE) 2019/1157 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 dwar it-tisħiħ tas-sigurtà tal-karti tal-identità taċ-ċittadini tal-Unjoni u tad-dokumenti ta' residenza maħruġa liċ-ċittadini tal-Unjoni u lill-membri tal-familja tagħhom li jeżerċitaw id-dritt tagħhom ta' moviment liberu (ĠU L 188, 12.7.2019, p. 67) huwa rilevanti għaż-ŻEE u jeħtieġ li jiġi integrat fil-Ftehim ŻEE, li l-proċess tiegħu għadu għaddej.

53 Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1030/2002 tat-13 ta' Ġunju 2002 li jippreskrivi format uniformi għall-permessi ta' residenza għaċ-ċittadini ta' pajjiz terz (ĠU L 157, 15.6.2002, p. 1).

54 Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni C(2018) 7767 tat-30 ta' Novembru 2018 li tistabbilixxi l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi tal-format uniformi għal permessi ta' residenza għal ċittadini ta' pajjiż terz u li tħassar id-Deċiżjoni C(2002)30691.

55 Skont l-Artikolu 8(1) tar-Regolament (UE) 2019/1157, il-karti ta' residenza tal-membri tal-familja ta' ċittadini tal-Unjoni li ma jkunux ċittadini ta' Stat Membru, li ma jissodisfawx ir-rekwiżiti tal-Artikolu 7 ma għandhomx jibqgħu validi meta jiskadu jew sat-3 ta' Awwissu 2026, skont liema data minnhom tiġi l-ewwel. L-Artikolu 8(2) jipprevedi deroga mill-Artikolu 8(1) fir-rigward tal-karti ta' residenza li ma jissodisfawx l-istandards minimi ta' sigurtà stabbiliti fil-parti 2 tad-dokument 9303 tal-ICAO jew li ma jinkludux MRZ (parti li tinqara minn magna) funzjonali konformi mal-parti 3 tad-dokument 9303 tal-ICAO. Dawn tal-aħħar ma għandhomx jibqgħu validi meta jiskadu jew sat-3 ta' Awwissu 2023, skont liema data minnhom tiġi l-ewwel.

56 Ir-Regolament (UE) 2019/1157 huwa rilevanti għaż-ŻEE u jeħtieġ li jiġi integrat fil-Ftehim ŻEE, li l-proċess tiegħu għadu għaddej.

57 Skont l-Artikolu 5(1) tar-Regolament (UE) 2019/1157, il-karti tal-identità li ma jissodisfawx ir-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 3 ma għandhomx jibqgħu validi meta jiskadu jew sat-3 ta' Awwissu 2031, skont liema data minnhom tiġi l-ewwel. Madankollu, l-Artikolu 5(2) jipprevedi żewġ derogi. Għaldaqstant, il-karti tal-identità li ma jissodisfawx l-istandards minimi ta' sigurtà stabbiliti fil-parti 2 tad-dokument 9303 tal-ICAO jew

Membru tal-familja soġġett għall-obbligu tal-viża jista' jippreżenta wkoll żewġ passaporti, jiġifieri passaport validu (mingħajr viża) u passaport invalidat li jkun fih viża valida (ara l-parti II, punt 3.1.2. tal-Manwal dwar il-Viżi).

Għal aktar informazzjoni dwar ir-regoli speċifiċi relatati ma' membri tal-familja ta' ċittadini tal-UE, taż-ŻEE u tal-Iżvizzera, ara l-Parti III tal-Manwal għall-ipproċessar tal-applikazzjonijiet tal-viża u l-modifika ta' viżi maħruġa, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ il-"Manwal tal-Kodiċi dwar il-Viżi".

**N.B.** Fuq il-bażi tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u l-**Konfederazzjoni Żvizzera**, min-naħa l-oħra, dwar il-moviment liberu tal-persuni, ir-regoli ta' hawn fuq dwar il-verifiki fuq persuni li jgawdu mid-dritt ta' moviment liberu skont id-dritt tal-Unjoni jkopru wkoll lill-impjegati, irrispettivament min-nazzjonalità tagħhom, ta' persuni li jipprovdu servizzi, li huma integrati fis-suq tax-xogħol tal-Iżvizzera jew ta' wieħed mill-Istati Membri tal-UE u stazzjonati għall-forniment ta' servizz fit-territorju ta' wieħed minn dawk l-Istati Membri tal-UE (l-Artikolu 17 tal-Anness I ta' dak il-Ftehim).
Abbażi tal-Ftehim tal-Assoċjazzjoni Ewropea għall-Kummerċ Ħieles, l-istess regoli japplikaw għall-impjegati, irrispettivament min-nazzjonalità tagħhom, ta' persuni li jipprovdu servizzi, li huma integrati fis-suq tax-xogħol tal-Iżvizzera jew ta' wieħed mill-Istati taż-ŻEE u stazzjonati għall-fornimenti ta' servizz fit-territorju ta' wieħed minn dawk l-Istati taż-ŻEE.

2.9. Madankollu, jekk persuna li tgawdi mid-dritt ta' moviment liberu skont id-dritt tal-Unjoni ma jkollhiex id-dokumenti tal-ivvjaġġar meħtieġa jew, jekk ikun hemm bżonn, il-viżi meħtieġa, l-Istat ta' Schengen ikkonċernat irid, qabel ma jibgħatha lura, jagħti lil din il-persuna kull opportunità raġonevoli biex tikseb id-dokumenti meħtieġa jew biex jinġibulha f'perjodu ta' żmien raġonevoli jew tikkorrobora jew tipprova b'mezzi oħra li hija tkun koperta mid-dritt ta' moviment liberu skont id-dritt tal-Unjoni.

F'każ li l-vjaġġatur jippreżenta dokument tal-ivvjaġġar mingħajr parti li tinqara minn magna u jkun hemm dubju dwar l-identità tiegħu, għandha ssir verifika tat-tieni linja.

---

li ma jinkludux MRZ (parti li tinqara minn magna) funzjonali ma għandhomx jibqgħu validi meta jiskadu jew sat-3 ta' Awwissu 2026, skont liema data minnhom tiġi l-ewwel. Il-karti tal-identità ta' persuni minn 70 sena 'l fuq fit-2 ta' Awwissu 2021, li jissodisfaw l-istandards minimi ta' sigurtà kif stabbiliti fil-parti 2 tad-dokument 9303 tal-ICAO u li għandhom MRZ funzjonali, ma għandhomx jibqgħu validi meta jiskadu.

*** Bażi ġuridika – Ġurisprudenza**:

- Id-Direttiva 2004/38/KE (l-Artikoli 4, 5 u 27)

- Il-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen (l-Artikolu 8)

- Il-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u l-Konfederazzjoni Żvizzera, min-naħa l-oħra, dwar il-moviment liberu tal-persuni, 21 ta' Ġunju 1999

- Ir-Regolament (UE) 2017/1954

- Is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-25 ta' Lulju 2002, il-Kawża C-459/99, MRAX vs Stat Belġjan

- Is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-17 ta' Frar 2005, il-Kawża C-215/03, Salah Oulane vs Minister voor Vreemdelingenzaken en Integratie

- Is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-31 ta' Jannar 2006, il-Kawża C-503/03, Il-Kummissjoni vs Spanja

- Is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-18 ta' Ġunju 2020, il-Kawża C-754/18, Ryanair

- Is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-Kawża C-202/13, Sean McCarthy

## 3. VERIFIKI FUQ ĊITTADINI TA' PAJJIŻI TERZI MAD-DĦUL

3.1. Il-kundizzjonijiet għad-dħul li għandhom jiġu ssodisfati minn ċittadini ta' pajjiżi terzi meta jidħlu fit-territorju ta' Stat ta' Schengen huma dawn li ġejjin:

(a) il-pussess ta' dokument jew dokumenti validi tal-ivvjaġġar li jawtorizzawhom jaqsmu l-fruntiera, fejn il-validità tiegħu/tagħhom trid testendi mill-anqas tliet xhur wara d-data tat-tluq maħsuba mill-Istati ta' Schengen (għalkemm f'każ ta' emerġenza ġġustifikat, dan l-obbligu jista' jiġi rrinunzjat) u jrid(u) ikun(u) inħareġ/inħarġu fl-10 snin ta' qabel; ir-rekwiżit li d-dokument tal-ivvjaġġar irid ikun inħareġ fl-għaxar snin ta' qabel irid jiġi ssodisfat fil-jum tad-dħul (iżda mhux neċessarjament matul is-soġġorn)[58], dment li l-validità tiegħu testendi sa tmiem is-soġġorn u għal tliet xhur wara dan;

[58] Din il-kwistjoni hija rilevanti biss f'dawk il-każijiet eċċezzjonali li fihom il-validità ta' passaport ta' pajjiż terz tkun itwal minn 10 snin (pereżempju, 10 snin u xi xhur kif kienet il-prattika f'pajjiżi terzi, li kienet tippermetti li l-validità li jifdal ta' passaport antik tiġi ttrasferita għall-passaport il-ġdid meta jiġġedded). NB: Skont l-istandards internazzjonali, il-validità tad-dokumenti tal-ivvjaġġar qatt ma għandha taqbeż l-għaxar snin, għalhekk ir-rilevanza prattika ta' din il-kwistjoni għandha tkun ta' natura temporanja biss.

***Eżempju:**

Vjaġġatur ta' pajjiż terz jasal fil-21 ta' Novembru 2022 għal soġġorn ta' 20 jum fl-UE b'passaport maħruġ fit-23 ta' Novembru 2012 u validu sat-23 ta' Marzu 2023. Il-kundizzjoni għad-dħul tal-Artikolu 6(1)(a), tal-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen hija ssodisfata, peress li fil-jum tal-wasla d-*data tal-ħruġ* kienet anqas minn 10 snin ilu u l-*validità* testendi lil hinn minn tliet xhur wara d-data maħsuba tat-tluq.

(b) il-pussess ta' viża valida, meta din tkun meħtieġa, ħlief fejn ċittadin ta' pajjiż terz ikollu permess ta' residenza validu maħruġ minn Stat ta' Schengen li japplika b'mod sħiħ l-*acquis* ta' Schengen li huwa meqjus bħala ekwivalenti għal viża jew viża għal soġġorn twil valida. (Il-permessi ta' residenza, il-viża għal soġġorn twil u dokumenti oħra elenkati fit-taqsimiet sussegwenti jinkludu ċippa b'*data* bijometrika li trid tiġi vverifikata, kif stabbilit fil-punt 3.3 ta' din it-Taqsima.) Din l-ekwivalenza ma tapplikax għall-permessi temporanji maħruġa sakemm isir eżami tal-ewwel applikazzjoni għal permess ta' residenza jew applikazzjoni għall-ażil;

(c) il-ġustifikazzjoni tal-għan u tal-kundizzjonijiet tas-soġġorn fl-Istat(i) ta' Schengen li se jiġu miżjura, inkluż il-pussess ta' mezzi suffiċjenti ta' sussistenza għat-tul tas-soġġorn previst u għar-ritorn lejn il-pajjiż ta' oriġini tagħhom (jew għat-tranżitu lejn pajjiż terz li fih ikunu ċerti li se jiġu ammessi, pereżempju minħabba li jkollhom permess ta' residenza maħruġ minn dak il-pajjiż), jew il-possibbiltà li jiksbu tali mezzi legalment;

(d) ma jkunux persuna li għaliha jkun inħareġ allert fis-SIS għall-fini ta' ċaħda tad-dħul;

(e) ma jkunux persuna meqjusa bħala theddida għall-ordni pubbliku, is-sigurtà interna, is-saħħa pubblika jew ir-relazzjonijiet internazzjonali ta' xi wieħed mill-Istati ta' Schengen. Dan jista' jkun b'mod partikolari l-każ fejn ma jkun jeżisti l-ebda allert f'bażi tad-*data* nazzjonali li jinvolvi ċaħda tad-dħul lejn il-persuna kkonċernata. Fis-Sentenza tagħha tat-12 ta' Diċembru 2019 fil-Kawża C-380/18 (E.P.), il-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja rrikonoxxiet espressament li l-kunċett ta' "theddida għall-ordni pubbliku jew għas-sigurtà pubblika" skont it-tifsira tal-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen huwa differenti b'mod sinjifikattiv mill-kunċett ta' "theddida għall-ordni pubbliku jew għas-sigurtà pubblika" skont it-tifsira tar-regoli dwar il-moviment

liberu (id-Direttiva 2004/38/KE). Skont it-tifsira tal-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen, il-ksur li ċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi jistgħu jkunu ssuspettati li wettqu jrid ikun suffiċjentement serju, fid-dawl tan-natura tiegħu u tal-piena li tista' tiġi imposta, biex jiġġustifika li s-soġġorn ta' dak iċ-ċittadin fit-territorju tal-Istati Membri jiġi mitmum immedjatament. It-tieni, fin-nuqqas ta' kundanna, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jinvokaw theddida għall-ordni pubbliku biss jekk ikun hemm evidenza konsistenti, oġġettiva u speċifika li tipprovdi raġunijiet sabiex wieħed jissuspetta li dak iċ-ċittadin ta' pajjiż terz ikun wettaq tali reat.

*** Bażi legali:**

- Il-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen (l-Artikolu 6)

- Ir-Regolament (UE) Nru 265/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Marzu 2010 li jemenda l-Konvenzjoni li Timplimenta l-Ftehim ta' Schengen u r-Regolament (KE) Nru 562/2006 fir-rigward tal-moviment tal-persuni li jkollhom viża għal soġġorn fit-tul

- Ir-Regolament (UE) 2018/1806 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Novembru 2018 li jelenka l-pajjiżi terzi li ċ-ċittadini tagħhom għandhom ikollhom viża fil-pussess tagħhom meta jaqsmu l-fruntieri esterni u dawk li ċ-ċittadini tagħhom huma eżenti minn dik il-ħtieġa

- Id-Deċiżjoni Nru 565/2014/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 li tintroduċi reġim simplifikat għall-kontroll tal-persuni fuq il-fruntieri esterni li jkun ibbażat fuq ir-rikonoxximent unilaterali mill-Bulgarija, il-Kroazja, Ċipru u r-Rumanija ta' ċerti dokumenti bħala ekwivalenti għall-viżi nazzjonali tagħhom għat-tranżitu minn jew permanenzi intiżi fit-territorji tagħhom li ma jaqbżux id-90 jum fi kwalunkwe perjodu ta' 180 jum u li tħassar id-Deċiżjonijiet Nru 895/2006/KE u Nru 582/2008/KE

*** Links**:

-Lista ta' pajjiżi terzi li ċ-ċittadini tagħhom irid ikollhom viża meta jaqsmu l-fruntieri esterni u ta' dawk li ċ-ċittadini tagħhom huma eżentati minn dak ir-rekwiżit.

-Informazzjoni dwar derogi nazzjonali mir-rekwiżiti tal-viża

-Lista komuni ta' pajjiżi terzi li ċ-ċittadini tagħhom huma meħtieġa li jkollhom viża għal tranżitu fl-ajruport meta jgħaddu miż-żona ta' tranżitu internazzjonali ta' ajruporti li jinsabu fit-territorju tal-Istati Membri

-Lista ta' pajjiżi terzi li ċ-ċittadini tagħhom huma meħtieġa li jkollhom viża għal tranżitu fl-ajruport, meta jgħaddu miż-żona ta' tranżitu internazzjonali ta' ajruporti li jinsabu fit-territorju ta' Stat Membru wieħed

-Lista ta' permessi ta' residenza li jintitolaw lid-detenturi tagħhom għal tranżitu mill-ajruporti tal-Istati Membri mingħajr ma jkunu meħtieġa li jkollhom viża għal tranżitu fl-ajruport

3.2. Iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi jridu jkunu soġġetti għal verifika bir-reqqa. Madankollu, japplikaw regoli speċjali għall-kategoriji ta' persuni li ġejjin:

(a) il-Kapijiet ta' Stat u l-membri tad-delegazzjonijiet tagħhom (il-punt 5.1 ta' din it-Taqsima);

(b) il-bdoti ta' inġenji tal-ajru u membri oħra tal-ekwipaġġ (il-punt 5.2 ta' din it-Taqsima);

(c) il-baħħara (il-punt 5.3 ta' din it-Taqsima);

(d) id-detenturi ta' passaporti diplomatiċi, uffiċjali jew ta' servizz u l-membri ta' organizzazzjonijiet internazzjonali (il-punt 5.4 ta' din it-Taqsima);

(e) ir-residenti tal-fruntiera li jibbenefikaw minn reġim tat-traffiku lokali tal-fruntiera (il-punt 5.5 ta' din it-Taqsima);

(f) il-minorenni (il-punt 5.6 ta' din it-Taqsima);

(g) l-istudenti tal-iskola minn pajjiżi terzi residenti fi Stat tal-UE jew f'pajjiż terz mhux soġġett għall-obbligu tal-viża (il-punt 5.7 ta' din it-Taqsima);

(h) il-ħaddiema transfruntieri (il-punt 5.8 ta' din it-Taqsima);

(i) it-turisti ADS (il-punt 5.9 ta' din it-Taqsima);

(j) is-servizzi ta' salvataġġ, il-pulizija, is-servizzi tat-tifi tan-nar u l-gwardji tal-fruntiera (il-punt 5.10 ta' din it-Taqsima);

(k) il-ħaddiema offshore (il-punt 5.11 ta' din it-Taqsima).

Il-verifiki fuq il-**persuni apolidi** u r-**refuġjati** jitwettqu bl-istess mod bħal dawk għaċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi b'mod ġenerali. Il-validità tad-dokumenti tal-ivvjaġġar maħruġa minn pajjiżi terzi lir-refuġjati u lill-persuni apolidi tista' tiġi vverifikata fil-"lista ta'

dokumenti tal-ivvjaġġar maħruġa minn pajjiżi terzi u entitajiet territorjali". Il-kwistjoni ta' jekk id-detentur ta' tali dokument tal-ivvjaġġar jeħtieġx viża biex jidħol fl-UE hija rregolata mill-Artikolu 6(2)(b) tar-Regolament (UE) 2018/1806, li jħalli din id-deċiżjoni f'idejn kull Stat Membru. In-notifiki rilevanti jistgħu jiġu kkonsultati fit-tabella "Eżenzjonijiet tal-Artikolu 6(2)".

Japplikaw regoli speċjali għall-persuni li jfittxu l-ażil u għall-applikanti għal protezzjoni internazzjonali (ara l-punt 12 ta' din it-Taqsima dwar il-persuni li jfittxu l-ażil).

Il-gwardji tal-fruntiera jridu jieħdu u jittrażmettu fil-pront id-*data* dwar il-marki tas-swaba' ta' kull ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna apolida li tinqabad b'rabta mal-qsim irregolari ta' fruntiera esterna ta' Stat ta' Schengen, jekk ikollhom mill-anqas 14-il sena u jekk ma jkunux intbagħtu lura.

**N.B.** Għall-verifiki ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu membri tal-familja ta' ċittadini tal-UE, taż-ŻEE jew tal-Iżvizzera (persuni li jgawdu mid-dritt ta' moviment liberu skont id-dritt tal-Unjoni) ara l-punt 2.8 ta' din it-Taqsima.

*** Bażi legali:**

- Ir-Regolament (UE) Nru 603/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-istabbiliment tal-"Eurodac" għat-tqabbil ta' marki tas-swaba' (l-Artikolu 14)

*** Links**:

- Dokumenti maħruġa lil persuni apolidi u refuġjati mill-Istati ta' Schengen

- Informazzjoni dwar derogi nazzjonali mir-rekwiżiti tal-viża

3.3. Il-gwardji tal-fruntiera jridu **jivverifikaw b'mod sistematiku** liċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi mal-bażijiet tad-*data* li ġejjin:

- is-SIS;
- l-SLTD;
- il-bażijiet tad-*data* nazzjonali li fihom informazzjoni dwar dokumenti tal-ivvjaġġar misruqin, miżapproprjati, mitlufin u invalidati;

Il-gwardji tal-fruntiera jistgħu jikkonsultaw ukoll bażijiet tad-*data* oħra nazzjonali u tal-Interpol.

3.4. Il-verifiki mal-bażijiet tad-*data* rilevanti jistgħu jitwettqu minn qabel abbażi tad-*data* dwar il-passiġġieri riċevuta f'konformità mad-Direttiva 2004/82/KE jew f'konformità ma' liġi oħra tal-Unjoni jew nazzjonali. Fejn dawk il-verifiki jitwettqu minn qabel abbażi ta' tali *data* ta' informazzjoni dwar il-passiġġieri, id-*data* riċevuta minn qabel trid tiġi vverifikata fil-punt ta' qsim tal-fruntiera mad-*data* fid-dokument tal-ivvjaġġar. L-identità u n-nazzjonalità tal-persuna kkonċernata, kif ukoll l-awtentiċità u l-validità tad-dokument tal-ivvjaġġar għall-qsim tal-fruntiera, iridu jiġu vverifikati wkoll.

3.5. għall-passaporti u d-dokumenti tal-ivvjaġġar li jkun fihom mezz ta' ħażna[59], trid tiġi vverifikata l-awtentiċità tad-*data* fiċ-ċippa, soġġett għad-disponibbiltà ta' ċertifikati validi. L-awtentiċità u l-integrità tad-*data* maħżuna fil-mikroċipp iridu jiġu vverifikati meta jiġu ċċekkjati l-passaporti bijometriċi. Sabiex jiġi vverifikat li d-*data* fuq iċ-ċippa tkun iddaħħlet minn awtorità awtorizzata u ma tkunx ġiet imbagħbsa, il-kontenut taċ-ċippa għandu jiġi awtentikat permezz ta' Awtentikazzjoni Passiva. Iċ-ċertifikat tal-Firmatarju tad-Dokument tad-dokument irid jiġi vverifikat maċ-ċertifikat tas-CSCA (Awtorità ta' Ċertifikazzjoni Firmatarja tal-Pajjiż) ta' fiduċja rispettiv tal-pajjiż emittenti. Barra minn hekk, trid issir l-awtentikazzjoni taċ-ċippa biex jiġi vverifikat li ċ-ċippa tkun ġenwina u li ma ġietx ikklonata[60].

3.6. Iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi jridu jkunu soġġetti għal verifika bir-reqqa.

Fid-dħul, il-verifika bir-reqqa tikkonsisti fil-verifika tat-twettiq tad-dħul kollu kundizzjonijiet, i.e.:

- il-verifika li ċ-ċittadin ta' pajjiż terz ikollu fil-pussess tiegħu dokument jew dokumenti validi għall-qsim tal-fruntiera u li ma jkunx skada, u li dan ikun akkumpanjat, fejn applikabbli, mill-viża, il-permess ta' residenza jew il-viża għal soġġorn twil meħtieġa. Ċittadin ta' pajjiż terz soġġett għall-obbligu tal-viża jista' jivvjaġġa b'żewġ passaporti, jiġifieri b'passaport validu (mingħajr viża) u b'passaport invalidat li jkun fih viża valida. Minn Mejju 2022, irid ikun hemm

59 Id-dokumenti kollha rregolati mid-dritt tal-Unjoni (passaporti, karti tal-identità, karti ta' residenza, karti relatati mal-migrazzjoni u dokumenti oħra tal-ivvjaġġar maħruġa abbażi tad-dritt tal-Unjoni, inkluż il-permess tat-traffiku lokali tal-fruntiera) fihom ċippa bl-eċċezzjoni tal-viża (ibbażata fuq il-karta). Id-dokument tal-identità tal-baħħara – minkejja li ma huwiex ibbażat fuq id-dritt tal-Unjoni – ukoll fih ċippa.

60 Ċippa klonata hija meta l-informazzjoni tiġi kkupjata miċ-ċippa awtentika u titqiegħed fuq ċippa duplikata mingħajr restrizzjonijiet ta' sigurtà.

siġill diġitali fuq l-istiker tal-viża[61]. Dan se jinkludi l-informazzjoni kollha miktuba fuq l-istiker ħlief ir-ritratt. Dan is-siġill diġitali għandu jintuża biex tiġi vverifikata l-awtentiċità tad-*data* fuq l-istiker tal-viża meta tiġi vverifikata fit-territorju jew fil-fruntiera ta' Stat Membru meta l-VIS ma tkunx aċċessibbli.

**Is-siġill diġitali – eżempju prattiku:**

Il-gwardji tal-fruntiera jistgħu jaqraw u jivvalidaw is-siġill diġitali viżibbli (barcode 2D) stampat fuq il-viżi ta' Schengen. Il-barcode 2D (kaxxa tixbah Kodiċi QR fir-rokna ta' isfel tal-lemin tal-viża) iżżid saff addizzjonali ta' sigurtà u hija partikolarment utli biex jiġu żgurati l-awtentiċità u l-integrità tal-viżi ta' Schengen meta s-Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Viża ma tkunx aċċessibbli. Jekk id-*data* kkodifikata fil-barcode ma taqbilx mad-*data* personali tad-detentur tal-viża stampata fuq l-istiker jew jekk il-validazzjoni tal-firma diġitali tfalli, f'dak il-każ l-istiker tal-viża tista' tkun kontrafatta jew falsifikata. Jekk id-*data* kkodifikata fil-barcode taqbel mad-*data* stampata fuq l-istiker, iżda l-validazzjoni tal-firma diġitali tfalli għal raġuni jew oħra, dan ma jaffettwax awtomatikament il-validità tal-viża peress li jista' jkun hemm raġunijiet oħra għall-falliment. Ir-Regolament (KE) Nru 810/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (Kodiċi dwar il-Viżi) u l-Manwal dwar il-Viżi jistabbilixxu l-proċedura għall-annullament jew ir-revoka tal-viżi ta' Schengen. F'każ li s-Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Viża ma tkunx disponibbli, u jkun hemm dubju dwar l-awtentiċità tal-viża, huwa rrakkomandat li tiġi kkuntattjata l-awtorità li tkun ħarġet il-viża.

[61] Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni C(2020) 2672 final tat-30 ta' April 2020 li tintroduċi siġill diġitali fuq il-format uniformi għall-viżi. Matul perjodu tranżizzjonali, sal-1 ta' Novembru 2022, l-Istati Membri jistgħu joħorġu viżi kemm bis-siġill diġitali kif ukoll mingħajru.


EU
VISUM/VISA
000000000
DEUTSCHLAND/GERMANY/ALLEMAGNE
D
SCHENGEN STAATEN
30-06-20 09-08-20
40
C
MULT
MOSKAU
20-06-20
MUSTERMANN, OLGA
SPECIMEN
BESUCHS-/
GESCHÄFTSVISUM
ERWERBSTÄTIG-
KEIT NICHT
ERLAUBT
VCD<<MUSTERMANN<<OLGA<<<<<<<<<<<<<<<<
000000000RUS7409185F2008099<M400630

- jiġu vverifikati b'mod sistematiku l-bażijiet tad-*data* rilevanti, (ara l-punt 1.5 ta' din it-Taqsima, ir-raba' inċiż fit-tabella), u jekk il-mezzi tat-trasport tiegħu/tagħha u l-oġġetti li qed jittrasporta jkunux probabbli li jipperikolaw l-ordni pubbliku, is-sigurtà interna, is-saħħa pubblika jew ir-relazzjonijiet internazzjonali ta' xi wieħed mill-Istati ta' Schengen. Tali verifika trid tinkludi konsultazzjoni diretta tad-*data* u l-allerti dwar persuni u oġġetti li jinsabu fis-SIS u fil-fajls nazzjonali tad-*data*, u l-azzjoni li għandha titwettaq, jekk ikun hemm, bħala riżultat ta' allert;
- l-eżami tat-timbri tad-dħul u tal-ħruġ fid-dokument tal-ivvjaġġar taċ-ċittadin ta' pajjiż terz ikkonċernat, sabiex jiġi vverifikat, billi jitqabblu d-dati tad-dħul u tal-ħruġ, li dik il-persuna ma tkunx diġà qabżet it-tul massimu ta' soġġorn awtorizzat fiż-żona mingħajr kontrolli fil-fruntieri interni jew fit-territorju tal-Bulgarija, il-Kroazja, Ċipru jew ir-Rumanija, meħud separatament[62]- jiġifieri 90 jum fi kwalunkwe perjodu ta' 180 jum li jippreċedi kull jum ta' soġġorn;
- il-verifika rigward il-punti tat-tluq u tad-destinazzjoni taċ-ċittadin ta' pajjiż terz ikkonċernat u l-għan tas-soġġorn maħsub u, fejn meħtieġ, il-verifika tad-dokumenti ta' sostenn korrispondenti;
- il-verifika li ċ-ċittadin ta' pajjiż terz ikkonċernat ikollu mezzi suffiċjenti ta' sussistenza għat-tul u l-iskop tas-soġġorn maħsub, għar-ritorn tiegħu lejn il-pajjiż ta' oriġini jew għat-tranżitu lejn pajjiż terz, jew li jkun jista' jikseb dawn il-mezzi legalment. Sabiex jiġu vvalutati l-mezzi ta' sussistenza, iridu jitqiesu l-ammonti ta' referenza stabbiliti minn kull Stat ta' Schengen;
- il-verifika ta' mezzi suffiċjenti ta' sussistenza tista' tkun ibbażata fuq il-flus kontanti, iċ-ċekkijiet tal-vjaġġaturi u l-karti ta' kreditu fil-pussess taċ-ċittadin ta' pajjiż terz. Id-dikjarazzjonijiet ta' sponsorizzazzjoni, fejn tali dikjarazzjonijiet ikunu previsti mil-leġiżlazzjoni nazzjonali u l-ittri ta' garanzija/stedina minn ospitanti kif definit mil-leġiżlazzjoni nazzjonali, f'każ li ċ-ċittadin ta' pajjiż terz ikun qed joqgħod ma' ospitant, jistgħu jikkostitwixxu wkoll evidenza ta' mezzi suffiċjenti ta' sussistenza;

[62] Il-kalkolu separat tal-perjodu ta' 90/180 jum fit-territorju tar-Rumanija u tal-Bulgarija huwa mistenni li jinbidel wara li tibda topera l-EES.

- il-validità ta’ karta ta’ kreditu tista’ tiġi vverifikata billi tiġi kkuntattjata l-kumpanija emittenti jew billi jintużaw faċilitajiet oħra disponibbli fil-punt ta’ qsim tal-fruntiera (pereżempju, uffiċċji tal-kambju);
- L-istedina mill-ospitanti tista’ tiġi vverifikata billi l-ospitant jiġi kkuntattjat direttament jew billi tiġi vverifikata l-*bona fide* tal-ospitant permezz tal-punti ta’ kuntatt nazzjonali tal-Istat ta’ Schengen ta’ residenza tal-ospitant;

*** Linji gwida dwar il-kunċett ta’ “theddida għas-saħħa pubblika” għall-iskop ta’ ċaħda tad-dħul:**

Dan il-kunċett ikopri kwalunkwe marda b’potenzjal ta’ epidemija kif definit mir-Regolamenti Internazzjonali tas-Saħħa (IHR) tal-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa (WHO) u mard infettiv ieħor jew mard parasitiku kontaġġuż jekk ikunu s-suġġett ta’ dispożizzjonijiet ta’ protezzjoni li japplikaw għaċ-ċittadini tal-Istati ta’ Schengen.

Għall-fini ta’ dan il-Manwal, kwalunkwe theddida għas-saħħa taċ-ċittadini Ewropej, kif ukoll deċiżjonijiet dwar miżuri effettivi li għandhom jittieħdu, se jiġu vvalutati u deċiżi permezz tan-Network Komunitarju stabbilit skont id-Deċiżjoni 1082/2013/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u s-Sistema ta’ Twissija Bikrija u ta’ Rispons (EWRS) tiegħu u l-ECDC, stabbilit bir-Regolament (KE) Nru 851/2004. L-awtoritajiet tal-EWRS jinkludu l-awtoritajiet tas-saħħa pubblika tal-Istati Membri tal-UE u dawn jaħdmu fil-livell nazzjonali flimkien mal-istituti nazzjonali rikonoxxuti ta’ sorveljanza. L-ECDC iwettaq il-valutazzjoni tar-riskju tat-theddida (ecdc.europa.eu).

Għalhekk, l-awtoritajiet ta’ kull Stat Membru tal-UE li huma kompetenti għall-implimentazzjoni ta’ miżuri tas-saħħa għandhom dejjem ikunu assoċjati, f’konformità mal-leġiżlazzjoni nazzjonali u tal-Unjoni dwar is-saħħa pubblika u mal-proċeduri stabbiliti minn kull Stat ta’ Schengen, fil-valutazzjoni tar-riskju għas-saħħa pubblika għall-finijiet li jiġi permess jew miċħud id-dħul fil-fruntiera.

*** Linji gwida dwar il-valutazzjoni ta’ “theddida għas-saħħa pubblika” fis-sitwazzjoni ta’ marda b’potenzjal ta’ epidemija**

Il-pandemija tal-COVID-19 saħħet il-ħtieġa li l-Unjoni tkun imħejjija aħjar biex tirrispondi għal sitwazzjonijiet ta’ kriżi fil-fruntieri esterni relatati ma’ sitwazzjonijiet ta’ mard b’potenzjal ta’ epidemija li huma ta’ theddida għas-saħħa pubblika. L-adozzjoni ta’ miżuri

inkonsistenti u diverġenti fil-fruntieri esterni biex jiġi indirizzat tali theddid taffettwa b'mod negattiv il-funzjonament taż-żona mingħajr kontrolli fil-fruntieri interni, tnaqqas il-prevedibbiltà għall-vjaġġaturi u l-kuntatti bejn il-persuni. Il-Kummissjoni tirrakkomanda li jitqiesu l-kunsiderazzjonijiet li ġejjin meta jiġu applikati miżuri nazzjonali relatati ma' theddida għas-saħħa pubblika fil-fruntieri esterni:

1. Iċ-ċittadini tal-Unjoni skont it-tifsira tal-Artikolu 20(1) tat-TFUE u ċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi li, skont ftehimiet bejn l-Unjoni u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u dawk il-pajjiżi terzi, min-naħa l-oħra, igawdu drittijiet ta' moviment liberu ekwivalenti għal dawk taċ-ċittadini tal-Unjoni, kif ukoll il-membri tal-familja rispettivi tagħhom, għandhom dejjem jitħallew jivvjaġġaw lejn l-Istati Membri tal-UE u l-pajjiżi mhux tal-UE li għalihom japplika l-acquis ta' Schengen għal kwalunkwe skop, mhux biss biex jirritornaw id-dar.

Meta jivvjaġġaw minn pajjiżi terzi li jkunu soġġetti għal restrizzjoni temporanja ta' vjaġġar mhux essenzjali, dan jista' jkun soġġett għal rekwiżiti tas-saħħa, bħall-awtoiżolament jew miżuri simili, tal-Istat ta' destinazzjoni ta' Schengen (dment li jimponu l-istess rekwiżiti fuq iċ-ċittadini tagħhom stess).

2. Iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu residenti għat-tul skont id-Direttiva 2003/109/KE dwar l-istatus ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu residenti għat-tul, il-persuni li d-dritt tagħhom ta' residenza jidderiva minn Direttivi oħra tal-UE, il-Ftehim dwar il-Ħruġ jew il-liġi nazzjonali jew li jkollhom viżi nazzjonali għal soġġorn twil, kif ukoll il-membri tal-familja rispettivi tagħhom għandhom ikunu awtorizzati wkoll jidħlu, soġġett għall-miżuri tas-saħħa rilevanti.

L-istess għandu japplika wkoll għal ċittadini ta' pajjiżi terzi b'permess ta' dħul temporanju [maħruġ għall-fini ta' qsim tal-fruntiera u l-eżerċizzju tad-dritt ta' residenza legali fi Stat Membru mal-ġbir tal-permess ta' residenza], fejn ikun xieraq.

Il-gwardji tal-fruntiera għandhom jivverifikaw id-dokumentazzjoni rispettiva (jiġifieri d-dokumenti tal-ivvjaġġar, il-permessi ta' residenza u kwalunkwe dokument uffiċjali ieħor) sabiex jivverifikaw li ċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni definit miż-żewġ subparagrafi ta' hawn fuq.

3. L-iskrining mad-dħul tal-vjaġġaturi għas-sintomi ta' mard b'potenzjal epidemjoloġiku jista' jinvolvi l-użu ta' skennjar termiku u/jew skrinjar tas-sintomi jew kwalunkwe apparat

ieħor immirat biex jidentifika s-sintomi rilevanti.

L-aġenti pubbliċi kollha involuti f'kontrolli tal-fruntiera, doganali, sanitarji jew kwalunkwe tip ta' kontroll fil-fruntieri esterni għandhom ikunu mgħammra b'tagħmir ta' protezzjoni personali kompost, fejn ikun xieraq, minn maskri, ingwanti, ġellijiet sanitizzanti, eċċ.

4. Meta jiġi deċiż jekk ir-restrizzjonijiet temporanji fuq l-ivvjaġġar mhux essenzjali lejn l-Istati ta' Schengen japplikawx għal ċittadin ta' pajjiż terz, is-soġġorn preċedenti fi żmien ċertu perjodu f'pajjiż terz li għalih ikunu tneħħew ir-restrizzjonijiet fuq l-ivvjaġġar mhux essenzjali għandu jkun il-fattur determinanti (pjuttost milli n-nazzjonalità).

5. Fil-fruntieri tal-ajru, il-punti ta' Kontroll Awtomatizzat tal-Fruntieri (ABC) għandhom rwol importanti fl-iffaċilitar tal-flussi bla xkiel tal-passiġġieri fil-BCPs tal-ajru ewlenin; madankollu, is-sistemi tal-e-Gate ma jistgħux jivverifikaw ir-residenza taċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi. L-Istati ta' Schengen li jippermettu liċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi jużaw il-punti tal-ABC għandhom jikkunsidraw li jimplimentaw verifiki fuq il-post għal dawk il-vjaġġaturi li jużaw l-e-Gates jew inkella jiddiżattivaw temporanjament il-punti tal-ABC għal pajjiżi terzi.

6. Il-gwardji tal-fruntiera se jkunu meħtieġa li jiffamiljarizzaw ruħhom ma' kif jidhru l-permessi ta' residenza u tax-xogħol ta' pajjiżi terzi flimkien ma' fehim bażiku tat-tekniki tal-istampar u tal-karatteristiċi ta' sigurtà ta' dawn id-dokumenti. Minbarra l-permessi ta' residenza jew tax-xogħol ta' pajjiżi terzi, il-vjaġġaturi jistgħu possibbilment jippreżentaw ukoll il-karti tal-identità u/jew il-liċenzji tas-sewqan ta' pajjiżi terzi, flimkien ma' dokumenti uffiċjali oħra, b'appoġġ għall-pajjiż ta' residenza ddikjarat tagħhom.

Skont iċ-ċirkostanzi u t-tip ta' dokumenti ppreżentati, il-gwardji tal-fruntiera jridu jagħmlu l-aħjar użu minn dak kollu li huwa disponibbli għalihom bħala materjal ta' referenza, pereżempju, il-FADO / iFADO / PRADO21, il-Manwal ta' Referenza tal-Frontex u jużaw ir-riżorsi flimkien mal-bażijiet tad-*data* tad-dokumenti nazzjonali u għażliet kummerċjali oħra.

7. Il-vjaġġaturi jeħtieġ li jkunu infurmati qabel ma jivvjaġġaw dwar il-ħtieġa li jagħtu prova tal-pajjiż ta' residenza tagħhom, u b'hekk il-ħtieġa ta' dokumenti addizzjonali, pereżempju, il-permessi ta' residenza, il-permessi tax-xogħol, il-karti tal-identità jew il-

liċenzji tas-sewqan maħruġa mill-pajjiż terz ta' residenza, u kwalunkwe dokument uffiċjali ieħor li jappoġġa l-pajjiż ta' residenza ddikjarat tal-vjaġġaturi. Dan huwa importanti peress li d-dettalji tal-permessi ta' residenza jew tax-xogħol ta' pajjiżi terzi mhux dejjem ikunu mwaħħla jew indikati fuq id-dokumenti tal-ivvjaġġar, speċjalment il-passaporti. In-nuqqas ta' konformità mal-obbligu ta' prova tal-pajjiż ta' residenza jista' jirriżulta fiċ-ċaħda tad-dħul.

8. Kwalunkwe deċiżjoni dwar iċ-ċaħda tad-dħul jeħtieġ li tkun proporzjonata u mhux diskriminatorja. Miżura titqies proporzjonata dment li tkun ittieħdet wara konsultazzjoni mal-awtoritajiet tas-saħħa u li dawn ikunu qisuha bħala xierqa u meħtieġa biex jintlaħaq l-objettiv tas-saħħa pubblika. Fil-formola biċ-ċaħda tad-dħul, il-gwardja tal-fruntiera jrid jispeċifika r-raġuni taċ-ċaħda fil-formola taħt it-taqsima "kummenti".

9. Il-vjaġġatur jista' jingħata fuljett ta' informazzjoni dwar marda partikolari. Fil-każ ta' vjaġġatur f'saħħtu ma hemmx bżonn ta' notifika sanitarja addizzjonali lill-awtoritajiet tal-pajjiż terz ġar li fih jintbagħat lura l-vjaġġatur minn punt ta' qsim tal-fruntiera esterna tal-art tal-UE (traffiku bit-triq jew bil-ferrovija) jew minn punt ta' qsim tal-fruntiera marittima esterna tal-UE (pereżempju portijiet deżinjati għal kollegamenti regolari b'ferries jew portijiet oħra b'bastimenti tal-kruċiera jew baħħara individwali ta' dgħajjes tas-sajd).

10. Sabiex tiġi minimizzata l-wasla ta' persuni minn pajjiżi terzi, l-uffiċjali ta' kollegament fl-ajruport jew l-uffiċjali ta' kollegament f'dawk il-pajjiżi terzi fil-lista jistgħu jwettqu verifiki ta' qabel l-imbark. L-Istati ta' Schengen jistgħu jużaw ukoll gwardji tal-fruntiera fuq ċerti titjiriet ma' pajjiżi terzi, li r-rwol tagħhom ikun li jtiru fuq titjiriet ħerġin mill-Ewropa sabiex iwettqu verifiki ta' qabel l-imbark fuq it-titjiriet ta' ritorn. Jista' jiġi kkunsidrat ukoll l-użu ta' spetturi tas-saħħa u/jew ta' persunal mediku direttament fil-BCPs biex jiskrinjaw lill-vjaġġaturi, jeżaminaw id-dikjarazzjonijiet tas-saħħa, eċċ.

*** Linji gwida dwar il-kalkolu tat-tul tas-soġġorn:**

Għad-90 jum f'perjodu ta' 180 jum, il-jum tad-dħul irid jiġi kkalkulat bħala l-ewwel jum ta' soġġorn fiż-żona mingħajr kontrolli fil-fruntieri interni u l-jum tal-ħruġ irid jiġi kkalkulat bħala l-aħħar jum ta' soġġorn f'din iż-żona. Għall-Bulgarija, il-Kroazja, Ċipru u r-Rumanija, dan jikkorrispondi għall-jum tad-dħul u tal-ħruġ mit-territorju ta' kull wieħed minn dawn l-Istati ta' Schengen. Il-kunċett ta' "kwalunkwe" jimplika l-applikazzjoni ta'

perjodu ta' referenza "mobbli" ta' 180 jum, li jħares lura, lejn kull jum tas-soġġorn, fl-aħħar perjodu ta' 180 jum, sabiex jiġi vverifikat jekk ir-rekwiżit tad-90 jum/180 jum għadux jiġi ssodisfat. Dan ifisser li assenza għal perjodu mhux interrott ta' 90 jum tippermetti soġġorn ġdid sa 90 jum. Ara: http://ec.europa.eu/dgs/home-affairs/what-we-do/policies/borders-and-visas/border-crossing/docs/short_stay_schengen_calculator_user_manual_en.pdf

Il-"kalkolatur ta' soġġorn qasir" fuq is-sit web tal-Kummissjoni Ewropea/DĠ HOME (https://ec.europa.eu/home-affairs/content/visa-calculator_en jew kif imniżżel minn CIRCA) jista' jintuża għall-kalkolu tal-perjodu ta' soġġorn permess skont ir-regoli l-ġodda. Il-gwida għall-utent fiha informazzjoni dwar ir-regoli l-ġodda, l-użu tal-kalkolatur u eżempji prattiċi. Ara: http://ec.europa.eu/dgs/home-affairs/what-we-do/policies/borders-and-visas/border-crossing/index_en.htm.

Dan il-mod kif jiġu kkalkolati soġġorni qosra, li japplika mit-18 ta' Ottubru 2013, ma japplikax għall-ftehimiet ta' eżenzjoni mill-viża konklużi bejn l-UE u l-Bahamas, il-Brażil, Saint Kitts u Nevis, Mauritius, u s-Seychelles li fir-rigward tagħhom tapplika d-definizzjoni ("3 xhur matul perjodu ta' 6 xhur wara d-data tal-ewwel dħul"). It-tul tas-soġġorn ta' ċittadini mhux tal-UE li jivvjaġġaw b'viża maħruġa skont il-ftehimiet ta' faċilitazzjoni tal-viża konklużi mill-UE u ċerti pajjiżi terzi għandu jiġi kkalkulat skont il-metodu ta' kalkolu l-ġdid peress li f'dawn il-ftehimiet hemm referenza għal "90 jum għal kull perjodu ta' 180 jum".

Il-perjodi ta' soġġorn awtorizzati skont permess ta' residenza jew viża għal soġġorn twil ma għandhomx jitqiesu fil-kalkolu tat-tul ta' soġġorn qasir (meta tiġi vvalutata l-konformità mar-regola ta' 90 jum fi kwalunkwe 180 jum). Din id-dispożizzjoni għalhekk tippermetti liċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi ħielsa mill-viża jibqgħu legalment fit-territorju tal-Istati ta' Schengen li japplikaw b'mod sħiħ l-acquis għal soġġorn għal żmien qasir sussegwenti. Vjaġġatur jista' juri li huwa jkun irrispetta l-kundizzjonijiet relatati mat-tul ta' soġġorn qasir sad-data tal-iskadenza ta' permess ta' residenza jew viża għal soġġorn twil preċedenti[63]. Ir-regoli jew il-prattiki nazzjonali li jistabbilixxu li ċittadin ta' pajjiż terz irid, bħala regola ġenerali, jitlaq mit-territorju tiegħu wara t-terminazzjoni ta' soġġorn twil

63 Dan huwa kkonfermat ukoll espressament mill-Artikolu 12(3) tal-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen (applikabbli mid-data li fiha l-EES għandha tibda topera).

(kopert minn permess ta' residenza jew viża nazzjonali) qabel ma jitħalla jibda soġġorn għal żmien qasir sussegwenti f'dak it-territorju, ma humiex kompatibbli mar-regoli ta' Schengen. Ir-responsabbiltà għall-konformità mar-regola ta' 90/180 jum hija tal-vjaġġatur[64]. Jekk ċittadin ta' pajjiż terz ma jagħmilx użu mill-possibbiltà offruta mill-Artikolu 12 tal-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen jew mill-Artikolu 14(8) tar-Regolament (UE) 2017/2226 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[65] biex jitlob ir-reġistrazzjoni tal-bidu ta' soġġorn għal żmien qasir (jew biex jitqies li jkun daħal għal soġġorn għal żmien qasir) fid-data tal-iskadenza ta' permess ta' residenza jew ta' viża għal soġġorn twil preċedenti, huwa jirriskja li jitqies li jkun qiegħed fil-pajjiż illegalment bil-konsegwenzi negattivi li jirriżultaw, f'konformità mal-preżunzjoni stabbilita fl-Artikolu 12 tal-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen jew fl-Artikolu 20 tar-Regolament (UE) 2017/2226. Din il-preżunzjoni tista', madankollu, sussegwentement tiġi kkonfutata f'konformità mal-Artikolu 12 tal-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen.

***Eżempji:**

Student Kanadiż li l-permess ta' residenza tiegħu "student" fl-Awstrija jiskadi fil-31 ta' Lulju beħsiebu jagħmel vjaġġ interrail minn diversi Stati ta' Schengen f'Awwissu. L-istudent Kanadiż ma jridx neċessarjament joħroġ mill-UE, iżda jista' jibda soġġorn għal żmien qasir immedjatament mal-iskadenza tal-permess ta' residenza. Għal dak il-għan huwa għandu, qabel il-31 ta' Lulju, jitlob lill-awtoritajiet kompetenti skont l-Artikolu 12 tal-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen jew l-Artikolu 20 tar-Regolament (UE) 2017/2226 biex jitqies bħala li daħal fl-1 ta' Awwissu. (NB: Barra minn hekk, ladarba r-Regolament (UE) 2018/1240 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[66] ikun sar applikabbli, huwa jkun meħtieġ ukoll li jkollu awtorizzazzjoni valida għall-ivvjaġġar.)

64 L-Artikolu 14(8) tar-Regolament (UE) 2017/2226 jistipula b'mod espliċitu li "… meta s-soġġorn qasir ta' ċittadin ta' pajjiż terz li jkun preżenti fit-territorju ta' Stat Membru jibda direttament wara soġġorn ibbażat fuq permess ta' residenza jew viża għal soġġorn twil u ma jkun inħoloq l-ebda fajl individwali preċedenti, dak iċ-ċittadin ta' pajjiż terz jista' jitlob lill-awtoritajiet kompetenti … sabiex joħolqu fajl individwali u rekord tad-dħul/ħruġ billi jdaħħlu d-*data* …."

65 Ir-Regolament (UE) 2017/2226 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Novembru 2017 li jistabbilixxi Sistema ta' Dħul/Ħruġ (EES) biex tiġi rreġistrata *data* dwar id-dħul u l-ħruġ u *data* dwar iċ-ċaħda tad-dħul ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jaqsmu l-fruntieri esterni tal-Istati Membri u li jiddetermina l-kondizzjonijiet għall-aċċess għall-EES għal raġunijiet ta' infurzar tal-liġi, u li jemenda l-Konvenzjoni li timplimenta l-Ftehim ta' Schengen u r-Regolamenti (KE) Nru 767/2008 u (UE) Nru 1077/2011 (ĠU L 327, 9.12.2017, p. 20).

66 Ir-Regolament (UE) 2018/1240 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Settembru 2018 li jistabbilixxi Sistema Ewropea ta' Informazzjoni u ta' Awtorizzazzjoni għall-Ivvjaġġar (ETIAS) u li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1077/2011, (UE) Nru 515/2014, (UE) 2016/399, (UE) 2016/1624 u (UE) 2017/2226 (ĠU L 236, 19.9.2018, p. 1).

Riċerkatur Indjan li l-permess ta' residenza tiegħu "riċerkatur" fl-Awstrija jiskadi fil-31 ta' Lulju beħsiebu jagħmel vjaġġ ta' ħajking mill-Alpi (fl-Awstrija u fl-Italja, iżda jqatta' l-biċċa l-kbira tal-ħin fl-Awstrija) f'Awwissu. Ir-riċerkatur Indjan ma jridx neċessarjament joħroġ mill-UE, iżda huwa jista' jibda soġġorn għal żmien qasir immedjatament mal-iskadenza tal-permess ta' residenza. Għal dak il-għan huwa jrid ikun applika għal viża għal soġġorn qasir f'konsulat Awstrijak (pereżempju, fi Praga, jew fi Bratislava) u trid tkun inħarġitlu tali viża qabel l-1 ta' Awwissu. Barra minn hekk huwa għandu, qabel il-31 ta' Lulju, jitlob lill-awtoritajiet kompetenti skont l-Artikolu 12 tal-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen jew l-Artikolu 20 tar-Regolament (UE) 2017/2226 biex jitqies bħala li daħal fl-1 ta' Awwissu.

Fir-rigward tal-estensjonijiet possibbli ta' soġġorni għal żmien qasir skont ftehimiet bilaterali, l-Artikolu 20(2) tal-Konvenzjoni ta' Implimentazzjoni ta' Schengen[67] fih regoli dettaljati għat-trattament ta' dawn il-każijiet speċifiċi.

3.6.1. Il-verifiki bir-reqqa mal-ħruġ jikkonsistu minn:

- il-verifika li ċ-ċittadin ta' pajjiż terz ikollu dokument validu biex jaqsam il-fruntiera;
- il-verifika tad-dokument tal-ivvjaġġar għal sinjali ta' falsifikazzjoni jew kontrafazzjoni;
- il-verifika permezz ta' verifiki sistematiċi obbligatorji mal-bażijiet tad-*data* rilevanti li ċ-ċittadin ta' pajjiż terz ma jkunx meqjus bħala theddida għall-ordni pubbliku, is-sigurtà interna jew ir-relazzjonijiet internazzjonali ta' xi wieħed mill-Istati ta' Schengen;
- għall-passaporti u d-dokumenti tal-ivvjaġġar li jkun fihom mezz ta' ħażna, trid tiġi vverifikata l-awtentiċità tad-*data* fiċ-ċippa, soġġett għad-disponibbiltà ta' ċertifikati validi. L-awtentiċità u l-integrità tad-*data* maħżuna fil-mikroċipp għandhom jiġu vverifikati meta jiġu ċċekkjati l-passaporti bijometriċi. Sabiex jiġi vverifikat li d-*data* fuq iċ-ċippa tkun iddaħħlet minn awtorità awtorizzata u ma tkunx ġiet imbagħbsa, il-kontenut taċ-ċippa għandu jiġi awtentikat permezz ta' Awtentikazzjoni Passiva. Iċ-ċertifikat tal-Firmatarju tad-Dokument tad-dokument għandu jiġi vverifikat maċ-ċertifikat tas-CSCA ta' fiduċja rispettiv tal-pajjiż emittenti. Jekk ikun teknikament possibbli, għandha tintuża l-awtentikazzjoni taċ-ċippa biex jiġi vverifikat li ċ-ċippa tkun ġenwina.

3.6.2. Verifiki oħra mal-ħruġ jistgħu jinkludu:

- il-verifika li l-persuna jkollha fil-pussess tagħha viża valida, jekk meħtieġa, ħlief meta din ikollha permess ta' residenza validu maħruġ minn Stat ta' Schengen jew viża valida għal soġġorn twil jew dokumenti oħra li jawtorizzaw soġġorn jew dħul mill-ġdid fit-territorju tagħhom.
- il-verifika li l-persuna ma qabżitx id-durata massima tas-soġġorn awtorizzat.

---

67 Il-Konvenzjoni li timplimenta l-Ftehim ta' Schengen tal-14 ta' Ġunju 1985 bejn il-Gvernijiet tal-Istati tal-Unjoni Ekonomika tal-Benelux, ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja u r-Repubblika Franċiża dwar it-tneħħija gradwali tal-kontrolli fil-fruntieri komuni tagħhom (ĠU L 239, 22.9.2000, p. 19).

3.7. Iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkollhom permess ta' residenza validu ma għandhomx, bħala regola ġenerali, jintalbu jagħtu prova tal-għan tas-soġġorn intenzjonat u lanqas il-pussess ta' mezzi ta' sussistenza. Il-verifiki l-oħra – u b'mod partikolari l-eżami tad-dokumenti tal-ivvjaġġar u tar-residenza, it-tfittxijiet fis-SIS u fil-bażijiet tad-*data* nazzjonali – iridu, madankollu, jitwettqu kif spjegat fil-punti 1.2 u 3.6.2 ta' din it-Taqsima. Għall-benefiċjarji tal-Ftehim dwar il-Ħruġ, gwida dettaljata dwar kif jistgħu jagħtu evidenza tal-istatus tagħhom hija stabbilita fl-Anness 42 ta' dan il-Manwal.

3.8. Sabiex ma jiġux rallentati l-proċeduri ta' verifika fil-kabini tad-dħul/ħruġ fl-ewwel linja, u fejn ikun hemm il-ħtieġa li jsiru verifiki addizzjonali, dawn jistgħu jitwettqu f'post separat mill-kabini ("verifiki tat-tieni linja").

Jekk jintalab miċ-ċittadin ta' pajjiż terz, u fejn ikunu jeżistu faċilitajiet xierqa, dawn il-verifiki bir-reqqa jridu jitwettqu f'żona li ma tkunx pubblika deżinjata apposta għal dak il-għan. Fil-każ ta' verifiki tat-tieni linja, iċ-ċittadin ta' pajjiż terz ikkonċernat irid jingħata informazzjoni bil-miktub dwar l-għan ta' dawk il-verifiki kif ukoll dwar il-proċedura. Din l-informazzjoni tista' tieħu l-forma ta' kartellun jew ta' fuljett li għandu jingħata lill-persuna. Il-fuljett jew il-kartellun iridu jkunu disponibbli fil-lingwi uffiċjali kollha tal-Unjoni u fil-lingwa/i tal-pajjiżi li jmissu mal-Istati ta' Schengen ikkonċernati.

*** Bażi legali:**

- Il-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen (l-Artikolu 7 u 8, l-Annessi I u IV)
- Id-Deċiżjoni Nru 1082/2013/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Ottubru 2013 dwar theddid transkonfinali serju għas-saħħa u li tħassar id-Deċiżjoni Nru 2119/98/KE
- Ir-Regolament (KE) Nru 851/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' April 2004 li jistabbilixxi Ċentru Ewropew għall-prevenzjoni u l-kontroll tal-mard
- Ir-Regolament tal-Kunsill Nru 2252/2004 tat-13 ta' Diċembru 2004 dwar l-istandards għall-karatteristiċi ta' sigurtà u għall-bijometriċi f'passaporti u dokumenti tal-ivvjaġġar maħruġa mill-Istati Membri
- Ir-Regolamenti Internazzjonali dwar is-Saħħa (WHO)

## 4. Tfittxijiet fis-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen (SIS) u fid-Dokumenti tal-Ivvjaġġar Misruqin u Mitlufin (SLTD)

4.1. Il-persuni kollha u d-dokumenti tal-ivvjaġġar tagħhom jeħtieġ li jiġu kontroverifikati mas-SIS matul il-verifiki fuq il-fruntiera. L-applikazzjonijiet tal-kontroll tal-fruntieri nazzjonali normalment joffru verifika integrata tal-persuni u tad-dokumenti tal-ivvjaġġar tagħhom mal-bażijiet tad-*data* rilevanti. Is-SIS fiha allerti dwar persuni u oġġetti li jaqgħu taħt waħda mill-kategoriji ta' allerti li ġejjin:

- Allerti dwar ritorn (l-Artikolu 3 tar-Regolament (UE) 2018/1860 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[68]), din il-kategorija ta' allerti tkopri ċittadini ta' pajjiżi terzi soġġetti għal deċiżjoni ta' ritorn għall-fini ta' verifika li l-obbligu ta' ritorn ikun ġie osservat u ta' appoġġ għall-infurzar tad-deċiżjonijiet ta' ritorn;
- Ċaħda ta' dħul jew ta' soġġorn (l-Artikolu 24 tar-Regolament (UE) 2018/1861 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[69]), din il-kategorija ta' allerti tkopri ċittadini ta' pajjiżi terzi[70] li ma humiex intitolati li jidħlu jew jibqgħu fit-territorju tal-Istati ta' Schengen[71];
- Persuni mfittxija għall-arrest (l-Artikolu 26 tar-Regolament (UE) 2018/1862 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[72]), din il-kategorija ta' allerti tkopri persuni li għalihom ikun inħareġ Mandat ta' Arrest Ewropew, mandat ta' arrest tal-Iżlanda/in-Norveġja[73] jew Talba għall-Estradizzjoni (l-Iżvizzera u l-Liechtenstein);

---

68 Ir-Regolament (UE) 2018/1860 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' Novembru 2018 dwar l-użu tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen għar-ritorn ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi b'soġġorn illegali (ĠU L 312, 7.12.2018, p. 1).

69 Ir-Regolament (UE) 2018/1861 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' Novembru 2018 dwar l-istabbiliment, it-tħaddim u l-użu tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen (SIS) fil-qasam tal-verifiki fuq il-fruntieri, u li jemenda l-Konvenzjoni li timplimenta l-Ftehim ta' Schengen, u li jemenda u jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1987/2006 (ĠU L 312, 7.12.2018, p. 14).

70 Allert dwar ċittadin ta' pajjiż terz li jkun membru tal-familja ta' ċittadin tal-UE għandu jiġi ttrattat skont l-Artikolu 26 tar-Regolament (UE) Nru 2018/1861 (ara l-punt 8.3, it-Taqsima I).

71 Ċipru għad ma għandux aċċess għas-SIS, għalhekk, għall-finijiet ta' dan il-kapitolu, l-Istati ta' Schengen ifissru kollha barra Ċipru. Il-Kroazja tista' taċċessa l-allerti dwar ċaħda tad-dħul, iżda ma hijiex obbligata tiċħad id-dħul jew is-soġġorn fit-territorju tagħha lil ċittadini ta' pajjiżi terzi li għalihom ikun inħareġ allert minn Stat ieħor ta' Schengen f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 1987/2006, iżda tista' tiddeċiedi li taġixxi fuq tali allert. Il-Kroazja għalissa ma tistax iddaħħal allerti dwar ċaħda tad-dħul fis-SIS.

72 Ir-Regolament (UE) 2018/1862 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' Novembru 2018 dwar l-istabbiliment, it-tħaddim u l-użu tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen (SIS) fil-qasam tal-kooperazzjoni tal-pulizija u l-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali, li jemenda u jħassar id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2007/533/ĠAI, u jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1986/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2010/261/UE (ĠU L 312, 7.12.2018, p. 56).

73 Abbażi tal-ftehim ta' konsenja bejn l-Istati Membri tal-UE u l-Iżlanda u n-Norveġja li beda japplika fl-2019: Il-Ftehim tat-28 ta' Ġunju 2006 bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Iżlanda u r-Renju tan-Norveġja dwar il-proċedura ta' konsenja bejn l-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea u l-Iżlanda u n-Norveġja daħal fis-seħħ fl-1 ta' Novembru 2019 (ĠU L 292, 21.10.2006, p. 2).

- Persuni neqsin (l-Artikolu 32(1)(a) u (b), tar-Regolament (UE) 2018/1862), l-għan ta' din il-kategorija ta' allerti huwa li jinstabu persuni neqsin, inklużi tfal u minorenni mhux akkumpanjati, u li dawn jitqiegħdu taħt protezzjoni jekk dan ikun legali u meħtieġ;
- Persuni vulnerabbli f'riskju, jiġifieri, Tfal f'riskju ta' ħtif/Tfal li jenħtieġ li ma jitħallewx jivvjaġġaw/adulti vulnerabbli li jenħtieġ li ma jitħallewx jivvjaġġaw (l-Artikolu 32(1)(c), (d) u (e) tar-Regolament (UE) 2018/1862), l-għan ta' dan l-allert huwa biex jiġi evitat li t-tfal jinħatfu u biex persuni vulnerabbli ma jitħallewx jivvjaġġaw mingħajr awtorizzazzjoni jew jittieħdu illegalment barra mill-pajjiż. Id-differenza ewlenija bejn il-ħruġ ta' allert dwar persuna nieqsa u allert dwar persuni vulnerabbli li jenħtieġ li ma jitħallewx jivvjaġġaw, hija li fil-każ tal-aħħar il-persuna tkun għadha ma naqsitx, iżda tkun f'riskju li tiġi nieqsa ("allerti preventivi");
- Persuni mfittxija biex jassistu fi proċedura ġudizzjarja (l-Artikolu 34 tar-Regolament (UE) 2018/1862), l-għan ta' din il-kategorija ta' allerti huwa li jinstab il-post ta' residenza jew ta' domiċilju ta' persuni mfittxija biex jassistu fi proċeduri ġudizzjarji kriminali (pereżempju xhieda);
- Persuni u oġġetti għal verifiki diskreti, verifiki ta' investigazzjoni jew verifiki speċifiċi (l-Artikolu 36 tar-Regolament (UE) 2018/1862), l-għan ta' dan l-allert huwa li tinkiseb informazzjoni dwar persuni jew oġġetti relatati għall-finijiet ta' prosekuzzjoni ta' reati kriminali u għall-prevenzjoni ta' theddid għas-sigurtà pubblika jew nazzjonali;
- Oġġetti għall-qbid jew biex jintużaw bħala evidenza fi proċedimenti kriminali (l-Artikolu 38 tar-Regolament (UE) 2018/1862), dan l-allert ikopri oġġetti (vetturi, trejlers, karavans, tagħmir industrijali u komponenti ta' tagħmir industrijali, dgħajjes, magni ta' dgħajjes, armi tan-nar, ċertifikati tar-reġistrazzjoni tal-vettura u pjanċi tan-numru tal-vettura, karti tal-flus u karti tal-flus foloz, prodotti tat-teknoloġija tal-informazzjoni u dokumenti (dokumenti uffiċjali vojta, dokumenti tal-identità maħruġa, bħal passaporti, karti tal-identità, permessi ta' residenza, dokumenti tal-ivvjaġġar u liċenzji tas-sewqan li jkunu nsterqu, miżapproprjati, mitlufin jew invalidati jew ikunu foloz) li jkunu qed jiġu mfittxija għall-finijiet ta' qbid jew użu bħala evidenza fi proċedimenti kriminali.

- Allerti dwar persuna mfittxija mhux magħrufa li jkun fihom biss *data* dwar il-marki tas-swaba' (l-Artikolu 40 tar-Regolament (UE) 2018/1862). Din il-kategorija ta' allerti fiha marki latenti skoperti f'xeni tar-reat jew f'xeni ta' reati terroristiċi. L-għan ta' din il-kategorija ta' allerti huwa li jinstab l-awtur suspettat mhux magħruf tar-reat.

Huwa possibbli li jinstabu allerti multipli fis-SIS dwar l-istess persuna. Dan minħabba l-fatt li diversi Stati ta' Schengen[74] jistgħu joħorġu allert dwar l-istess persuna. F'każ ta' hit bħal din, it-talbiet kollha għal azzjoni jintwerew fuq l-iskrin. Sakemm it-talbiet għal azzjoni jkunu kompatibbli, jeħtieġ li jittieħdu l-azzjonijiet kollha fir-rigward tal-persuna.

Ċerti kategoriji ta' allerti dwar persuni huma "inkompatibbli"[75]. Dan ifisser li allert ġdid dwar l-istess persuna jista' jiddaħħal biss jekk ikun "kompatibbli" mal-allert diġà eżistenti. Meta allert ikun inkompatibbli, dan ifisser li jkun tqies li l-azzjoni mitluba mill-allert minn Stat ta' Schengen partikolari tikkompeti mal-azzjoni mitluba fl-allert minn Stat ta' Schengen ieħor. Il-kategoriji ta' allerti li ġejjin huma inkompatibbli:

- allerti għal ċaħda tad-dħul u ta' soġġorn u allerti dwar persuni neqsin li għandhom jiġu protetti;
- allerti għal ċaħda tad-dħul u ta' soġġorn u allerti dwar persuni vulnerabbli f'riskju;
- allerti dwar ritorn u allerti dwar persuni neqsin li għandhom jiġu protetti;
- allerti dwar ritorn u allerti dwar persuni vulnerabbli f'riskju;
- allerti dwar persuni neqsin u allerti dwar persuni vulnerabbli f'riskju.

Jekk jinstab allert li jkun f'kompetizzjoni jew potenzjalment inkompatibbli, l-Uffiċċju SIRENE għandu jiġi kkuntattjat immedjatament biex jassisti.

---

74 Għall-finijiet tal-ħruġ ta' allerti fis-SIS, hawnhekk l-Istati ta' Schengen ifissru kollha, minbarra Ċipru (li ma għandux aċċess għas-SIS) u l-Kroazja (għall-ħruġ ta' allerti dwar ċaħda tad-dħul, peress li ma tistax toħroġ dawn l-allerti) iżda inkluża l-Irlanda għal xi wħud mill-kategoriji ta' allerti. L-Irlanda ma għandhiex aċċess għal u ma tistax toħroġ allerti fis-SIS dwar ċaħda tad-dħul u r-ritorn.

75 Ara t-tabella fl-Anness 4 tal-Manwal SIRENE (id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni tat-18 ta' Novembru 2021 li tistabbilixxi regoli dettaljati għall-kompiti tal-Uffiċċji SIRENE u għall-iskambju ta' informazzjoni supplimentari dwar allerti fis-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen fil-qasam tal-kooperazzjoni tal-pulizija u l-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali ("Manwal SIRENE - Pulizija") C(2021) 7901 final) u d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni tat-18 ta' Novembru 2021 li tistabbilixxi regoli dettaljati għall-kompiti tal-Uffiċċji SIRENE u l-iskambju ta' informazzjoni supplimentari dwar allerti fis-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen fil-qasam tal-verifiki fuq il-fruntieri u tar-ritorn ("Manwal SIRENE - Fruntieri u ritorn") C(2021) 7900 final.

Hemm ordni ta' prijorità tal-allerti miftiehma iżda hija permessa deroga minn dan meta ż-żewġ Stati ta' Schengen jaqblu. L-ordni ta' prijorità ta' dawk l-allerti li jistgħu jkunu inkompatibbli hija din li ġejja:

1) allerti għal ċaħda tad-dħul u ta' soġġorn;
2) allerti dwar ritorn akkumpanjati minn projbizzjoni fuq id-dħul;
3) allerti dwar persuni neqsin li għandhom jiġu protetti;
4) allerti dwar persuni vulnerabbli f'riskju;
5) allerti għal persuni neqsin li għandhom jiġu lokalizzati;
6) allerti dwar ritorn mhux akkumpanjati minn projbizzjoni fuq id-dħul.

Jekk ikun hemm hit fuq allert fis-SIS u "allert" tal-Interpol fl-istess ħin, trid tiġi segwita l-proċedura tas-SIS peress li l-allerti tas-SIS jieħdu l-preċedenza. Ir-rapporti tal-hits iridu jintbagħtu lill-Uffiċċju SIRENE u mhux lill-Uffiċċju Ċentrali Nazzjonali tal-Interpol.

### 4.2. Tfittxijiet bijometriċi

It-tfittxijiet bijometriċi ġew introdotti bl-implimentazzjoni tal-funzjonalità tas-sistema awtomatizzata għall-identifikazzjoni tal-marki tas-swaba' tas-SIS (SIS AFIS). Dan ifisser li wieħed jista' jfittex fis-SIS anki abbażi tal-marki tas-swaba', mhux biss abbażi ta' *data* alfanumerika.

F'konformità mal-Artikolu 33 tar-Regolament 2018/1861 u mal-Artikolu 43(2) tar-Regolament 2018/1862, id-*data* dattiloskopika fis-SIS tista' tiġi mfittxija fil-każijiet kollha fejn jitqies li tkun meħtieġa biex tiġi identifikata persuna (jiġifieri, jiġi ddeterminat jekk il-persuna vverifikata tkunx is-suġġett ta' allert fis-SIS). Il-ħtieġa li s-SIS tiġi vverifikata b'*data* dattiloskopika fi kwalunkwe każ partikolari trid tiġi deċiża f'konformità mar-regoli tal-UE u dawk nazzjonali. Id-*data* dattiloskopika trid tiġi mfittxija f'każijiet fejn l-identità tal-persuna ma tkunx tista' tiġi aċċertata b'mezzi oħra (jiġifieri, abbażi tad-*data* alfanumerika, id-deskrizzjoni tad-dokument, ir-ritratti jew l-immaġnijiet tal-wiċċ).

### 4.3. Estensjonijiet ta' oġġetti

***Ċerti kategoriji ta' allerti dwar persuni*** (persuni mfittxija għall-arrest, persuni neqsin u vulnerabbli u persuni mfittxija biex jassistu fi proċedimenti kriminali) jista' jkun fihom "estensjonijiet ta' oġġetti", li jkollhom informazzjoni dwar oġġett konness mal-persuna mfittxija u miżjuda bil-għan li tiġi lokalizzata l-persuna.

Jistgħu jiżdiedu estensjonijiet ta' oġġetti fuq it-tipi ta' oġġetti li ġejjin: vetturi, trejlers u karavans; dgħajjes; kontejners; inġenji tal-ajru; armi tan-nar (għall-allerti għal arrest biss); dokumenti vojta.

L-allerti kollha dwar persuni jista' jkun fihom "deskrizzjonijiet tad-dokument ta' identifikazzjoni", li hija data li tiddeskrivi d-dokument ta' identifikazzjoni (validu) (pereżempju d-dokument tal-ivvjaġġar jew il-permess ta' residenza) użat mis-suġġett tal-allert. Huwa possibbli wkoll li tiġi mehmuża kopja tad-dokument mal-allert.

L-għan li jiddaħħlu oġġetti u dokumenti ta' identifikazzjoni bħala estensjonijiet tal-allert ma' allert dwar persuna huwa li tiġi ffaċilitata t-tfittxija ta' persuna li tkun soġġetta għal allert - f'dan il-każ, l-oġġett jew id-dokument ta' identifikazzjoni nnifsu ma huwiex suġġett tal-allert.

L-allerti dwar oġġetti skont l-Artikoli 36 u 38 tar-Regolament (UE) 2018/1862 għandhom l-għan proprju tagħhom kif definit fir-regolamenti rilevanti dwar is-SIS: li titwettaq verifika diskreta, ta' investigazzjoni jew speċifika fil-każ tal-Artikolu 36 jew li jinqabad jew jiġi protett l-oġġett fil-każ tal-Artikolu 38.

### 4.4. Azzjonijiet li għandhom jittieħdu f'każ ta' hit fis-SIS

F'każ ta' hit fis-SIS dwar persuna jew oġġett, l-azzjoni li għandha tittieħed tintwera fuq l-iskrin tal-gwardji tal-fruntiera.

4.4.1. L-individwi mfittxija għall-arrest iridu jinqabdu u jiġu mgħoddija lill-awtoritajiet kompetenti biex jieħdu deċiżjoni dwar kustodja temporanja bl-intenzjoni ta' estradizzjoni jew konsenja lill-Istat tal-UE jew ta' Schengen li jagħmel it-talba.

F'każ li allert għall-arrest ikun ġie indikat minn pajjiżek, ir-raġuni għall-allert xorta tidher bħala "Persuna għall-arrest u konsenja jew estradizzjoni", iżda l-azzjoni li għandha tittieħed mhux se tkun tirrikjedi li tiġi arrestata l-persuna iżda se titlob li "jiġi ddeterminat il-post ta' residenza jew tad-domiċilju tal-persuna".

4.4.2. L-azzjoni li għandha tittieħed fir-rigward taċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi li għalihom jinħareġ l-allert dwar ritorn se tiddependi minn fejn jinsab il-hit.

(a) Jekk il-persuna tkun fi fruntiera esterna u tkun ħierġa mit-territorju tal-Istati ta' Schengen, l-informazzjoni dwar il-fatt li l-persuna kienet tinsab fil-fruntieri esterni mal-ħruġ u tkun telqet mit-territorju tal-Istati ta' Schengen, kif ukoll il-post u l-ħin tal-verifika u jekk il-persuna kinitx soġġetta jew le għal tneħħija (ritorn furzat) trid tinġabar u tiġi mgħoddija lill-Uffiċċju SIRENE nazzjonali.

Wara li jirċievi l-informazzjoni dwar il-hit, jiġifieri konferma li l-persuna tkun telqet mit-territorju tal-Istati ta' Schengen, l-Istat ta' Schengen emittenti jrid iħassar l-allert dwar ir-ritorn mingħajr dewmien. Barra minn hekk, fejn applikabbli, irid jiddaħħal allert għal ċaħda tad-dħul u ta' soġġorn (jew l-allert dwar ir-ritorn jiġi kkonvertit għal allert dwar ċaħda tad-dħul) mill-Istat ta' Schengen emittenti mingħajr dewmien meta d-deċiżjoni ta' ritorn tkun akkumpanjata minn projbizzjoni fuq id-dħul.

F'każ li l-persuna tkun ħierġa mit-territorju tal-Istat ta' Schengen li jkun ħareġ id-deċiżjoni ta' ritorn, l-Istat ta' Schengen emittenti jrid jinforma wkoll lill-awtoritajiet tiegħu stess f'każ ta' hit, sabiex ir-ritorn jiġi kkonfermat u jinħareġ allert dwar ċaħda tad-dħul minn dawn l-awtoritajiet meta applikabbli.

Id-dħul mill-ġdid tal-persuna għandu jiġi miċħud abbażi tal-allert dwar ċaħda tad-dħul fis-SIS meta jkun iddaħħal tali allert. Il-persuna tista' tiġi miċħuda d-dħul abbażi ta' kundizzjonijiet oħra previsti fil-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen.

(b) Jekk il-persuna tinstab fi fruntiera esterna u tkun dieħla fit-territorju tal-Istati ta' Schengen, il-fatt li l-persuna tkun instabet fil-fruntieri esterni mad-dħul, il-post u l-ħin tal-verifika jridu jinġabru u jiġu mgħoddija lill-Uffiċċju SIRENE nazzjonali.

Wara li jirċievi l-informazzjoni dwar il-hit, l-Istat ta' Schengen emittenti jrid iħassar l-allert dwar ir-ritorn mingħajr dewmien. Barra minn hekk, fejn applikabbli, irid jiddaħħal allert għal ċaħda tad-dħul u ta' soġġorn (l-allert dwar ir-ritorn jiġi kkonvertit għal allert dwar ċaħda tad-dħul) mill-Istat ta' Schengen emittenti mingħajr dewmien meta d-deċiżjoni ta' ritorn tkun akkumpanjata minn projbizzjoni fuq id-dħul.

F'każ li l-persuna tkun dieħla fit-territorju tal-Istat ta' Schengen li jkun ħareġ id-deċiżjoni ta' ritorn, l-Istat ta' Schengen emittenti jrid jinforma wkoll lill-awtoritajiet tiegħu stess f'każ ta' hit, sabiex ir-ritorn jiġi kkonfermat u jinħareġ allert dwar ċaħda tad-dħul minn dawn l-awtoritajiet meta applikabbli.

Id-dħul tal-persuna fl-Istati ta' Schengen għandu jiġi miċħud abbażi tal-allert dwar ċaħda tad-dħul fis-SIS meta jkun iddaħħal tali allert. Il-persuna tista' tiġi miċħuda d-dħul abbażi ta' kundizzjonijiet oħra previsti fil-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen.

(c) U jekk il-persuna tkun tinsab fil-pajjiż, jekk il-liġi nazzjonali tippermetti, il-persuna trid titwaqqaf u tiġi interrogata, l-awtorità nazzjonali kompetenti responsabbli għar-ritorn trid tiġi kkuntattjata bil-ħsieb tar-ritorn tal-persuna kif ukoll l-Uffiċċju SIRENE nazzjonali.

Ma huwiex permess li jinħarġu allerti dwar ritorn fir-rigward ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li huma benefiċjarji tad-dritt ta' moviment liberu. Meta jkun hemm hit fuq allert dwar ċaħda tad-dħul imdaħħal f'konformità mal-Artikolu 24 tar-Regolament 2018/1861 dwar ċittadin ta' pajjiż terz li jkun benefiċjarju tad-dritt ta' moviment liberu fl-Unjoni, l-Istat ta' Schengen ta' eżekuzzjoni jrid jikkonsulta immedjatament lill-Istat ta' Schengen emittenti, permezz tal-iskambju ta' informazzjoni supplimentari, sabiex jiddeċiedi mingħajr dewmien dwar l-azzjoni li għandha tittieħed. Ara aktar dettalji fil-punt 8.3 ta' din it-Taqsima.

4.4.3. Iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi li lilhom ikun miċħud id-dħul iridu jiġu miċħuda d-dħul u jiġu rritornati lejn il-post minn fejn ikunu ġew jew lejn il-pajjiż ta' oriġini tagħhom malajr kemm jista' jkun, jekk iċ-ċirkostanzi jippermettu dan. Dawn il-persuni jridu jibqgħu taħt is-superviżjoni tal-gwardji tal-fruntiera sat-tluq tagħhom mit-territorju tal-Istat ta' Schengen. Fil-każ ta' hit fuq allert għal ċaħda tad-dħul u ta' soġġorn fir-rigward ta' ċittadin ta' pajjiż terz li jkun id-detentur ta' permess ta' residenza, għandha tingħata attenzjoni speċjali biex tiġi vverifikata l-awtentiċità u l-validità tal-permess ta' residenza. Barra minn hekk, l-Uffiċċju SIRENE nazzjonali għandu jiġi kkuntattjat immedjatament sabiex titnieda l-proċedura ta' konsultazzjoni stabbilita fl-Artikolu 30 tar-Regolament (UE) 2018/1861 u fl-Artikolu 36 tal-Manwal SIRENE[76].

Għaċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi li huma membri tal-familja ta' ċittadini tal-UE ara d-dispożizzjonijiet speċifiċi li japplikaw għalihom (ara l-punt 8.3 ta' din it-Taqsima).

[76] *Ibid.*

Fil-każ ta' hit fuq allert għal ċaħda tad-dħul li jikkonċerna benefiċjarju tal-Ftehim dwar il-Ħruġ, ara l-gwida speċifika stabbilita fl-Anness 42 ta' dan il-Manwal.

4.4.4. Persuna adulta trid tintalab il-kunsens minn qabel tagħha qabel ma tiġi infurmata l-persuna li tkun irrappurtata bħala nieqsa.

4.4.5. Trid tingħata attenzjoni speċjali lill-minorenni (mhux akkumpanjati jew le) u lill-adulti neqsin li jkunu vulnerabbli u li jeħtieġ li jittieħdu taħt protezzjoni. F'każ ta' hit dwar minorenni vulnerabbli, tfal f'riskju ta' ħtif, tfal li jenħtieġ li ma jitħallewx jivvjaġġaw jew adulti vulnerabbli li jenħtieġ li ma jitħallewx jivvjaġġaw, jekk il-liġi nazzjonali tippermetti, il-persuna trid titwaqqaf u tinġieb quddiem l-awtorità kompetenti li tista' tawtorizza li l-persuna tittieħed f'post sikur sabiex il-persuna ma titħalliex tkompli l-vjaġġ. L-awtorità nazzjonali kompetenti trid tiġi kkuntattjata immedjatament sabiex jiġi deċiż jekk il-persuna għandhiex titqiegħed taħt protezzjoni. L-Uffiċċju SIRENE nazzjonali għandu jiġi kkuntattjat ukoll għal aktar informazzjoni dwar il-każ.

4.4.6. Id-*data* inkluża għall-finijiet ta' verifiki diskreti, ta' investigazzjoni jew speċifiċi għandha tippermetti l-kisba ta' informazzjoni bħal:

- il-fatt li l-persuna li jkun inħareġ allert dwarha tkun ġiet lokalizzata;
- il-post, il-ħin jew ir-raġuni għall-verifika;
- ir-rotta u d-destinazzjoni tal-vjaġġ;
- l-akkumpanjaturi tas-suġġett tal-allert li jista' raġonevolment jiġi preżunt li jkunu assoċjati mas-suġġett tal-allert;
- l-oġġetti użati jew trasportati, inklużi d-dokumenti tal-ivvjaġġar;
- iċ-ċirkostanzi li fihom ikunu ġew lokalizzati l-persuna jew il-vettura, id-dgħajsa, l-inġenju tal-ajru jew il-kontejner;
- kwalunkwe informazzjoni oħra li tkun qed tintalab mill-Istat ta' Schengen emittenti.

Matul il-ġbir ta' din l-informazzjoni abbażi ta' allert dwar verifika diskreta, għandha tinżamm in-natura diskreta tal-verifika.

Matul il-verifika ta' investigazzjoni, għandha tinġabar l-istess informazzjoni, mingħajr il-ħtieġa li tinżamm in-natura diskreta tal-verifika.

Matul verifiki speċifiċi, jistgħu jiġu mfittxija persuni, vetturi, dgħajjes, inġenji tal-ajru, kontejners u oġġetti trasportati sabiex tinkiseb l-informazzjoni elenkata f'dan il-punt.

Jistgħu jintwerew mistoqsijiet addizzjonali li jeħtieġ li jsiru għal verifiki diskreti, ta' investigazzjoni jew speċifiċi.

Meta fl-allert ikun indikat li hija meħtieġa "azzjoni immedjata", l-informazzjoni elenkata f'dan il-punt għandha tiġi kkomunikata mingħajr dewmien lill-Uffiċċju SIRENE nazzjonali.

*** Talba għall-informazzjoni dwar allert fis-SIS**

Jekk persuna titlob informazzjoni dwar l-ipproċessar tad-data personali tagħha fis-SIS u dwar id-drittijiet ta' aċċess tagħha, il-gwardja tal-fruntiera għandu jipprovdi lill-persuna bil-koordinati tal-awtorità nazzjonali kompetenti li hija l-kontrollur tad-data tas-SIS fejn hija tkun tista' teżerċita d-drittijiet tagħha, u tal-awtoritajiet għall-protezzjoni tad-data, u jinforma dwar il-possibbiltà li jitressaq ilment ma' dawn tal-aħħar.

4.4.7. L-oġġetti għall-qbid jew għall-użu bħala evidenza fi proċedimenti kriminali jinkludu:

- vetturi bil-mutur irrispettivament mis-sistema ta' propulsjoni;
- partijiet komponenti identifikabbli ta' vetturi bil-mutur;
- trejlers b'piż tara li jeċċedi 750 kg;
- karavans;
- tagħmir industrijali;
- partijiet komponenti identifikabbli ta' tagħmir industrijali;
- dgħajjes u magni ta' dgħajjes;
- kontejners;
- inġenji tal-ajru u magni ta' inġenji tal-ajru;
- armi tan-nar;
- dokumenti uffiċjali vojta li jkunu nsterqu, ġew miżapproprjati jew mitlufa jew dokumenti li jiġu ppreżentati bħala tali dokumenti iżda fil-fatt ikunu foloz;

- dokumenti tal-identità maħruġin, bħal passaporti, karti tal-identità, permessi ta' residenza, dokumenti tal-ivvjaġġar kif ukoll liċenzji tas-sewqan li jkunu nsterqu, ġew miżapproprjati, mitlufa jew invalidati jew li jiġu ppreżentati bħala tali dokumenti iżda fil-fatt ikunu foloz;
- ċertifikati tar-reġistrazzjoni tal-vettura u pjanċi tal-vettura li jkunu nsterqu, ġew miżapproprjati, mitlufa jew invalidati jew li jiġu ppreżentati bħala tali dokumenti jew pjanċi iżda li fil-fatt ikunu foloz;
- karti tal-flus (karti rreġistrati) u karti tal-flus iffalsifikati;
- prodotti tat-teknoloġija tal-informazzjoni.

*** L-aħjar prattika – qbid ta' dokumenti tal-ivvjaġġar:**

Il-gwardji tal-fruntiera għandhom jissekwestraw id-dokumenti kollha tal-ivvjaġġar li jkunu rreġistrati fis-SIS bħala misruqa, miżapproprjati, mitlufin jew invalidati jew li jiġu ppreżentati bħala tali dokumenti jew pjanċi iżda jkunu foloz, b'mod partikolari meta dan jikkonċerna dokument li jkun ġie invalidat għal skopijiet ta' vjaġġar. Jista' jagħti l-każ li d-detentur ta' dokument irreġistrat fis-SIS għall-qbid ikun jista' jipprova li huwa s-sid leġittimu ta' dan id-dokument, li d-dokument ġie rreġistrat fis-SIS minħabba li ġie rrapportat bħala mitluf jew misruq, iżda li l-persuna reġgħet sabet id-dokument u nsiet tirrapporta dan lill-awtoritajiet kompetenti. F'każ bħal dan, l-identità tad-detentur tad-dokument tal-ivvjaġġar u d-dritt tiegħu li juża d-dokument għal skopijiet ta' vjaġġar għandhom dejjem jiġu vverifikati mal-awtoritajiet kompetenti, fejn ikun meħtieġ f'kooperazzjoni mal-Uffiċċju SIRENE nazzjonali

Għal aktar informazzjoni dwar l-azzjoni li għandha tittieħed f'każ ta' allert tas-SIS, il-gwardji tal-fruntiera għandhom jikkuntattjaw lill-Uffiċċju SIRENE nazzjonali u jikkonsultaw il-proċeduri nazzjonali dwar l-azzjonijiet ta' segwitu f'każ ta' hit fis-SIS.

*** Bażi legali:**

- Ir-Regolament (UE) 2018/1860 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' Novembru 2018 dwar l-użu tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen għar-ritorn ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi b'soġġorn illegali

- Ir-Regolament (UE) 2018/1861 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' Novembru 2018 dwar l-istabbiliment, it-tħaddim u l-użu tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen

(SIS) fil-qasam tal-verifiki fuq il-fruntieri, u li jemenda l-Konvenzjoni li timplimenta l-Ftehim ta' Schengen, u li jemenda u jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1987/2006

- Ir-Regolament (UE) 2018/1862 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' Novembru 2018 dwar l-istabbiliment, it-tħaddim u l-użu tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen (SIS) fil-qasam tal-kooperazzjoni tal-pulizija u l-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali, li jemenda u jħassar id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2007/533/ĠAI, u jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1986/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2010/261/UE

- Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni tal-15 ta' Jannar 2021 li tistabbilixxi r-regoli tekniċi meħtieġa għad-dħul, l-aġġornament, it-tħassir u t-tiftix ta' *data* fis-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen (SIS) u miżuri ta' implimentazzjoni oħrajn fil-qasam tal-kooperazzjoni tal-pulizija u l-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali C(2021) 92 final

- Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni tal-15 ta' Frar 2021 li tistabbilixxi r-regoli tekniċi meħtieġa għad-dħul, l-aġġornament, it-tħassir u t-tiftix ta' *data* fis-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen (SIS) u miżuri oħra ta' implimentazzjoni fil-qasam tal-verifiki fil-fruntieri u r-ritorn C(2021) 660 final

- Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni tat-18 ta' Novembru 2021 li tistabbilixxi regoli dettaljati għall-kompiti tal-Uffiċċji SIRENE u għall-iskambju ta' informazzjoni supplimentari dwar allerti fis-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen fil-qasam tal-kooperazzjoni tal-pulizija u l-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali ("Manwal SIRENE - Pulizija") C(2021) 7901 final

- Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni tat-18 ta' Novembru 2021 li tistabilixxi regoli dettaljati għall-kompiti tal-Uffiċċji SIRENE u l-iskambju ta' informazzjoni supplimentari dwar allerti fis-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen fil-qasam tal-verifiki fuq il-fruntieri u tar-ritorn ("Manwal SIRENE - Fruntieri u ritorn") C(2021) 7900 final

4.5. Id-dokumenti tal-ivvjaġġar tal-persuni kollha jeħtieġ li jiġu kontroverifikati mal-SLTD tal-Interpol matul il-verifiki fuq il-fruntiera. L-SLTD fiha dettalji ta' passaporti misruqa u mitlufa kif sottomessi lill-bażi tad-*data* tal-STLD mill-pajjiż li jkun ħareġ dokument. F'każ

ta' hit fl-STLD, il-gwardja tal-fruntiera għandu jieħu l-azzjoni meħtieġa/rakkomandata skont il-liġi nazzjonali.

## 5. REGOLI SPEĊJALI GĦALL-VERIFIKI FUQ ĊERTI KATEGORIJI TA' PERSUNI

### 5.1. Kapijiet ta' Stat

Il-Kapijiet ta' Stat u l-membri tad-delegazzjonijiet tagħhom, li l-wasla u t-tluq tagħhom ikunu tħabbru b'mod uffiċjali permezz ta' mezzi diplomatiċi lill-gwardji tal-fruntiera, ma jistgħux ikunu soġġetti għal verifiki fuq il-fruntiera.

| *** Bażi legali:** |
| --- |
| - Il-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen (l-Anness VII) |

### 5.2. Bdoti ta' inġenji tal-ajru

5.2.1. Il-bdoti ta' inġenji tal-ajru u membri oħra tal-ekwipaġġ jistgħu jaqsmu l-fruntiera matul il-qadi ta' dmirijiethom abbażi tal-liċenzja ta' bdot jew iċ-ċertifikat ta' membru tal-ekwipaġġ tagħhom kif previst fl-Anness 9 tal-Konvenzjoni tas-7 ta' Diċembru 1944 dwar l-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali (il-Konvenzjoni ICAO), meta:

(a) jimbarkaw u jiżbarkaw f'ajruport ta' waqfa (stop-over) jew f'ajruport tal-wasla li jinsab fit-territorju ta' Stat ta' Schengen;

(b) jidħlu fit-territorju ta' muniċipalità ta' ajruport tal-waqfa jew ta' ajruport tal-wasla li jkun jinsab fit-territorju ta' Stat ta' Schengen;

(c) jivvjaġġaw, bi kwalunkwe mezz ta' trasport, lejn ajruport li jinsab fit-territorju ta' Stat ta' Schengen sabiex jimbarkaw fuq inġenju tal-ajru li jkun se jitlaq minn dak l-istess ajruport.

Fil-każijiet l-oħrajn kollha, il-kundizzjonijiet ġenerali tad-dħul għaċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi jridu jiġu ssodisfati.

5.2.2. Kull fejn ikun possibbli, matul il-verifiki fl-ajruporti, għandha tingħata prijorità lill-verifiki fuq l-ekwipaġġi tal-inġenji tal-ajru, jiġifieri għandhom isirulhom il-verifiki jew qabel il-passiġġieri jew f'postijiet speċjali ddedikati. L-ekwipaġġi li jkunu magħrufa mill-persunal responsabbli għall-kontrolli fuq il-fruntieri fit-twettiq ta' dmirijiethom jistgħu jkunu soġġetti għal verifiki saltwarji biss.

*** Bażi legali:**

- Il-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen (l-Anness VII)

- Il-Konvenzjoni tal-ICAO

## 5.3. Baħħara[77]

5.3.1. L-Istati ta' Schengen jistgħu jawtorizzaw lill-baħħara li jkollhom dokument tal-identità tal-baħħara maħruġ f'konformità mal-Konvenzjoni dwar id-Dokumenti tal-Identità tal-Baħħara Nru 108 (1958) jew Nru 185 (2003) tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol (ILO), il-Konvenzjoni dwar il-Faċilitazzjoni tat-Traffiku Marittimu Internazzjonali (il-Konvenzjoni FAL) u l-liġi nazzjonali rilevanti, biex jidħlu fl-Istati ta' Schengen billi jinżlu l-art biex jibqgħu fiż-żona tal-port fejn jidħlu l-bastimenti tagħhom jew fil-muniċipalitajiet ta' madwar, jew joħorġu mill-Istati ta' Schengen billi jirritornaw abbord, mingħajr ma jippreżentaw ruħhom f'punt ta' qsim tal-fruntiera, bil-kundizzjoni li huma jkunu jidhru fuq il-lista tal-ekwipaġġ tal-bastiment tagħhom, li tkun ġiet sottomessa minn qabel għal verifika mill-awtoritajiet kompetenti.

Madankollu, abbażi ta' valutazzjoni tar-riskji tas-sigurtà interna u tal-immigrazzjoni illegali, il-baħħara jridu jkunu soġġetti għal verifika f'konformità mal-Artikolu 8 tal-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen mill-gwardji tal-fruntiera qabel ma jinżlu l-art.

5.3.2. Il-baħħara li jkun beħsiebhom joqogħdu barra mill-muniċipalitajiet li jinsabu fil-viċinanza tal-portijiet iridu jikkonformaw mal-kundizzjonijiet ġenerali għad-dħul fit-territorju tal-Istati ta' Schengen.

Madankollu, id-detenturi ta' ktieb validu tal-baħħara jew dokument tal-identità tal-baħħara jistgħu jiġu awtorizzati jidħlu fit-territorju ta' Stat ta' Schengen, anke jekk ma jkollhomx viża valida u/jew ma jkunux jistgħu juru li għandhom mezzi suffiċjenti ta' sussistenza fiċ-ċirkostanzi li ġejjin:

- l-imbark fuq bastiment li jkun diġà ankrat jew li dalwaqt ikun se jasal f'port ta' Stat ta' Schengen;
- it-tranżitu lejn pajjiż terz jew ir-ritorn lejn il-pajjiż tal-oriġini;

[77] Il-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen juża t-terminu "baħħara". Għall-finijiet ta' dan il-Manwal, it-terminu "baħħar" huwa preferut, peress li kemm il-Konvenzjonijiet Nru 108 u 185 tal-ILO kif ukoll il-Konvenzjoni dwar il-Faċilitazzjoni tat-Traffiku Marittimu Internazzjonali (FAL) jirreferu għalih.

- każijiet ta' emerġenza jew każijiet ta' bżonn (mard, tkeċċija, tmiem ta' kuntratt, eċċ.).

F'każijiet bħal dawn, id-detenturi ta' ktieb tal-baħħara jew ta' dokument tal-identità tal-baħħara li huma meħtieġa li jkollhom viża minħabba n-nazzjonalità tagħhom u li ma jkollhomx waħda meta jidħlu fit-territorju ta' Stat ta' Schengen, tista' tinħarġilhom viża fil-fruntiera (ara l-punt 9 ta' din it-Taqsima).

*** Bażi legali:**

- Il-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen (l-Anness VII)

-Il-Konvenzjoni tal-ILO Nru 185

- Il-Konvenzjoni FAL

5.4. **Detenturi ta' passaporti diplomatiċi, uffiċjali jew ta' servizz u membri ta' organizzazzjonijiet internazzjonali**

5.4.1. Minħabba l-privileġġi speċjali jew l-immunitajiet li jgawdu, id-detenturi ta' passaporti diplomatiċi, uffiċjali jew ta' servizz maħruġa minn Stati terzi u mill-Gvernijiet tagħhom li huma rikonoxxuti mill-Istati ta' Schengen, li jkunu qed jivvjaġġaw matul il-qadi ta' dmirijiethom, jistgħu jingħataw prijorità fuq vjaġġaturi oħra fil-verifiki fuq il-fruntiera minkejja li jibqgħu, fejn applikabbli, soġġetti għall-ħtieġa ta' viża. Id-detenturi ta' dawn id-dokumenti ma jridux ikunu meħtieġa jippruvaw li għandhom mezzi suffiċjenti ta' sussistenza.

5.4.2. Jekk persuna li tippreżenta ruħha fil-fruntiera esterna tinvoka privileġġi, immunitajiet u eżenzjonijiet, il-gwardja tal-fruntiera jista' jitlobha tipprovdi evidenza tal-istatus tagħha billi tipproduċi d-dokumenti xierqa, b'mod partikolari ċertifikati maħruġa mill-Istat ta' akkreditazzjoni jew passaport diplomatiku jew mezzi oħra. Fejn ikun hemm dubji, il-gwardja tal-fruntiera jista', f'każijiet urġenti, jikkuntattja direttament lill-Ministeru tal-Affarijiet Barranin.

Barra minn hekk, il-gwardji tal-fruntiera ma jistgħux jiċħdu d-dħul fit-territorju tal-Istati ta' Schengen lid-detenturi ta' passaporti diplomatiċi, uffiċjali jew ta' servizz mingħajr ma l-ewwel jikkonsultaw lill-awtoritajiet nazzjonali xierqa. Dan japplika wkoll meta jkun iddaħħal allert fis-SIS dwar il-persuna.

5.4.3. Il-membri akkreditati ta' missjonijiet diplomatiċi u ta' rappreżentanzi konsulari u l-familji tagħhom jistgħu jidħlu fit-territorju tal-Istati ta' Schengen wara li jippreżentaw karta maħruġa mill-Ministeri tal-Affarijiet Barranin tal-Istati ta' Schengen u d-dokument li jawtorizzahom jaqsmu l-fruntiera.

Il-verifika tal-kundizzjonijiet għad-dħul ma hijiex meħtieġa meta d-diplomatiku jidħol fit-territorju tal-Istat ta' Schengen fejn ikun akkreditat, jew fejn ikollu d-dritt ta' soġġorn twil.

5.4.4. Id-diplomatiċi li jkunu akkreditati barra mit-territorju tal-Istati ta' Schengen iridu jissodisfaw ir-rekwiżiti ġenerali tad-dħul meta jivvjaġġaw għal skopijiet privati.

5.4.5. Meta jkun hemm riskju u suspett ġustifikat ta' għemil ħażin jew attività kriminali minn diplomatiċi, il-Ministeru tal-Affarijiet Barranin tal-pajjiż ikkonċernat irid jiġi infurmat immedjatament.

5.4.6. F'konformità mal-Konvenzjoni ta' Vjenna dwar ir-Relazzjonijiet Diplomatiċi tat-18 ta' April 1961, id-diplomatiċi jgawdu mill-invjolabbiltà u immunitajiet oħra biss fil-pajjiż li fih ikunu akkreditati u f'dawk il-pajjiżi li jgħaddu minnhom biex jibdew jew biex jirritornaw għall-kariga tagħhom jew meta jirritornaw lejn pajjiżhom. Dan ma japplikax jekk ikunu qed jivvjaġġaw għal skopijiet privati.

5.4.7. Il-membri ta' organizzazzjonijiet internazzjonali li jkollhom dokumenti maħruġa mill-organizzazzjonijiet internazzjonali elenkati f'dan il-punt u li jkunu qed iwettqu dmirijiethom jistgħu, fejn ikun possibbli, jingħataw trattament preferenzjali matul il-verifiki fuq il-fruntieri.

Iridu jiġu kkunsidrati, b'mod partikolari, id-dokumenti li ġejjin:

- il-laissez-passer tan-Nazzjonijiet Uniti maħruġ lill-persunal tan-Nazzjonijiet Uniti u aġenziji subordinati skont il-Konvenzjoni dwar il-Privileġġi u l-Immunitajiet ta' Aġenziji Speċjalizzati, adottata mill-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti fil-21 ta' Novembru 1947 fi New York;
- il-laissez-passer tal-Unjoni Ewropea (UE);
- iċ-ċertifikat ta' leġittimità maħruġ mis-Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Ewropa;

– id-dokumenti maħruġa skont il-paragrafu 2 tal-Artikolu III tal-Ftehim bejn il-Partijiet għat-Trattat tal-Atlantiku tat-Tramuntana rigward l-Istatus tal-Forza tagħhom (karti tal-identità militari akkumpanjati minn ordni tal-ivvjaġġar, mandat tal-ivvjaġġar, jew ordni ta' moviment individwali jew kollettiv) kif ukoll id-dokumenti maħruġa fil-qafas tas-Sħubija għall-Paċi.

Bħala regola ġenerali, id-detenturi ta' dawn id-dokumenti ma humiex meħtieġa jagħtu prova li għandhom mezzi suffiċjenti ta' sussistenza.

*** Bażi legali:**

- Il-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen (l-Anness VII)

- Il-Konvenzjoni ta' Vjenna dwar ir-Relazzjonijiet Diplomatiċi tat-18 ta' April 1961

**** Link:***

- Informazzjoni dwar derogi nazzjonali mir-rekwiżiti tal-viża

5.5. **Residenti tal-fruntiera li jibbenefikaw minn reġim tat-traffiku lokali tal-fruntiera**

5.5.1. Ir-residenti tal-fruntiera ta' pajjiż terz ġar li jkollhom permess tat-traffiku lokali tal-fruntiera ("LBT") maħruġ fil-qafas ta' reġim tat-traffiku lokali tal-fruntiera, ibbażat fuq ftehim bilaterali bejn Stat ta' Schengen u l-pajjiż terz ikkonċernat, jibbenefikaw minn trattament speċjali meta jaqsmu l-fruntiera, jiġifieri:

– ma humiex meħtieġa li jkollhom viża, jekk ikollhom permess tal-LBT maħruġ mill-Istat ta' Schengen li jkunu jridu jaqsmu l-fruntiera tiegħu. Jistgħu jkunu meħtieġa li jkollhom passaport, flimkien mal-permess tal-LBT, jekk dan ikun previst fil-ftehim bilaterali mal-pajjiż terz ikkonċernat;

– wara li jiġu aċċertati l-validità u l-awtentiċità tal-permess tal-LBT li jagħti prova tal-istatus ta' resident tal-fruntiera tal-persuna, ma għandhomx jitwettqu aktar verifiki dwar l-iskop tal-vjaġġ, jew dwar il-pussess ta' mezzi ta' sussistenza;

– la l-permess tal-LBT, u lanqas il-passaport, meta jkun meħtieġ, ma għandhom jiġu ttimbrati mad-dħul jew mal-ħruġ.

5.5.2. Il-qsim tal-fruntiera għal dawn id-detenturi ta' permess jista' jiġi ffaċilitat aktar, fil-qafas tal-ftehimiet bilaterali bejn Stat ta' Schengen u pajjiż terz, f'konformità mal-punt 3 tat-Taqsima II.

*** Bażi legali:**

- Ir-Regolament (KE) Nru 1931/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Diċembru 2006 li jistabbilixxi r-regoli dwar it-traffiku lokali tal-fruntiera fil-fruntieri esterni fuq l-art tal-Istati Membri u li jemenda d-dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni ta' Schengen;

- Il-Ftehimiet bilaterali konklużi mill-Istati ta' Schengen dwar it-traffiku lokali tal-fruntiera

## 5.6. Minorenni

5.6.1. Il-minorenni jimmeritahom l-attenzjoni partikolari tal-gwardji tal-fruntiera, kemm jekk ikunu qed jivvjaġġaw akkumpanjati kif ukoll jekk le. Il-minorenni kollha għandhom jiġu ttrattati f'konformità mal-prinċipju ta' "l-aħjar interess tat-tfal" matul il-proċeduri fuq il-fruntiera. Il-minorenni għandhom jingħataw prijorità matul il-proċeduri fuq il-fruntiera, u dejjem għandhom jiġu żgurati trattament u atmosfera adatti għat-tfal. Il-gwardji tal-fruntiera għandhom id-dmir li jipprovdu informazzjoni u jispjegaw il-proċeduri fuq il-fruntiera b'mod adattat għat-tfal (pereżempju, jużaw interpreti jew ipinġu stampi) u jiżguraw li l-minorenni jifhmu. Dan jinkludi d-determinazzjoni inizjali tal-ħtieġa possibbli ta' protezzjoni internazzjonali fil-każ ta' minorenni migranti li jaslu fl-UE b'mod irregolari u r-riferiment fil-pront tagħhom lill-awtoritajiet nazzjonali għall-protezzjoni tat-tfal skont l-età u l-ħtiġijiet tagħhom.

F'każijiet ta' dubju dwar l-età reali tal-persuna, il-persuna għandha tiġi ttrattata bħala minorenni sakemm il-proċedura ta' valutazzjoni tal-età tikkonkludi mod ieħor. F'każijiet bħal dawn, u b'mod partikolari fejn jidher possibbli li l-persuna tkun minorenni, il-persuna għandha tiġi riferuta mill-aktar fis possibbli lill-awtoritajiet kompetenti biex jieħdu ħsieb il-minorenni, inkluż għat-twettiq ta' valutazzjoni tal-età. Jekk ikun hemm raġunijiet serji biex wieħed jissuspetta li dawn setgħu tneħħew b'mod illegali mill-kustodja tal-persuna li teżerċita legalment il-kustodja tal-ġenituri fuqhom, jew fil-każ ta' kwalunkwe suspett ta' abbuż ta' trattament ħażin, l-awtoritajiet nazzjonali għall-protezzjoni tat-tfal għandhom jiġu kkuntattjati mill-aktar fis possibbli.

Fir-rigward ta' minorenni li jkunu qed jaqsmu l-fruntiera esterna tal-ajru tal-Unjoni Ewropea, għandhom jiġu kkunsidrati l-Linji Gwida għall-gwardji tal-fruntiera stabbiliti mill-Frontex fil-Manwal VEGA tagħha: It-tfal fl-ajruporti.

5.6.2. Matul il-verifiki fuq il-fruntiera, fil-każ ta' minorenni akkumpanjati, il-gwardja tal-fruntiera jrid jivverifika li l-persuni li jkunu qed jakkumpanjaw lill-minorenni jkollhom il-kustodja tal-ġenituri fuqhom, speċjalment meta l-minorenni jkunu akkumpanjati minn adult wieħed biss. Jekk dan ikun il-każ, il-gwardja tal-fruntiera jrid jagħmel l-investigazzjonijiet kollha meħtieġa sabiex jipprevjeni l-ħtif jew fi kwalunkwe każ it-tneħħija illegali tal-minorenni.

Sabiex jiġi evitat li minorenni jgħibu, ir-reġistrazzjoni jeħtieġ li tiġi żgurata malajr kemm jista' jkun, speċjalment f'każijiet ta' minorenni mingħajr dokumenti.

5.6.3. Il-minorenni mhux akkumpanjati jridu jiġu skrutinizzati, permezz ta' verifika bir-reqqa tad-dokumenti tal-ivvjaġġar u tad-dokumenti ta' sostenn tagħhom, sabiex jiġi żgurat li ma jidħlux jew ma jitilqux mit-territorju kontra x-xewqat tal-persuna/i li jkollhom il-kustodja ta' ġenitur. Fil-kuntatti kollha mal-minorenni għandu jintuża lingwaġġ xieraq għat-tfal adattat għall-maturità tal-minorenni u jista' jinkludi l-assistenza ta' interpretu jew medjatur kulturali, jekk ikun meħtieġ.

5.6.4. Jekk ikun hemm dubju dwar jekk minorenni li jkun ċittadin tal-UE jew ċittadin ta' pajjiż terz legalment residenti fl-UE huwiex awtorizzat jaqsam il-fruntiera mal-ħruġ, għandu jiġi kkuntattjat il-punt ta' kuntatt nazzjonali dwar il-minorenni tal-Istat tal-UE jew ta' Schengen tan-nazzjonalità jew tar-residenza tal-minorenni.

Jekk tasal informazzjoni li tindika l-possibbiltà ta' ħtif jew suspett ta' ħruġ mhux awtorizzat ta' minorenni li jkun ċittadin tal-UE jew ċittadin ta' pajjiż terz residenti legalment fl-UE, il-gwardja tal-fruntiera għandu:

– jiċħad il-ħruġ tal-minorenni, jew

– f'ċirkostanzi fejn ma jkunx hemm raġunijiet suffiċjenti biex jiġi miċħud il-ħruġ ta' minorenni iżda jkun hemm tħassib dwar id-dritt ta' kustodja, jiġbor informazzjoni dwar il-persuna li tkun qed takkumpanja lill-minorenni u d-destinazzjoni tagħhom. Dik l-informazzjoni għandha, f'konformità mal-leġiżlazzjoni nazzjonali applikabbli, tintbagħat immedjatament lill-punt ta' kuntatt nazzjonali dwar il-minorenni tal-Istat tal-UE jew ta' Schengen tan-nazzjonalità jew tar-residenza tal-minorenni.

Fil-kuntest tal-proċeduri stabbiliti fil-punt 5.6 ta' din it-Taqsima, il-kompiti għall-punti ta' kuntatt nazzjonali dwar il-minorenni għandhom jinkludu:

– li jipprovdu, fejn ikun possibbli, informazzjoni dwar l-identità (l-isem, in-nazzjonalità u d-data tat-twelid) tal-minorenni u tal-persuna li tkun qed takkumpanja lill-minorenni u dwar ir-relazzjoni ta' bejniethom;

– javżaw aġenziji nazzjonali oħra kkonċernati b'minorenni li jagħtu lok għal tħassib u jinfurmawhom dwar kwalunkwe miżura ta' prekawzjoni li tikkonċerna lill-minorenni;

– jagħtu pariri u assistenza lil Stati oħra tal-UE jew ta' Schengen dwar il-proċeduri nazzjonali u r-rekwiżiti ta' dokumenti.

*** Bażi legali:**

- Il-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen (l-Anness VII)

*** Links:**

- Lista ta' punti ta' kuntatt nazzjonali għal skopijiet ta' konsultazzjoni dwar il-minorenni

- Lista ta' punti ta' kuntatt fl-Istati Membri għal kwistjonijiet ta' ġestjoni tal-fruntieri

- VEGA Handbook: Children at airports: children at risk on the move: Guidelines for border guards

### 5.7. Studenti tal-iskola minn pajjiżi terzi residenti fi Stat Membru tal-UE jew f'pajjiż terz li ma huwiex soġġett għall-obbligu tal-viża[78]

5.7.1. L-istudenti tal-iskola li jkunu ċittadini ta' pajjiż terz soġġett għall-obbligu tal-viża iżda li jkunu residenti legalment fi Stat Membru tal-UE u li jivvjaġġaw fil-qafas ta' eskursjoni skolastika ma humiex meħtieġa li jkollhom viża għal tranżitu jew għal soġġorn qasir fit-territorju ta' Stat Membru ieħor tal-UE, dment li jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) ikunu akkumpanjati minn għalliem mill-iskola inkwistjoni, li jkollu dokument tal-ivvjaġġar validu u viża jekk meħtieġa;

(b) l-għalliem ikun jista' jipproduċi formola, maħruġa mill-iskola, u li tippermetti li jiġu identifikati l-istudenti kollha tal-iskola li jkunu qed jipparteċipaw fl-eskursjoni, u fejn l-għan u ċ-ċirkostanzi tas-soġġorn jew tat-tranżitu previst ikunu speċifikati b'mod ċar;

(c) l-istudenti tal-iskola jkollhom dokument validu għall-qsim tal-fruntiera.

Madankollu, dan ir-rekwiżit tal-aħħar – il-pussess ta' dokument tal-ivvjaġġar validu – jitneħħa jekk:

– il-formola msemmija fil-punt (b) ikun fiha ritratt kurrenti ta' dawk l-istudenti li ma jkunux jistgħu jidentifikaw ruħhom b'karta tal-identità li jkollha ritratt;

---

78 Il-punt 5.7 ma japplikax għan-Norveġja, l-Iżlanda, l-Iżvizzera u l-Liechtenstein.

– l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tal-UE fejn jirrisjedu l-istudenti tal-iskola tikkonferma l-istatus ta' residenza tagħhom kif ukoll id-dritt tagħhom għad-dħul mill-ġdid fit-territorju tiegħu u tiżgura li l-formola tkun awtentikata kif xieraq (jiġifieri bit-timbru tal-awtorità nazzjonali kompetenti);

– l-Istat Membru tal-UE fejn jirrisjedu l-istudenti tal-iskola jkun innotifika lill-Istati Membri l-oħra tal-UE li jixtieq li l-listi tiegħu jiġu rikonoxxuti bħala dokument validu tal-ivvjaġġar.

5.7.2. Id-dispożizzjonijiet stabbiliti fil-punt 5.7.1 ma jeżentawx lill-istudenti tal-iskola, u lanqas lill-għalliem(a) li jakkumpanjawhom milli jkunu soġġetti għal verifiki fuq il-fruntiera f'konformità mar-regoli ġenerali (il-punt 1 ta' din it-Taqsima).

Id-dħul jew it-tranżitu jistgħu jiġu miċħuda lilhom jekk ikun hemm raġunijiet għal dan, f'konformità mal-punt 8 ta' din it-Taqsima.

5.7.3. L-eżenzjoni mill-viża tista' tiġi estiża wkoll għal studenti tal-iskola fuq eskursjoni skolastika li jkunu ċittadini ta' pajjiżi terzi soġġetti għall-obbligu tal-viża iżda li jirrisjedu f'pajjiż terz li jkun eżentat minn dak l-obbligu (pereżempju, studenti tal-iskola ta' nazzjonalità Torka li jirrisjedu legalment fil-Montenegro).

*** Bażi legali:**

- 94/795/JHA:Id-Deċiżjoni tal-Kunsill tat-30 Novembru 1994 dwar azzjoni konġunta adottata mill-Kunsill fuq il-bażi tal-Artikolu K.3.2.b tat-Trattat tal-Unjoni Ewropea dwar faċilitajiet tal-ivvjaġġar għal tfal tal-iskola minn pajjiżi terzi residenti fi Stat Membru

- Ir-Regolament (UE) 2018/1806 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Novembru 2018 li jelenka l-pajjiżi terzi li ċ-ċittadini tagħhom għandhom ikollhom viża fil-pussess tagħhom meta jaqsmu l-fruntieri esterni u dawk li ċ-ċittadini tagħhom huma eżenti minn dik il-ħtieġa

5.8. **Ħaddiema transfruntiera**

Il-ħaddiema transfruntiera u kategoriji oħra ta' vjaġġaturi transfruntiera li huma magħrufa sew mal-gwardji tal-fruntiera minħabba li jaqsmu l-fruntiera ta' spiss fl-istess punt ta' qsim tal-fruntiera, u li, abbażi ta' verifika inizjali, ma jkunux irriżultaw li huma s-suġġetti ta' xi allert fl-SIS jew f'xi fajl nazzjonali tad-data jridu jkunu suġġetti biss għal verifiki saltwarji biex ikun żgurat li jkollhom dokument validu li jawtorizzahom jaqsmu l-fruntiera u li jissodisfaw il-kundizzjonijiet tad-dħul neċessarji. Il-verifiki saltwarji għandhom jitwettqu f'konformità mal-proċeduri applikabbli, rispettivament, għaċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi b'mod ġenerali u għall-persuni li jgawdu mid-dritt ta' moviment liberu skont id-dritt tal-Unjoni.

Iridu jsiru verifiki bir-reqqa fuq dawk il-persuni minn żmien għal żmien, mingħajr avviż u f'intervalli irregolari.

*** Bażi legali:**

- Il-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen (l-Anness VII)

## 5.9. Turisti ADS

Il-Memorandum ta' Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Amministrazzjoni Nazzjonali tat-Turiżmu tar-Repubblika Popolari taċ-Ċina fuq il-viżi u l-kwistjonijiet relatati mal-gruppi tat-turisti mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina (Status tad-Destinazzjoni Approvata)[79] jirregola b'mod speċifiku l-ivvjaġġar ta' gruppi ta' turisti ta' ċittadini Ċiniżi miċ-Ċina lejn it-territorju tal-Unjoni.

Il-parteċipanti f'dawn il-gruppi tal-ivvjaġġar Ċiniżi ("turisti ADS"), li għandhom ikunu magħmula minn tal-anqas 5 persuni, iridu jidħlu u joħorġu mit-territorju tal-Unjoni bħala grupp. Huma jridu wkoll jivvjaġġaw fit-territorju tal-Unjoni bħala grupp skont il-programm tal-ivvjaġġar stabbilit minn qabel.

Bħala regola, it-turisti ADS iridu jkunu akkumpanjati minn mexxej tal-ġita, li jrid jiżgura li t-turisti jidħlu u joħorġu mill-Unjoni bħala grupp.

Iridu jitwettqu l-proċeduri normali ta' verifika (ara l-punt 1.2 ta' din it-Taqsima) fuq gruppi ta' turisti ADS. Il-verifiki jistgħu jinkludu wkoll il-verifika tal-istatus ADS, li, fi kwalunkwe każ, għandu jkun indikat fl-istiker tal-viża. Il-viżi li jkollhom ir-referenza "ADS" huma dejjem viżi individwali. Il-mexxej tal-ġita wkoll irid jiġi sottomess għall-proċeduri normali ta' verifika li jinkludu l-verifika tal-istatus tiegħu ta' mexxej tal-ġita.

Il-gwardja tal-fruntiera jista' jitlob ukoll dokumenti ta' sostenn, li jagħtu prova tal-istatus ADS u ta' mexxej tal-ġita.

*** Bażi legali:**

- Id-Deċiżjoni tal-Kunsill tat-8 ta' Marzu 2004 dwar il-konklużjoni tal-Memorandum ta' Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Amministrazzjoni Nazzjonali tat-Turiżmu tar-Repubblika Popolari taċ-Ċina fuq il-viżi u l-kwistjonijiet relatati mal-gruppi tat-turisti mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina (ADS)

## 5.10. Servizzi ta' salvataġġ, pulizija, servizzi tat-tifi tan-nar u gwardji tal-fruntiera

79 ĠU L 83, 20.3.2004, p. 14.

L-arranġamenti għad-dħul u l-ħruġ ta' membri tas-servizzi ta' salvataġġ, tal-pulizija, tas-servizzi tat-tifi tan-nar li jaġixxu f'sitwazzjonijiet ta' emerġenza kif ukoll tal-gwardji tal-fruntiera li jaqsmu l-fruntiera fl-eżerċizzju tal-kompiti professjonali tagħhom, għandhom jiġu stabbiliti mil-liġi nazzjonali.

## 5.11. Ħaddiema offshore

Il-ħaddiema offshore, li jirritornaw regolarment lejn l-Istati ta' Schengen mingħajr ma jkunu qagħdu fit-territorju ta' pajjiż terz, ma għandhomx jiġu vverifikati b'mod sistematiku. Madankollu, għandha tiġi kkunsidrata valutazzjoni tar-riskji tal-immigrazzjoni illegali sabiex tiġi ddeterminata l-frekwenza tal-verifiki li għandhom jitwettqu.

## 5.12. Ħaddiema bi trasferimenti intraazjendali

L-iskema ta' mobilità intra-UE stabbilita bid-Direttiva 2014/66/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[80] tistabbilixxi regoli awtonomi li jippermettu lid-detenturi ta' permess ta' ħaddiem bi trasferiment intraazjendali (ICT) - inklużi d-detenturi ta' permess ta' ICT maħruġ minn Stat ta' Schengen li għadu mhux qed japplika b'mod sħiħ l-*acquis* ta' Schengen, jeżerċitaw il-mobilità u jidħlu, joqogħdu u jaħdmu f'wieħed jew diversi Stati Membri oħra tal-UE marbuta b'dik id-Direttiva (jiġifieri l-Istati Membri kollha tal-UE ħlief id-Danimarka u l-Irlanda).

**Mobilità għal żmien qasir** (sa 90 jum fi kwalunkwe perjodu ta' 180 jum għal kull Stat Membru tal-UE marbut bid-Direttiva 2014/66/UE): Id-detenturi ta' permess ta' ICT ma humiex meħtieġa li jkollhom viża valida, jekk jipprovdu evidenza li jkunu se jmorru fi Stat Membru ieħor tal-UE marbut bid-Direttiva 2014/66/UE fil-kuntest ta' mobilità intra-UE awtorizzata skont dik id-Direttiva. Tali evidenza trid tiġi pprovduta permezz ta':

(a) kopja tan-notifika mibgħuta mill-entità ospitanti fl-ewwel Stat Membru tal-UE marbut bid-Direttiva 2014/66/UE f'konformità mal-Artikolu 21(2) ta' dik id-Direttiva; *jew*

(b) ittra mill-entità ospitanti fit-tieni Stat Membru tal-UE marbut b'dik id-Direttiva li tispeċifika tal-anqas id-dettalji tat-tul tal-mobilità intra-UE u l-post tal-entità jew tal-entitajiet ospitanti fit-tieni Stat Membru tal-UE marbut b'dik id-Direttiva.

---

[80] Id-Direttiva 2014/66/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 dwar il-kondizzjonijiet għad-dħul u r-residenza ta' ċittadini ta' pajjiż terz fil-qafas ta' trasferiment intra-azjendali (ĠU L 157, 27.5.2014, p. 1).

Il-perjodu massimu permess ta' soġġorni għal żmien qasir kumulati fi Stati Membri oħra tal-UE marbuta bid-Direttiva 2014/66/UE skont ir-regoli dwar il-mobilità tal-ICT jista' jaqbeż id-90 jum fi kwalunkwe perjodu ta' 180 jum. Huma awtorizzati soġġorni għal żmien qasir sussegwenti ta' mhux aktar minn 90 jum fi kwalunkwe perjodu ta' 180 jum għal kull Stat Membru tal-UE marbut bid-Direttiva 2014/66/UE fi Stati Membri differenti tal-UE marbuta b'dik id-Direttiva u jistgħu jammontaw għal parti sinifikanti mit-tul massimu globali ta' residenza tal-ħaddiema bi trasferiment intraazjendali (tliet snin għall-maniġers u l-ispeċjalisti; sena għall-impjegati apprendisti) skont iċ-ċirkostanzi ta' kull każ individwali. Ir-regoli dwar il-mobilità għal żmien qasir huma direttament applikabbli mid-29 ta' Novembru 2016.

* **Eżempju**:

Maniġer Indjan li għandu permess ta' ICT Kroat jista' joqgħod għal 170 jum (90 jum ta' mobilità għal żmien qasir fl-Italja segwiti minn 80 jum ta' mobilità għal żmien qasir fil-Ġermanja) matul perjodu ta' 180 jum mingħajr ma jikser ir-regoli ta' Schengen.

**Mobilità fit-tul** (aktar minn 90 jum għal kull Stat Membru tal-UE marbut bid-Direttiva 2014/66/UE): Ir-regoli dwar il-mobilità fit-tul jiddependu fuq l-għażla magħmula mit-tieni Stat Membru rilevanti tal-UE marbut b'dik id-Direttiva meta jittrasponiha (ara t-tabella hawn taħt). It-tieni Stat Membru tal-UE marbut bid-Direttiva 2014/66/UE jista' jew jirrikjedi permess ta' residenza "ICT mobbli" (proċedura ta' applikazzjoni) li għandu jinħareġ minn dak it-tieni Stat Membru tal-UE marbut b'dik id-Direttiva jew jagħżel li japplika r-regoli dwar il-mobilità għal żmien qasir. Fl-ewwel każ, irid ikun meħtieġ il-permess ta' residenza "ICT mobbli"; fil-każ tal-aħħar, japplikaw ir-regoli dwar il-mobilità għal żmien qasir.

**Sommarju- proċeduri magħżula għall-mobilità għal żmien qasir u għall-mobilità fit-tul**

(l-ebda proċedura / notifika / applikazzjoni)

| | Mobilità għal żmien qasir | Mobilità fit-tul |
|---|---|---|
| **BE** | l-ebda proċedura | applikazzjoni |
| **BG** | l-ebda proċedura | applikazzjoni |

| | | |
|---|---|---|
| **CZ** | l-ebda proċedura | applikazzjoni |
| **DE** | notifika | applikazzjoni |
| **EE** | notifika | notifika |
| **EL** | notifika | notifika |
| **ES** | notifika | notifika |
| **FR** | notifika | applikazzjoni |
| **HR** | l-ebda proċedura | applikazzjoni |
| **IT** | l-ebda proċedura | applikazzjoni |
| **CY** | notifika | applikazzjoni |
| **LV** | l-ebda proċedura | applikazzjoni |
| **LT** | l-ebda proċedura | applikazzjoni |
| **LU** | notifika | applikazzjoni |
| **HU** | notifika | applikazzjoni |
| **MT** | notifika | applikazzjoni |
| **NL** | notifika | applikazzjoni |
| **AT** | l-ebda proċedura | applikazzjoni |
| **PL** | notifika | applikazzjoni |
| **PT** | l-ebda proċedura | applikazzjoni |
| **RO** | notifika | applikazzjoni |
| **SI** | notifika | applikazzjoni |
| **SK** | notifika | notifika |
| **FI** | notifika | applikazzjoni |
| **SE** | l-ebda proċedura | applikazzjoni |

*** Bażi legali:**

- Id-Direttiva 2014/66/UE (l-Artikoli 20 sa 23)

5.13. **Riċerkaturi u l-membri tal-familja tagħhom**

L-iskema ta' mobilità intra-UE stabbilita bid-Direttiva (UE) 2016/801 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [81] tistabbilixxi regoli awtonomi li jippermettu lir-riċerkaturi u lill-membri tal-familja tagħhom li jkollhom permess ta' residenza jew viża għal soġġorn twil maħruġa minn Stat Membru tal-UE marbut bid-dispożizzjonijiet ta' dik id-Direttiva, inklużi dawk li jkollhom permess ta' residenza jew viża għal soġġorn twil maħruġa minn Stat ta' Schengen li jkun għadu ma japplikax b'mod sħiħ l-*acquis* ta' Schengen, jeżerċitaw il-mobilità u jidħlu u joqogħdu f'wieħed jew f'diversi mill-Istati Membri l-oħra tal-UE marbuta bid-dispożizzjonijiet ta' dik id-Direttiva (jiġifieri l-Istati Membri kollha tal-UE ħlief id-Danimarka u l-Irlanda).

**Mobilità għal żmien qasir** (sa 180 jum fi kwalunkwe perjodu ta' 360 jum għal kull Stat Membru tal-UE marbut bid-Direttiva (UE) 2016/801).

Id-detenturi ta' permess ta' riċerkatur jew viża għal soġġorn twil ma humiex meħtieġa li jkollhom viża valida jew permess ta' residenza tal-Istat Membru tal-UE li jkunu deħlin fih, jekk jipprovdu evidenza li jkunu sejrin lejn Stat Membru ieħor tal-UE marbut bid-Direttiva (UE) 2016/801 fil-kuntest ta' mobilità intra-UE awtorizzata skont dik id-Direttiva. Tali evidenza trid tiġi pprovduta permezz ta':

(a) kopja tan-notifika mibgħuta lill-awtoritajiet kompetenti tal-ewwel u tat-tieni Stat Membru tal-UE marbuta bid-Direttiva (UE) 2016/801 f'konformità mal-Artikolu 28(2) ta' dik id-Direttiva; jew

(b) kopja tal-ftehim ta' akkoljenza li jispeċifika d-dettalji tal-mobilità tar-riċerkatur jew, fejn id-dettalji tal-mobilità ma jkunux speċifikati fil-ftehim ta' akkoljenza, ittra mill-organizzazzjoni ta' riċerka fit-tieni Stat Membru marbut bid-Direttiva (UE) 2016/801 li tispeċifika tal-anqas it-tul tal-mobilità intra-UE u l-post tal-organizzazzjoni ta' riċerka f'dak it-tieni Stat Membru.

Il-membri tal-familja tar-riċerkatur li jkollhom permess ta' residenza wkoll ma humiex meħtieġa li jkollhom viża valida jew permess ta' residenza tal-Istat Membru tal-UE li jkunu deħlin fih, jekk jipprovdu evidenza li jkunu qegħdin jakkumpanjaw lir-riċerkatur li jkun

---

81 Id-Direttiva (UE) 2016/801 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Mejju 2016 dwar il-kundizzjonijiet ta' dħul u residenza ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi għall-finijiet ta' riċerka, studji, taħriġ, servizz volontarju, skemi ta' skambju ta' skulari jew proġetti edukattivi u au pairing (ĠU L 132, 21.5.2016, p. 21).

sejjer fi Stat Membru ieħor tal-UE marbut bid-Direttiva (UE) 2016/801 fil-kuntest ta' mobilità intra-UE awtorizzata skont dik id-Direttiva. Tali evidenza trid tiġi pprovduta permezz tal-permess ta' residenza validu maħruġ mill-ewwel Stat Membru tal-UE marbut b'dik id-Direttiva u jew

(a) kopja tan-notifika mibgħuta lill-awtoritajiet kompetenti tal-ewwel u tat-tieni Stat Membru tal-UE marbuta bid-Direttiva (UE) 2016/801 f'konformità mal-Artikolu 30(2) tagħha jew

(b) evidenza li jkunu qed jakkumpanjaw lir-riċerkatur.

Ir-riċerkaturi u l-membri tal-familja tagħhom jistgħu joqogħdu fi Stat Membru ieħor tal-UE marbut bid-Direttiva (UE) 2016/801 sa 180 jum fi kwalunkwe perjodu ta' 360 jum. Huma awtorizzati soġġorni għal żmien qasir sussegwenti ta' mhux aktar minn 180 jum fi kwalunkwe perjodu ta' 360 jum għal kull Stat Membru tal-UE marbut bid-Direttiva (UE) 2016/801 fi Stati Membri differenti tal-UE marbuta b'dik id-Direttiva u jistgħu jammontaw għal parti sinifikanti mit-tul globali ta' residenza tar-riċerkatur u tal-membri tal-familja tiegħu skont iċ-ċirkostanzi ta' kull każ individwali. Ir-regoli dwar il-mobilità għal żmien qasir huma direttament applikabbli mill-24 ta' Mejju 2018.

*** Eżempju:**

Riċerkatur Niġerjan li għandu permess ta' residenza Bulgaru jew viża għal soġġorn twil jista' joqgħod 250 jum (150 jum ta' mobilità għal żmien qasir fl-Italja segwiti minn 100 jum ta' mobilità għal żmien qasir fil-Ġermanja) mingħajr ma jikser ir-regoli ta' Schengen.

**Mobilità fit-tul** (aktar minn 180 jum għal kull Stat Membru tal-UE marbut bid-Direttiva (UE) 2016/801): Ir-regoli dwar il-mobilità fit-tul jiddependu fuq l-għażla magħmula mit-tieni Stat Membru rilevanti tal-UE marbut bid-Direttiva (UE) 2016/801 meta jittrasponiha (ara t-tabella hawn taħt.) It-tieni Stat Membru tal-UE marbut bid-Direttiva (UE) 2016/801 jista' jew jirrikjedi permess ta' residenza jew viża għal soġġorn twil bil-kliem "mobilità tar-riċerkatur" li għandha tinħareġ minn dak it-tieni Stat Membru tal-UE marbut b'dik id-Direttiva jew jagħżel li japplika r-regoli dwar il-mobilità għal żmien qasir. Fl-ewwel każ, irid ikun meħtieġ il-permess ta' residenza jew il-viża għal soġġorn twil "mobilità tar-riċerkatur": fil-każ tal-aħħar, japplikaw ir-regoli dwar il-mobilità għal żmien qasir. Il-proċedura għall-membri tal-familja hija identika għal dik applikata għar-riċerkatur.

**Sommarju - proċeduri magħżula għall-mobilità għal żmien qasir u għall-mobilità fit-tul**

(l-ebda proċedura / notifika / applikazzjoni)

| | Mobilità għal żmien qasir | Mobilità fit-tul |
|---|---|---|
| **BE** | (l-ebda proċedura) | (applikazzjoni) |
| **BG** | notifika | applikazzjoni |
| **CZ** | l-ebda proċedura | l-ebda proċedura |
| **DE** | notifika | applikazzjoni |
| **EE** | notifika | notifika |
| **EL** | notifika | applikazzjoni |
| **ES** | notifika | notifika |
| **FR** | notifika | notifika |
| **HR** | l-ebda proċedura | applikazzjoni |
| **IT** | notifika | applikazzjoni |
| **CY** | notifika | applikazzjoni |
| **LV** | l-ebda proċedura | applikazzjoni |
| **LT** | l-ebda proċedura | applikazzjoni |
| **LU** | notifika | applikazzjoni |
| **HU** | notifika | applikazzjoni |
| **MT** | notifika | applikazzjoni |
| **NL** | notifika | applikazzjoni |
| **AT** | l-ebda proċedura | applikazzjoni |
| **PL** | notifika | applikazzjoni |
| **PT** | l-ebda proċedura | applikazzjoni |
| **RO** | notifika | applikazzjoni |
| **SI** | notifika | applikazzjoni |

| | | |
|---|---|---|
| **SK** | notifika | notifika |
| **FI** | notifika | notifika |
| **SE** | l-ebda proċedura | applikazzjoni |

*** Bażi legali:**

Id-Direttiva (UE) 2016/801 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Mejju 2016 dwar il-kundizzjonijiet ta' dħul u residenza ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi għall-finijiet ta' riċerka, studji, taħriġ, servizz volontarju, skemi ta' skambju ta' skulari jew proġetti edukattivi u au pairing (l-Artikoli 27, 28, 29, 30 u 32)

## 5.14. Studenti

L-iskema ta' mobilità intra-UE stabbilita bid-Direttiva (UE) 2016/801 tistabbilixxi regoli awtonomi li jippermettu lid-detenturi ta' permess ta' residenza ta' student jew viża għal soġġorn twil maħruġa minn Stat Membru tal-UE marbut bid-dispożizzjonijiet ta' dik id-Direttiva, inklużi dawk li jkollhom permess ta' residenza jew viża għal soġġorn twil maħruġa minn Stat ta' Schengen li jkun għadu ma japplikax b'mod sħiħ l-*acquis* ta' Schengen u li jkunu koperti minn programm tal-Unjoni jew programm multilaterali li jinkludi miżuri ta' mobilità jew minn ftehim bejn żewġ istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja jew aktar, jeżerċitaw il-mobilità u jidħlu, joqogħdu u jistudjaw f'wieħed jew f'diversi mill-Istati Membri l-oħra tal-UE marbuta bid-Direttiva (UE) 2016/801 (jiġifieri l-Istati Membri kollha tal-UE minbarra d-Danimarka u l-Irlanda) sa 360 jum għal kull Stat Membru tal-UE marbut b'dik id-Direttiva.

Id-detenturi ta' permess ta' residenza ta' student jew ta' viża għal soġġorn twil li tirreferi għal programm jew ftehim speċifiku ma humiex meħtieġa li jkollhom viża valida jew permess ta' residenza tal-Istat Membru tal-UE li jkunu deħlin fih, jekk jipprovdu evidenza li jkunu sejrin fi Stat Membru ieħor tal-UE marbut bid-Direttiva (UE) 2016/801 fil-kuntest ta' mobilità intra-UE awtorizzata skont dik id-Direttiva. Tali evidenza trid tiġi pprovduta permezz ta':

(a) kopja tan-notifika mibgħuta lill-awtoritajiet kompetenti tal-ewwel u tat-tieni Stat Membru tal-UE marbuta bid-Direttiva (UE) 2016/801 f'konformità mal-Artikolu 31(2) tagħha; jew

(b) evidenza li l-istudent iwettaq parti mill-istudji fit-tieni Stat Membru marbut bid-Direttiva (UE) 2016/801 fil-qafas ta' programm tal-Unjoni jew multilaterali li jinkludi miżuri ta' mobilità jew ftehim bejn żewġ istituzzjonijiet ta' edukazzjoni għolja jew aktar.

Huma awtorizzati soġġorni sussegwenti ta' mhux aktar minn 360 jum għal kull Stat Membru tal-UE marbut bid-Direttiva (UE) 2016/801 fi Stati Membri differenti tal-UE marbuta b'dik id-Direttiva u jistgħu jammontaw għal parti sinifikanti mit-tul massimu globali ta' residenza tal-istudenti skont iċ-ċirkustanzi ta' kull każ individwali. Ir-regoli dwar il-mobilità tal-istudenti huma direttament applikabbli mill-24 ta' Mejju 2018.

*** Eżempju:**

Student Amerikan li għandu permess ta' residenza ta' student Rumen u li qed jieħu sehem fil-programm Erasmus + f'università Ġermaniża jista' joqgħod sa 360 jum fil-Ġermanja mingħajr ma jikser ir-regoli ta' Schengen.

**Sommarju - proċedura magħżula għall-mobilità tal-istudent**

(l-ebda proċedura / notifika)

| | Mobilità tal-istudent |
|---|---|
| **BE** | (notifika) |
| **BG** | notifika |
| **CZ** | l-ebda proċedura |
| **DE** | notifika |
| **EE** | l-ebda proċedura |
| **EL** | notifika |
| **ES** | notifika |
| **FR** | notifika |
| **HR** | l-ebda proċedura |
| **IT** | notifika |
| **CY** | notifika |
| **LV** | l-ebda proċedura |
| **LT** | l-ebda proċedura |
| **LU** | notifika |
| **HU** | notifika |
| **MT** | notifika |
| **NL** | notifika |
| **AT** | l-ebda proċedura |
| **PL** | notifika |
| **PT** | notifika |
| **RO** | notifika |
| **SI** | notifika |

| | |
|---|---|
| **SK** | notifika |
| **FI** | notifika |
| **SE** | notifika |

*** Bażi legali:**

- Id-Direttiva (UE) 2016/801 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Mejju 2016 dwar il-kundizzjonijiet ta' dħul u residenza ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi għall-finijiet ta' riċerka, studji, taħriġ, servizz volontarju, skemi ta' skambju ta' skulari jew proġetti edukattivi u au pairing (l-Artikoli 27, 31 u 32).

### 5.15. Benefiċjarji tal-Ftehim dwar il-Ħruġ

L-Annessi 42 u 43 ta' dan il-Manwal jipprovdu kjarifiki dettaljati dwar it-trattament fil-fruntieri esterni, mill-1 ta' Jannar 2021, taċ-ċittadini tar-Renju Unit u tal-membri tal-familja tagħhom li huma benefiċjarji tat-Tieni Parti tal-Ftehim dwar il-Ħruġ dwar id-drittijiet taċ-ċittadini[82]. Gwida dwar in-nuqqas ta' inklużjoni tal-benefiċjarji tal-Ftehim dwar il-Ħruġ fl-EES u fl-ETIAS se tinħareġ aktar qrib tad-dħul fis-seħħ ta' dawn iż-żewġ sistemi.

Għall-finijiet u l-kunsiderazzjonijiet kollha għajr dawk koperti espressament fl-Annessi 42 u 43 kif ukoll fil-gwida li jmiss fir-rigward tal-EES u l-ETIAS, iċ-ċittadini tar-Renju Unit u l-membri tal-familja tagħhom li huma benefiċjarji tal-Ftehim dwar il-Ħruġ għandhom jiġu ttrattati bl-istess mod bħal kwalunkwe ċittadin ieħor ta' pajjiż terz li jirrisjedi legalment fi Stat ta' Schengen.

Il-benefiċjarji tal-Ftehim dwar il-Ħruġ għandhom id-drittijiet tagħhom ta' moviment liberu li kienu jgawdu qabel bħala ċittadini tal-UE, soġġetti għal anterjorità fl-Istat ospitanti tagħhom biss. Fir-rigward tal-moviment fi Stati ta' Schengen għajr l-Istat ospitanti tagħhom, huma għandhom jiġu ttrattati bħala ċittadini ta' pajjiżi terzi residenti legalment f'dak l-Istat ospitanti.

## 6. ITTIMBRAR TAD-DOKUMENTI TAL-IVVJAĠĠAR

82 L-Anness 42 jinkludi wkoll fit-Taqsima 2 tiegħu referenza għal Ftehimiet dwar il-Ħruġ oħra konklużi bejn ir-Renju Unit u l-Istati assoċjati ma' Schengen.

6.1. Sakemm tibda titħaddem is-Sistema ta' Dħul/Ħruġ, id-dokumenti tal-ivvjaġġar taċ-ċittadini kollha ta' pajjiżi terzi jridu jiġu ttimbrati sistematikament mad-dħul u mal-ħruġ. It-timbru ma jikkostitwix prova li tkun twettqet verifika bir-reqqa; huwa jagħmilha possibbli biss li jiġu stabbiliti, b'ċertezza, id-data u l-post tal-qsim tal-fruntiera. L-ittimbrar huwa maħsub ukoll biex jiżgura li jkun possibbli li jiġi vverifikat, matul il-verifiki mad-dħul u mal-ħruġ, jekk it-tul massimu permess ta' soġġorn ta' ċittadin ta' pajjiż terz fiż-żona mingħajr kontrolli fil-fruntieri interni jew fit-territorju tal-Bulgarija, il-Kroazja, Ċipru u r-Rumanija meħud separatament – 90 jum fi kwalunkwe perjodu ta' 180 jum – ikunx ġie rrispettat.

6.2. Ma jrid isir l-ebda timbru ta' dħul jew ħruġ fil-każijiet li ġejjin:

(a) fuq id-dokumenti tal-ivvjaġġar ta' ċittadini tal-Istati Membri tal-UE, tan-Norveġja, tal-Iżlanda, tal-Liechtenstein u tal-Iżvizzera;

(b) fuq id-dokumenti tal-ivvjaġġar ta' Kapijiet ta' Stat u dinjitarji li l-wasla tagħhom tkun ġiet imħabbra bil-quddiem uffiċjalment permezz tal-kanali diplomatiċi;

(c) fuq il-liċenzji ta' bdoti jew iċ-ċertifikati ta' membri tal-ekwipaġġ tal-ajru;

(d) fuq id-dokumenti tal-ivvjaġġar ta' baħħara li jkunu preżenti fit-territorju ta' Stat ta' Schengen biss meta l-bastiment tagħhom jidħol f'port u jkunu fiż-żona tal-port fejn daħal il-bastiment;

(e) fuq id-dokumenti tal-ivvjaġġar tal-ekwipaġġ u tal-passiġġieri ta' bastimenti tal-kruċiera li ma jkunux soġġetti għal verifiki fuq il-fruntiera, f'dawk il-każijiet previsti fil-punt 2, it-Taqsima IV;

(f) fuq dokumenti li jippermettu liċ-ċittadini ta' Andorra, Monaco u San Marino jaqsmu l-fruntiera;

(g) fuq id-dokumenti ta' residenti tal-fruntiera li jgawdu minn reġim tat-traffiku lokali tal-fruntiera (il-punt 3, it-Taqsima II);

(h) fuq id-dokumenti tal-ivvjaġġar tal-ekwipaġġi ta' ferroviji tal-passiġġieri u tal-merkanzija li joperaw konnessjonijiet internazzjonali;

(i) fuq id-dokumenti tal-ivvjaġġar ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jippreżentaw karta ta' residenza prevista fid-Direttiva 2004/38/KE u maħruġa minn Stat Membru tal-UE

jew pajjiż taż-ŻEE, indipendentement minn jekk ikunux qegħdin jakkumpanjaw jew jingħaqdu maċ-ċittadin tal-UE jew taż-ŻEE.

L-Artikolu 11(1) tal-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen jiċċara li Stat Membru jista' jittimbra d-dokument tal-ivvjaġġar ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkollhom permess ta' residenza jew viża għal soġġorn twil maħruġa minn dak l-Istat Membru. B'paragun ma' dan, l-istess japplika għall-benefiċjarji tal-Ftehim dwar il-Ħruġ. Madankollu, il-Kummissjoni ma tqisx li dan l-ittimbrar huwa utli peress li l-għan tal-ittimbrar huwa li jiġi stabbilit jekk ċittadin ta' pajjiż terz ikunx irrispetta t-tul awtorizzat ta' soġġorn qasir fiż-żona mingħajr kontrolli fil-fruntieri interni u din il-loġika ma tistax tiġi applikata għal ċittadini ta' pajjiżi terzi li għandhom dritt għal soġġorn fit-tul. Il-Kummissjoni għalhekk tirrakkomanda – b'mod partikolari fir-rigward tal-benefiċjarji tal-Ftehim dwar il-Ħruġ – li ma jsirux timbri. Fi kwalunkwe każ, jekk l-ittimbrar xorta waħda jsir, dak it-timbru ma jistax jaffettwa t-tul tas-soġġorn fit-tul awtorizzat.

Id-dokument tal-ivvjaġġar tal-membri tal-familja ta' ċittadini tal-UE, taż-ŻEE u tal-Iżvizzera li jkunu ċittadini ta' pajjiżi terzi jrid jiġi ttimbrat ukoll, sakemm ma jippreżentawx karta ta' residenza maħruġa f'konformità mad-Direttiva 2004/38/KE. Ir-Regolament (UE) 2019/1157 introduċa formati armonizzati għall-karti ta' residenza u japplika fl-UE mit-2 ta' Awwissu 2021. Dan ifisser li l-karti ta' residenza jew il-karti ta' residenza permanenti mit-2 ta' Awwissu 2021 għandhom format uniformi (ara l-punt 2.8 ta' din it-Taqsima). Għal dawk maħruġa qabel, anke jekk karta ta' residenza maħruġa skont id-Direttiva 2004/38/KE ma tkunx ġiet innotifikata skont l-Artikolu 39 tal-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen, l-Istati Membri jridu jiżguraw li d-detentur tagħha ma jkollux bżonn viża għad-dħul. Fil-fatt, dan l-obbligu jirriżulta direttament mid-Direttiva 2004/38/KE.

*** Eżempji:**

1) Ċittadin Indjan, konjuġi ta' ċittadin Ġermaniż, detentur ta' karta ta' residenza Olandiża (li tindika l-kwalità tagħha ta' membru tal-familja ta' ċittadin tal-UE): id-dokument tal-ivvjaġġar ta' din il-persuna ma għandux jiġi ttimbrat, indipendentement minn jekk tkunx qed takkumpanja jew tingħaqad mal-konjuġi tagħha.

2) Konjuġi Moldovan ta' ċittadin Taljan, li għandu karta ta' residenza Irlandiża (li tindika

l-istatus ta' membru tal-familja ta' ċittadin tal-UE) id-dokument tal-ivvjaġġar ta' din il-persuna ma għandux jiġi ttimbrat, indipendentement minn jekk il-konjuġi Moldovan ikunx qed jakkumpanja jew jingħaqad mal-konjuġi tiegħu.

3) Ċittadin Indjan, konjugi ta' ċittadin Franċiż, detentur ta' viża ta' Schengen iżda li (għad) ma għandux karta ta' residenza, li jingħaqad maċ-ċittadin Franċiż fil-Ġermanja: f'dan il-każ, id-dokument tal-ivvjaġġar ta' din il-persuna jrid jiġi ttimbrat.

6.3. Eċċezzjonalment, fuq talba ta' ċittadin ta' pajjiż terz, u jekk l-inseriment ta' timbru ta' dħul/ħruġ jista' jikkawża diffikultajiet serji lill-persuna, dan jista' jsir fuq folja separata. Il-folja trid tingħata liċ-ċittadin ta' pajjiż terz.

6.4. Jista' jagħti l-każ ukoll li, fil-prattika, id-dokument li jippermetti ċittadin ta' pajjiż terz jaqsam il-fruntiera ma jkunx għadu tajjeb biex jiġi ttimbrat, peress li ma jkunx hemm aktar paġni disponibbli. F'każ bħal dan, iċ-ċittadin ta' pajjiż terz għandu jingħata parir biex japplika għal passaport ġdid, biex fil-futur ikun hemm fejn isiru t-timbri.

Madankollu, bħala eċċezzjoni - u b'mod partikolari fil-każ ta' ħaddiema transfruntiera regolari - tista' tintuża folja separata, li fuqha jkunu jistgħu jsiru aktar timbri. Il-folja trid tingħata liċ-ċittadin ta' pajjiż terz.

Fi kwalunkwe każ, in-nuqqas ta' paġni vojta f'passaport ma huwiex, fih innifsu, raġuni valida u suffiċjenti biex jiġi miċħud id-dħul ta' persuna (ara l-punt 8 ta' din it-Taqsima, dwar ir-raġunijiet għal ċaħda).

| |
|---|
| *** Prattika rakkomandata:**<br><br>Il-folja msemmija fil-punti 6.3 u 6.4 għandu jkun fiha d-dettalji li ġejjin, bħala rekwiżit minimu:<br><br>- l-isem u l-post tal-postijiet ta' kontroll fuq il-fruntiera;<br><br>- id-data tal-ħruġ;<br><br>- isem id-detentur tad-dokument tal-ivvjaġġar;<br><br>- in-numru tad-dokument tal-ivvjaġġar;<br><br>- it-timbru u s-siġill uffiċjali tal-punt ta' qsim tal-fruntiera;<br><br>- l-isem u l-firma tal-gwardja tal-fruntiera. |

6.5. Fil-każ tad-dħul u l-ħruġ ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi soġġetti għall-obbligu tal-viża, it-timbru jrid, bħala regola ġenerali, isir fuq il-paġna faċċata ta' dik li fuqha tkun imwaħħla l-viża. Jekk ikunu jridu jsiru diversi timbri (pereżempju fil-każ ta' viża għal dħul multiplu), dan irid isir ukoll fuq il-paġna faċċata ta' dik li fuqha tkun imwaħħla l-viża. Jekk dik il-paġna ma tkunx tista' tintuża, it-timbru jrid jiddaħħal fuq il-paġna li jmiss. Il-parti li tinqara minn magna ma tridx tiġi ttimbrata, u t-timbri ma jistgħux isiru fuq id-*data* personali u fuq paġni oħra fejn isiru noti formali oriġinali.

*** Prattiki rakkomandati**:

- jekk ikun possibbli, it-timbri għandhom isiru f'ordni kronoloġika biex ikun aktar faċli li tinstab id-data li fiha l-persuna tkun qasmet il-fruntiera għall-aħħar darba;

- it-timbru tal-ħruġ għandu jiġi stampat qrib it-timbru tad-dħul;

- it-timbru għandu jiġi stampat f'pożizzjoni orizzontali sabiex ikun jista' jinqara faċilment;

- l-ebda timbru ma għandu jiġi stampat fuq timbri diġà eżistenti, inklużi dawk stampati minn pajjiżi oħra.

6.6. Jintużaw tipi differenti ta' timbri biex jagħtu prova tad-dħul u l-ħruġ (timbru rettangolari għad-dħul, timbru rettangolari b'kantunieri ttundjati għall-ħruġ). Dawn it-timbri fihom l-ittra/i li jindikaw il-pajjiż kif ukoll jindikaw il-post ta' kontroll fuq il-fruntiera, id-data, in-numru tal-verifika u pittogramma li tindika l-mod ta' vjaġġar użat mad-dħul u l-ħruġ (fuq l-art, bl-ajru jew bil-baħar).

Mistoqsijiet dwar it-timbri tad-dħul u l-ħruġ, kif ukoll dokumentazzjoni relatata ma' timbri falsifikati, kontrafatti, mitlufa jew stampati b'mod mhux korrett, jistgħu jsiru lill-punt ta' kuntatt stabbilit minn kull Stat ta' Schengen għal dan il-għan.

6.7. Kull punt ta' qsim tal-fruntiera jrid iżomm rekord tat-timbri tad-dħul u tal-ħruġ li jkunu ġew mgħoddija lil u rritornati minn kull gwardja tal-fruntiera li jwettaq il-verifiki. Dan għandu jinkludi wkoll ir-referenza ta' kull timbru rispettiv, li jista' jkun meħtieġ li tintuża għal skopijiet ta' tqabbil f'data aktar tard.

Meta t-timbri ma jkunux qed jintużaw, dawn iridu jissakkru u l-aċċess għalihom irid ikun limitat għall-gwardji tal-fruntiera awtorizzati.

6.8. Il-kodiċijiet tas-sigurtà fuq it-timbri jridu jinbidlu f'intervalli regolari li ma jaqbżux xahar.

6.9. Jekk, fil-ħruġ, ikun jidher li d-dokument tal-ivvjaġġar ta' ċittadin ta' pajjiż terz ma jkollux timbru tad-dħul, il-gwardja tal-fruntiera jista' jippreżumi li d-detentur ikun daħal illegalment fiż-żona mingħajr fruntieri interni jew fit-territorju ta' Stat ta' Schengen li jkun għadu ma japplikax b'mod sħiħ l-*acquis* u/jew li jkun qabeż it-tul massimu tas-soġġorn. Jekk dan ikun il-każ, tista' tiġi imposta penali prevista mil-liġi nazzjonali.

6.10. Fis-Sentenza tagħha tal-5 ta' Frar 2020, Staatssecretaris van Justitie en Veiligheid (Reġistrazzjoni tal-baħħara fil-port ta' Rotterdam) (C-341/18), il-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja ddeċidiet li f'xenarju speċifiku ħafna li fih il-premessa li fuqha huwa bbażat il-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen, jiġifieri li l-kontroll fuq il-fruntiera jiġi segwit "*fi żmien qasir*" minn ħruġ/dħul fiżiku, ma ġietx irrispettata b'mod sfaċċat (5-10 ġimgħat ta' dewmien bejn ir-reġistrazzjoni fuq bastiment u t-tluq tal-bastiment), id-data tat-timbru tal-ħruġ ma għandhiex tikkorrispondi għad-data tal-verifika mal-ħruġ, iżda għad-data tat-tluq reali (il-qsim fiżiku tal-fruntieri esterni).

L-Istati Membri jżommu d-diskrezzjoni dwar l-interpretazzjoni tal-kunċett ta' "fi żmien qasir". Madankollu, il-perjodu massimu aċċettat ma għandu qatt ikun itwal minn 10 ijiem. L-Istati Membri jistgħu jistabbilixxu perjodi massimi iqsar (li ma għandhomx ikunu iqsar minn 3 ijiem) u jistgħu jistabbilixxu wkoll perjodi differenti għal ċirkostanzi regolari u eċċezzjonali. Id-data tat-timbru tal-ħruġ għandha tikkorrispondi mad-data tal-verifika mal-ħruġ (u mhux mad-data reali tat-tluq) sakemm id-data reali tat-tluq ma sseħħx wara l-perjodu massimu aċċettat mill-Istat Membru rilevanti.

*** Bażi legali:**

- Il-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen (l-Artikolu 11 u l-Anness IV)

- Id-Direttiva 2004/38/KE (l-Artikolu 5)

- Il-Konvenzjoni ta' Schengen (l-Artikolu 21).

- Lista ta' punti ta' kuntatt għall-iskambju ta' informazzjoni dwar il-kodiċijiet tas-sigurtà fuq it-timbri tad-dħul u tal-ħruġ

## 7. TNAQQIS TAL-VERIFIKI

7.1. Il-verifiki fil-fruntieri esterni jew fil-fruntieri interni fejn il-kontrolli jkunu għadhom ma tneħħewx jistgħu jiġu mnaqqsa bħala riżultat ta' ċirkostanzi eċċezzjonali u mhux previsti. Tali ċirkostanzi eċċezzjonali u mhux previsti jseħħu meta avvenimenti imprevedibbli jwasslu għal tali intensità ta' traffiku li l-ħin ta' stennija fil-punt ta' qsim tal-fruntiera jsir eċċessiv, u r-riżorsi kollha jkunu ġew eżawriti fir-rigward tal-persunal, il-faċilitajiet u l-organizzazzjoni. Dan jista' jkun il-każ jekk, pereżempju, ikun hemm għargħar jew diżastru naturali serju ieħor li jimpedixxi l-qsim tal-fruntiera f'punti oħra

ta’ qsim tal-fruntiera, u minħabba f’hekk il-flussi tat-traffiku ta’ diversi punti ta’ qsim tal-fruntiera jiġu ddevjati lejn punt wieħed biss.

7.2. Id-determinazzjoni ta’ x’jikkostitwixxi ħin ta’ stennija “eċċessiv” hija valutazzjoni, dipendenti fuq diversi fatturi, li ssir mill-gwardja tal-fruntiera li jkollu l-kmand tal-punt ta’ qsim tal-fruntiera. Minħabba n-natura tat-tnaqqis tal-verifiki bħala eċċezzjoni mit-twettiq ta’ verifiki sistematiċi, li tista’ timmina l-objettiv tal-Kodiċi tal-Fruntieri ta’ Schengen u tista’ tirriżulta f’impatt negattiv fuq is-sigurtà fl-Istati ta’ Schengen, din il-valutazzjoni għandha tkun iggwidata minn kriterji komuni. Bħala regola ġenerali, il-Kummissjoni tirrakkomanda li t-tnaqqis tal-verifiki jiġi previst biss jekk ir-riżorsi disponibbli kollha jkunu ntużaw sal-massimu possibbli u l-konsegwenzi ta’ avveniment mhux previst iwasslu (jew ikunu probabbli li jwasslu) għal ħinijiet ta’ stennija li jaqbżu s-60 minuta.

7.3. Huwa dejjem meħtieġ li ssir distinzjoni ċara bejn il-ġustifikazzjonijiet għall-użu temporanju ta’ *verifiki mmirati* skont l-Artikolu 8(2a) tal-Kodiċi tal-Fruntieri ta’ Schengen (ara l-punt 2.3) u l-ġustifikazzjonijiet għat-*tnaqqis tal-verifiki* skont l-Artikolu 9 tal-Kodiċi tal-Fruntieri ta’ Schengen. Minkejja li l-isfidi sottostanti jistgħu jkunu simili, bħal kwistjonijiet infrastrutturali, kwistjonijiet ta’ pproċessar tal-IT, perjodi ta’ waqfien tas-sistemi tal-IT u, jew, traffiku kbir/l-eqqel tal-istaġun turistiku, li jwassal għal ħinijiet eċċessivi ta’ stennija, il-kriterju ewlieni għall-ġustifikazzjoni tat-tnaqqis huwa l-*imprevedibbiltà* tiegħu. Ċerti sitwazzjonijiet jistgħu jkunu “imprevedibbli”, bħal pereżempju konġestjoni tat-traffiku minħabba inċident fit-triq, problemi mhux previsti tal-IT jew is-sitwazzjonijiet imsemmija fil-punt 7.1. Sitwazzjonijiet oħra, bħat-traffiku qawwi tat-toroq jew tal-ajru matul l-istaġuni turistiċi jew l-aġġornamenti skedati tal-IT, huma bħala regola ġenerali “prevedibbli” u għalhekk ma humiex koperti. Fil-każijiet li jissodisfaw ir-rekwiżit ta’ avveniment imprevedibbli, għandha tingħata l-attenzjoni dovuta lir-rekwiżit li jiġu eżawriti r-riżorsi kollha fir-rigward tal-persunal, il-faċilitajiet u l-organizzazzjoni qabel ma jintuża t-tnaqqis tal-verifiki li għandu jkun biss miżura tal-aħħar istanza.

*** Lista ta’ kontroll qabel ma tittieħed deċiżjoni dwar tnaqqis tal-verifiki fuq il-fruntiera:**

1. Iċ-ċirkostanzi huma verament eċċezzjonali u imprevedibbli (u mhux biss livell massimu staġunali prevedibbli tat-traffiku)?

2. Verament ġew eżawriti r-riżorsi kollha fir-rigward tal-persunal, il-faċilitajiet u l-organizzazzjoni?

3. Iċ-ċirkostanzi jwasslu (jew huma probabbli li jwasslu) għal ħinijiet ta' stennija li jaqbżu s-60 minuta? (NB: ma hemmx bżonn li wieħed jistenna sakemm jintlaħaq dan il-ħin ta' stennija, it-tnaqqis tal-verifiki jista' jitnieda diġà qabel.)

7.4. Meta jkun hemm tnaqqis tal-verifiki fuq il-fruntiera, il-verifiki fuq il-fruntiera fuq il-movimenti ta' dħul iridu fil-prinċipju jieħdu prijorità fuq il-verifiki fuq il-fruntiera fuq il-movimenti ta' ħruġ. Id-deċiżjoni li jiġu mnaqqsa l-verifiki trid tittieħed mill-gwardja tal-fruntiera li jkollu l-kmand tal-punt ta' qsim tal-fruntiera. Dan it-tnaqqis tal-verifiki jrid ikun temporanju, irid ikun adattat għaċ-ċirkostanzi li jiġġustifikawh u jrid jiġi introdott gradwalment.

7.5. Anke f'każ li l-verifiki fuq il-fruntieri jiġu mnaqqsa, il-gwardja tal-fruntiera jrid jittimbra d-dokumenti tal-ivvjaġġar taċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi kemm mad-dħul kif ukoll mal-ħruġ, f'konformità mal-punt 6 ta' din it-Taqsima, u jrid iwettaq tal-anqas verifika li tikkonsisti fl-istabbiliment tal-identità taċ-ċittadin ta' pajjiż terz.

*** Bażi legali:**

- Il-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen (l-Artikolu 9)

## 8. ĊAĦDA TAD-DĦUL

8.1. Iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi jridu jiġu miċħuda d-dħul fil-każijiet li ġejjin:

(a) ma jkollhomx dokumenti validi tal-ivvjaġġar;

(b) ikollhom dokument tal-ivvjaġġar falz (kontrafatt/iffalsifikat);

(c) ma jkollhom l-ebda viża valida, meta din tkun meħtieġa, permess ta' residenza jew viża għal soġġorn twil maħruġa minn Stat ta' Schengen[83];

(d) ikollhom viżi jew permessi ta' residenza foloz (kontrafatti/iffalsifikati);

[83] Il-permess ta' residenza u l-viża għal soġġorn twil maħruġa mill-Bulgarija, il-Kroazja, Ċipru jew ir-Rumanija ma humiex validi għad-dħul fit-territorju taż-żona mingħajr kontrolli fil-fruntieri interni.

(e) ma jkollhomx dokumentazzjoni xierqa li tiġġustifika l-għan u l-kundizzjonijiet tas-soġġorn;

(f) ikunu diġà qagħdu għal 90 jum matul kwalunkwe perjodu ta' 180 jum (li jinvolvi l-konsiderazzjoni tal-perjodu ta' 180 jum li jippreċedi kull jum ta' soġġorn) fiż-żona mingħajr kontrolli fil-fruntieri interni jew fit-territorju tal-Bulgarija, il-Kroazja, Ċipru jew ir-Rumanija:

(g) ma jkollhomx mezzi suffiċjenti ta' sussistenza fir-rigward tal-perjodu u l-forma tas-soġġorn, jew il-mezzi għar-ritorn lejn il-pajjiż tal-oriġini jew tat-tranżitu;

(h) ikunu persuni li għalihom ikun inħareġ allert għall-iskop ta' ċaħda tad-dħul fis-SIS[84] jew f'bażijiet tad-*data* nazzjonali;

(i) ikunu ta' theddida għall-ordni pubbliku, is-sigurtà interna, is-saħħa pubblika jew ir-relazzjonijiet internazzjonali ta' Stat wieħed jew aktar ta' Schengen.

*** Eżempji:**

1) Tim ta' ċiklisti min-Niġerja se jmur it-Turkija, fejn sostnew li se jieħdu sehem f'tellieqa taċ-ċikliżmu organizzata hemmhekk. Huma jaslu fl-Ajruport ta' Varsavja (PL), fejn jiddikjaraw li se jaslu t-Turkija bix-xarabank. Matul il-verifika tal-ewwel linja jinstab li, għalkemm għandhom viża valida għat-tranżitu mill-Polonja, ma għandhomx viża valida biex jidħlu fit-Turkija. Fit-tieni linja ssirilhom interrogazzjoni aktar fil-fond, u hawn jippreżentaw dokument li jikkonferma l-parteċipazzjoni tagħhom fit-tellieqa u jsostnu li mhux se jkollhom problema biex jiksbu l-viżi fil-fruntiera Torka. Madankollu, iċ-ċiklisti lanqas biss għandhom ir-roti meħtieġa għat-tellieqa u lanqas ma jistgħu jispjegaw b'mod konvinċenti minn fejn u kif se jġibuhom ladarba jkunu fit-Turkija. Wara konsultazzjonijiet mal-gwardji tal-fruntiera Torok dwar il-kwistjoni, u b'kont meħud tal-opinjoni negattiva tagħhom dwar il-possibbiltà li tinħareġ viża fil-fruntiera f'każ bħal dan, tittieħed deċiżjoni ta' ċaħda tad-dħul.

2) Ċittadin Moldovan jasal fil-fruntiera esterna bil-karozza, fejn isostni li qed jivvjaġġa lejn il-Ġermanja għal skopijiet turistiċi. Fil-verifika tal-ewwel linja jiġi aċċertat li l-vjaġġatur ma jista' juri l-ebda dokument (prenotazzjoni ta' lukanda, ittra ta' stedina, eċċ),

[84] Il-gwardji tal-fruntiera Bulgari, Kroati u Rumeni ma humiex obbligati jiċħdu d-dħul lil ċittadini ta' pajjiżi terzi li għalihom ikun iddaħħal allert dwar ċaħda tad-dħul fis-SIS.

li jipprova fejn se joqgħod fil-Ġermanja, u lanqas ma jista' jipprova li għandu biżżejjed mezzi ta' sussistenza biex ikopri s-soġġorn u r-ritorn. F'każ bħal dan, tittieħed deċiżjoni ta' ċaħda tad-dħul.

3) Ċittadin Tuneżin jasal fl-ajruport ta' Schiphol (NL). L-għan tal-vjaġġ tiegħu huwa biex iżur lil qrabatu (ħutu) li jgħixu fi Brussell (BE). Huwa għandu viża ta' Schengen valida, biljett ta' ritorn u ittra ta' stedina/garanzija mill-ospitanti tiegħu li jgħixu fil-Belġju. Madankollu, din l-ittra ma hijiex awtentikata mill-awtoritajiet Belġjani kompetenti (kif tirrikjedi l-liġi Belġjana). F'każ bħal dan, qabel ma tittieħed deċiżjoni dwar l-awtorizzazzjoni tad-dħul jew le, għandhom isiru aktar verifiki bħal: l-eżami tal-passaport biex jiġi vverifikat jekk il-persuna kinux inħarġulha viżi ta' Schengen qabel u kinitx użathom b'mod legali; it-tqabbil tat-timbri ta' dħul/ħruġ preċedenti biex jiġi vverifikat jekk il-persuna kinitx qabżet is-soġġorn awtorizzat tagħha fiż-żona mingħajr kontrolli fil-fruntieri interni fil-passat; jiġu kkuntattjati l-awtoritajiet kompetenti Belġjani fejn jintalbu jagħmlu l-verifiki meħtieġa dwar l-ospitanti. Dawn il-verifiki għandhom l-għan li jivverifikaw il-*bona fide* tal-persuna; deċiżjoni tittieħed biss fuq il-bażi tar-riżultat ta' dawn il-verifiki.

4) Ajruplan minn Shanghai jinżel fl-Ajruport ta' Helsinki-Vantaa (FI). Id-WHO ddikjarat emerġenza tas-saħħa pubblika ta' tħassib internazzjonali (abbażi tar-riskju tas-SARS), li tirrikjedi li jittieħdu prekawzjonijiet stretti fir-rigward tal-passiġġieri kollha li jaslu miċ-Ċina. Il-passiġġieri kollha jiġu mitluba jimlew formola tal-lokalizzazzjoni, inkluż in-numru tas-sit fl-ajruplan u d-dettalji ta' kuntatt f'każ li sussegwentement ikun meħtieġ li jiġu traċċati. Fit-terminal, il-passiġġieri kollha jgħaddu minn kuritur deżinjat speċjali fejn hemm installat tagħmir mediku. Xi ċittadini Ċiniżi u tal-UE jippreżentaw sintomi tas-SARS u għadhom infettivi. Wara konsultazzjonijiet mat-tobba tittieħed deċiżjoni biex jiġi miċħud id-dħul għaċ-ċittadini Ċiniżi (dment li ma jkunux jeħtieġu trattament mediku immedjat) u biex iċ-ċittadini tal-UE jiddaħħlu l-isptar immedjatament minħabba t-theddida serja ta' tixrid tal-marda. Il-passiġġieri l-oħra ta' fuq l-ajruplan jiġu kkuntattjati bl-użu tad-dettalji fuq il-formoli tal-lokalizzazzjoni u jintalbu jirrappurtaw għand tabib. Dan ma jeskludix il-possibbiltà li jittieħdu miżuri alternattivi, bħall-kwarantina, fejn ikun xieraq u ġġustifikat għal raġunijiet ta' saħħa pubblika.

5) Grupp ta' partitarji tal-futbol mit-Turkija jaslu fil-fruntiera esterna. Huma qed

jivvjaġġaw bil-kowċ. Matul il-verifiki fuq il-fruntiera jinstab li għandhom xi għodod perikolużi bħal bsaten tal-baseball, nunchaku, skieken u oġġetti oħra li jistgħu jintużaw kontra persuni oħra. F'dan il-każ, id-dħul irid jiġi miċħud għal raġunijiet ta' ordni pubbliku, sakemm il-vjaġġaturi ma jaċċettawx li jċedu t-tagħmir perikoluż qabel ma jaqsmu l-fruntiera Pollakka.

6) Grupp ta' turisti żgħażagħ Marokkini li qed jivvjaġġaw b'ferry minn Tanger jaslu fil-port ta' Alicante (ES). L-itinerarju tal-grupp jingħad li jinkludi żewġt ibliet fi Spanja (Barċellona u Madrid) u diversi bliet fi Franza. Huma se jmorru lura l-Marokk bl-ajruplan, mill-ajruport Charles de Gaulle-Pariġi; huma għandhom biljetti validi għall-vjaġġ ta' ritorn. Matul il-verifika fuq il-fruntiera wieħed minnhom ma jkollux viża ta' Schengen valida, u jsostni li dan kien minħabba nuqqas ta' ħin. L-għan tal-vjaġġ jiġi aċċertat u l-vjaġġaturi jkollhom biżżejjed mezzi ta' sussistenza. Madankollu, il-persuna ma tista' tipprova bl-ebda mod li hija ma setgħetx tapplika għal viża minn qabel u lanqas li hemm raġunijiet imprevedibbli jew imperattivi biex titħalla tidħol. F'każ bħal dan, u fin-nuqqas ta' kwalunkwe raġuni umanitarja u/jew obbligi internazzjonali, il-persuna mingħajr il-viża għandha tiġi miċħuda d-dħul.

7) Familja Russa qed taqsam il-fruntiera Estonjana bil-karozza. Madankollu, il-vettura tidher li għandha problema mekkanika serja (jiġifieri, il-brejkijiet mhux qed jaħdmu), li tista' tpoġġi persuni oħra fil-periklu. F'dawn il-kundizzjonijiet, il-persuni ma jistgħux jitħallew jidħlu b'dik il-karozza qabel ma tissewwa l-problema. Madankollu, jekk il-kundizzjonijiet għad-dħul l-oħra kollha jiġu ssodisfati, huma jridu jitħallew jidħlu fit-territorju bil-mixi jew b'mezzi oħra.

8) Ċittadin Somalu, li għandu passaport ordinarju Somalu u li għandu permess ta' residenza maħruġ minn Stat ieħor ta' Schengen li japplika b'mod sħiħ l-*acquis* ta' Schengen, jixtieq jidħol fit-territorju tar-Repubblika Ċeka għal skopijiet ta' tranżitu biex jasal f'dan l-Istat l-ieħor ta' Schengen. Il-persuna ma hijiex inkluża fil-bażijiet tad-*data* nazzjonali għall-finijiet ta' ċaħda tad-dħul. Ir-Repubblika Ċeka ma tirrikonoxxix il-passaporti ordinarji tas-Somalja. Il-kundizzjonijiet għad-dħul stabbiliti fl-Artikolu 6(1) tal-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen jinkludu l-pussess ta' dokument validu tal-ivvjaġġar li jintitola lid-detentur jaqsam il-fruntiera esterna. Madankollu, ma hemm l-ebda ġerarkija formali ta' dawn il-kundizzjonijiet għad-dħul; l-eċċezzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 6(5)

tal-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen japplikaw għal kwalunkwe waħda mill-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 6(1) tal-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen. Dan ifisser li kwalunkwe ċittadin ta' pajjiż terz li ma jissodisfax il-kundizzjonijiet kollha stabbiliti fl-Artikolu 6(1) tal-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen, iżda li jkollu permess ta' residenza jew viża għal soġġorn twil għandu jkun awtorizzat jidħol fit-territorju tal-Istati Membri l-oħra għal skopijiet ta' tranżitu sabiex ikun jista' jasal fit-territorju tal-Istat ta' Schengen li japplika b'mod sħiħ l-*acquis* ta' Schengen, li jkun ħareġ il-permess ta' residenza jew il-viża għal soġġorn twil, sakemm ismu ma jkunx fil-lista nazzjonali ta' allerti tal-Istat Membru li l-fruntieri esterni tiegħu jkun qiegħed ifittex li jaqsam u l-allert ikun akkumpanjat minn struzzjonijiet biex jiġi miċħud id-dħul jew it-tranżitu. Fil-każ taċ-ċittadin Somalu, ir-Repubblika Ċeka għandha tawtorizza lill-persuna tidħol fir-Repubblika Ċeka għall-finijiet ta' tranżitu sabiex tkun tista' tasal fit-territorju tal-Istat ta' Schengen li japplika b'mod sħiħ l-*acquis* ta' Schengen li jkun ħareġ il-permess ta' residenza.

8.2. Stat ta' Schengen ma għandux jiċħad id-dħul u għandu jħalli liċ-ċittadin ta' pajjiż terz jidħol fit-territorju tiegħu fil-każijiet li ġejjin:

(a) għal raġunijiet umanitarji, għal raġunijiet ta' interess nazzjonali jew minħabba obbligi internazzjonali;

(b) jekk persuna li ma jkollhiex viża tissodisfa l-kriterji biex tinħarġilha viża fil-fruntiera (il-punt 9 ta' din it-Taqsima);

(c) unikament minħabba li l-persuna jkollha viża għal dħul multiplu maħruġa minn Stat Membru ieħor;

(d) unikament minħabba li l-persuna jkollha viża għal dħul multiplu iżda tivvjaġġa għal skop li ma jkunx dak li jista' jkun hemm indikat fit-taqsima tal-"kummenti" tal-istiker tal-viża. Il-kummenti nazzjonali użati minn xi Stati Membri jistgħu jkunu marbuta mal-għan (ewlieni) li għalih tkun saret l-applikazzjoni għall-viża. Tali entrata fuq l-istiker tal-viża ma timpedix lid-detentur milli juża viża valida għal dħul multiplu biex jivvjaġġa għal skopijiet oħra (ara wkoll il-punt 8.6 ta' din it-Taqsima);

(e) jekk il-persuna jkollha permess ta' residenza validu jew viża għal soġġorn twil maħruġa minn Stat ta' Schengen li japplika b'mod sħiħ l-*acquis* ta' Schengen, iżda ma tissodisfax il-kundizzjonijiet kollha għad-dħul stabbiliti fl-Artikolu 6(1) tal-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen, il-persuna għandha tkun awtorizzata tidħol fit-territorju tal-Istati l-oħra ta' Schengen għall-finijiet ta' tranżitu sabiex il-persuna kkonċernata tkun tista' tasal fit-territorju tal-Istat ta' Schengen li japplika b'mod sħiħ l-*acquis* li jkun ħareġ il-permess ta' residenza jew il-viża għal soġġorn twil. It-tranżitu jista', madankollu, jiġi miċħud f'każ li jkun hemm allert dwar din il-persuna fil-bażijiet tad-*data* nazzjonali ta' Stat ta' Schengen li tiegħu l-persuna tkun qed tipprova taqsam il-fruntieri esterni u l-allert ikun akkumpanjat minn struzzjonijiet għaċ-ċaħda tad-dħul jew tat-tranżitu. F'każ li d-detentur tal-permess ta' residenza jkun soġġett għal allert dwar ċaħda tad-dħul jew tas-soġġorn fis-SIS, l-Uffiċċju SIRENE nazzjonali għandu jiġi kkuntattjat immedjatament sabiex titnieda l-proċedura ta' konsultazzjoni stabbilita fl-Artikolu 30 tar-Regolament (UE) 2018/1861 u fl-Artikolu 36 tal-Manwal SIRENE – Fruntieri u ritorn.

*** Bażi legali:**

- Il-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen (l-Artikoli 1, 4, 6, 8, 14 u l-Anness V)

- Il-Kodiċi dwar il-Viżi (l-Artikoli 32, 35 u l-Anness VI)

- Id-Deċiżjoni Nru 565/2014/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 li tintroduċi reġim simplifikat għall-kontroll tal-persuni fuq il-fruntieri esterni li jkun ibbażat fuq ir-rikonoxximent unilaterali mill-Bulgarija, il-Kroazja, Ċipru u r-Rumanija ta' ċerti dokumenti bħala ekwivalenti għall-viżi nazzjonali tagħhom għat-tranżitu minn jew permanenzi intiżi fit-territorji tagħhom li ma jaqbżux id-90 jum fi kwalunkwe perjodu ta' 180 jum u li tħassar id-Deċiżjonijiet Nru 895/2006/KE u Nru 582/2008/KE

- Annotamenti nazzjonali fit-taqsima "kummenti" tal-istiker tal-viża

8.3. Persuni li jgawdu mid-dritt ta' moviment liberu skont id-dritt tal-Unjoni jistgħu jiġu miċħuda d-dħul biss għal raġunijiet ta' ordni pubbliku jew ta' sigurtà pubblika kif imsemmi fid-Direttiva 2004/38/KE, jiġifieri meta l-imġiba personali tagħhom

tirrappreżenta theddida ġenwina, preżenti u serja biżżejjed li taffettwa wieħed mill-interessi fundamentali tas-soċjetà.

8.3.1. Konsegwentement, lanqas allert fis-SIS ma jista', fih innifsu, jitqies bħala raġuni suffiċjenti għaċ-ċaħda awtomatika tad-dħul lil dawn il-persuni; f'każ bħal dan, il-gwardja tal-fruntiera jrid dejjem jagħmel valutazzjoni bir-reqqa tas-sitwazzjoni u jivvalutaha fid-dawl tal-prinċipji msemmija fil-punt 8.3. ta' din it-Taqsima.

Jekk l-allert ikun iddaħħal minn Stat ta' Schengen ieħor, il-gwardja tal-fruntiera jrid jagħmel kuntatt immedjat, permezz tan-network tal-Uffiċċji SIRENE, billi jikkuntattja lill-Uffiċċju SIRENE nazzjonali, mal-awtoritajiet responsabbli tal-Istat ta' Schengen li jkun daħħal l-allert. Dan tal-aħħar irid jiċċekkja, b'mod partikolari, ir-raġuni(jiet) għaliex ikun iddaħħal l-allert u jekk dawn ir-raġunijiet ikunx għadhom validi. Din l-informazzjoni trid tiġi trażmessa mingħajr dewmien lill-awtoritajiet tal-Istat ta' Schengen li jagħmel it-talba. Il-gwardji tal-fruntiera jistgħu, bi kwalunkwe mezz ieħor disponibbli, u fejn applikabbli, jikkuntattjaw lill-awtoritajiet ta' Stat ieħor ta' Schengen li jkunu ħarġu d-dokument ta' residenza biex jivverifikaw il-validità tiegħu.

L-allert dwar ċaħda tad-dħul ikun fih xi informazzjoni li tista' tgħin biex jiġu ddeterminati r-raġunijiet għaliex ikun iddaħħal l-allert. L-allert ikun fih informazzjoni dwar jekk id-deċiżjoni għaċ-ċaħda tad-dħul u tas-soġġorn tkunx ibbażata fuq:

(1) kundanna preċedenti kif imsemmi fl-Artikolu 24(2)(a) tar-Regolament 2018/1861; jew

(2) theddida serja għas-sigurtà kif imsemmi fl-Artikolu 24(2)(b) tar-Regolament 2018/1861; jew

(3) ċirkomvenzjoni tal-liġi tal-Unjoni jew nazzjonali dwar id-dħul u s-soġġorn kif imsemmi fl-Artikolu 24(2)(c) tar-Regolament 2018/1861; jew

(4) projbizzjoni fuq id-dħul kif imsemmi fl-Artikolu 24(1)(b) tar-Regolament 2018/1861; jew

(5) miżura restrittiva msemmija fl-Artikolu 25 tar-Regolament 2018/1861.

Barra minn hekk, huwa possibbli li fl-allert innifsu jiġi indikat it-tip ta' reat, meta l-allerti dwar ċaħda tad-dħul ikunu relatati ma' reati kriminali. Huwa possibbli wkoll li l-Istat ta' Schengen emittenti jindika fl-allert jekk il-persuna kkonċernata tkunx membru

tal-familja ta' ċittadin tal-Unjoni jew persuna oħra li hija benefiċjarja tad-dritt ta' moviment liberu. Madankollu, l-Istat ta' Schengen emittenti xorta għandu dejjem jiġi kkonsultat f'każ li jkun hemm hit dwar ċittadin ta' pajjiż terz li jkun benefiċjarju ta' dritt ta' moviment liberu.

Abbażi tal-informazzjoni riċevuta, l-awtoritajiet kompetenti jagħmlu valutazzjoni bbażata fuq il-kriterji spjegati fil-punt 8.3 ta' din it-Taqsima. Fuq dik il-bażi, il-gwardja tal-fruntiera jdaħħal jew jiċħad id-dħul lill-persuna inkwistjoni.

Jekk ma jkunx possibbli li tinkiseb l-informazzjoni sa dewmien raġonevoli, il-persuna inkwistjoni trid titħalla tidħol fit-territorju. F'dan il-każ, il-gwardji tal-fruntiera, kif ukoll l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti l-oħra, jistgħu jagħmlu l-verifiki meħtieġa wara li l-persuna tkun daħlet fit-territorju u jieħdu, fejn ikun meħtieġ, il-miżuri xierqa wara.

L-azzjoni elenkata fil-Punt 8.3.1 ta' din it-Taqsima hija mingħajr preġudizzju għal azzjonijiet oħra li għandhom jitwettqu bħala konsegwenza ta' allert fis-SIS, bħall-arrest tal-persuna, l-adozzjoni ta' miżuri ta' protezzjoni, informazzjoni dwar dokumenti mitlufin u misruqin, eċċ. F'każ li tali konsultazzjoni tiżvela allert fis-SIS dwar il-ħtieġa li jiġi ssekwestrat dokument, dan għandu jiġi kkonfiskat immedjatament u l-Uffiċċju SIRENE jrid jiġi kkuntattjat għal aktar informazzjoni mingħajr dewmien.

*** Bażi ġuridika/Ġurisprudenza**:

- Id-Direttiva 2004/38/UE (l-Artikoli 27 sa 33)

- Id-Deċiżjoni Nru 1082/2013/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Ottubru 2013 dwar theddid transkonfinali serju għas-saħħa u li tħassar id-Deċiżjoni Nru 2119/98/KE

- Ir-Regolament (KE) Nru 851/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' April 2004 li jistabbilixxi Ċentru Ewropew għall-prevenzjoni u l-kontroll tal-mard

- Is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-3 ta' Lulju 1980, il-Kawża C 157/79, Regina vs Stanislaus Pieck.

- Is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-31 ta' Jannar 2006, il-Kawża C 503/03, Il-Kummissjoni vs Spanja.

8.3.2. Jekk persuna li tgawdi mid-dritt ta' moviment liberu skont id-dritt tal-Unjoni ma jkollhiex id-dokumenti tal-ivvjaġġar meħtieġa jew, jekk ikun hemm bżonn, il-viżi meħtieġa, l-Istat ta' Schengen ikkonċernat irid, qabel ma jibgħatha lura, jagħti lil din il-persuna kull opportunità raġonevoli biex tikseb id-dokumenti meħtieġa jew biex jinġibulha f'perjodu ta' żmien raġonevoli jew tikkorrobora jew tipprova b'mezzi oħra li hija tkun koperta mid-dritt ta' moviment liberu skont id-dritt tal-Unjoni.

*** Bażi ġuridika/Ġurisprudenza:**

- Id-Direttiva 2004/38/KE (l-Artikoli 5 u 27 sa 33) moqrija flimkien mal-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni KUMM (2009) 313 finali

- Is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-25 ta' Lulju 2002, il-Kawża C 459/99, MRAX vs Stat Belġjan.

- Is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-17 ta' Frar 2005, il-Kawża C 215/03, Salah Oulane vs Minister voor Vreemdelingenzaken en Integratie.

8.4. Meta jiġi miċħud id-dħul lil ċittadini ta' pajjiżi terzi, l-uffiċjal tal-verifika jrid:

(a) jimla l-formola standard għaċ-ċaħda tad-dħul u jissostanzja r-raġuni(jiet) għaċ-ċaħda, u jagħtiha liċ-ċittadin ta' pajjiż terz ikkonċernat, li jrid jiffirma l-formola u jrid jingħata kopja tal-formola ffirmata. F'każ li ċ-ċittadin ta' pajjiż terz jirrifjuta li jiffirma, il-gwardja tal-fruntiera jindika dan ir-rifjut fil-formola taħt it-taqsima "kummenti";

(b) jagħmel timbru tad-dħul fuq il-passaport, ingassat b'salib magħmul b'linka sewda li ma titħassarx, u jikteb faċċata tiegħu fuq in-naħa tal-lemin, ukoll b'linka li ma titħassarx, l-ittra/i li jikkorrispondu għar-raġuni(jiet) għaċ-ċaħda tad-dħul, kif elenkati fil-formola għaċ-ċaħda tad-dħul (ara eżempju hawn taħt). Fid-dawl tal-formulazzjoni ċara tal-Punt 1 tal-Parti A tal-Anness V tal-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen (kif ukoll fl-Artikolu 18 tar-Regolament (UE) 2017/2226 li jirrifletti l-istess approċċ) ("Meta jiċħad id-dħul, il-gwardja tal-fruntiera għandu .... jagħmel timbru tad-dħul, ikkanċellat....") il-gwardji tal-

fruntiera għandhom jagħmlu t-timbru kkanċellat fil-mument tad-deċiżjoni ta' ċaħda tad-dħul.

Eżempju ta' timbru ta' ċaħda tad-dħul:




Ittra li tindika r-raġuni għaċ-ċaħda tad-dħul f'konformità mal-formola uniformi

8.5. Meta l-uffiċjal responsabbli għall-verifiki jsib li d-detentur ta' viża kien is-suġġett ta' allert fis-SIS għall-finijiet li jiġi miċħud id-dħul, huwa jrid jirrevoka l-viża billi jagħmel timbru li jgħid "REVOKATA". Għal aktar dettalji, ara l-punt 10 ta' din it-Taqsima. Meta viża tkun ġiet revokata, id-*data* rilevanti trid tiddaħħal fil-VIS. Dwar l-azzjonijiet li għandhom jitwettqu fil-VIS, ara l-Anness 32 ta' dan il-Manwal.

Meta Stat Membru jkun irrevoka viża maħruġa minn Stat Membru ieħor, huwa rrakkomandat li l-informazzjoni tiġi trażmessa permezz tal-formola stabbilita fl-Anness 31 ta' dan il-Manwal.

8.6. Il-viża ma tridx tiġi annullata jew irrevokata biss minħabba li ċ-ċittadin ta' pajjiż terz ma setax juri d-dokument(i) ta' sostenn mitlub(in) sabiex jiġġustifika l-għan tal-vjaġġ. F'dan il-każ tal-aħħar, trid issir investigazzjoni ulterjuri mill-gwardja tal-fruntiera sabiex jiġi vvalutat jekk il-persuna tkunx kisbet il-viża b'mod frodulenti u tirrappreżentax riskju f'termini ta' immigrazzjoni illegali. Jekk ikun meħtieġ, għandhom isiru kuntatti mal-awtoritajiet kompetenti tal-Istat ta' Schengen li jkun ħareġ il-viża. Huwa biss jekk jiġi aċċertat li l-viża tkun inkisbet b'mod frodulenti, li tali viża trid tiġi annullata mill-gwardja tal-fruntiera billi jiġi applikat timbru li jgħid "ANNULLATA". Għal aktar dettalji, ara l-punt 10 ta' din it-Taqsima. Meta viża tkun ġiet annullata, id-*data* rilevanti trid tiddaħħal fil-VIS. Dwar l-azzjonijiet li għandhom jitwettqu fil-VIS, ara l-Anness 32 ta' dan il-Manwal.

Meta Stat Membru jkun annulla viża maħruġa minn Stat Membru ieħor, huwa rrakkomandat li l-informazzjoni tiġi trażmessa permezz tal-formola stabbilita fl-Anness 30 ta' dan il-Manwal.

**L-aqwa prattika: tħassir ta' timbru tad-dħul jew tal-ħruġ f'każijiet għajr ċaħda tad-dħul:**

Jista' jkun hemm każijiet fejn timbru li diġà jkun sar fuq passaport ikun irid jitħassar (pereżempju, jekk ikun sar it-timbru ħażin bi żball mill-gwardja tal-fruntiera). F'każijiet bħal dawn, il-vjaġġatur ma jaħti xejn għal dan u għalhekk it-timbru ma jistax jiġi kkanċellat bl-istess mod bħal meta persuna tiġi miċħuda d-dħul. Għalhekk huwa rakkomandat li t-timbru jitħassar billi jitħażżu żewġ linji paralleli mir-rokna ta' fuq tax-xellug tiegħu bħal fl-eżempju ta' hawn taħt:




8.7. F'konformità mad-dritt għal rimedju effettiv u għal proċess ġust stabbilit fl-Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE, il-persuni kollha li lilhom ikun ġie miċħud id-dħul, jew detentur ta' viża li l-viża tiegħu tkun ġiet annullata jew revokata, għandu jkollhom id-dritt ta' appell f'konformità mal-liġi nazzjonali. Trid tingħata indikazzjoni bil-miktub dwar il-proċeduri għall-appell u dwar il-punti ta' kuntatt li jistgħu jipprovdu informazzjoni dwar ir-rappreżentanti kompetenti biex jaġixxu f'isem iċ-ċittadin ta' pajjiż terz lil dan tal-aħħar.

Meta viża tiġi annullata jew irrevokata, skont il-każ, il-gwardja tal-fruntiera jrid jimla l-formola standard għan-notifika u l-motivazzjoni tal-annullament ta' viża, fejn jissostanzja r-raġuni(jiet) għall-annullament jew għar-revoka, u jippreżentaha liċ-ċittadin ta' pajjiż terz ikkonċernat (ara l-Anness 25 ta' dan il-Manwal).

8.8. Jekk persuna li tgawdi mid-dritt ta' moviment liberu skont id-dritt tal-Unjoni tiġi miċħuda d-dħul, il-gwardja tal-fruntiera jrid dejjem jipprovdi lill-persuna b'deċiżjoni bil-miktub. Id-deċiżjoni trid tkun imfassla b'tali mod li l-persuna kkonċernata tkun tista'

tifhem il-kontenut u l-implikazzjonijiet tagħha. Id-deċiżjoni trid tinkludi wkoll indikazzjoni preċiża u sħiħa tar-raġunijiet ta' ordni pubbliku jew ta' sigurtà pubblika li fuqhom tkun ibbażata d-deċiżjoni meħuda, sakemm dan ma jmurx kontra l-interessi tas-sigurtà tal-Istat. Id-deċiżjoni trid tispeċifika wkoll il-qorti jew l-awtorità amministrattiva li quddiemha l-persuna kkonċernata tista' tressaq appell u l-limitu perentorju għall-appell. Jistgħu jintużaw formoli biex tiġi nnotifikata deċiżjoni negattiva iżda l-motivazzjoni mogħtija trid dejjem tippermetti ġustifikazzjoni sħiħa tar-raġunijiet li fuqhom tkun ittieħdet id-deċiżjoni fil-każ konkret. Għalhekk, l-indikazzjoni ta' waħda jew aktar minn diversi għażliet billi jiġu mmarkati biss il-kaxxi fil-formola standard ma hijiex suffiċjenti fil-każ ta' ċaħda tad-dħul lil membru tal-familja ta' ċittadin tal-UE.

8.9. Id-deċiżjoni li jiġi miċħud id-dħul trid tiġi eżegwita immedjatament.

8.10. Jekk iċ-ċittadin ta' pajjiż terz li jiġi miċħud id-dħul ikun inġieb minn trasportatur tal-ajru, tal-baħar jew tal-art, it-trasportatur irid ikun obbligat li jassumi immedjatament ir-responsabbiltà għalih mill-ġdid. It-trasportatur irid, b'mod partikolari, ikun obbligat jieħu liċ-ċittadin ta' pajjiż terz lura lejn l-Istat terz minn fejn ikun ġie ttrasportat jew lejn l-Istat terz li jkun ħareġ id-dokument tal-ivvjaġġar li bih ikun ivvjaġġa, jew lejn kwalunkwe Stat terz ieħor fejn ikun ċert li se jitħalla jidħol. Meta ċ-ċittadin ta' pajjiż terz li jkun ġie miċħud id-dħul ma jkunx jista' jittieħed lura immedjatament, it-trasportatur irid ikun responsabbli li jħallas il-kostijiet kollha meħtieġa relatati mal-ivvjaġġar ta' ritorn. Jekk it-trasportatur ma jkunx jista' jieħu lura liċ-ċittadin ta' pajjiż terz, huwa jrid ikun obbligat li jiżgura r-ritorn tiegħu bi kwalunkwe mezz ieħor (pereżempju, billi jikkuntattja trasportatur ieħor).

8.11. Iridu jiġu imposti penali fuq it-trasportatur f'konformità mad-Direttiva 2001/51/KE u l-liġi nazzjonali.

8.12. Il-gwardji tal-fruntiera jridu jieħdu l-miżuri kollha xierqa, ibbażati fuq iċ-ċirkostanzi lokali, sabiex iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu ġew miċħuda d-dħul ma jitħallewx jidħlu b'mod illegali (pereżempju, billi jiżguraw li jibqgħu fiż-żona ta' tranżitu ta' ajruport, jew billi jiġu pprojbiti milli jinżlu l-art f'port marittimu).

*** Bażi legali:**

- Id-Direttiva 2004/38/KE (l-Artikoli 5, u 27 sa 33) moqrija flimkien mal-Komunikazzjoni

tal-Kummissjoni KUMM (2009) 313 finali

- Il-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen (l-Artikolu 14 u l-Anness V)

- Il-Konvenzjoni ta' Schengen (l-Artikolu 26);

- Id-Direttiva tal-Kunsill 2001/51/KE tat-28 ta' Ġunju 2001 li tissupplimenta d-dispożizzjoni tal-Artikolu 26 tal-Konvenzjoni li timplimenta l-Ftehim ta' Schengen tal-14 ta' Ġunju 1985;

- Il-Kodiċi dwar il-Viżi (l-Artikolu 34 u l-Anness VI)

## 9. Applikazzjonijiet għal viża li jsiru fil-fruntiera, inkluż għall-baħħara fi tranżitu, u ċ-ċaħda ta' tali viżi

Il-politika komuni dwar il-viżi għadha mhix applikata mill-Bulgarija, il-Kroazja, Ċipru u r-Rumanija. Il-viżi nazzjonali maħruġa minn dawn l-erba' pajjiżi għalhekk ma humiex validi għaċ-ċirkolazzjoni fiż-żona mingħajr kontrolli fil-fruntieri interni. Il-Bulgarija, il-Kroazja, Ċipru u r-Rumanija jistgħu madankollu jippermettu d-dħul jew it-tranżitu mit-territorju tagħhom lid-detenturi ta' viżi uniformi maħruġa mill-Istati ta' Schengen.

9.1. Tipi ta’ viżi:

Ara l-punti 27 sa 32 tal-Ewwel Parti ta’ dan il-Manwal

Għal aktar informazzjoni dwar it-tipi differenti ta’ viżi, ara l-punt 8 tal-Parti II tal-Manwal tal-Kodiċi dwar il-Viżi

Għal aktar informazzjoni dwar il-ħruġ ta’ viżi fil-fruntiera, ara l-Parti IV tal-Manwal tal-Kodiċi dwar il-Viżi

Għal aktar informazzjoni dwar regoli speċifiċi għall-ħruġ ta’ viżi fil-fruntiera lil membri tal-familja ta’ ċittadini tal-UE/taż-ŻEE u ċittadini Żvizzeri, ara l-Parti III tal-Manwal tal-Kodiċi dwar il-Viżi

*** Bażi legali:**

- Ir-Regolament (UE) 2018/1806 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta’ Novembru 2018 li jelenka l-pajjiżi terzi li ċ-ċittadini tagħhom għandhom ikollhom viża fil-pussess tagħhom meta jaqsmu l-fruntieri esterni u dawk li ċ-ċittadini tagħhom huma eżenti minn dik il-ħtieġa

- Il-Kodiċi dwar il-Viżi (l-Artikolu 2)

*** Links:**

- Mili tal-istiker tal-viża

- Eżempji ta’ stikers tal-viża mimlijin

## 10. ANNULLAMENT U REVOKA TA’ VIŻI

Ara l-punti 2 u 3 tal-Parti V tal-Manwal tal-Kodiċi dwar il-Viżi

*** Bażi legali:**

- Il-Kodiċi dwar il-Viżi (l-Artikolu 34 u l-Anness VI)

## 11. SKEMI TA’ TRANŻITU SPEĊJALI

11.1. Id-Dokument ta’ Tranżitu Faċilitat (FTD) u d-Dokument ta’ Tranżitu Faċilitat bil-Ferroviji (FRTD)

11.1.1. Fl-1 ta' Lulju 2003, daħal fis-seħħ reġim ġdid ta' vjaġġar għat-tranżitu bejn Kaliningrad u r-Russja kontinentali. Dan introduċa żewġ tipi ta' dokumenti - Dokument ta' Tranżitu Faċilitat (FTD) u Dokument ta' Tranżitu Faċilitat bil-Ferroviji (FRTD). Dawk id-dokumenti huma meħtieġa għall-qsim tat-territorju tal-Litwanja sabiex jippermettu u jiffaċilitaw l-ivvjaġġar ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jivvjaġġaw bejn żewġ partijiet ta' pajjiżhom stess li ma humiex ġeografikament kontigwi.

11.1.2. L-FTD iservi għal tranżitu dirett bi dħul multiplu bi kwalunkwe tip ta' trasport tal-art mit-territorju tal-Litwanja. Dan jinħareġ mill-awtoritajiet Litwani u huwa validu għal perjodu massimu sa tliet snin. Tranżitu bbażat fuq l-FTD ma jistax jaqbeż l-24 siegħa.

11.1.3. L-FRTD iservi għal vjaġġi singoli bir-ritorn bil-ferrovija u huwa validu sa massimu ta' tliet xhur. Tranżitu bbażat fuq FRTD ma jistax jaqbeż is-sitt sigħat.

11.1.4. L-FTD/FRTD għandhom l-istess valur bħal viża u jridu jinħarġu f'format uniformi mill-awtoritajiet konsulari f'konformità mar-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 693/2003[85] u (KE) Nru 694/2003[86]. Huma ma jistgħux jinħarġu fil-fruntiera.

*** Bażi legali:**

- Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 693/2003 tal-14 ta' April 2003 li jistabbilixxi Dokument speċifiku ta' Tranżitu Faċilitat (FTD), Dokument ta' Tranżitu Faċilitat bil-Ferroviji (FRTD) u jemenda l-Istruzzjonijiet Konsulari Komuni u l-Ktieb tal-Istruzzjonijiet Komuni

- Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 694/2003 tal-14 ta' April 2003 dwar il-format uniformi tad-Dokumenti dwar it-Tranżitu Faċilitat (FTD) u tad-Dokumenti dwar it-Tranżitu Faċilitat bil-Ferrovija (FRTD) previsti fir-Regolament (KE) Nru 693/2003

85 Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 693/2003 tal-14 ta' April 2003 li jistabbilixxi Dokument speċifiku ta' Tranżitu Faċilitat (FTD), Dokument ta' Tranżitu Faċilitat bil-Ferroviji (FRTD) u jemenda l-Istruzzjonijiet Konsulari Komuni u l-Ktieb tal-Istruzzjonijiet Komuni (ĠU L 099, 17.4.2003, p. 8)

86 Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 694/2003 tal-14 ta' April 2003 dwar il-format uniformi tad-Dokumenti dwar it-Tranżitu Faċilitat (FTD) u tad-Dokumenti dwar it-Tranżitu Faċilitat bil-Ferrovija (FRTD) previsti fir-Regolament (KE) Nru 693/2003 (ĠU L 099, 17.4.2003, p. 15).

### 11.2. Tranżitu mit-territorju ta' Stati ta' Schengen li għadhom ma humiex jimplimentaw b'mod sħiħ l-*acquis* ta' Schengen[87]

11.2.1. Sakemm il-Bulgarija, il-Kroazja, Ċipru u r-Rumanija jissieħbu fiż-żona mingħajr kontrolli fil-fruntieri interni, huma jistgħu jirrikonoxxu: viżi validi għal dħul darbtejn jew għal dħul multiplu; viżi għal soġġorn twil; u permessi ta' residenza maħruġa minn Stat ta' Schengen;

bħala ekwivalenti għall-viżi nazzjonali tagħhom għall-iskop ta' tranżitu mit-territorju tagħhom jew soġġorni maħsuba fit-territorju tagħhom li ma jaqbżux id-90 jum fi kwalunkwe perjodu ta' 180 jum.

11.2.2. Id-detenturi tad-dokumenti msemmija fil-punt 11.2.1 iridu jkunu soġġetti għal proċeduri normali ta' verifika (il-punt 1 ta' din it-Taqsima).

*** Bażi legali:**

- Id-Deċiżjoni Nru 565/2014/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 li tintroduċi reġim simplifikat għall-kontroll tal-persuni fuq il-fruntieri esterni li jkun ibbażat fuq ir-rikonoxximent unilaterali mill-Bulgarija, il-Kroazja, Ċipru u r-Rumanija ta' ċerti dokumenti bħala ekwivalenti għall-viżi nazzjonali tagħhom għat-tranżitu minn jew permanenzi intiżi fit-territorji tagħhom li ma jaqbżux id-90 jum fi kwalunkwe perjodu ta' 180 jum u li tħassar id-Deċiżjonijiet Nru 895/2006/KE u Nru 582/2008/KE

## 12. PERSUNI LI JFITTXU L-AŻIL/APPLIKANTI GĦAL PROTEZZJONI INTERNAZZJONALI[88]

*** Prinċipji ġenerali:**

L-applikazzjonijiet kollha għall-protezzjoni internazzjonali, inklużi dawk li jsiru fil-fruntiera, iridu jiġu eżaminati mill-Istati Membri tal-UE sabiex jiġi ddeterminat jekk ikunux ammissibbli u/jew jekk l-applikant jikkwalifikax għal status ta' refuġjat, f'konformità mal-Konvenzjoni ta' Ġinevra dwar l-Istatus tar-Refuġjati tat-28 ta' Lulju 1951 kif supplementata mill-Protokoll ta' New York tal-31 ta' Jannar 1967, jew għal status

87 Dan il-punt japplika biss għall-Bulgarija, il-Kroazja, Ċipru u r-Rumanija.

88 Dan il-punt japplika għad-Danimarka, l-Irlanda, in-Norveġja, l-Iżlanda, il-Liechtenstein u l-Iżvizzera f'dak li għandu x'jaqsam mad-determinazzjoni tal-Istat Membru responsabbli biex jeżamina applikazzjoni għall-ażil u l-Eurodac.
Dan il-punt japplika għall-Irlanda sa fejn jikkonċerna d-Direttiva 2005/85/KE.

ta' protezzjoni sussidjarja, abbażi tal-kriterji stabbiliti fid-Direttiva 2011/95/UE.

L-Istat Membru tal-UE responsabbli biex jeżamina l-applikazzjoni huwa ddeterminat f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 604/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[89] (ir-Regolament Dublin III).

Il-proċedura trid tkun f'konformità mad-Direttiva 2013/32/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[90].

12.1. Ċittadin ta' pajjiż terz irid jitqies bħala applikant għall-ażil/protezzjoni internazzjonali jekk huwa jesprimi – bi kwalunkwe mod – biża' ta' persekuzzjoni jew li jsofri dannu serju jekk jiġi rritornat lura lejn il-pajjiż ta' oriġini tiegħu jew lejn ir-residenza abitwali ta' qabel.

Ix-xewqa għall-protezzjoni internazzjonali ma għandhiex għalfejn tiġi espressa f'xi forma partikolari. Il-kelma "ażil" ma għandhiex għalfejn tintuża b'mod espliċitu; l-element determinanti huwa l-espressjoni tal-biża' minn dak li jista' jiġri mar-ritorn. F'każ ta' dubju dwar jekk ċerta dikjarazzjoni tistax tiġi interpretata bħala xewqa ta' applikazzjoni għall-ażil jew għal forma oħra ta' protezzjoni internazzjonali, il-gwardji tal-fruntiera jridu jikkonsultaw lill-awtorità/awtoritajiet nazzjonali responsabbli għall-eżami tal-applikazzjonijiet għall-protezzjoni internazzjonali.

12.2. Iċ-ċittadini kollha ta' pajjiżi terzi li jesprimu x-xewqa li japplikaw għall-ażil/protezzjoni internazzjonali fil-fruntiera (inklużi ż-żoni ta' tranżitu tal-ibħra territorjali, tal-ajruporti u tal-portijiet) iridu jingħataw l-opportunità li jippreżentaw l-applikazzjoni malajr kemm jista' jkun. Għal dan il-għan, il-gwardji tal-fruntiera jridu jinfurmaw lill-applikanti, f'lingwa li jistgħu raġonevolment ikunu mistennija li jifhmu, dwar il-proċedura li għandha tiġi segwita (kif u fejn għandhom jippreżentaw l-applikazzjoni), kif ukoll dwar id-drittijiet u l-obbligi tagħhom, inkluż dwar il-konsegwenzi possibbli jekk ma jikkonformawx mal-obbligi tagħhom u ma jikkooperawx mal-gwardji tal-fruntiera.

89 Ir-Regolament (UE) Nru 604/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 li jistabbilixxi l-kriterji u l-mekkaniżmi biex ikun iddeterminat liema hu l-Istat Membru responsabbli biex jeżamina applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali iddepożitata għand wieħed mill-Istati Membri minn ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna apolida (ĠU L 180, 29.6.2013, p. 31).

90 Id-Direttiva 2013/32/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar proċeduri komuni għall-għoti u l-irtirar tal-protezzjoni internazzjonali (ĠU L 180, 29.6.2013, p. 60).

Sabiex jiġi evitat in-nuqqas ta' ftehim, u biex jiġi żgurat li l-applikanti jkunu infurmati b'mod adegwat dwar id-drittijiet u l-obbligi tagħhom, kif ukoll dwar il-proċedura, jekk applikant għal protezzjoni internazzjonali ma jkollux għarfien suffiċjenti tal-lingwa mitkellma fl-Istat Membru tal-UE kkonċernat, iridu jintalbu s-servizzi ta' interpretu.

12.3. L-awtoritajiet nazzjonali kompetenti maħtura minn kull Stat Membru tal-UE għall-fini tal-eżami tal-applikazzjonijiet għall-protezzjoni internazzjonali jridu jiġu infurmati li tkun saret applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali.

Ma trid tittieħed l-ebda deċiżjoni ta' ritorn tal-applikant mill-gwardja tal-fruntiera mingħajr konsultazzjoni minn qabel mal-awtorità nazzjonali kompetenti responsabbli għall-eżami tal-applikazzjonijiet għall-protezzjoni internazzjonali.

12.4. Iridu jittieħdu l-marki tas-swaba' kollha ta' kull applikant għall-ażil li jkollu mill-anqas 14-il sena, f'konformità mal-leġiżlazzjoni nazzjonali tal-Istat Membru tal-UE, u jintbagħtu lis-Sistema Ċentrali tal-Eurodac biex ikunu jistgħu jsiru l-verifiki fis-sistema EURODAC.

*** Bażi legali:**

- Il-Konvenzjoni ta' Ġinevra tat-28 ta' Lulju 1951 u l-Protokoll ta' New York;

- Ir-Regolament (UE) Nru 603/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar l-istabbiliment tal-"Eurodac" għat-tqabbil ta' marki tas-swaba' għall-applikazzjoni effettiva tar-Regolament (UE) Nru 604/2013 li jistabbilixxi l-kriterji u l-mekkaniżmi biex ikun iddeterminat l-Istat Membru responsabbli biex jeżamina applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali ddepożitata f'wieħed mill-Istati Membri minn ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna apolida u dwar talbiet għat-tqabbil ma' *data* tal-Eurodac mill-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi tal-Istati Membri u mill-Europol għall-finijiet ta' infurzar tal-liġi, u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1077/2011 li jistabbilixxi Aġenzija Ewropea għat-tmexxija operattiva tas-sistemi tal-IT fuq skala kbira fl-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja;

- Ir-Regolament (UE) Nru 604/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 li jistabbilixxi l-kriterji u l-mekkaniżmi biex ikun iddeterminat liema hu l-Istat Membru responsabbli biex jeżamina applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali

iddepożitata għand wieħed mill-Istati Membri minn ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna apolida;

- Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 118/2014 tat-30 ta' Jannar 2014 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1560/2003 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 343/2003 li jistabbilixxi l-kriterji u l-mekkaniżmi biex jiġi determinat l-Istat Membru responsabbli biex jeżamina applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali ppreżentata f'wieħed mill-Istati Membri minn ċittadin ta' pajjiż terz;

- Id-Direttiva 2011/95/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Diċembru 2011 dwar standards għall-kwalifika ta' ċittadini nazzjonali ta' pajjiżi terzi jew persuni mingħajr stat bħala benefiċjarji ta' protezzjoni internazzjonali, għal stat uniformi għar-refuġjati jew għal persuni eliġibbli għal protezzjoni sussidjarja, u għall-kontenut tal-protezzjoni mogħtija;

- Id-Direttiva 2013/32/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar proċeduri komuni għall-għoti u l-irtirar tal-protezzjoni internazzjonali;

- Id-Direttiva 2013/33/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 li tistabbilixxi l-istandards dwar l-akkoljenza ta' applikanti għall-protezzjoni internazzjonali;

- Il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, b'mod partikolari l-Artikolu 4 (il-projbizzjoni tat-tortura jew tal-pieni jew trattamenti inumani jew degradanti) u l-Artikolu 18 (id-dritt għall-ażil) u l-Artikolu 19 (il-protezzjoni f'każ ta' tneħħija, tkeċċija jew estradizzjoni).

## 13. REĠISTRAZZJONI TA' INFORMAZZJONI FIL-FRUNTIERA

F'kull punt ta' qsim tal-fruntiera, l-informazzjoni kollha ta' servizz u kwalunkwe informazzjoni oħra ta' importanza partikolari jridu jiġu rreġistrati b'mod manwali jew elettroniku. L-informazzjoni li għandha tiġi rreġistrata trid tinkludi, b'mod partikolari:

– l-ismijiet tal-gwardja tal-fruntiera responsabbli lokalment għall-verifiki fuq il-fruntiera u tal-uffiċjali l-oħra f'kull tim;

– kwalunkwe tnaqqis tal-verifiki fuq persuni;

– il-ħruġ, fuq il-fruntiera, ta' viżi u ta' dokumenti minflok passaporti u viżi;

– il-persuni maqbuda u l-ilmenti (reati kriminali u ksur amministrattiv);

– il-persuni li jkunu ġew miċħuda d-dħul (ir-raġunijiet għaċ-ċaħda u n-nazzjonalità);

– il-kodiċijiet tas-sigurtà tat-timbri tad-dħul u tal-ħruġ, l-identità tal-gwardji tal-fruntiera li jkunu użaw it-timbri fi kwalunkwe data jew xift partikolari, kif ukoll l-informazzjoni relatata mat-timbri mitlufin u misruqin;

– l-ilmenti minn persuni soġġetti għal verifiki;

– miżuri oħra partikolarment importanti tal-pulizija jew ġudizzjarji;

– okkorrenzi partikolari.

## 14. KOOPERAZZJONI MA' SERVIZZI OĦRA

Il-gwardji tal-fruntiera jridu jikkooperaw mill-qrib mal-awtoritajiet kollha tal-Istat skjerati fuq il-fruntiera, pereżempju, l-awtoritajiet doganali jew servizzi oħra kompetenti għal kwistjonijiet ta' sigurtà relatati mal-merkanzija, jew servizzi responsabbli għas-sigurtà tat-trasport.

## 15. IMMARKAR TA' DOKUMENTI FRODULENTI

F'każijiet fejn gwardja tal-fruntiera, waqt li jkun qed iwettaq verifiki fuq il-fruntiera, jiskopri dokument li jkun frodulenti, huwa għandu jiċħad id-dħul liċ-ċittadin ta' pajjiż terz, u jimmarka d-dokument skont il-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen (l-Anness V, il-Parti A u B).

Il-gwardja tal-fruntiera għandu jieħu l-miżuri kollha meħtieġa biex jipprevjeni l-użu ulterjuri tad-dokument frodulenti. Sabiex jintlaħaq dan l-objettiv, hu għandu, bħala regola ġenerali, jikkonfiska d-dokument.

Fejn ikun meħtieġ li d-dokument jiġi mgħoddi lill-awtoritajiet kompetenti (kontroll tal-fruntieri jew oħrajn) tal-pajjiż terz/pajjiż ta' oriġini kkonċernat (direttament, permezz tal-kumpaniji trasportaturi jew permezz ta' kanali diplomatiċi), il-gwardja tal-fruntiera għandu:

- jinvalida d-dokument - billi jtaqqab jew jaqta' d-dokument, fejn ikun possibbli fil-parti li tinqara minn magna (MRZ);

jew, jekk dan ma jkunx possibbli:

- jimmarka d-dokument kif ġej (f'każijiet biss meta d-dokument ma jkunx immarkat kif deskritt fl-ewwel paragrafu ta' dan il-punt):

1) Karta

Jimmarka l-kantuniera ta' isfel tax-xellug tal-aħħar paġna tal-passaport u, jekk ikun possibbli, jimmarka wkoll il-paġna li fiha jistgħu jinstabu s-sinjali ta' falsifikazzjoni jew ta' kontrafazzjoni, billi jagħmel trijangolu żgħir madwar l-ittra "F", b'pinna ħamra bil-ponta iebsa (sakemm dik il-paġna ma tkunx mimlija, f'liema każ għandhom jintużaw il-paġni li jmissu magħha);

2) Polimeru

Jimmarka żona vojta fuq dokument awtonomu bbażat fuq polimeru, billi jagħmel trijangolu żgħir madwar l-ittra "F", billi juża pinna tal-linka UV, preferibbilment ħamra;

Jew (għal dokumenti kompletament kontrafatti biss)

Jimmarka żona vojta fuq dokument kontrafatt awtonomu bbażat fuq polimeru billi jtaqqab jew jaqta' d-dokument fiż-żona fejn l-imitazzjonijiet tad-*data* personali u tal-karatteristiċi tas-sigurtà ma jkunux affettwati.

Fil-każ partikolari ta' frodi li jikkonċerna dokumenti li jidhru li jkunu nħarġu minn Stat ieħor ta' Schengen, id-dokument ikkonfiskat għandu jintbagħat lura lil dak l-Istat, ladarba jitlestew il-proċedimenti nazzjonali marbuta mal-konfiska tad-dokument.

## 16. VERIFIKA TAL-AWTENTIĊITÀ TAD-*DATA* MAĦŻUNA F'PASSAPORT BIJOMETRIKU

Biex jiġu żgurati verifiki effiċjenti fuq il-fruntieri, l-awtentiċità u l-integrità tad-*data* maħżuna fil-mikroċipp għandhom jiġu vverifikati meta jiġu ċċekkjati l-passaporti bijometriċi. Sabiex jiġi vverifikat li d-*data* fuq iċ-ċippa tkun iddaħħlet minn awtorità awtorizzata u ma tkunx ġiet imbagħbsa, il-kontenut taċ-ċippa għandu jiġi awtentikat permezz ta' Awtentikazzjoni Passiva. Iċ-ċertifikat tal-Firmatarju tad-Dokument tad-dokument għandu jiġi vverifikat maċ-ċertifikat tas-CSCA ta' fiduċja rispettiv tal-pajjiż emittenti. Jekk ikun teknikament possibbli, għandha tintuża l-awtentikazzjoni taċ-ċippa biex jiġi vverifikat li ċ-ċippa tkun ġenwina.

## 17. VALIDITÀ TAL-ENTRATI TAT-TFAL FIL-PASSAPORTI TAL-ĠENITURI

Ir-Regolament (KE) Nru 2252/2004 jistipula li, mis-26 ta' Ġunju 2012, ir-reġim li ġej japplika għad-detenturi ta' passaporti maħruġa mill-Istati ta' Schengen:

1. It-tfal, irrispettivament mill-età tagħhom, jeħtieġu l-passaport tagħhom stess;

2. It-tfal ma humiex permessi li jivvjaġġaw biss fuq il-bażi ta' iskrizzjoni fil-passaporti tal-ġenituri tagħhom;

3. Il-passaporti tal-ġenituri jibqgħu validi għall-ġenituri wara s-26 ta' Ġunju 2012 anki jekk ikun fihom iskrizzjoni tal-ismijiet tat-tfal tagħhom.

Dawk id-dispożizzjonijiet ma japplikawx għall-Irlanda. Huma ma japplikawx ukoll għall-passaporti maħruġa minn pajjiżi terzi għajr il-Pajjiżi Assoċjati ma' Schengen.

Id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2004/38/KE japplikaw meta l-familji tal-UE/taż-ŻEE jivvjaġġaw minn Stat Membru tal-UE/taż-ŻEE għal ieħor, meta jgħaddu minn Stat Membru tal-UE/taż-ŻEE (meta jitilqu lejn pajjiż terz jew meta jirritornaw minn pajjiż terz) u meta jirritornaw minn pajjiż terz lejn Stat Membru tal-UE/taż-ŻEE għajr dak tan-nazzjonalità tagħhom.

F'konformità mal-Artikolu 5(4) tad-Direttiva 2004/38/KE[91], in-nuqqas ta' passaport individwali għat-tfal li jkunu mdaħħlin fil-passaport tal-ġenituri tagħhom ma għandux awtomatikament iwassal għal ċaħda tat-tluq jew tad-dħul fit-territorju ta' Stat ta' Schengen. Sakemm ma jkunx hemm dubji raġonevoli dwar l-identità u n-nazzjonalità tat-tfal imdaħħla fil-passaporti tal-ġenituri tagħhom, il-preżentazzjoni tal-passaport tal-ġenituri għandha fil-prinċipju titqies bħala prova li t-tfal ikkonċernati jkunu, bħala ċittadini tal-UE, koperti mid-dritt ta' moviment liberu skont id-dritt tal-Unjoni.

Madankollu, id-dritt taċ-ċittadini tal-UE, irrispettivament mill-età tagħhom, li jiċċaqilqu u jgħixu liberament ma għandux jintuża biex jiġi evitat ir-Regolament (KE) Nru 2252/2004, b'mod partikolari fejn ikun hemm raġunijiet serji biex wieħed jissuspetta li minorenni seta' tneħħa illegalment mill-kustodja tal-persuna/i li jeżerċitaw legalment il-kustodja fuqhu.

91 L-Artikolu 5(4) tad-Direttiva 2004/38/KE: Meta ċittadin tal-Unjoni, jew membru tal-familja li ma jkunx ċittadin ta' Stat Membru, ma jkollux id-dokumenti tal-ivvjaġġar meħtieġa jew, jekk meħtieġ, il-viżi meħtieġa, l-Istat Membru kkonċernat għandu, qabel ma jibgħathom lura, jagħti lil dawn il-persuni kull opportunità raġonevoli biex jiksbu d-dokumenti meħtieġa jew biex dawn jinġibulhom f'perjodu ta' żmien raġonevoli jew biex jikkorroboraw jew jipprovaw b'mezzi oħra li huma koperti mid-dritt ta' moviment liberu u ta' residenza.

**TAQSIMA II: Fruntieri tal-art**

1. VERIFIKI FUQ IT-TRAFFIKU FIT-TOROQ

1.1. Il-gwardja tal-fruntiera li jkun fil-kmand ta' punt ta' qsim irid jiżgura li jitwettqu verifiki effettivi fuq il-persuni u d-dokumenti, filwaqt li fl-istess ħin jiġu żgurati s-sikurezza u l-fluss tat-traffiku fit-toroq. Għal dak il-għan għandu jiġi introdott titjib tekniku, fejn meħtieġ, biex jitnaqqsu l-ħinijiet ta' rispons tal-konsultazzjoni mal-bażijiet tad-*data* rilevanti. Fejn ikun rilevanti, għandha tittejjeb l-infrastruttura teknika tal-qsim tal-fruntieri, inkluż użu akbar ta' qarrejja tal-passaporti u terminals mobbli.

1.2. Jekk ikun possibbli, għandu jkun hemm korsiji separati installati għal persuni li jgawdu mid-dritt ta' moviment liberu skont id-dritt tal-Unjoni u ċittadini oħra ta' pajjiżi terzi, f'konformità mar-regoli ġenerali dwar is-separazzjoni tal-korsiji.

1.3. Il-verifiki għandhom jitwettqu, kull fejn ikun possibbli, minn żewġ uffiċjali tal-gwardja tal-fruntiera.

*** Bażi legali:**

- Il-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen (l-Artikoli 8 u 10 u l-Anness VI)

*** L-aħjar prattiki:**

● Il-mezzi tat-trasport għandhom jiġu mfittxija meta:

(a) ikun hemm suspett ġustifikat li hemm moħbija persuni, drogi, materjali esplożivi u/jew armi ġewwa vettura;

(b) ikun hemm suspett ġustifikat li s-sewwieq jew il-passiġġieri tal-vettura wettqu reat jew ksur amministrattiv;

(c) id-dokumenti pprezentati tal-vettura ma jkunux kompluti jew ikunu foloz.

Fi kwalunkwe każ, il-liġi nazzjonali tal-Istat ta' Schengen ikkonċernat tapplika għal tali tfittxijiet.

● Għandhom jintużaw klieb tat-tfittxija għal verifiki saltwarji sabiex jiġu skoperti materjali esplożivi, drogi u persuni moħbija.

Verifiki fuq vetturi privati:

● Il-verifiki fuq persuni li jkunu qed jivvjaġġaw f'vetturi privati għandhom jitwettqu kif ġej, kull fejn ikun possibbli:

(a) is-sewwieq u l-passiġġieri jistgħu jibqgħu fil-vettura waqt il-verifiki;

b) l-uffiċjal tal-gwardja tal-fruntiera jiċċekkja d-dokumenti u jqabbilhom mal-persuni li jkunu qed jaqsmu l-fruntiera;

c) it-tieni uffiċjal tal-gwardja tal-fruntiera jissorvelja fl-istess ħin lill-persuni fil-karozza u jipproteġi lill-uffiċjal tal-verifika.

● Meta jkun hemm suspett li dokument tal-ivvjaġġar, liċenzja tas-sewqan, dokument tal-assigurazzjoni jew tar-reġistrazzjoni jkun ġie ffalsifikat, il-vjaġġaturi kollha għandhom joħorġu mill-karozza. Għandha ssir tfittxija bir-reqqa tal-karozza. Dawn l-attivitajiet għandhom jitwettqu fit-tieni linja ta' kontroll.

Verifiki fuq xarabankijiet:

● Il-verifiki fuq persuni li jkunu qed jivvjaġġaw bix-xarabank jistgħu jsiru f'terminal tal-

passiġġieri jew ġewwa x-xarabank, skont iċ-ċirkostanzi. Meta l-verifika ssir ġewwa x-xarabank, għandhom jittieħdu l-miżuri li ġejjin, kull fejn ikun possibbli:

(a) il-verifika tad-dokumenti għandha tibda b'verifika fuq is-sewwieq tax-xarabank u l-mexxej tal-grupp, jekk ikun każ ta' vjaġġar organizzat;

b) f'każ ta' dubji dwar id-dokument tal-ivvjaġġar jew l-għan tal-vjaġġ, jew fejn ikun hemm indikazzjonijiet li persuna tista' tkun ta' theddida għall-ordni pubbliku, is-sigurtà interna jew is-saħħa pubblika tal-Istati ta' Schengen, hija għandha tintalab tinżel mix-xarabank u tkun soġġetta għal verifika fil-fond fit-tieni linja, it-tieni uffiċjal tal-gwardja tal-fruntiera jżomm għassa fl-istess ħin tal-persuni ġewwa x-xarabank u jipproteġi lill-uffiċjal tal-verifika.

● Fil-każ ta' traffiku qawwi, il-passiġġieri tax-xarabank fuq linji lokali regolari għandhom jiġu vverifikati l-ewwel jekk iċ-ċirkostanzi lokali jippermettu dan.
Waqt li jkunu qed jivverifikaw id-dokumenti tal-ivvjaġġar ġewwa x-xarabank, l-uffiċjali għandhom jużaw apparat elettroniku portabbli, b'mod partikolari għat-tfittxijiet fis-SIS.

<u>Verifiki fuq trakkijiet</u>:

Il-verifiki fuq it-trakkijiet għandhom jitwettqu kif ġej, f'kooperazzjoni mill-qrib mal-awtoritajiet doganali kompetenti
(a) Kull fejn ikun possibbli, għandu jkun hemm korsija speċjali għat-trakkijiet fejn:
- it-trakk u l-kontenut tiegħu jkunu jistgħu jiġu mfittxija b'mod komdu;
- il-klieb tat-tfittxija jkunu jistgħu jintużaw mingħajr ebda disturbi;
- ikun jista' jintuża tagħmir tekniku għat-tiftix (jiġifieri apparat tar-raġġi X u detetturi tad-diossidu tal-karbonju).
(b) Matul il-verifiki fuq it-trakkijiet, l-uffiċjal tal-gwardja tal-fruntiera għandu jagħti attenzjoni speċjali lit-trakkijiet b'kontejners fejn jista' jkun hemm moħbija karozzi misruqa, nies traffikati jew materjali perikolużi. Id-dokumentazzjoni kollha dwar il-kontenut għandha tiġi ċċekkjata bir-reqqa.

(c) It-trakkijiet kollha għandhom jiġu mfittxija bir-reqqa meta:
- is-siġilli doganali jkunu ġew miksura;
- it-tarpolin ikun meqrud jew meħjut;
- ikun hemm suspett li persuni, drogi, materjali perikolużi jew esplożivi jistgħu

jkunu moħbijin ġewwa.

● Jistgħu jitwettqu wkoll il-verifiki addizzjonali li ġejjin:

(a) kontroll tat-traffiku fit-toroq, inkluża l-konformità mad-dispożizzjonijiet soċjali (pereżempju, l-affidabbiltà stradali tal-karozza, is-sigħat tax-xogħol u l-ħin ta' mistrieħ tas-sewwieq, l-assigurazzjoni tas-sewwieq);

(b) kontroll tat-trasport bit-triq (il-ftehim tat-trasport ta' merkanzija b'dokumenti);

(c) kontroll tal-preżenza ta' oġġetti radjuattivi u perikolużi.

Dawn il-kontrolli addizzjonali kollha jitwettqu skont id-dritt tal-Unjoni u r-regolamenti nazzjonali ta' kull Stat ta' Schengen.

1.4. L-Istati ta' Schengen jistgħu jikkonkludu jew iżommu ftehimiet bilaterali ma' pajjiżi terzi ġirien dwar l-istabbiliment ta' punti kondiviżi ta' qsim tal-fruntiera, fejn il-gwardji tal-fruntiera tagħhom u l-gwardji tal-fruntiera ta' pajjiż terz iwettqu verifiki tal-ħruġ u tad-dħul wieħed wara l-ieħor f'konformità mal-liġi nazzjonali tagħhom fit-territorju tal-parti l-oħra. Tali punti kondiviżi ta' qsim tal-fruntiera jistgħu jkunu lokalizzati jew fit-territorju ta' Stat ta' Schengen jew fit-territorju ta' pajjiż terz.

## 2. VERIFIKI FUQ IT-TRAFFIKU FERROVJARJU

2.1. L-uffiċjal kmandant tal-gwardja tal-fruntiera li jkun xogħol fil-punt ta' qsim tal-fruntiera bil-ferrovija għandu jiġbor informazzjoni dwar l-iskedi ferrovjarji u l-għadd prevedibbli ta' passiġġieri ferrovjarji sabiex jiġu żgurati verifiki effiċjenti fuq il-fruntiera.

2.2. Il-verifiki fuq il-fruntieri fejn japplikaw id-dispożizzjonijiet dwar il-fruntieri esterni jistgħu jitwettqu b'wieħed mit-tliet modi li ġejjin:

(a) fl-ewwel stazzjon tal-wasla jew fl-aħħar stazzjon tat-tluq;

(b) abbord il-ferrovija, matul it-tranżitu bejn l-aħħar stazzjon tat-tluq u l-ewwel stazzjon tal-wasla, irrispettivament mid-direzzjoni.

2.3. Il-verifika fuq il-fruntiera tinkludi verifika fuq:

(a) l-ekwipaġġ tal-ferrovija;

(b) il-passiġġieri li jkunu sejrin ’il barra mill-pajjiż;

(c) il-passiġġieri li jkunu ġejjin minn barra l-pajjiż li ma jkunux ġew ivverifikati qabel;

(d) il-parti ta’ barra tal-ferrovija.

2.4. Il-kontroll fuq il-fruntiera tal-passiġġieri ta’ ferroviji ta’ veloċità għolja jista’ jitwettaq b’wieħed mill-modi li ġejjin:

(a) fl-istazzjonijiet fejn il-persuni jimbarkaw fuq il-ferrovija;

(b) fl-istazzjonijiet fejn il-persuni jiżbarkaw fit-territorju tal-Istati ta’ Schengen;

(c) abbord il-ferrovija matul it-tranżitu bejn l-istazzjonijiet dment li l-persuni jibqgħu abbord il-ferrovija.

2.5. Fir-rigward ta’ ferroviji ta’ veloċità għolja minn barra ż-żona mingħajr kontrolli fil-fruntieri interni li jagħmlu diversi waqfiet fit-territorju tal-Istati ta’ Schengen, jekk it-trasportatur ferrovjarju jkun f’pożizzjoni li jimbarka passiġġieri esklussivament għall-parti li jifdal tal-vjaġġ fiż-żona mingħajr kontrolli fil-fruntieri interni, dawn il-passiġġieri għandhom ikunu soġġetti għal verifiki tad-dħul jew fuq il-ferrovija jew fl-istazzjon tad-destinazzjoni, ħlief fejn ikunu saru verifiki fl-istazzjon fejn ikunu imbarkaw fuq il-ferrovija.

F’każ bħal dan, il-persuni li jkunu jixtiequ jaqbdu l-ferrovija esklussivament għall-parti li jifdal tal-vjaġġ iridu jirċievu notifika ċara qabel it-tluq tal-ferrovija li huma se jkunu soġġetti għal verifiki tad-dħul matul il-vjaġġ jew fl-istazzjon tad-destinazzjoni.

Meta jivvjaġġaw fid-direzzjoni opposta, il-persuni abbord il-ferrovija jridu jkunu soġġetti għal verifiki tal-ħruġ taħt arranġamenti simili.

2.6. Il-gwardja tal-fruntiera jista’ jispezzjona l-ispazji vojta tal-vaguni sabiex jiżgura li ma jkunx hemm moħbija fihom persuni jew oġġetti soġġetti għal verifiki fuq il-fruntiera. L-uffiċjali tal-gwardja tal-fruntiera dejjem iridu jfittxu l-ferrovija bir-reqqa meta jkun hemm suspett ta’ materjali esplożivi jew drogi moħbija.

2.7. Fejn ikun hemm raġunijiet biex wieħed jemmen li persuni li ġew irrappurtati jew li jkunu ssuspettati li wettqu reat, jew ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkun beħsiebhom jidħlu illegalment, ikunu qed jistaħbew fuq ferrovija, il-gwardja tal-fruntiera, jekk ma jkunx jista' jaġixxi f'konformità mad-dispożizzjonijiet nazzjonali tiegħu, irid jinnotifika lill-awtoritajiet tal-Istat ta' Schengen li lejn it-territorju jew fit-territorju tiegħu tkun qed tivvjaġġa l-ferrovija.

***Bażi legali:**

- Il-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen (l-Artikolu 8 u l-Anness VI)

***L-aħjar prattiki:**

● Waqt li tkun qiegħda ssir il-verifika fuq il-pjattaforma fl-ewwel stazzjon tal-wasla jew fl-aħħar stazzjon qabel it-tluq, il-ferrovija għandha tkun mgħassa sabiex ma jitħallewx jiżgiċċaw individwi mill-verifika fuq il-fruntiera. L-uffiċjali li jkunu qed jagħmlu l-verifiki u l-uffiċjali li jkunu għassa mal-ferrovija għandhom ikunu f'kuntatt il-ħin kollu.

● Matul il-verifiki fuq passiġġieri abbord il-ferrovija, il-passiġġieri ma għandhomx jitħallew jiċċaqalqu minn post għall-ieħor fil-ferrovija.

● Il-verifika ta' ferrovija tal-merkanzija għandha tikkonsisti fil-verifika tad-dokumenti tal-ekwipaġġ tal-ferrovija u l-eżami tal-vaguni tal-ferrovija.

● Matul il-kontroll fuq il-fruntiera ta' ferroviji tal-passiġġieri u tal-merkanzija, il-gwardja tal-fruntiera għandu jagħti attenzjoni speċjali lill-passiġġieri u lill-oġġetti fejn ikun hemm riskju ta' trasport ta' materjali esplożivi. Għall-eżekuzzjoni korretta ta' din l-operazzjoni għandhom jintużaw klieb tat-tfittxija.

● Il-verifika fuq il-fruntiera abbord ferrovija għandha titlesta qabel l-istazzjon ferrovjarju miftiehem.

● Fil-prinċipju, il-miżuri ta' kontroll ma għandhomx iwasslu għal dewmien fit-tluq skedat tal-ferroviji. Jekk madankollu jiġi kkawżat dewmien, il-kaptan tal-istazzjon għandu jiġi nnotifikat malajr kemm jista' jkun.

## 3. TRAFFIKU LOKALI TAL-FRUNTIERA

3.1. L-Istati ta' Schengen jistgħu jikkonkludu ftehimiet bilaterali ma' pajjiżi terzi ġirien sabiex jistabbilixxu reġim iffaċilitat ta' "traffiku lokali tal-fruntiera" għar-residenti tal-fruntieri. Dan ir-reġim japplika għal ċittadini ta' pajjiżi terzi li jgħixu fiż-żona tal-fruntiera (massimu ta' 50 km) ta' pajjiż terz ġar ta' Stat ta' Schengen, li, bħala regola ġenerali, jgħixu għal mill-anqas sena f'dik iż-żona (jistgħu jiġu previsti xi eċċezzjonijiet fil-ftehimiet bilaterali) u jkollhom raġunijiet leġittimi (rabtiet familjari, motivi ekonomiċi, soċjali jew kulturali) biex jaqsmu l-fruntiera ta' spiss ħafna. Taħt dan ir-reġim, ir-residenti tal-fruntiera huma permessi biss li jaqsmu l-fruntiera biex jibqgħu fiż-żona tal-fruntiera ta' Stat ta' Schengen għal soġġorn massimu mhux interrott ta' tliet xhur.

3.2. Il-ftehimiet bilaterali jistgħu jipprovdu dan li ġej:

(a) l-istabbiliment ta' punti speċifiċi ta' qsim tal-fruntiera riżervati għar-residenti tal-fruntiera;

(b) id-definizzjoni ta' korsiji speċifiċi fil-punti ta' qsim tal-fruntiera riżervati għar-residenti tal-fruntiera;

(c) f'każijiet eċċezzjonali ġġustifikati miċ-ċirkostanzi lokali, l-awtorizzazzjoni għar-residenti tal-fruntiera biex jaqsmu l-fruntiera barra mill-punti ta' qsim tal-fruntiera u s-sigħat stabbiliti. Dan japplika, pereżempju, għal sitwazzjonijiet fejn bidwi jkollu bżonn jaqsam il-fruntiera ta' spiss biex jaħdem l-għalqa tiegħu, jew meta belt ikollha l-fruntiera taqsamha. F'każijiet bħal dawn, il-post fejn tista' tinqasam il-fruntiera għandu jiġi speċifikat fil-permess ta' LBT tagħhom (ara l-punt 5.5, it-Taqsima I).

3.3. Ir-residenti tal-fruntiera li jaqsmu l-fruntiera f'konformità mal-punti (a) u (b), u li jkunu magħrufa sew mill-gwardji tal-fruntiera minħabba l-qsim frekwenti tagħhom tal-fruntiera, normalment jistgħu jkunu soġġetti biss għal verifiki saltwarji. Madankollu, iridu jsiru verifiki bir-reqqa fuqhom minn żmien għal żmien, mingħajr twissija u f'intervalli irregolari.

3.4. Meta l-faċilitazzjoni skont il-punt 3.2(c), tkun prevista fil-ftehim bilaterali ma' pajjiż terz (jiġifieri, biex jiġi permess il-qsim tal-fruntiera barra mill-punti ta' qsim tal-fruntiera awtorizzati), l-Istat ta' Schengen ikkonċernat irid iwettaq verifiki saltwarji u jżomm sorveljanza regolari tul il-fruntiera sabiex jipprevjeni l-qsim mhux awtorizzat tal-fruntiera.

3.5. Aktar dettalji dwar il-verifiki li għandhom jitwettqu fuq ir-residenti tal-fruntiera li jibbenefikaw mir-reġim tat-traffiku lokali tal-fruntiera huma speċifikati fil-punt 5.5, it-Taqsima I.

*** Bażi legali:**

- Ir-Regolament (KE) Nru 1931/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Diċembru 2006 li jistabbilixxi r-regoli dwar it-traffiku lokali tal-fruntiera fil-fruntieri esterni fuq l-art tal-Istati Membri u li jemenda d-dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni ta' Schengen

- Il-Ftehimiet bilaterali dwar it-traffiku lokali tal-fruntiera

## TAQSIMA III: Fruntieri tal-ajru

### 1. VERIFIKI FL-AJRUPORT

1.1. Biex jiġu żgurati verifiki effiċjenti fuq il-fruntiera fl-ajruport, il-gwardji tal-fruntiera jridu jiġbru l-informazzjoni kollha meħtieġa dwar l-iskeda tat-traffiku tal-ajru sabiex jiskjeraw biżżejjed persunal f'konformità mal-fluss tal-passiġġieri, filwaqt li jitqies li għandha tingħata prijorità lill-passiġġieri li jaslu.

L-infrastruttura teknika tal-qsim tal-fruntieri għandha tiġi mtejba, inkluż l-użu akbar ta' qarrejja tal-passaporti, e-gates u terminals mobbli.

Għandu jiġi introdott titjib tekniku, fejn ikun meħtieġ, biex jitnaqqsu l-ħinijiet ta' rispons tal-konsultazzjoni mal-bażijiet tad-*data* rilevanti.

1.2. Trid tiġi stabbilita infrastruttura xierqa sabiex jiġu separati t-titjiriet interni (titjiriet bejn ajruporti li jinsabu fiż-żona mingħajr kontrolli fil-fruntieri interni) mit-titjiriet esterni u tiġi evitata ċ-ċirkolazzjoni mhux awtorizzata ta' persuni u/jew dokumenti bejn dawn iż-żewġ żoni.

1.3. Il-verifiki fuq il-fruntieri normalment jitwettqu fil-punt ta' qsim tal-fruntiera awtorizzat fl-ajruport; madankollu, meta jkun hemm riskju relatat mas-sigurtà interna u l-immigrazzjoni illegali, il-verifika fuq il-fruntiera tista' titwettaq fuq l-inġenju tal-ajru jew fil-kanċell.

1.4. L-aċċess għaż-żona ta' tranżitu internazzjonali jrid jiġi kkontrollat; il-verifiki normalment ma jitwettqux fiż-żona ta' tranżitu, sakemm il-valutazzjoni tar-riskji relatati mal-migrazzjoni illegali jew mas-sigurtà interna ma jiġġustifikawx dan.

*** L-aħjar prattiki:**

● Il-verifiki fuq il-membri tal-ekwipaġġ għandhom jitwettqu qabel dawk fuq il-passiġġieri u f'post separat.

● Kull fejn ikun possibbli, għandu jinħoloq post separat għat-tieni linja ta' verifiki fuq il-fruntiera.

● Kull fejn ikun possibbli, għandu jkun hemm linja separata għad-diplomatiċi u l-passiġġieri b'mobilità mnaqqsa.

● Il-partijiet kollha tal-ajruport għandhom ikunu taħt sorveljanza stretta permezz ta' monitoraġġ u pattuljar, speċjalment taż-żona fejn il-passiġġieri jgħaddu miċ-check-in, iż-żona ta' kontroll tal-passaporti u ż-żona ta' tranżitu. Għal raġunijiet ta' sigurtà, kwalunkwe bagalja abbandunata mis-sid tagħha jew oġġetti suspettużi oħra għandhom jiġu rrappurtati immedjatament lill-awtoritajiet tas-sigurtà.

1.5. Il-post fejn jitwettqu l-verifiki fuq il-fruntiera jrid jiġi ddeterminat f'konformità mal-proċedura li ġejja:

(a) Il-passiġġieri fuq titjira minn ajruport li jinsab barra ż-żona mingħajr kontrolli fil-fruntieri interni lejn Stat ta' Schengen iridu jkunu soġġetti għal verifika tad-dħul fl-ajruport tal-wasla ta' din it-titjira. Il-passiġġieri minn titjira li topera fiż-żona mingħajr kontrolli fil-fruntieri interni li jimbarkaw fuq titjira 'l barra minn din iż-żona (passiġġieri fi trasferiment) iridu jkunu soġġetti għal verifika tal-ħruġ fl-ajruport tat-tluq ta' din it-titjira tal-aħħar.

*** Eżempji:**

- Titjira minn Brasilia għal Liżbona b'konnessjoni f'Liżbona għal Pariġi, il-verifika tad-dħul issir f'Liżbona.

- Titjira minn Pariġi għal Liżbona bi trasferiment lejn Brasilia, il-verifika tal-ħruġ issir f'Liżbona.

(b) Għal titjiriet minn jew lejn ajruport li jinsab barra ż-żona mingħajr kontrolli fil-fruntieri interni mingħajr ebda trasferiment ta' passiġġieri u titjiriet li jagħmlu aktar minn waqfa waħda fl-ajruporti fiż-żona mingħajr kontrolli fil-fruntieri interni fejn ma jkun hemm l-ebda bidla tal-ajruplan:

(i) il-passiġġieri fuq titjiriet minn jew lejn ajruport li jinsab barra ż-żona mingħajr kontrolli fil-fruntieri interni fejn ma jkun hemm l-ebda trasferiment preċedenti jew sussegwenti fit-territorju taż-żona mingħajr kontrolli fil-fruntieri interni jridu jkunu soġġetti għal verifika tad-dħul fl-ajruport tad-dħul u verifika tal-ħruġ fl-ajruport tal-ħruġ;

*** Eżempji:**

- Titjira minn New York għal Berlin, il-verifika tad-dħul issir f'Berlin.

- Titjira minn Berlin għal New York, il-verifika tal-ħruġ issir f'Berlin.

(ii) il-passiġġieri fuq titjiriet minn jew lejn ajruport li jinsab barra ż-żona mingħajr kontrolli fil-fruntieri interni b'aktar minn waqfa waħda fit-territorju taż-żona mingħajr kontrolli fil-fruntieri interni fejn ma jkun hemm l-ebda bidla tal-ajruplan (passiġġieri fi tranżitu), u dment li l-passiġġieri ma jkunux jistgħu jitilgħu abbord l-inġenju tal-ajru għall-parti tal-vjaġġ li tinsab fiż-żona mingħajr kontrolli fil-fruntieri interni, iridu jkunu soġġetti għal verifika tad-dħul fl-ajruport tal-wasla u verifika tal-ħruġ fl-ajruport tat-tluq;

*** Eżempji:**

- Titjira minn Beijing-Helsinki-Frankfurt-Pariġi, b'waqfiet f'Helsinki, Frankfurt biss biex jiżbarkaw passiġġieri (l-imbark għall-parti li jifdal tal-vjaġġ huwa pprojbit), il-verifiki tad-dħul isiru għall-passiġġieri li jiżbarkaw f'Helsinki, fi Frankfurt u f'Pariġi rispettivament
- Titjira minn Pariġi-Frankfurt-Helsinki-Beijing, waqfiet fi Frankfurt u f'Helsinki biss għall-imbark ta' passiġġieri (l-iżbark huwa pprojbit). Il-verifiki tal-ħruġ isiru f'Pariġi, fi Frankfurt u f'Helsinki.
- Titjira minn Sofija-Helsinki-Frankfurt-Pariġi, b'waqfiet f'Helsinki, fi Frankfurt biss biex jiżbarkaw passiġġieri (l-imbark għall-parti li jifdal tal-vjaġġ huwa pprojbit), il-verifiki tad-dħul isiru għall-passiġġieri li jiżbarkaw f'Helsinki, fi Frankfurt u f'Pariġi rispettivament
- Titjira minn Pariġi-Frankfurt-Helsinki-Sofija, waqfiet fi Frankfurt u f'Helsinki biss għall-imbark ta' passiġġieri (l-iżbark huwa pprojbit). Il-verifiki tal-ħruġ isiru f'Pariġi, fi Frankfurt u f'Helsinki.

(iii) fejn linja tal-ajru tista', għal titjiriet minn ajruport li jinsab barra ż-żona mingħajr kontrolli fil-fruntieri interni b'aktar minn waqfa waħda fiż-żona mingħajr kontrolli fil-fruntieri interni, ittella' abbord passiġġieri għall-parti li jifdal biss tal-vjaġġ f'dan it-territorju, il-passiġġieri jridu jkunu soġġetti għal verifika tal-ħruġ fl-ajruport tat-tluq u verifika tad-dħul fl-ajruport tal-wasla. Il-verifiki fuq il-passiġġieri li, matul dawn il-waqfiet, ikunu diġà abbord l-inġenju tal-ajru u ma jkunux telgħu abbord fiż-żona mingħajr kontrolli fil-fruntieri interni jridu jitwettqu f'konformità mal-punt (b)(ii). Il-proċedura bil-maqlub

trid tapplika għal din il-kategorija ta' titjiriet fejn il-pajjiż tad-destinazzjoni jkun barra ż-żona mingħajr kontrolli fil-fruntieri interni.

*** Eżempji:**

- Titjira minn New York-Pariġi-Frankfurt-Ruma, b'imbark awtorizzat fil-waqfiet ta' Pariġi u Frankfurt. Verifiki tad-dħul għall-passiġġieri li jinżlu f'Pariġi, fi Frankfurt (inklużi dawk li telgħu abbord f'Pariġi) u f'Ruma (inklużi dawk li telgħu abbord f'Pariġi u fi Frankfurt).

-Titjira minn Hamburg-Brussell-Pariġi-Kajr, bl-imbark ikun awtorizzat fil-waqfiet fi Brussell u f'Pariġi. Il-verifiki tal-ħruġ isiru f'Hamburg, fi Brussell u f'Pariġi.

1.6. Meta ajruplan ikollu jinżel, f'każijiet ta' *force majeure* jew periklu imminenti fl-eqreb post ta' nżul li ma jkunx punt ta' qsim tal-fruntiera, l-ajruplan jista' jkompli t-titjira tiegħu wara l-awtorizzazzjoni tal-gwardji tal-fruntiera u, sa fejn huma kkonċernati l-verifiki doganali, tal-amministrazzjonijiet doganali. Meta ajruplan ikollu jinżel, f'każijiet ta' *force majeure* jew periklu imminenti, f'ajruport li jkun punt ta' qsim tal-fruntiera, huwa rrakkomandat li wieħed jipproċedi bil-mod li ġej:

*** Eżempji:**

1. Titjira li toriġina minn pajjiż terz b'destinazzjoni ta' pajjiż terz li tagħmel waqfa ta' emerġenza fiż-żona mingħajr kontrolli fil-fruntieri interni:

Jekk il-passiġġieri jibqgħu fiż-żona ta' tranżitu, huma ma jidħlux fiż-żona mingħajr kontrolli fil-fruntieri interni u għalhekk ma jkunux meħtieġa verifiki fuq il-fruntiera.

Jekk il-passiġġieri jgħaddu mill-fruntiera, pereżempju minħabba li ma jkunx hemm preżenti żona ta' tranżitu, ikunu meħtieġa verifiki fuq il-fruntiera u l-passiġġieri għandhom jiġu pprovduti – jekk ikun meħtieġ – viża skont l-Artikolu 35 tal-Kodiċi dwar il-Viżi u jiġu rreġistrati fl-EES/isirilhom timbru fil-passaport tagħhom. Jekk ma jkunx possibbli, fl-avveniment imprevedibbli deskritt, li tingħata viża (jew fil-futur ETIAS) fil-fruntiera, f'dak il-każ għandha tintuża deroga skont l-Artikolu 6(5)(c) tal-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen bħala miżura tal-aħħar istanza.

2. Titjira li toriġina miż-żona mingħajr kontrolli fil-fruntieri interni b'destinazzjoni ta' pajjiż terz li tagħmel waqfa ta' emerġenza fiż-żona mingħajr kontrolli fil-fruntieri interni:

Jekk il-passiġġieri jibqgħu fiż-żona ta' tranżitu, huma ma (jerġgħux) jidħlu fiż-żona mingħajr kontrolli fil-fruntieri interni u għalhekk ma jkunux meħtieġa verifiki fuq il-fruntiera.

Jekk ma jkun hemm l-ebda żona ta' tranżitu, dak li huwa importanti huwa li l-passiġġieri ma jkunux telqu miż-żona mingħajr kontrolli fil-fruntieri interni. Għalhekk, it-timbru tal-ħruġ għandu jiġi annullat u għandha titwettaq verifika oħra tal-ħruġ qabel l-imbark fuq l-ajruplan il-ġdid. Għandha ssir attenzjoni li dan ma jirriżultax f'reġistrazzjoni bħala persuna li tkun baqgħet fit-territorju wara l-iskadenza tal-awtorizzazzjoni għas-soġġorn, peress li dan ma jkunx tort tal-passiġġier. (*NB*: Skont l-EES, jiġu applikati loġika parallela u dispożizzjonijiet paralleli u r-rekord tal-ħruġ ikollu jiġi kkanċellat/rettifikat bl-użu tal-Artikolu 35(1), (2) u (3) tar-Regolament (UE) 2017/2226).

3. Titjira li toriġina minn pajjiż terz b'destinazzjoni fiż-żona mingħajr kontrolli fil-fruntieri interni li tagħmel waqfa ta' emerġenza f'dik iż-żona:

Jekk il-passiġġieri jibqgħu fiż-żona ta' tranżitu, huma ma jidħlux fiż-żona mingħajr kontrolli fil-fruntieri interni u għalhekk ma jkunux meħtieġa verifiki fuq il-fruntiera.

Jekk il-passiġġieri jgħaddu mill-fruntiera, pereżempju minħabba li ma jkun hemm preżenti l-ebda żona ta' tranżitu, għandhom jitwettqu verifiki normali fuq il-fruntiera għad-dħul fiż-żona mingħajr kontrolli fil-fruntieri interni, peress li l-punt tad-dħul tagħhom biss ikun inbidel.

*** L-aħjar prattiki:**

● Wara l-inżul ta' ajruplan, uffiċjal tal-gwardja tal-fruntiera għandu jmur fil-post ta' parkeġġ tal-ajruplan qabel l-iżbark tal-passiġġieri meta:

- ikun sar reat jew att kriminali abbord;

- ikun hemm theddida għas-sigurtà interna;

- ikun hemm riskju ta' migrazzjoni illegali;

- ikun hemm persuni mkeċċija minn pajjiżi oħra;

- biex jiġbor l-informazzjoni kollha meħtieġa mingħand l-ekwipaġġ meta jkun hemm il-

ħtieġa.

● Il-passiġġieri kollha li lilhom ikun ġie miċħud id-dħul għandhom jiġu separati mill-oħrajn. Meta ma jkunux jistgħu jinġiebu immedjatament fil-post tal-imbark, huma għandhom jibqgħu sat-tluq tagħhom f'żoni separati taħt il-kontroll tal-gwardji tal-fruntiera.

● Il-persuni li jkunu wettqu att kriminali jew reat għandhom jiġu ttrasportati direttament mill-inġenju tal-ajru lejn il-postijiet deżinjati apposta u jiġu mgħoddija lill-awtoritajiet rilevanti.

*** Bażi legali:**

- Il-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen (l-Anness VI)

1.7. Fejn ikun rilevanti, għandha tittejjeb l-infrastruttura teknika tal-qsim tal-fruntieri, inkluż l-użu akbar ta' qarrejja tal-passaporti, e-gates u terminals mobbli.

Titjib tekniku għandu jiġi introdott, fejn meħtieġ, sabiex jitnaqqsu l-ħinijiet ta' rispons ta' konsultazzjoni mal-bażijiet tad-data rilevanti.

1.8. Id-*data* tal-informazzjoni minn qabel dwar il-passiġġieri (API), miġbura u trażmessa mit-trasportaturi tal-ajru f'konformità mad-Direttiva 2004/82/KE li tippermetti verifiki aktar effettivi fuq il-passiġġieri kollha (inklużi ċ-ċittadini tal-UE) fuq it-titjiriet li jkunu deħlin li jaqsmu l-fruntieri esterni, għandha tintuża fuq bażi aktar regolari. Huma l-awtoritajiet nazzjonali li jridu jiddeterminaw fuq liema titjiriet minn barra l-Istati ta' Schengen, id-*data* tal-API trid tiġi trażmessa, skont il-valutazzjoni tar-riskju attwali u aġġornata. L-Istati ta' Schengen jistgħu jużaw ukoll id-*data* tal-API għal skopijiet ta' infurzar tal-liġi.

Abbażi tal-liġi nazzjonali, l-Istati ta' Schengen jistgħu jitolbu lit-trasportaturi tal-ajru biex jittrażmettu d-*data* tal-API anke għal titjiriet bejn l-Istati ta' Schengen li japplikaw b'mod sħiħ u dawk li għadhom ma japplikawx b'mod sħiħ l-*acquis* ta' Schengen.

## 2. VERIFIKI FL-AJRUDROMI

2.1. Irid jiġi żgurat li jsiru verifiki wkoll fuq il-persuni, f'konformità mar-regoli ġenerali, f'ajruporti li ma għandhomx l-istatus ta' ajruport internazzjonali skont il-liġi nazzjonali

rilevanti ("ajrudromi") iżda li minnhom jiġu awtorizzati l-passaġġi ta' titjiriet minn jew lejn ajruport li jinsab barra ż-żona mingħajr kontrolli fil-fruntieri interni.

2.2. Mhuwiex meħtieġ li jsiru arranġamenti xierqa fl-ajrudromi biex jiġi żgurat li l-influssi ta' passiġġieri minn titjiriet interni u titjiriet oħra jkunu fiżikament separati, mingħajr preġudizzju għar-Regolament (KE) Nru 300/2008 li jistabbilixxi regoli komuni fil-qasam tas-sigurtà tal-avjazzjoni ċivili. Barra minn hekk, meta l-volum tat-traffiku jkun baxx, il-gwardji tal-fruntiera ma għandhomx għalfejn ikunu preżenti f'kull ħin, dment li jkun hemm garanzija li l-persunal meħtieġ ikun jista' jinġieb fi żmien debitu.

2.3. Meta l-preżenza tal-gwardji tal-fruntiera ma tkunx żgurata fil-ħinijiet kollha fl-ajrudrom, il-maniġer tal-ajrudrom irid jinforma biżżejjed minn qabel lill-gwardi tal-fruntiera dwar il-wasla jew it-tluq ta' inġenji tal-ajru minn jew lejn ajruport li jinsab barra ż-żona mingħajr kontrolli fil-fruntieri interni.

*** Bażi legali:**

- Il-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen (l-Anness VI)

- Ir-Regolament (KE) Nru 300/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2008 dwar regoli komuni fil-qasam tas-sigurtà tal-avjazzjoni ċivili u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 2320/2002 (Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

## 3. VERIFIKI FUQ PERSUNI FUQ TITJIRIET PRIVATI

3.1. Il-kaptan ta' ajruplan privat li jtir minn jew lejn ajruport li jinsab barra ż-żona mingħajr kontrolli fil-fruntieri interni jrid jittrażmetti lill-gwardji tal-fruntiera tal-Istat ta' Schengen tad-destinazzjoni u, fejn ikun xieraq, tal-Istat ta' Schengen tal-ewwel dħul, qabel il-qtugħ mill-art, dikjarazzjoni ġenerali li tinkludi *inter alia* pjan tat-titjira f'konformità mal-Anness 2 tal-Konvenzjoni dwar l-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali, kif ukoll informazzjoni dwar l-identità tal-passiġġieri.

3.2. Fejn titjiriet privati li jkunu ġejjin minn barra ż-żona mingħajr kontrolli fil-fruntieri interni u destinati lejn Stat f'din iż-żona jagħmlu waqfiet fit-territorju ta' Stati oħra taż-żona mingħajr kontrolli fil-fruntieri interni, l-awtoritajiet kompetenti tal-Istat tad-dħul f'din iż-żona jridu jwettqu verifiki fuq il-fruntiera u japplikaw timbru tad-dħul għad-dikjarazzjoni ġenerali.

3.3. Meta jkun hemm inċertezza dwar jekk titjira tkunx ġejja esklussivament minn, jew sejra biss lejn, iż-żona mingħajr kontrolli fil-fruntieri interni mingħajr inżul barra minn din iż-żona, l-awtoritajiet kompetenti jridu jwettqu verifiki fuq il-persuni fl-ajruporti u fl-ajrudromi f'konformità mar-regoli ġenerali.

3.4. L-arranġamenti għad-dħul u l-ħruġ ta' gliders, inġenji tal-ajru ħfief ħafna, ħelikopters, inġenji tal-ajru fuq skala żgħira li kapaċi jtiru fuq distanzi qosra biss u diriġibbli, huma stabbiliti mil-liġi nazzjonali u, fejn applikabbli, minn ftehimiet bilaterali.

*** Bażi legali:**

- Il-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen (l-Anness VI)

- Il-Konvenzjoni tal-ICAO

## TAQSIMA IV: Fruntieri tal-baħar

### 1. PROĊEDURI TA' VERIFIKA ĠENERALI FUQ IT-TRAFFIKU MARITTIMU

1.1. Il-gwardja tal-fruntiera li jkollu l-kmand ta' punt ta' qsim irid jiżgura li jsiru verifiki effettivi fuq il-passiġġieri u l-ekwipaġġ tal-bastimenti. Il-verifiki se jkunu bbażati fuq analiżi tar-riskju li tikkonsisti f'sorveljanza kostanti u komprensiva taż-żona marittima.

1.2. Il-verifiki fuq il-bastimenti jridu jitwettqu fil-port tal-wasla jew tat-tluq, jew f'żona maħsuba għal dak il-għan, li tkun tinsab fil-viċinanza immedjata tal-bastiment jew abbord il-bastiment fl-ibħra territorjali kif iddefinit mill-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Liġi tal-Baħar (UNCLOS). Madankollu, f'konformità mal-ftehimiet milħuqa dwar il-kwistjoni, il-verifiki jistgħu jitwettqu wkoll matul il-qsim jew mal-wasla jew it-tluq tal-bastiment, miż-żona mingħajr kontrolli fil-fruntieri interni.

Ma għandhomx jitwettqu verifiki sistematiċi fuq il-fruntiera fuq il-persuni li jibqgħu abbord. Madankollu, għandhom jitwettqu tfittxija tal-bastiment u verifiki fuq il-persuni li jibqgħu abbord meta dan ikun iġġustifikat abbażi ta' valutazzjoni tar-riskji relatati mas-sigurtà interna u l-immigrazzjoni illegali.

1.3. Il-kaptan, l-aġent tal-bastiment, jew kwalunkwe persuna oħra debitament awtorizzata, trid tiġbor lista tal-ekwipaġġ u tal-passiġġieri kollha abbord li jkun fiha l-informazzjoni meħtieġa fil-formoli 5 (lista tal-ekwipaġġ) u 6 (lista tal-passiġġieri) tal-Konvenzjoni

dwar il-Faċilitazzjoni tat-Traffiku Marittimu Internazzjonali (Konvenzjoni FAL) kif ukoll, fejn applikabbli, in-numri tal-viża jew tal-permess ta' residenza.

L-ekwipaġġ jinkludi l-persuni kollha attwalment impjegati għal kompiti abbord matul vjaġġ fil-ħidma jew fis-servizz ta' bastiment u inklużi fil-lista tal-ekwipaġġ.

1.4. Il-lista/i msemmija fil-punt 1.3 iridu jingħataw lill-gwardji tal-fruntiera jew lil awtoritajiet oħra mingħajr dewmien sa mhux aktar tard minn erbgħa u għoxrin siegħa qabel il-wasla fil-port, jew mhux aktar tard mill-ħin li l-vapur jitlaq mill-port preċedenti, jekk il-ħin tal-vjaġġ ikun ta' anqas minn erbgħa u għoxrin siegħa, jew, jekk il-port tal-waqfa ma jkunx magħruf jew jinbidel matul il-vjaġġ, malli din l-informazzjoni tkun disponibbli.

1.5. Konferma tal-irċevuta (kopja ffirmata tal-lista/i jew konferma tal-irċevuta b'mod elettroniku) trid tingħata lura lill-kaptan, li jrid juriha jekk jintalab meta l-bastiment ikun fil-port.

1.6. Kwalunkwe bidla fil-listi tal-ekwipaġġ jew tal-passiġġieri trid tiġi nnotifikata immedjatament lill-gwardji tal-fruntiera mill-kaptan jew mill-aġent ta' sid il-bastiment.

1.7. Il-kaptan tal-bastiment huwa obbligat li jinforma lill-gwardji tal-fruntiera dwar il-preżenza ta' passiġġieri klandestini fuq il-bastiment tiegħu sa mhux aktar tard minn erbgħa u għoxrin siegħa qabel ma jasal fil-port, jew mhux aktar tard mill-ħin li l-bastiment jitlaq mill-port preċedenti, jekk il-ħin tal-vjaġġ ikun anqas minn erbgħa u għoxrin siegħa, jew, jekk il-port tal-waqfa ma jkunx magħruf jew jinbidel matul il-vjaġġ, malli din l-informazzjoni tkun disponibbli. Il-passiġġieri klandestini jibqgħu taħt ir-responsabbiltà tal-kaptan.

1.8. Il-kaptan irid jinnotifika lill-gwardji tal-fruntiera dwar it-tluq tal-bastiment. Meta dan ma jkunx possibbli, huwa jrid javża lill-awtorità marittima xierqa u jagħtihom it-tieni kopja tal-lista mimlija u ffirmata qabel.

*** Bażi legali:**

- Il-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen (l-Anness VI)

2. VERIFIKI FUQ BASTIMENTI TAL-KRUĊIERA

2.1. Il-bastimenti tal-kruċiera huma bastimenti li jsegwu itinerarju partikolari f'konformità ma' programm predeterminat, li jinkludi programm ta' attivitajiet turistiċi fid-diversi portijiet, u li normalment la jtellgħu passiġġieri u lanqas ma jħallu passiġġieri jiżbarkaw matul il-vjaġġ.

2.2. Il-kaptan tal-bastiment tal-kruċiera jrid jittrażmetti lill-gwardji tal-fruntiera l-itinerarju u l-programm tal-kruċiera, malli dawn ikunu ġew stabbiliti u mhux aktar tard minn erbgħa u għoxrin siegħa qabel il-wasla fil-port, jew mhux aktar tard mill-ħin li l-vapur jitlaq mill-port preċedenti, jekk il-ħin tal-vjaġġ ikun ta' anqas minn erbgħa u għoxrin siegħa, jew, jekk il-port tal-waqfa ma jkunx magħruf jew jinbidel matul il-vjaġġ, malli din l-informazzjoni tkun disponibbli.

2.3. Jekk l-itinerarju ta' bastiment tal-kruċiera jinkludi esklussivament portijiet li jinsabu fit-territorju taż-żona mingħajr kontrolli fil-fruntieri interni, ma jridu jitwettqu l-ebda verifiki fuq il-fruntiera u l-bastiment tal-kruċiera jista' jittrakka f'portijiet li ma humiex punti ta' qsim tal-fruntiera. Madankollu, iridu jitwettqu verifiki fuq l-ekwipaġġ u l-passiġġieri ta' dawk il-bastimenti biss meta dan ikun iġġustifikat abbażi ta' valutazzjoni tar-riskji relatati mas-sigurtà interna u l-immigrazzjoni illegali.

2.4. Jekk l-itinerarju ta' bastiment tal-kruċiera jinkludi kemm portijiet li jinsabu fit-territorju taż-żona mingħajr kontrolli fil-fruntieri interni kif ukoll portijiet li jinsabu barra dik iż-żona, il-verifiki fuq il-fruntiera jridu jitwettqu kif ġej:

(a) meta l-bastiment tal-kruċiera jkun ġej minn port li jinsab barra ż-żona mingħajr kontrolli fil-fruntieri interni u jidħol għall-ewwel darba f'port li jinsab fi Stat ta' Schengen, l-ekwipaġġ u l-passiġġieri jridu jkunu soġġetti għal verifiki tad-dħul abbażi tal-listi nominali tal-ekwipaġġ u tal-passiġġieri[92].

| |
|---|
| *** Eżempju:**<br>**-** bastiment tal-kruċiera li jbaħħar minn Tuneż għal Palermo.<br>Ara l-"prattiki rakkomandati" stabbiliti fil-punt 2.7 ta' din it-Taqsima. |

92 Kif stabbilit fil-punt 2.6 ta' din it-Taqsima, il-verifiki abbażi ta' listi nominali jew verifiki oħra relatati mar-riskju huma differenti mill-verifiki skont l-Artikolu 8 tal-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen u ma jirriżultawx f'ittimbrar jew f'rekords tal-EES.

Il-passiġġieri li jinżlu l-art iridu jkunu soġġetti għal verifiki tad-dħul f'konformità mar-regoli ġenerali sakemm valutazzjoni tar-riskji relatati mas-sigurtà u l-immigrazzjoni illegali ma turix li ma hemmx bżonn li jitwettqu l-verifiki[93].

(b) meta l-bastiment tal-kruċiera jkun ġej minn port li jinsab barra ż-żona mingħajr kontrolli fil-fruntieri interni u jerġa' jidħol f'port li jinsab f'din iż-żona, l-ekwipaġġ u l-passiġġieri jridu jkunu soġġetti għal verifiki tad-dħul abbażi tal-listi nominali tal-ekwipaġġ u tal-passiġġieri, sal-punt li dawn il-listi jkunu ġew mmodifikati minn meta l-bastiment tal-kruċiera jkun daħal fil-port preċedenti li jinsab fit-territorju ta' Stat ta' Schengen.

*** Eżempju:**

- ir-rotta ta' bastiment tal-kruċiera hija: minn Istanbul għal Ateni, imbagħad lejn Tuneż u lejn Barċellona.

Ara l-"prattiki rakkomandati" stabbiliti fil-punt 2.7.

Il-passiġġieri li jinżlu l-art iridu jkunu soġġetti għal verifiki tad-dħul skont ir-regoli ġenerali sakemm valutazzjoni tar-riskji relatati mas-sigurtà u l-immigrazzjoni illegali ma turix li ma jkunx hemm bżonn li jitwettqu l-verifiki, bħal fil-każ ta' eskursjonijiet turistiċi jew vjaġġi ta' ġurnata. Jekk ma jkunx hemm bidliet fil-lista nominali, ma jkunx hemm bżonn li kull passiġġier jiġi identifikat bid-dokument tal-ivvjaġġar. Madankollu, il-passiġġieri li jiżbarkaw irid ikollhom id-dokumenti tal-ivvjaġġar tagħhom magħhom il-ħin kollu u juruhom lill-uffiċjali tal-gwardja tal-fruntiera meta jintalbu jagħmlu dan.

(c) meta l-bastiment tal-kruċiera jkun ġej minn port li jinsab fit-territorju taż-żona mingħajr kontrolli fil-fruntieri interni u jidħol f'tali port, il-passiġġieri li jinżlu l-art iridu jkunu soġġetti għal verifiki tad-dħul f'konformità mar-regoli ġenerali jekk valutazzjoni tar-riskji relatati mas-sigurtà u l-immigrazzjoni illegali tkun teħtieġ dan.

*** Eżempju:**

93 Bħal fil-każ ta' eskursjonijiet turistiċi organizzati jew vjaġġi ta' ġurnata waqt waqfa f'port, kif spjegat fil-punt 2.7.

- bastiment tal-kruċiera li oriġinarjament ikun ġej minn Tuneż u mbagħad jittrakka, suċċessivament fil-portijiet ta' Palermo, Ġenova u Barċellona.

Ara l-"prattiki rakkomandati" stabbiliti fil-punt 2.7.

(d) meta bastiment tal-kruċiera jitlaq minn port li jinsab fi Stat ta' Schengen għal port li jinsab barra ż-żona mingħajr kontrolli fil-fruntieri interni, l-ekwipaġġ u l-passiġġieri jridu jkunu soġġetti għal verifiki tal-ħruġ abbażi tal-listi nominali tal-ekwipaġġ u tal-passiġġieri. Jekk valutazzjoni tar-riskji marbuta mas-sigurtà u l-immigrazzjoni illegali teħtieġ hekk, il-passiġġieri li jitilgħu abbord jridu jkunu soġġetti għal kontrolli tal-ħruġ skont ir-regoli ġenerali[94].

*** Eżempju:**

- bastiment tal-kruċiera li jbaħħar minn Barċellona għal Tuneż.

Ara l-"prattiki rakkomandati" stabbiliti fil-punt 2.7.

(e) meta bastiment tal-kruċiera jitlaq minn port li jinsab fiż-żona mingħajr kontrolli fil-fruntieri interni għal ieħor, ma jridu jitwettqu l-ebda verifiki tal-ħruġ. Madankollu, iridu jitwettqu verifiki fuq l-ekwipaġġ u l-passiġġieri ta' dawk il-bastimenti biss meta dan ikun iġġustifikat abbażi ta' valutazzjoni tar-riskji relatati mas-sigurtà interna u l-immigrazzjoni illegali[95].

*** Eżempju:**

- bastiment tal-kruċiera li jbaħħar minn Ġenova għal Barċellona u mbagħad ikompli barra ż-żona mingħajr kontrolli fil-fruntieri interni (pereżempju, Tuneż).

Ara l-"prattiki rakkomandati" stabbiliti fil-punt 2.7.

2.5. Il-listi tal-ekwipaġġ u tal-passiġġieri jridu jiġu trażmessi lill-gwardji tal-fruntiera rispettivi mill-kaptan tal-bastiment tal-kruċiera jew, fin-nuqqas ta' dan, mill-aġent ta' sid il-bastiment sa mhux aktar tard minn erbgħa u għoxrin siegħa qabel il-wasla fil-port, jew mhux aktar tard mill-ħin li l-vapur jitlaq mill-port preċedenti, jekk il-ħin tal-vjaġġ

94 Ara n-nota 102 f'qiegħ il-paġna.
95 Ara n-nota 102 f'qiegħ il-paġna.

ikun ta' anqas minn erbgħa u għoxrin siegħa, jew, jekk il-port tal-waqfa ma jkunx magħruf jew jinbidel matul il-vjaġġ, malli din l-informazzjoni tkun disponibbli. Konferma tal-irċevuta (kopja ffirmata tal-lista/i jew konferma tal-irċevuta b'mod elettroniku) trid tingħata lura lill-kaptan, li jrid juriha jekk jintalab meta l-bastiment ikun fil-port.

2.6. F'dawk il-każijiet fejn, abbażi tal-valutazzjoni tar-riskji relatati mas-sigurtà interna u l-migrazzjoni illegali, il-gwardji tal-fruntiera jiddeċiedu li ma jkunx meħtieġ li jitwettqu verifiki skont l-Artikolu 8 tal-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen fuq il-passiġġieri tal-kruċiera f'konformità mar-regoli ġenerali dwar il-verifiki fuq il-fruntieri, ma jkunx meħtieġ li jiġu ttimbrati d-dokumenti tal-ivvjaġġar. Il-verifiki abbażi tal-listi nominali jew verifiki oħra relatati mar-riskju huma differenti mill-verifiki skont l-Artikolu 8 tal-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen u ma jirriżultawx f'ittimbrar jew f'rekords tal-EES.

2.7. Fil-valutazzjoni tar-riskji għas-sigurtà u migratorji għall-finijiet tad-determinazzjoni ta' jekk ikunux meħtieġa l-verifiki tad-dħul jew tal-ħruġ, il-gwardji tal-fruntiera għandhom iqisu, *inter alia*, l-elementi li ġejjin: in-nazzjonalità tal-vjaġġaturi, kwalunkwe informazzjoni disponibbli dwar il-kumpanija tat-tbaħħir u l-affidabbiltà tagħha, kwalunkwe rapport tas-sitwazzjoni u informazzjoni rilevanti li jkollhom, inkluża informazzjoni miksuba minn Stati oħra ta' Schengen jew minn pajjiżi terzi ġirien u l-itinerarju tal-kruċiera. Il-valutazzjoni għandha tqis ukoll il-ħtieġa li jkun hemm rekords korrispondenti tad-dħul u tal-ħruġ għal kull vjaġġatur individwali, sabiex jiġu evitati "persuni li jibqgħu fit-territorju wara l-iskadenza tal-awtorizzazzjoni għas-soġġorn foloz" (vjaġġaturi b'rekord tad-dħul iżda mingħajr rekord tal-ħruġ) u "migranti irregolari foloz" (vjaġġaturi li jippreżentaw ruħhom għal verifika tal-ħruġ mingħajr rekord tad-dħul), u b'hekk tiġi żgurata l-affidabbiltà tad-*data* tal-EES u jiġu evitati kwistjonijiet possibbli b'reġistri mhux kompluti ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi kif imsemmi.

*** Prattiki rakkomandati:**

Fil-każ ta' bastimenti tal-kruċiera b'itinerarju li jinkludi kemm portijiet ta' Schengen kif ukoll ta' pajjiżi terzi, huwa rrakkomandat, għall-fini tar-reġistrazzjoni ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi fl-EES, bħala regola ġenerali:

- li jitwettqu verifiki *tal-ħruġ* skont l-Artikolu 8 tal-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen meta l-passiġġieri (jew l-ekwipaġġ) jidħlu fil-bastiment tal-kruċiera fil-bidu tal-kruċiera tagħhom;

- li jitwettqu verifiki *tad-dħul* skont l-Artikolu 8 tal-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen meta l-passiġġieri (jew l-ekwipaġġ) joħorġu mill-bastiment tal-kruċiera fit-tmiem tal-kruċiera tagħhom; - *li ma jitwettqux* verifiki tad-dħul jew tal-ħruġ skont l-Artikolu 8 tal-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen fil-kuntest ta' eskursjonijiet turistiċi jew vjaġġi ta' ġurnata organizzati matul waqfa f'port ta' Schengen;

- *li ma jitwettqux* verifiki tad-dħul jew tal-ħruġ skont l-Artikolu 8 tal-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen fuq il-passiġġieri li jibqgħu abbord il-bastiment tal-kruċiera matul waqfa f'port ta' Schengen.

Dan huwa mingħajr preġudizzju għall-prerogattiva tal-Istati Membri li, skont l-analiżi tar-riskji għas-sigurtà interna jew tal-immigrazzjoni illegali, iwettqu verifiki (differenti mill-verifiki skont l-Artikolu 8 tal-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen) fuq bastiment tal-kruċiera skont l-Anness VI tal-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen. F'każ li jitwettqu tali verifiki, iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi vverifikati ma jiġux irreġistrati fl-EES.

*** Bażi legali:**

- Il-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen (l-Anness VI)

3. VERIFIKI FUQ DGĦAJJES TAD-DIVERTIMENT

3.1. It-tbaħħir b'dgħajjes tad-divertiment huwa l-użu ta' dgħajjes tad-divertiment għal skopijiet sportivi jew turistiċi.

3.2. Il-persuni abbord dgħajjes tad-divertiment li jkunu ġejjin minn jew sejrin lejn port li jinsab fi Stat ta' Schengen ma jridux ikunu soġġetti għal verifiki fuq il-fruntiera u jistgħu jidħlu f'port li ma jkunx punt ta' qsim tal-fruntiera.

Madankollu, meta skont il-valutazzjoni tar-riskji ta' immigrazzjoni illegali, u b'mod partikolari fejn il-kosta ta' Stat li ma jagħmilx parti miż-żona mingħajr kontrolli fil-fruntieri interni tkun tinsab fil-viċinanza immedjata tat-territorju tal-Istat ta' Schengen ikkonċernat, iridu jsiru verifiki fuq dawn il-persuni u/jew tfittxija fiżika tad-dgħajjes tad-divertiment.

3.3. Dgħajsa tad-divertiment li tkun ġejja minn barra ż-żona mingħajr kontrolli fil-fruntieri interni tista', b'mod eċċezzjonali, tidħol f'port li ma jkunx punt ta' qsim tal-fruntiera. F'dawn il-każijiet, il-persuni abbord iridu jinnotifikaw lill-awtoritajiet tal-port sabiex ikunu awtorizzati jidħlu f'dan il-port. L-awtoritajiet tal-port iridu jikkuntattjaw lill-awtoritajiet fl-eqreb port deżinjat bħala punt ta' qsim tal-fruntiera sabiex jirrappurtaw il-wasla tal-bastiment. Id-dikjarazzjoni dwar il-passiġġieri trid issir billi l-lista tal-persuni abbord tiġi ppreżentata lill-awtoritajiet tal-port. Din il-lista trid tkun disponibbli għall-gwardji tal-fruntiera, sa mhux aktar tard mill-wasla. Bl-istess mod, jekk għal raġunijiet ta' *force majeure*, id-dgħajsa tad-divertiment li tkun ġejja minn barra ż-żona mingħajr kontrolli fil-fruntieri interni jkollha tittrakka f'port li ma jkunx punt ta' qsim tal-fruntiera, l-awtoritajiet tal-port iridu jikkuntattjaw lill-awtoritajiet fl-eqreb port deżinjat bħala punt ta' qsim tal-fruntiera sabiex jirrappurtaw il-preżenza tal-bastiment. L-użu ta' din l-eċċezzjoni ma jridx isir ir-regola u għandu jkun ristrett għal ċirkostanzi eċċezzjonali inkluża *force majeure* (pereżempju kundizzjonijiet estremi tat-temp, kwistjonijiet mediċi ta' emerġenza, ħsara mekkanika jew problemi tekniċi oħra, involviment f'operazzjonijiet tas-SAR, …..). Ċirkostanzi eċċezzjonali oħra li jistgħu jiġġustifikaw l-użu tal-eċċezzjoni jistgħu jkunu: avvenimenti sportivi u sitwazzjonijiet ikkaratterizzati minn influss eċċezzjonalment kbir ta' dgħajjes tad-divertiment f'żona ġeografika speċifika li jagħmilha materjalment diffiċli li tiġi assorbita ż-żieda fl-attività f'punt ta' qsim. F'dawn il-każijiet kollha, il-verifiki fuq il-fruntiera jkollhom jitwettqu mill-awtoritajiet tal-eqreb punt ta' qsim tal-fruntiera (jew ta' wieħed qrib).

3.4. Matul dawn il-verifiki, irid jiġi ppreżentat dokument li jkun fih il-karatteristiċi tekniċi kollha tad-dgħajsa u l-ismijiet tal-persuni abbord. Kopja ta' dan id-dokument trid

tingħata lill-awtoritajiet fil-portijiet tad-dħul u tat-tluq. Sakemm id-dgħajsa tibqa' fl-ibħra territorjali ta' wieħed mill-Istati ta' Schengen li japplikaw l-*acquis* ta' Schengen b'mod sħiħ, kopja ta' din il-lista trid tiġi inkluża fost id-dokumenti tal-bastiment.

3.5. Iridu jsiru verifiki saltwarji fuq id-dgħajjes tad-divertiment irrispettivament mill-valutazzjoni tar-riskji tal-immigrazzjoni illegali.

> *** Bażi legali:**
>
> - Il-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen (l-Anness VI)

## 4. VERIFIKI FUQ IS-SAJD KOSTALI

4.1. Is-sajd kostali huwa sajd imwettaq bl-għajnuna ta' bastimenti li jirritornaw kuljum jew fi żmien 36 siegħa lejn port li jinsab fiż-żona mingħajr kontrolli fil-fruntieri interni mingħajr ma jidħlu f'port li jinsab barra minn din iż-żona.

4.2. L-ekwipaġġi ta' bastimenti tas-sajd kostali li jirritornaw kuljum jew fi żmien 36 siegħa lejn il-port tar-reġistrazzjoni jew lejn kwalunkwe port ieħor li jinsab fit-territorju taż-żona mingħajr kontrolli fil-fruntieri interni, mingħajr ma jittrakkaw f'port li jinsab barra minn din iż-żona ma jridux jiġu vverifikati b'mod sistematiku.

4.3. Meta jkun hemm riskju ta' immigrazzjoni illegali, b'mod partikolari fejn il-kosta ta' Stat terz tkun tinsab fil-viċinanza immedjata tat-territorju tal-Istat ta' Schengen ikkonċernat, iridu jitwettqu verifiki fuq il-persuni u/jew tfittxija fiżika tal-bastiment.

4.4. L-ekwipaġġi ta' bastimenti tas-sajd kostali mhux irreġistrati f'port li jinsab fiż-żona mingħajr kontrolli fil-fruntieri interni jridu jiġu vverifikati f'konformità mad-dispożizzjonijiet relatati mal-baħħara (il-punt 5.3 tat-Taqsima I). Il-kaptan tal-bastiment irid jinnotifika lill-awtoritajiet kompetenti bi kwalunkwe bidla fil-lista tal-ekwipaġġ u bil-preżenza ta' kwalunkwe passiġġier.

> *** Bażi legali:**
>
> - Il-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen (l-Anness VI)

## 5. VERIFIKI FUQ KOLLEGAMENTI B'FERRY

5.1. Iridu jitwettqu verifiki fuq il-persuni abbord ta' kollegamenti b'ferry ma' portijiet li jinsabu barra ż-żona mingħajr kontroll fil-fruntieri interni. Iridu japplikaw ir-regoli li ġejjin:

(a) fejn ikun possibbli, iridu jiġu pprovduti korsiji separati għaċ-ċittadini tal-Istati Membri tal-UE, taż-ŻEE u tal-Iżvizzera u l-membri tal-familja tagħhom;

(b) il-verifiki fuq passiġġieri bil-mixi jridu jitwettqu b'mod individwali;

(c) il-verifiki fuq persuni li jkunu f'vettura jridu jitwettqu waqt li huma jkunu mal-vettura (fil-vettura jew ħdejn il-vettura);

(d) il-passiġġieri ta' ferry li jkunu qed jivvjaġġaw b'kowċ iridu jitqiesu bħala passiġġieri bil-mixi. Dawn il-passiġġieri jridu jinżlu mill-kowċ għall-verifiki;

(e) il-verifiki fuq ix-xufiera ta' vetturi li jġorru merkanzija tqila u fuq il-persuni li jakkumpanjawhom iridu jitwettqu waqt li dawn ikunu mal-vettura; fil-prinċipju din il-verifika għandha tkun organizzata separatament mill-verifiki fuq il-passiġġieri l-oħra;

(f) biex ikun żgurat li l-verifiki jitwettqu malajr, irid ikun hemm numru adegwat ta' kanċelli;

(g) sabiex jinqabdu b'mod partikolari ċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi b'soġġorn illegali, iridu jsiru tfittxijiet saltwarji fuq il-mezzi ta' trasport użati mill-passiġġieri, u fejn ikun applikabbli fuq it-tagħbijiet u l-merkanzija l-oħra stivata fil-mezzi ta' trasport;

(h) il-membri tal-ekwipaġġ ta' ferry iridu jiġu ttrattati bl-istess mod bħall-membri tal-ekwipaġġ ta' bastiment kummerċjali;

(i) il-punt 1.3 ta' din it-Taqsima (l-obbligu li jiġu ppreżentati l-listi tal-passiġġieri u tal-membri tal-ekwipaġġ) ma japplikax. Jekk ikun meħtieġ li ssir lista tal-persuni abbord f'konformità mad-Direttiva tal-Kunsill 98/41/KE[96] dwar ir-reġistrazzjoni ta' persuni li jbaħħru abbord vapuri tal-passiġġieri li joperaw lejn jew minn portijiet tal-Istati Membri tal-Komunità, kopja ta' dik il-lista trid tiġi trażmessa mill-kaptan lill-awtorità kompetenti tal-ewwel port tal-wasla fl-Istati ta' Schengen sa mhux aktar tard minn tletin minuta wara t-tluq minn port li jinsab barra ż-żona mingħajr kontrolli fil-fruntieri interni.

---

96 Id-Direttiva tal-Kunsill 98/41/KE tat-18 ta' Ġunju 1998 dwar ir-reġistrazzjoni ta' persuni li jbaħħru abbord vapuri tal-passiġġieri li joperaw lejn jew minn portijiet tal-Istati Membri tal-Komunità (ĠU L 188, 2.7.1998, p. 35).

Ir-regoli dwar il-verifiki fuq kollegamenti b'ferry jistabbilixxu dan il-punt, stabbilit fl-Anness VI, il-punt 3.2.9 tal-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen, jirrigwardaw il-verifiki "abbord ta' kollegamenti b'ferry". Fir-rigward tal-verifiki li jitwettqu fuq il-vetturi barra l-ferry (qabel ma jitilgħu fuq il-ferry jew wara li jinżlu minn fuq il-ferry), jistgħu jiġu applikati r-regoli aktar flessibbli fir-rigward tal-fruntieri tal-art, stabbiliti fl-Anness VI, il-punt 1.1.3 tal-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen. Bħala regola ġenerali, persuni li jivvjaġġaw f'vetturi jistgħu jibqgħu ġo fihom waqt il-verifiki. Madankollu, jekk iċ-ċirkostanzi jeħtieġu hekk, il-persuni jistgħu jiġu mitluba joħorġu mill-vetturi tagħhom. F'sitwazzjoni bħal din, il-passiġġieri jistgħu jiġu diretti wkoll lejn korsiji pedonali.

*** Bażi legali:**

- Il-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen (l-Anness VI)

5.2. Meta ferry li tkun ġejja minn barra ż-żona mingħajr kontrolli fil-fruntieri interni b'aktar minn waqfa waħda f'din iż-żona ttella' passiġġieri abbord biss għall-parti tal-vjaġġ li jkun fadal f'dak it-territorju, dawk il-passiġġieri għandhom ikunu soġġetti għal verifika tal-ħruġ fil-port tat-tluq u verifika tad-dħul fil-port tal-wasla. Il-verifiki fuq persuni li, matul dawk il-waqfiet, ikunu diġà abbord il-ferry u ma jkunux telgħu abbord fiż-żona mingħajr kontrolli fil-fruntieri interni jridu jitwettqu fil-port tal-wasla. Il-proċedura bil-maqlub għandha tapplika meta l-pajjiż tad-destinazzjoni ma jkunx parti miż-żona mingħajr kontrolli fil-fruntieri interni.

## 6. Kollegamenti ta' merkanzija bejn portijiet li jinsabu fit-territorju taż-żona mingħajr kontrolli fil-fruntieri interni

6.1. Ma għandha ssir l-ebda verifika fuq il-fruntiera fuq kollegamenti ta' merkanzija bejn l-istess żewġ portijiet jew aktar li jinsabu fiż-żona mingħajr kontrolli fil-fruntieri interni li ma jidħlu fl-ebda port barra minn din iż-żona u li jikkonsistu fit-trasport ta' oġġetti.

Madankollu, għandhom jitwettqu verifiki fuq l-ekwipaġġ u l-passiġġieri ta' dawk il-bastimenti biss meta dawn ikunu ġġustifikati abbażi ta' valutazzjoni tar-riskji marbuta mas-sigurtà interna u l-immigrazzjoni illegali.

## TAQSIMA V: Verifiki fuq trasport f'passaġġi fuq l-ilma interni

### 1. TRASPORT F'PASSAĠĠI FUQ L-ILMA INTERNI

1.1. It-trasport f'passaġġi fuq l-ilma interni li jinvolvi l-qsim ta' fruntiera esterna jkopri l-użu, għal finijiet kummerċjali jew ta' divertiment, ta' kwalunkwe tip ta' dgħajsa jew bastiment li jżomm f'wiċċ l-ilma fix-xmajjar, fil-kanali u fil-lagi.

1.2. Il-verifiki li għandhom jitwettqu fuq it-trasport f'passaġġi fuq l-ilma interni huma l-istess bħal dawk li għandhom jitwettqu fuq it-traffiku marittimu b'mod ġenerali.

1.3. Fir-rigward ta' dgħajjes użati għal finijiet kummerċjali, il-kaptan u l-persuni impjegati abbord li jidhru fil-lista tal-ekwipaġġ u l-membri tal-familja ta' dawn il-persuni li jgħixu abbord iridu jitqiesu bħala membri tal-ekwipaġġ jew ekwivalenti għalihom.

*** Bażi legali:**

- Il-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen (l-Anness VI)

## IT-TIELET PARTI: SORVELJANZA FUQ IL-FRUNTIERA

### 1. L-GĦAN TAS-SORVELJANZA

1.1. L-għanijiet ewlenin tas-sorveljanza tal-fruntieri esterni f'postijiet li ma humiex punti ta' qsim tal-fruntiera u s-sorveljanza ta' dawn il-punti ta' qsim barra l-ħinijiet tal-ftuħ huma:

(a) li jiġi prevenut u skoraġġit il-qsim mhux awtorizzat tal-fruntieri;

(b) li tiġi miġġielda l-kriminalità transfruntiera;

(c) li jiġu applikati jew jittieħdu miżuri kontra persuni li jkunu qasmu l-fruntiera illegalment;

(d) li jinżammu għarfien affidabbli tas-sitwazzjoni u kapaċità ta' reazzjoni;

(e) li tiġi appoġġata l-identifikazzjoni u r-reġistrazzjoni ta' persuni li jaqsmu l-fruntieri b'mod illegali.

1.2. L-uffiċjal fil-kmand irid jieħu l-miżuri kollha meħtieġa biex jipprevjeni l-qsim mhux awtorizzat tal-fruntiera u jiskjera l-persunal u riżorsi oħra abbażi tal-valutazzjoni tar-riskju tal-immigrazzjoni illegali u tal-kriminalità transfruntiera.

Ir-riżorsi li jintużaw għandhom jintgħażlu skont it-tip u n-natura tal-fruntiera (art, passaġġi fuq l-ilma interni jew baħar).

### 2. IL-METODI TA' SORVELJANZA

2.1. Is-sorveljanza tista' titwettaq bl-użu ta' unitajiet stazzjonarji jew mobbli li jwettqu dmirijiethom permezz ta':

(a) pattuljar;

(b) stazzjonar f'postijiet magħrufa jew perċepiti bħala sensittivi.

2.2. Għandhom isiru bidliet frekwenti u għal għarrieda fil-perjodi u l-metodi ta' sorveljanza sabiex jinqabad b'mod effettiv il-qsim mhux awtorizzat tal-fruntiera.

2.3. Il-kompiti ewlenin tal-pattulji huma:

(a) li jimmonitorjaw it-terren li joperaw fih;

(b) li jiżguraw li ma jkun hemm l-ebda riskju għall-ordni pubbliku u għas-sigurtà interna fiż-żona tal-pattuljar;

(c) li jiċċekkjaw id-dokumenti tal-persuni preżenti fiż-żona li ma jkunux magħrufa mit-tim tal-pattulja;

(d) li jwaqqfu lill-persuni suspettati kollha li ma jkollhomx dokumenti fuqhom u jitolbuhom jispjegaw fid-dettall ir-raġunijiet għaliex ikunu preżenti f'dik iż-żona;

(e) li jwaqqfu u jieħdu persuni li jkunu qasmu jew ippruvaw jaqsmu l-fruntiera b'mod illegali fl-eqreb stazzjon tal-gwardja tal-fruntiera biex jidentifikaw, jirreġistraw u jieħdu l-marki tas-swaba' għal finijiet relatati mar-Regolament (UE) Nru 603/2013, persuni li jaqsmu l-fruntiera b'mod irregolari u persuni li jfittxu l-ażil li jkollhom mill-anqas 14-il sena;

(f) li jiżguraw l-evidenza kollha relatata ma' qsim mhux awtorizzat tal-fruntiera jew ma' inċidenti oħra tal-fruntiera.

Waqt il-pattuljar għandhom jintużaw klieb ta' servizz speċjali għat-traċċar. Għandhom jintużaw ukoll ħelikopters, dgħajjes tal-għassa u vetturi tal-art biex jissaħħu l-pattuljar u l-monitoraġġ tal-fruntiera.

2.4. Il-kompiti ewlenin tal-istazzjonar huma:

(a) li josservaw il-postijiet li jkunu meqjusa bħala sensittivi għall-qsim illegali tal-fruntieri jew għall-kuntrabandu;

(b) li jwaqqfu u jieħdu fl-istazzjon tal-gwardja tal-fruntiera persuni li jkunu qasmu l-fruntiera illegalment jew li ppruvaw jagħmlu dan.

2.5. Skont l-informazzjoni miksuba, għandhom jiġu organizzati operazzjonijiet speċjali sabiex jinqabdu l-persuni traffikati u t-traffikanti.

2.6. Is-sorveljanza għandha tkun appoġġata minn sistemi u tagħmir ta' sorveljanza teknika integrati, mobbli u portabbli (jiġifieri radars, droni, CCTV, sensuri differenti, u viżjoni bl-infra-aħmar jew kameras termali biex jiggarantixxu l-kapaċità ta' viżjoni billejl).

| * **Bażi legali:** |
|---|

| |
|---|
| - Il-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen (l-Artikolu 13) |

## IR-RABA’ PARTI: LISTA TA’ STRUMENTI LEGALI RELEVANTI

- **Id-dritt tal-Unjoni:**

  – Il-Konvenzjoni li timplimenta l-Ftehim ta’ Schengen tal-14 ta’ Ġunju 1985 bejn il-Gvernijiet tal-Istati tal-Unjoni Ekonomika tal-Benelux, ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja u r-Repubblika Franċiża dwar it-tneħħija bil-mod ta’ kontrolli fil-fruntieri komuni tagħhom, iffirmata f’Schengen fid-19 ta’ Ġunju 1990 (ĠU L 239, 22.9.2000, p. 19);

  – Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 94/795/JHA tat-30 ta’ Novembru 1994 dwar azzjoni konġunta adottata mill-Kunsill fuq il-bażi tal-Artikolu K.3.2.b tat-Trattat tal-Unjoni Ewropea dwar faċilitajiet tal-ivvjaġġar għal tfal tal-iskola minn pajjiżi terzi residenti fi Stat Membru (ĠU L 327, 19.12.1994, p. 1);

  – Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1683/95 tad-29 ta’ Mejju 1995 li jistabbilixxi format uniformi għall-viża (ĠU L 164, 14.7.1995, p.1);

  – Il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (ĠU C 364, 18.12.2000, p.1) ;

  – Id-Direttiva tal-Kunsill Nru 2001/51 tat-28 ta’ Ġunju 2001 li tissupplimenta d-dispożizzjoni tal-Artikolu 26 tal-Konvenzjoni li timplimenta l-Ftehim ta’ Schengen tal-14 ta’ Ġunju 1985 (ĠU L 187 10. 7.2001, p. 45);

  – Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 333/2002 tat-18 ta’ Frar 2002 fuq format uniformi għall-formuli biex titwaħħal il-viża maħruġa mill-Istati Membri lill-persuni li jkollhom dokumenti għall-ivvjaġġar mhux rikonoxxuti mill-Istati Membri li jirrediġu l-formula (ĠU L 53, 23.2.2002, p.4);

  – Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1030/2002 tat-13 ta’ Ġunju 2002 li jippreskrivi format uniformi għall-permessi ta’ residenza għaċ-ċittadini ta’ pajjiz terz (ĠU L 157, 15.6.2002, p. 1);

  – Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 693/2003 tal-14 ta’ April 2003 li jistabbilixxi Dokument speċifiku ta’ Tranżitu Faċilitat (FTD), Dokument ta’ Tranżitu Faċilitat bil-Ferroviji (FRTD) u jemenda l-Istruzzjonijiet Konsulari Komuni u l-Ktieb tal-Istruzzjonijiet Komuni (ĠU L 099, 17.4.2003, p. 8);

  – Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 694/2003 tal-14 ta’ April 2003 dwar il-format uniformi tad-Dokumenti dwar it-Tranżitu Faċilitat (FTD) u tad-Dokumenti dwar it-Tranżitu Faċilitat bil-Ferrovija (FRTD) previsti fir-Regolament (KE) Nru 693/2003 (ĠU L 099, 17.4.2003, p. 15);

  – Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/265/KE tat-8 ta’ Marzu 2004 dwar il-konklużjoni tal-Memorandum ta’ Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Amministrazzjoni Nazzjonali tat-Turiżmu tar-Repubblika Popolari taċ-Ċina fuq il-viżi u l-kwistjonijiet relatati mal-gruppi tat-turisti mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina (ADS) (ĠU L 83, 20.3.2004, p. 12);

  – Ir-Regolament (KE) Nru 851/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta’ April 2004 li jistabbilixxi ċentru Ewropew għall-prevenzjoni u l-kontroll tal-mard (ĠU L 142, 30.4.2004, p. 1);

– Id-Direttiva 2004/38/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 dwar id-drittijiet taċ-ċittadini tal-Unjoni u tal-membri tal-familja tagħhom biex jiċċaqilqu u jgħixu liberament fit-territorju tal-Istati Membri (ĠU L 229, 29.6.2004, p. 35);

– Ir-Regolament tal-Kunsill Nru 2252/2004 tat-13 ta' Diċembru 2004 dwar l-istandards għall-karatteristiċi ta' sigurtà u għall-bijometriċi f'passaporti u dokumenti tal-ivvjaġġar maħruġa mill-Istati Membri (ĠU L 385, 29.12.2004, p. 1);

– Id-Deċiżjoni Nru 896/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Ġunju 2006 li tistabbilixxi reġim simplifikat għall-kontroll ta' persuni fuq il-fruntieri esterni li jkun ibbażat fuq ir-rikonoxximent unilaterali mill-Istati Membri ta' ċerti permessi ta' residenza maħruġa mill-Iżvizzera u l-Liechtenstein għal skopijiet ta' tranżitu mit-territorji tagħhom (ĠU L 167, 20.6.2006, p. 8);

– Ir-Regolament (KE) Nru 1931/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Diċembru 2006 li jistabbilixxi r-regoli dwar it-traffiku lokali tal-fruntiera fil-fruntieri esterni fuq l-art tal-Istati Membri u li jemenda d-dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni ta' Schengen (ĠU L 405, 30.12.2006, p. 1);

– Id-Deċiżjoni tal-Kunsill Nru 2007/801/KE tas-6 ta' Diċembru 2007 dwar l-applikazzjoni sħiħa tad-dispożizzjonijiet tal-*acquis* ta' Schengen fir-Repubblika Ċeka, fir-Repubblika tal-Estonja, fir-Repubblika tal-Latvja, fir-Repubblika tal-Litwanja, fir-Repubblika tal-Ungerija, fir-Repubblika ta' Malta, fir-Repubblika tal-Polonja, fir-Repubblika tas-Slovenja u fir-Repubblika Slovakka (ĠU L 323, 8.12.2007, p. 34);

– Ir-Regolament (KE) Nru 300/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2008 dwar regoli komuni fil-qasam tas-sigurtà tal-avjazzjoni ċivili u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 2320/2002 (ĠU L 97, 9.4.2008, p.72);

– Ir-Regolament (KE) Nru 767/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Lulju 2008 dwar is-Sistema tal-Informazzjoni dwar il-Viża (VIS) u l-iskambju ta' *data* bejn l-Istati Membri dwar viżi għal perjodu qasir (Regolament VIS) (ĠU L 218, 13.8.2008, p. 60);

– Id-Deċiżjoni tal-Kunsill Nru 2008/903/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Novembru 2008 dwar l-applikazzjoni sħiħa tad-dispożizzjonijiet tal-*acquis* ta' Schengen fil-Konfederazzjoni Żvizzera (ĠU L 327, 5.12.2008, p. 15**);**

– Ir-Regolament (KE) Nru 810/2009 tat-13 ta' Lulju 2009 li jistabbilixxi Kodiċi Komunitarju dwar il-Viżi (Kodiċi dwar il-Viżi) (ĠU L 243, 15.9.2009, p. 1);

– Ir-Regolament (UE) Nru 265/2010 tal-25 ta' Marzu 2010 li jemenda l-Konvenzjoni li Timplimenta l-Ftehim ta' Schengen u r-Regolament (KE) Nru 562/2006 fir-rigward tal-moviment tal-persuni li jkollhom viża għal soġġorn fit-tul (ĠU L 85, 31.3.2010, p. 1);

– Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2011/842/UE tat-13 ta' Diċembru 2011 dwar l-applikazzjoni sħiħa tad-dispożizzjonijiet tal-*acquis* ta' Schengen fil-Prinċipat tal-Liechtenstein (ĠU L 334, 16.12.2011, p. 27);

– Id-Direttiva 2011/95/UE tat-13 ta' Diċembru 2011 dwar standards għall-kwalifika ta' ċittadini nazzjonali ta' pajjiżi terzi jew persuni mingħajr stat bħala benefiċjarji ta' protezzjoni internazzjonali, għal stat uniformi għar-refuġjati jew għal persuni eliġibbli għal protezzjoni sussidjarja, u għall-kontenut tal-protezzjoni mogħtija (ĠU L337, 20.12.2011, p.9);

– Id-Direttiva 2013/32/UE tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar proċeduri komuni għall-għoti u l-irtirar tal-protezzjoni internazzjonali (ĠU L 180, 29.6.2013, p.60);

– Ir-Regolament (UE) Nru 604/2013 tas-26 ta' Ġunju 2013 li jistabbilixxi l-kriterji u l-mekkaniżmi biex ikun iddeterminat liema hu l-Istat Membru responsabbli biex jeżamina applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali iddepożitata għand wieħed mill-Istati Membri minn ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna apolida (Regolament ta' Dublin) (ĠU L 180, 29.6.2013, p. 31);

– Ir-Regolament (UE) Nru 603/2013 tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar l-istabbiliment tal-"Eurodac" għat-tqabbil ta' marki tas-swaba' għall-applikazzjoni effettiva tar-Regolament (UE) Nru 604/2013 li jistabbilixxi l-kriterji u l-mekkaniżmi biex ikun iddeterminat l-Istat Membru responsabbli biex jeżamina applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali ddepożitata f'wieħed mill-Istati Membri minn ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna apolida u dwar talbiet għat-tqabbil ma' *data* tal-Eurodac mill-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi tal-Istati Membri u mill-Europol għall-finijiet ta' infurzar tal-liġi, u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1077/2011 li jistabbilixxi Aġenzija Ewropea għat-tmexxija operattiva tas-sistemi tal-IT fuq skala kbira fl-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja (ĠU L 180, 29.6.2013, p.1);

– Id-Deċiżjoni Nru 1082/2013/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Ottubru 2013 dwar theddid transkonfinali serju għas-saħħa u li tħassar id-Deċiżjoni Nru 2119/98/KE (ĠU L 293, 5.11.2013, p.1);

– Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 118/2014 tat-30 ta' Jannar 2014 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1560/2003 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 343/2003 li jistabbilixxi l-kriterji u l-mekkaniżmi biex jiġi determinat l-Istat Membru responsabbli biex jeżamina applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali ppreżentata f'wieħed mill-Istati Membri minn ċittadin ta' pajjiż terz (ĠU L 39, 8.2.2014, p.1);

– Id-Deċiżjoni Nru 565/2014/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 li tintroduċi reġim simplifikat għall-kontroll tal-persuni fuq il-fruntieri esterni li jkun ibbażat fuq ir-rikonoxximent unilaterali mill-Bulgarija, il-Kroazja, Ċipru u r-Rumanija ta' ċerti dokumenti bħala ekwivalenti għall-viżi nazzjonali tagħhom għat-tranżitu minn jew permanenzi intiżi fit-territorji tagħhom li ma jaqbżux id-90 jum fi kwalunkwe perjodu ta' 180 jum u li tħassar id-Deċiżjonijiet Nru 895/2006/KE u Nru 582/2008/KE (ĠU L157, 27.5.2014, p.23);

– Id-Direttiva 2014/66/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 dwar il-kondizzjonijiet għad-dħul u r-residenza ta' ċittadini ta' pajjiż terz fil-qafas ta' trasferiment intra-azjendali (ĠU L 157, 27.5.2014, p.1);

– Ir-Regolament (UE) 2016/399 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Marzu 2016 dwar Kodiċi tal-Unjoni dwar ir-regoli li jirregolaw il-moviment ta' persuni min-naħa għall-oħra tal-fruntiera (Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen) (ĠU L 77, 23.3.2016, p. 1);

– Ir-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali u dwar il-moviment liberu ta' tali *data*, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-*Data*), (ĠU L 119, 4.5.2016, p.1);

– Id-Direttiva (UE) 2016/680 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali mill-awtoritajiet kompetenti għall-finijiet tal-prevenzjoni, l-investigazzjoni, is-sejbien jew il-prosekuzzjoni ta' reati kriminali jew l-eżekuzzjoni ta' pieni kriminali, u dwar il-moviment liberu ta' tali *data*, u li tħassar id-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2008/977/ĠAI, (ĠU L 119, 4.5.2016, p. 89);

– Id-Direttiva (UE) 2016/801 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Mejju 2016 dwar il-kundizzjonijiet ta' dħul u residenza ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi għall-finijiet ta' riċerka, studji, taħriġ, servizz volontarju, skemi ta' skambju ta' skulari jew proġetti edukattivi u au pairing (ĠU L 132, 21.5.2016, p. 21);

– Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2017/733 tal-25 ta' April 2017 dwar l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-*acquis* ta' Schengen relatati mas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen fir-Repubblika tal-Kroazja (ĠU L 108, 26.4.2017, p. 31);

– Ir-Regolament (UE) 2018/1860 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' Novembru 2018 dwar l-użu tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen għar-ritorn ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi b'soġġorn illegali (ĠU L 312, 7.12.2018, p.1);

– Ir-Regolament (UE) 2018/1861 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' Novembru 2018 dwar l-istabbiliment, it-tħaddim u l-użu tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen (SIS) fil-qasam tal-verifiki fuq il-fruntieri, u li jemenda l-Konvenzjoni li timplimenta l-Ftehim ta' Schengen, u li jemenda u jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1987/2006 (ĠU L 312, 7.12.2018, p.14);

– Ir-Regolament (UE) 2018/1862 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' Novembru 2018 dwar l-istabbiliment, it-tħaddim u l-użu tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen (SIS) fil-qasam tal-kooperazzjoni tal-pulizija u l-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali, li jemenda u jħassar id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2007/533/ĠAI, u jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1986/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2010/261/UE (ĠU L 312, 7.12.2018, p.56);

– Ir-Regolament (UE) 2018/1806 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Novembru 2018 li jelenka l-pajjiżi terzi li ċ-ċittadini tagħhom għandhom ikollhom viża fil-pussess tagħhom meta jaqsmu l-fruntieri esterni u dawk li ċ-ċittadini tagħhom huma eżenti minn dik il-ħtieġa (ĠU L 303, 28.11.2018, p. 39);

– Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2018/934 tal-25 ta' Ġunju 2018 dwar l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet li fadal tal-*acquis* ta' Schengen marbuta mas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen fir-Repubblika tal-Bulgarija u fir-Rumanija (ĠU L 165, 2.7.2018, p. 37);

– Ir-Regolament (UE) 2019/1157 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 dwar it-tisħiħ tas-sigurtà tal-karti tal-identità taċ-ċittadini tal-Unjoni u tad-dokumenti ta' residenza maħruġa liċ-ċittadini tal-Unjoni u lill-membri tal-familja tagħhom li jeżerċitaw id-dritt tagħhom ta' moviment liberu (ĠU L 188, 12.7.2019, p. 67);

– Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni C(2020) 395 final tat-28.1.2020 li temenda d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2010) 1620 final fir-rigward tas-sostituzzjoni tal-Manwal għall-ipproċessar tal-applikazzjonijiet tal-viża u l-modifika tal-viżi maħruġa (Manwal tal-Kodiċi dwar il-Viżi I).

- **Liġi internazzjonali:**

– Il-Konvenzjoni tas-7 ta' Diċembru 1944 dwar l-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali (il-Konvenzjoni tal-ICAO, l-Anness 2 u 9;

– Il-Konvenzjoni Ewropea għall-protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem tal-4 ta' Novembru 1950 u l-Protokolli tagħha;

– Il-Konvenzjoni ta' Ġinevra dwar l-Istatus tar-Refuġjati tat-28 ta' Lulju 1951, kif emendata bil-Protokoll ta' New York tal-31 ta' Jannar 1967;

– Il-Il-Konvenzjoni ta' Vjenna dwar ir-Relazzjonijiet Diplomatiċi tat-18 ta' April 1961;

– Konvenzjoni dwar il-Faċilitazzjoni tat-Traffiku Marittimu Internazzjonali (FAL) tad-9 ta' April 1965;

– Il-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u l-Konfederazzjoni Żvizzera, min-naħa l-oħra, dwar il-moviment liberu tal-persuni (ĠU L 114, 30.4.2002, p. 6);

– Il-Konvenzjoni tal-ILO dwar id-Dokumenti tal-Identità tal-Baħħara (Nru 185) tad-19 ta' Ġunju 2003;

– Il-Ftehimiet bilaterali dwar it-traffiku lokali tal-fruntiera;

– Il-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika (ĠU C 384I, 12.11.2019, p. 1).

## APPENDIĊI A

**PROĊEDURA TA' NOTIFIKA**

Meta Stat Membru[97] jkollu l-intenzjoni li jwettaq verifiki mmirati fuq persuni li jgawdu mid-dritt ta' moviment liberu skont id-dritt tal-Unjoni, f'konformità mal-Artikolu 8(2a) tal-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen, huwa jrid jinnotifika mingħajr dewmien l-applikazzjoni maħsuba ta' dawk il-verifiki mmirati lil:

(a) l-Istati Membri l-oħra,

(b) l-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta (l-Aġenzija) u

(c) il-Kummissjoni.

L-Istat Membru kkonċernat jista' jiddeċiedi li jikklassifika n-notifika jew partijiet minnha.

Fin-notifika, ir-raġunijiet, l-ambitu u d-durata għad-deroga jridu jiġu spjegati kif ġej sabiex jiġi żgurat l-*effet utile* tan-notifika u, b'mod partikolari, biex l-Istati Membri l-oħra, il-Kummissjoni u l-Aġenzija jkunu jistgħu jesprimu tħassib possibbli.

Ir-raġunijiet iridu jkunu appoġġati minn elementi oġġettivi pertinenti għad-deroga mill-verifiki sistematiċi f'punti speċifiċi ta' qsim tal-fruntiera.

B'mod partikolari, l-Istat Membru kkonċernat għandu jippreżenta:

- il-karatteristiċi ewlenin tal-fluss fil-punt(i) ta' qsim tal-fruntiera kkonċernat(i) bħall-kategoriji ta' persuni li jaqsmu;

- is-sehem stmat ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi u s-sehem ta' persuni li jgawdu mid-dritt ta' moviment liberu skont id-dritt tal-Unjoni li jaqsmu dik il-fruntiera;

- indikazzjoni li ż-żieda allegata fil-ħin ta' stennija hija dovuta għall-verifiki sistematiċi (u mhux, pereżempju, għal xogħlijiet fit-toroq fiż-żona biswit il-punt ta' qsim tal-fruntiera). Referenza ġenerali għall-perjodu ta' vaganzi li jmiss ma hijiex suffiċjenti f'dan ir-rigward. Ma hemm l-ebda indikatur universali tal-impatt sproporzjonat fuq il-fluss tat-traffiku applikabbli għall-Istati Membri kollha jew għall-punti ta' qsim tal-fruntiera kollha. Il-valutazzjoni tal-effett sproporzjonat fuq il-ħin ta' stennija ma tistax tinjora l-ħin medju ta' stennija jew dewmien li kien esperjenzat qabel;

- il-mod kif id-deroga se tirrimedja l-impatt sproporzjonat fuq il-fluss tat-traffiku ffaċċjat fil-punt(i) ta' qsim tal-fruntiera kkonċernat(i).

Il-punt(i) ta' qsim tal-fruntiera kkonċernat(i) jridu jiġu speċifikati.

[97] F'dan it-test, "Stat Membru" għandu jinftiehem bħala li jinkludi l-erba' Pajjiżi Assoċjati ma' Schengen.

Id-durata ppjanata tad-deroga trid tkun proporzjonata u ma tridx taqbeż dak li jkun meħtieġ. Id-data finali prevista tad-deroga trid tiġi indikata għal kull punt ta' qsim tal-fruntiera. Derogi bla tmiem definit ma humiex aċċettabbli. F'konformità mal-Artikolu 15 tal-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen, l-Istati Membri huma impenjati li jużaw persunal u riżorsi xierqa f'numri suffiċjenti biex jiżguraw l-implimentazzjoni tal-verifiki sistematiċi mal-bażijiet tad-*data* rilevanti.

L-Istat Membru għandu jindika fin-notifika d-data tat-trażmissjoni tal-valutazzjoni tar-riskju lill-Aġenzija kif meħtieġ mill-Artikolu 8(2a) tal-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen, u jispjega l-elementi ewlenin mill-valutazzjoni tar-riskju li jippermettu lid-destinatarji ta' tali notifika jieħdu pożizzjoni infurmata.

Fejn Stati Membri oħra, l-Aġenzija jew il-Kummissjoni jkollhom tħassib dwar l-intenzjoni ta' deroga mir-regola tal-verifiki sistematiċi mal-bażijiet tad-*data*, huma jridu jinnotifikaw lill-Istat Membru kkonċernat dwar dan it-tħassib fi żmien ġimagħtejn wara li jkunu rċevew in-notifika. L-Istat Membru jrid jieħu kont ta' dak it-tħassib.

L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu l-kanali ta' komunikazzjoni interni tagħhom u jridu jinnotifikaw lill-Istati Membri l-oħra u lill-Kummissjoni permezz tar-Rappreżentanza Permanenti tagħhom billi jibagħtu n-notifika lill-punt ta' kuntatt fir-Rappreżentanza Permanenti u lill-kaxxa postali elettronika funzjonali (mailto:HOME-B1-BORDERS@ec.europa.eu) rispettivament.

## APPENDIĊI B

### PROĊEDURA FIR-RIGWARD TAL-IMPLIMENTAZZJONI TA' DEROGA MILL-PRINĊIPJU TAL-VERIFIKI SISTEMATIĊI MAL-BAŻIJIET TAD-*DATA* RILEVANTI SKONT L-ARTIKOLU 8 TAL-KODIĊI TAL-FRUNTIERI TA' SCHENGEN), INKLUŻA L-VALUTAZZJONI TAR-RISKJU

L-Artikolu 8(2a) tal-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen jippermetti lill-Istati Membri jidderogaw mill-prinċipju tal-verifiki sistematiċi mal-bażijiet tad-*data* rilevanti fir-rigward ta' persuni li jgawdu mid-dritt ta' moviment liberu skont id-dritt tal-Unjoni li jaqsmu l-fruntieri esterni, dment li jiġu ssodisfati żewġ kundizzjonijiet kumulattivi:

1. L-Istat Membru kkonċernat irid juri impatt sproporzjonat fuq il-fluss tat-traffiku fir-rigward tat-twettiq ta' verifiki sistematiċi fuq persuni li jgawdu mid-dritt ta' moviment liberu skont id-dritt tal-Unjoni.
2. Qabel ma jieħu deċiżjoni dwar id-deroga, l-Istat Membru kkonċernat irid iħejji valutazzjoni tar-riskju li turi li l-applikazzjoni ta' verifiki fuq bażi mmirata fuq persuni li jgawdu mid-dritt ta' moviment liberu skont id-dritt tal-Unjoni ma twassalx għal riskju għas-sigurtà.

Sabiex jiġi żgurat l-*effet utile* tad-dispożizzjonijiet li jikkonċernaw id-deroga temporanja, l-aspetti li ġejjin relatati mal-valutazzjoni tar-riskju tat-twettiq ta' verifiki fuq bażi mmirata u mas-segwitu ta' notifika tal-intenzjoni ta' deroga għandhom jiġu ċċarati kif ġej:

**<u>A. Il-valutazzjoni tar-riskju</u>**

1. L-Istat Membru li jkun jixtieq jidderoga jħejji valutazzjoni tar-riskju skont il-metodoloġija tas-CIRAM.

L-Aġenzija, f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Istati Membri, tiżviluppa mudell ta' rappurtar standardizzat li se jisfrutta s-sinerġiji ma' valutazzjonijiet tar-riskju u valutazzjonijiet tal-vulnerabbiltà oħra diġà eżistenti, u tipprovdi aċċess għalih online.

2. Il-valutazzjoni tar-riskju li tikkonkludi li hemm theddida baxxa [jew medja] tiġi sottomessa lill-Aġenzija qabel l-implimentazzjoni effettiva tad-deroga, bl-użu tal-mudell ta' rappurtar standardizzat. F'ċirkostanzi eċċezzjonali (pereżempju influss eċċezzjonali u mhux previst ta' passiġġieri tal-UE/taż-ŻEE/Żvizzeri f'ċertu punt ta' qsim tal-fruntiera), il-valutazzjoni tar-riskju tista' tiġi sottomessa simultanjament mal-implimentazzjoni tad-deroga biss jekk in-notifika waħedha tkun diġà pprovdiet informazzjoni estensiva biex turi impatt sproporzjonat immedjat fuq il-fluss tat-traffiku għall-punt speċifiku ta' qsim tal-fruntiera.

Skont l-Artikolu 8(2a), it-tieni subparagrafu, tal-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen: "*Il-valutazzjoni tar-riskju għandha tgħid xi jkunu r-raġunijiet għat-tnaqqis temporanju tal-verifiki mmirati mal-bażijiet ta' data, tieħu kont, fost l-oħrajn, tal-impatt sproporzjonat fuq il-fluss tat-traffiku u tipprovdi statistika dwar passiġġieri u inċidenti relatati ma' reati*

*transfruntieri. Hija għandha tkun aġġornata b'mod regolari.*" Peress li d-derogi jistgħu japplikaw biss għal persuni li jgawdu mid-dritt ta' moviment liberu skont id-dritt tal-Unjoni, il-valutazzjoni tar-riskju għandha tiffoka fuq il-valutazzjoni tar-riskji kkawżati mill-persuni li jgawdu mid-dritt ta' moviment liberu skont id-dritt tal-Unjoni fil-punti speċifiċi ta' qsim tal-fruntiera.

F'termini konkreti, il-valutazzjoni tar-riskju tal-Istat Membru kif stabbilita fl-Artikolu 8(2a) tal-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen li titħejja f'konformità mal-metodoloġija CIRAM u mudell trid tinkludi:

I. Deskrizzjoni tar-raġuni għat-tnaqqis temporanju għal verifiki mmirati mal-bażijiet tad-*data* u, il-forniment ta' *data* kwantitattiva (pereżempju, il-fluss previst ta' passiġġieri, il-ħin ta' pproċessar għal kull passiġġier jew simili) li turi impatt sproporzjonat fuq il-fluss tat-traffiku fil-punt(i) ta' qsim tal-fruntiera magħżul(a) wara li jkunu ġew eżawriti l-għażliet għaż-żieda fil-kapaċitajiet.

II. Is-sehem stmat tal-għadd totali u tal-profili dominanti tal-vjaġġaturi li jgawdu mid-dritt ta' moviment liberu skont id-dritt tal-Unjoni li jistgħu jkunu ta' theddida relatata mal-ordni pubbliku, is-sigurtà interna, is-saħħa pubblika jew ir-relazzjonijiet internazzjonali ta' kwalunkwe wieħed mill-Istati Membri matul il-perjodu ta' żmien meta se ssir deroga mill-verifiki sistematiċi.

III. Valutazzjoni tal-impatt possibbli tad-deroga fuq is-sigurtà, jiġifieri l-ordni pubbliku, is-sigurtà interna, eċċ. tal-Istati Membri, inkluża l-valutazzjoni tal-impatt possibbli tad-deroga fuq il-konnessjonijiet tal-ivvjaġġar ma' Stati Membri oħra.

Valutazzjoni tar-riskju li tikkonkludi li r-riskji relatati mal-ordni pubbliku, is-sigurtà interna, is-saħħa pubblika jew ir-relazzjonijiet internazzjonali ta' kwalunkwe wieħed mill-Istati Membri huma għoljin ma twassalx għal deroga.

Abbażi ta' valutazzjoni tar-riskju li tikkonkludi li r-riskji relatati mal-ordni pubbliku, is-sigurtà interna, is-saħħa pubblika jew ir-relazzjonijiet internazzjonali ta' kwalunkwe wieħed mill-Istati Membri huma baxxi [jew medji], l-Istat Membru kkonċernat għandu jistabbilixxi li r-riskji identifikati għal kull punt ta' qsim tal-fruntiera kkonċernat ikunu mitigati bi strateġiji u mezzi adegwati. Dawn l-istrateġiji u l-mezzi se jiġu deskritti fil-valutazzjoni tar-riskju li għandha tiġi ppreżentata lill-Aġenzija.

3. L-Aġenzija tevalwa l-valutazzjoni tar-riskju trażmessa fi żmien miftiehem mal-Istat Membru inkwistjoni. L-Aġenzija tista' tuża r-riżorsi u l-informazzjoni proprji tagħha, speċjalment l-informazzjoni miġbura permezz ta' valutazzjonijiet tal-vulnerabbiltà, biex tevalwa l-valutazzjonijiet tar-riskju ppreżentati mill-Istati Membri. Hija tista' titlob il-parir tal-Europol jew ta' aġenziji oħra tal-UE.

A. F'każ li l-valutazzjoni tar-riskju ma tkunx kompluta jew l-informazzjoni pprovduta ma tkunx rilevanti, l-Aġenzija trid tikkuntattja lill-Istat Membru kkonċernat malajr kemm jista' jkun biex tfittex informazzjoni/ġustifikazzjoni addizzjonali.
F'każ li l-valutazzjoni tar-riskju kompluta ma tiġix sottomessa sal-iskadenza miftiehma mal-Aġenzija, l-Aġenzija għandha tavża lill-Istati Membri l-oħra u lill-Kummissjoni dwar is-sitwazzjoni wara li tkun għamlet talba finali lill-Istat Membru kkonċernat.

B. F'każ ta' nuqqas ta' qbil bejn l-Istat Membru kkonċernat u l-Aġenzija dwar il-kompletezza u r-rilevanza tal-valutazzjoni tar-riskju pprovduta, għandu jinstab fehim komuni fuq bażi bilaterali fi żmien raġonevoli (fi żmien mhux aktar minn ġimagħtejn).

Jekk id-diverġenzi jippersistu, l-Aġenzija trid tavża lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħra. Tista' tiġi konvenuta laqgħa li tinvolvi lill-Aġenzija, lill-Istat Membru kkonċernat, lill-Kummissjoni u, fejn ikun xieraq, lil Stati Membri oħra. F'każ bħal dan, il-Kummissjoni torganizza l-laqgħa u tistieden lill-partijiet ikkonċernati rilevanti biex jipparteċipaw.

Il-fehmiet tal-Aġenzija l-ewwel għandhom jiġu kkomunikati għall-kummenti lill-Istat Membru li jkun ssottometta l-valutazzjoni tar-riskju. L-Aġenzija trid tinforma lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħra dwar il-fehmiet tagħha.

4. L-Istat Membru kkonċernat irid jaġġorna l-valutazzjoni tar-riskju b'mod regolari. Meta jagħmel dan, għandu jiġi segwit ukoll il-punt A.1 sa A.3, fejn applikabbli.

**B. Notifika tal-intenzjoni ta' deroga u segwitu għal tali notifika:**

1. L-Istat Membru kkonċernat jinnotifika l-intenzjoni ta' deroga lil Stati Membri oħra, lill-Kummissjoni u lill-Aġenzija. In-notifika għandha tissodisfa r-rekwiżiti minimi stabbiliti fl-Appendiċi A ta' dan il-Manwal,

2. Jekk l-Istati Membri, l-Aġenzija jew il-Kummissjoni jkollhom tħassib dwar l-intenzjoni tat-twettiq ta' verifiki mmirati mal-bażijiet tad-*data*, huma jridu jinnotifikaw lill-Istat Membru inkwistjoni dwar dak it-tħassib mingħajr dewmien. L-Istati Membri l-oħra jew il-Kummissjoni jistgħu jitolbu lill-Aġenzija biex tivverifika jekk ir-raġunijiet għat-tħassib tagħhom ikunux ġustifikati.

L-Istati Membri li jkollhom tħassib jistgħu wkoll jinfurmaw lill-Aġenzija, lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħra dwar it-tħassib tagħhom. Filwaqt li t-tħassib fil-prinċipju għandu jiġi ċċarat fuq bażi bilaterali mal-Istat Membru li jinnotifika l-intenzjoni ta' deroga, minħabba l-għadd jew il-karattru tat-tħassib (pereżempju, relatat mal-istess aspett) tista' ssir laqgħa għall-partijiet kollha li jkunu esprimew tħassib, filwaqt li jiġu infurmati dwar dan il-fatt partijiet oħra li jkunu intitolati jissottometti tħassib iżda ma jkunux għamlu dan. Laqgħa bħal din tista' titlaqqa' fuq inizjattiva ta' kwalunkwe waħda mill-partijiet intitolati. Il-Kummissjoni hija responsabbli biex torganizza u tippresiedi laqgħa bħal din.

3. L-Istat Membru li jkun beħsiebu jidderoga mill-verifiki sistematiċi mal-bażijiet tad-*data* fuq persuni li jgawdu mid-dritt ta' moviment liberu skont id-dritt tal-Unjoni jrid iqis dak it-tħassib.

4. L-Istat Membru kkonċernat irid jirrapporta kull sitt xhur lill-Kummissjoni u lill-Aġenzija dwar l-applikazzjoni tal-verifiki mal-bażijiet tad-*data* mwettqa fuq bażi mmirata fuq persuni li jgawdu mid-dritt ta' moviment liberu skont id-dritt tal-Unjoni. Ir-rapporti għandhom jipprovdu informazzjoni dettaljata dwar l-użu reali ta' verifiki mmirati f'punti speċifiċi ta' qsim tal-fruntiera, *data* dwar il-fluss tat-traffiku f'dawn il-punti ta' qsim tal-fruntiera li jibbenefikaw mid-deroga u dwar l-impatt tagħhom fuq l-evoluzzjoni tal-valutazzjoni tar-riskju relatata mal-ordni pubbliku, is-sigurtà interna, is-saħħa pubblika jew ir-relazzjonijiet internazzjonali fl-Istat Membru kkonċernat.

Għal kull BCP u għal kull ħin meta jkunu ntużaw derogi, l-Istat Membru, fir-rapport tiegħu, irid jinkludi tal-anqas l-informazzjoni li ġejja:

- il-ħin eżatt meta jkunu ntużaw id-derogi (Bdew fi: sigħat u minuti f'UTC. Intemmu fi: sigħat u minuti f'UTC.);
- l-għadd ta' passiġġieri li kienu qed jaqsmu l-fruntiera, imqassma skont in-nazzjonalità u d-direzzjoni tal-ivvjaġġar (dħul/ħruġ);
- l-għadd ta' persuni li jgawdu mid-dritt ta' moviment liberu skont id-dritt tal-Unjoni li ma ġewx ivverifikati mal-bażijiet tad-*data* mad-dħul, imqassma skont iċ-ċittadinanza u d-direzzjoni tal-ivvjaġġar (dħul/ħruġ);
- l-għadd ta' persuni li jgawdu mid-dritt ta' moviment liberu skont id-dritt tal-Unjoni li ġew ivverifikati mal-bażijiet tad-*data*, imqassma skont iċ-ċittadinanza u d-direzzjoni tal-ivvjaġġar (dħul/ħruġ);
- l-għadd ta' hits mal-bażijiet tad-*data* rilevanti ta' passiġġieri li kienu soġġetti għal verifiki mmirati, imqassma skont id-direzzjoni tal-ivvjaġġar (dħul/ħruġ), iċ-ċittadinanza u l-bażijiet tad-*data*.

Barra minn hekk, fejn ikun xieraq, l-Istati Membri għandhom jagħmlu ħilithom biex jipprovdu l-informazzjoni kuntestwali li ġejja skont il-BCP u skont ix-xhur li jkopru l-perjodu ta' rapportar[98]:

[98] Dan l-obbligu ta' rappurtar jista' jiġi rivedut wara l-ewwel rappurtar.

- l-għadd ta' passiġġieri li jkunu qasmu l-fruntiera, imqassma skont in-nazzjonalità u d-direzzjoni tal-ivvjaġġar (dħul/ħruġ);
- l-għadd ta' hits fil-bażijiet tad-*data* rilevanti matul il-verifiki sistematiċi, imqassma skont id-direzzjoni tal-ivvjaġġar (dħul/ħruġ) u ċ-ċittadinanza.

# LISTA TA' ANNESSI GĦALL-MANWAL PRATTIKU GĦALL-GWARDJI TAL-FRUNTIERA

1. Lista ta' servizzi nazzjonali responsabbli għall-kontroll fuq il-fruntieri.
2. Lista ta' punti ta' kuntatt fl-Istati Membri għal kwistjonijiet ta' ġestjoni tal-fruntieri.
3. Lista ta' punti ta' kuntatt għall-iskambju ta' informazzjoni dwar il-kodiċijiet tas-sigurtà tat-timbri tad-dħul u tal-ħruġ.
4. Lista ta' punti ta' qsim tal-fruntiera.
5. Tabella ta' dokumenti tal-ivvjaġġar li jintitolaw lid-detentur jaqsam il-fruntieri esterni u li jistgħu jiġu approvati b'viża (= l-Anness 10 tal-Manwal tal-Kodiċi dwar il-Viżi (l-istess titolu)).
6. -Lista ta' pajjiżi terzi li ċ-ċittadini tagħhom irid ikollhom viża meta jaqsmu l-fruntieri esterni u ta' dawk li ċ-ċittadini tagħhom huma eżentati minn dak ir-rekwiżit (= l-Anness 1 tal-Manwal tal-Kodiċi dwar il-Viżi).
7. Tranżitu ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkollhom viża/permess ta' residenza maħruġ mill-Istati ta' Schengen mit-territorji tal-Bulgarija, Ċipru u r-Rumanija.
8. Eċċezzjonijiet għar-rekwiżit tal-viża għad-detenturi ta' passaporti diplomatiċi, passaporti ta' servizz u passaporti uffiċjali oħra (= l-Anness 5 "Informazzjoni dwar derogi nazzjonali mir-rekwiżiti tal-viża" tal-Manwal tal-Kodiċi dwar il-Viżi).
9. Eċċezzjonijiet għar-rekwiżit tal-viża għal refuġjati u persuni apolidi rikonoxxuti (= l-Anness 5 "Informazzjoni dwar derogi nazzjonali mir-rekwiżiti tal-viża" tal-Manwal tal-Kodiċi dwar il-Viżi).
10. Eċċezzjonijiet oħra għar-rekwiżit tal-viża (= l-Anness 5 "Informazzjoni dwar derogi nazzjonali mir-rekwiżiti tal-viża" tal-Manwal tal-Kodiċi dwar il-Viżi).
11. Eċċezzjonijiet mill-eżenzjoni mill-viża fir-rigward ta' persuni li jwettqu attività bi ħlas (= l-Anness 5 "Informazzjoni dwar derogi nazzjonali mir-rekwiżiti tal-viża" tal-Manwal tal-Kodiċi dwar il-Viżi).
12. Lista ta' pajjiżi terzi li ċ-ċittadini tagħhom huma soġġetti għar-rekwiżit tal-viża għal tranżitu fl-ajruport

(= l-Anness 7 tal-Manwal tal-Kodiċi dwar il-Viżi:

- Anness 7A “Lista komuni ta’ pajjiżi terzi li ċ-ċittadini tagħhom huma meħtieġa li jkollhom viża għal tranżitu fl-ajruport meta jgħaddu miż-żona ta’ tranżitu internazzjonali ta’ ajruporti li jinsabu fit-territorju tal-Istati Membri”.

- Anness 7B “Lista ta’ pajjiżi terzi li ċ-ċittadini tagħhom huma meħtieġa li jkollhom viża għal tranżitu fl-ajruport meta jgħaddu miż-żona ta’ tranżitu internazzjonali ta’ ajruporti li jinsabu fit-territorju ta’ Stat Membru wieħed/xi Stati Membri”.

- Anness 7C “Lista ta’ permessi ta’ residenza li jintitolaw lid-detenturi tagħhom għal tranżitu mill-ajruporti tal-Istati Membri mingħajr ma jkunu meħtieġa li jkollhom viża għal tranżitu fl-ajruport”).

13. Format uniformi għall-istikers tal-viża u informazzjoni dwar l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi u l-karatteristiċi ta’ sigurtà tagħhom (= l-Anness 19 “L-istiker tal-viża” tal-Manwal tal-Kodiċi dwar il-Viżi).
14. Kif timla l-istikers tal-viża (= l-Anness 20 “Mili tal-istiker tal-viża” tal-Manwal tal-Kodiċi dwar il-Viżi).
15. Informazzjoni li għandha tiddaħħal, jekk ikun meħtieġ, fit-taqsima tal-kummenti (= l-Anness 22 “Entrati nazzjonali fit-taqsima “kummenti” tal-istiker tal-viża” tal-Manwal tal-Kodiċi dwar il-Viżi).
16. Istruzzjonijiet dwar id-dħul ta’ informazzjoni fiż-żona ta’ qari ottiku (l-anness huwa żejjed, l-informazzjoni hija inkluża fl-Anness 14 ta’ dan il-Manwal.
17. Kampjun ta’ stikers tal-viża mimlija (linji gwida ulterjuri) (= l-Anness 21 “Eżempji ta’ stikers tal-viża mimlija” tal-Manwal tal-Kodiċi dwar il-Viżi).
18. Eżempji ta’ stikers tal-viża maħruġa mill-Istati Membri (b’ritratti).
19. Dokument ta’ Tranżitu Faċilitat (FTD) u Dokument ta’ Tranżitu Faċilitat bil-Ferroviji (FRTD).
20. Kampjun ta’ karti maħruġa mill-Ministeri tal-Affarijiet Barranin tal-Istati Membri.
21. Tariffi li għandhom jiġu imposti, f’euro, li jikkorrispondu għall-kostijiet amministrattivi tal-ipproċessar tal-applikazzjonijiet għal viża (għal aktar informazzjoni ara l-punt 4.4 tal-Parti II tal-Manwal tal-Kodiċi dwar il-Viżi).
22. Lista ta’ permessi ta’ residenza maħruġa mill-Istati Membri.
23. Kampjun ta’ permessi ta’ residenza maħruġa mill-Istati Membri.
24. Dokumenti ta’ sostenn biex jiġi vverifikat l-issodisfar tal-kundizzjonijiet għad-dħul.

25. Ammonti ta' referenza meħtieġa għall-qsim tal-fruntiera esterna stabbiliti mill-awtoritajiet nazzjonali ( = l-Anness 18 tal-Manwal tal-Kodiċi dwar il-Viżi).
26. Formola standard għall-approvazzjoni ta' evidenza rigward ir-rispett tal-kundizzjonijiet tad-durata ta' soġġorn qasir f'każijiet fejn id-dokument tal-ivvjaġġar ma jkollux timbru tad-dħul.
27. Prattiki nazzjonali dwar il-konfutazzjoni tal-preżunzjoni ta' dħul illegali meta jkun hemm timbru nieqes.
28. Formola standard għaċ-ċaħda tad-dħul fil-fruntiera, inkluża l-formola standard għan-notifika u l-motivazzjoni tal-annullament jew tar-revoka ta' viża li tissostanzja r-raġuni(jiet) għall-annullament.
29. Istruzzjonijiet operazzjonali għall-ħruġ ta' viżi fil-fruntiera lill-baħħara fi tranżitu li huma soġġetti għar-rekwiżiti tal-viża (= l-Anness 26 tal-Manwal tal-Kodiċi dwar il-Viżi).
30. Lista ta' studenti tal-iskola li jivvjaġġaw fil-qafas ta' eskursjoni skolastika fl-Unjoni Ewropea (= għall-Anness 3 tal-Manwal tal-Kodiċi dwar il-Viżi).
31. Lista ta' awtoritajiet nazzjonali kompetenti biex jindirizzaw talba għall-aċċess għal *data* personali mdaħħla fis-SIS.
32. Mudelli ta' sinjali li jidentifikaw il-korsiji fil-punti ta' qsim tal-fruntiera.
33. Kampjuni ta' formoli armonizzati li jipprovdu prova ta' stedina, sponsorizzazzjoni u akkomodazzjoni abbozzati mill-partijiet kontraenti (= l-Anness 15 "Kampjuni ta' formoli tal-Istati Membri li jipprovdu prova ta' sponsorizzazzjoni u/jew akkomodazzjoni" tal-Manwal tal-Kodiċi dwar il-Viżi).
34. Kampjun ta' dokumenti maħruġa lir-refuġjati, persuni apolidi li jibbenefikaw minn protezzjoni sussidjarja.
35. Kampjun ta' dokumenti kollettivi.
36. Lista ta' ftehimiet dwar it-traffiku lokali tal-fruntiera u kampjun ta' permessi maħruġa mill-Istati Membri għal dak il-għan.
37. Lista ta' punti ta' kuntatt nazzjonali għal skopijiet ta' konsultazzjoni dwar il-minorenni.
38. Linji gwida dwar il-moviment ta' ċittadini Torok li jaqsmu l-fruntieri esterni tal-Istati Membri tal-UE sabiex jipprovdu servizzi fl-UE (= l-Anness 6 tal-Manwal tal-Kodiċi dwar il-Viżi).

39. Formola standard għar-rikonoxximent ta' deċiżjoni ta' ritorn għall-finijiet ta' tranżitu bl-art.
40. Ċertifikat għal ħaddiem tat-trasport internazzjonali.
41. Estensjoni ta' soġġorn legali relatata mal-COVID-19 – prattiki nazzjonali.
42. Linji gwida dwar it-trattament tal-benefiċjarji tal-Ftehim dwar il-Ħruġ.
43. Kampjun ta' dokumenti li l-benefiċjarji tal-Ftehimiet dwar il-Ħruġ (UE-UK, IS/LI/NO-UK, CH-UK) jista' jkollhom qabel ma jkollhom id-dokument ta' residenza l-ġdid maħruġ jew f'konformità mad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni C(2020) 1114 final tal-21.2.2020[99] (ara wkoll l-Anness 42 ta' dan il-Manwal) jew f'konformità mal-Ftehimiet dwar il-Ħruġ konklużi mill-Iżlanda, il-Liechtenstein u n-Norveġja minn naħa u l-Iżvizzera min-naħa l-oħra.

[99] Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni tal-21.2.2020 dwar id-dokumenti li għandhom jinħarġu mill-Istati Membri skont l-Artikolu 18(1) u (4) u l-Artikolu 26 tal-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika (C(2020) 1114 final).